**KUNSILL TA'**
**L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 22 ta' Ġunju 2005**

**10363/05**

**RC 3**

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| mill-: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sinjura Patricia BUGNOT, Direttur |
| data ta' meta waslet: | 20 ta' Ġunju 2005 |
| lis: | Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli |
| Suġġett: | Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, 2004<br>Rapport mill-Kummissjoni |

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni SEC(2005) 805.

---

Mehmuż: SEC(2005) 805

MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.6.2005
SEG(2005) 805 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, 2004

MT MT

# WERREJ

Daħla.....6

Daħla mid-direttur ġenerali għall-kompetizzjoni.....6

I – L-*Antitrust* – L-Artikoli 81, 82 u 86 KE.....14

A – Ir-regoli leġiżlattivi u interpretattivi.....14

1. Il-modernizzazzjoni ta' l-*Antitrust*: Ir-Regolament li Jimplimenta 773/2004, il-Linji ta' gwida u l-Avviżi.....14

2. Ir-Regolament dwar l-eżenzjoni ta' kategorija tat-trasferiment tat-teknoloġija u l-linji ta' gwida.....16

3. Ir-Regolamenti dwar l-Eżenzjoni ta' kategorija tat-Trasport.....19

3.1 It-trasport marittimu.....19

3.2 It-Trasport bl-Ajru.....20

4. L-eżami tar-regoli tal-proċedura: l-Avviż il-ġdid ta' l-Aċċess għall-Fajl.....21

B – L-Applikazzjoni ta' l-Artikoli 81, 82 u 86.....23

1. L-Abbuż tal-pożizzjonijiet dominanti (l-Artikolu 82 KE).....23

1.1 Id-Deċiżjonijiet.....23

1.2 Żviluppi oħrajn fil-każijiet u ċ-ċaħdiet ta' l-ilmenti.....27

2. Il-Kartels.....30

3. Ftehimiet oħrajn u prattika miftiehma oħra.....35

3.1 Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.....35

3.2 Żviluppi oħrajn fil-każijiet.....39

3.3 L-istħarriġ settorjali.....40

4. Il-miżuri ta' l-Istat (l-Intrapriżi pubbliċi/l-Intrapriżi bi drittijiet esklużivi u speċjali)43

4.1 Id-Deċiżjonijiet.....43

4.2 Ir-rifjut ta' l-ilmenti.....45

C – L-ECN: L-istampa ġenerali tal-kooperazzjoni.....46

1. Stampa ġenerali.....46

2. L-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE mill-qrati nazzjonali fl-UE: Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-artikolu 15 tar-Regolament 1/2003.....47

3. L-Enerġija.....49

4. It-Trasport 49

5. Is-Servizzi Finanzjarji 50

D – Każijiet Magħżula tal-Qorti 52

A – Ir-Regoli Leġiżlattivi u Interpretattivi 60

1. Ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet Miktub mill-ġdid, l-Avviżi l-Ġodda u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Emendat 60

1.1. Ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid: Ir-Regolament 139/2004 60

1.2. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Rivedut 60

1.3. L-Avviż Rivedut dwar il-Proċedura Semplifikata 65

1.4. L-Avviż il-Ġdid dwar it-Trażżin Anċillari 68

1.5. L-Avviż dwar il-Valutazzjoni ta' l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali. 69

B – Każijiet tal-Kummissjoni 71

1. Id-Deċiżjonijiet meħuda skond l-Artikolu 8 71

2. Id-Deċiżjonijiet meħuda skond l-Artikoli 6(1)(b) u 6(2) 80

3. Ir-Referenzi 91

4. In-Notifiki rtirati 92

C – Każijiet Magħżula tal-Qorti 95

statistika d 99

III –żviluppi fis-Setturi 101

A – Is-Setturi Liberalizzati 101

1. L-Enerġija 101

2. Il-Mezzi ta' Komunikazzjoni Elettroniċi 103

3. It-Trasport 105

3.1 It-trasport bl-ajru 105

3.2 Il-Ferroviji 105

4. Is-Servizzi Finanzjarji 105

B – Setturi Oħrajn 107

1. Il-Professjonijiet liberali 107

IV – Il-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat 111

A – Ir-Regoli Leġiżlattivi u Interpretattivi ........ 111
1. Ir-Regolamenti, il-Linji ta' gwida u l-Komunikazzjonijiet ........ 111
1.1. Ir-Regoli tal-Proċedura ........ 111
1.2. Ir-Riċerka u l-Iżvilupp ........ 114
1.3. L-għajnuna għat-taħriġ ........ 115
1.4. Is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ........ 115
2. Il-Bini tal-Bastimenti ........ 117
3. L-Agrikoltura: L-iżviluppi tal-politika u l-inizjattivi leġiżlattivi fl- 2004 ........ 118
4. L-industriji tas-sajd ........ 121
5. Il-Faħam u t-Trasport ........ 122
6. Is-Servizzi Pubbliċi / Is-Servizzi ta' interess (ekonomiku) Ġenerali ........ 123
7. It-Trasparenza ........ 125
B – Każijiet ........ 127
1. Is-Swieq Liberalizzati ........ 127
2. L-għajnuna għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar ........ 129
3. Għajununa Reġjonali ........ 139
4. Id-Deċiżjoni li ma Tingħatax Għajnuna ........ 143
5. Għajnuna Fiskali ........ 144
6. Għajnuna għall-Iżvilupp u r-Riċerka ........ 147
7. Għajnuna Ambjentali ........ 150
8. It-Tkabbir ........ 154
9. Bini tal-bastimenti ........ 156
10. Agrikoltura ........ 158
11. L-industriji tas-sajd ........ 164
12. Faħam u Trasport ........ 164
13. Ix-Xandir Pubbliku ........ 169
C – L-Infurzar tad-Deċiżjonijiet dwar l-Għajnuna mill-Istat ........ 173
1. Daħla ........ 173
2. Każijiet Individwali ........ 174
D – Każijiet Magħżula tal-Qorti ........ 176

V –L-Attivitajiet Internazzjonali ... 182
A – It-Tkabbir u l- Balkani tal-Punent ... 182
B – Il-Politika tal-Viċinat ... 184
C – Il-Kooperazzjoni Bilaterali ... 185
1. Daħla ... 185
2. Il-patti ma' l-Istati Uniti, mal-Kanada u mal-Ġappun ... 185
3. Il-Kooperazzjoni ma' pajjiżi u Reġjuni oħrajn ... 188
D –Il-Kooperazzjoni Multilaterali ... 191
1. In-Netwerk Internazzjonali tal-Kompetizzjoni ... 191
2. L-OECD ... 194
VI – L-Istampa Ġenerali għall-2005 ... 197
1. L-*Anti-trust* ... 197
2. L-Amalgamazzjonijiet ... 197
3. L-Għajnuna mill-Istat ... 197
4. L-Attivitajiet Internazzjonali ... 198
L-Anness – Każijiet diskussi fir-Rapport ... 199
1. L-Artikoli 81, 82 u 86 ... 199
2. Il-Kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet ... 199
3. L-Għajnuna mill-Istat ... 200

# Daħla

## DAĦLA MID-DIRETTUR ĠENERALI GĦALL-KOMPETIZZJONI

### Daħla mid-Direttur Ġenerali għall-Kompetizzjoni

Fl-2004 bidliet ewlenija affettwaw il-ħidma tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DĠ COMP): it-tkabbir ta' l-UE biex tinkludi 25 membru, il-modernizzazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-wasla f'Novembru ta' Kummissjoni ġdida, u l-organizzazzjoni interna mill-ġdid tad-DĠ bħala konsegwenza tal-modernizzazzjoni. Dawn l-iżviluppi huma riflessi fl-għanijiet ġenerali tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Kummissjoni għall-2005 u għas-snin ta' wara, li huma bbażati fuq id-Deċiżjoni dwar l-Istrateġija tal-Politika Annwali (APS - *Annual Policy Strategy*) tal-Kummissjoni għall-2005 u l-prijoritajiet politiċi definiti mill-Kummissjoni l-ġdida. Għalhekk, ir-Rapport Annwali dwar il-Kompetizzjoni ta' l-2004 jipprovdi l-okkażjoni xierqa biex aktar membri tal-pubbliku jkunu mgħarrfa dwar kif se jkun orjentat ix-xogħol tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni tul perjodu ta' żmien medju.

*L-interazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni u politika oħra tal-Kummissjoni*

Fid-deċiżjoni tagħha dwar l-APS ta' l-2005, li kienet milqugħa mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kummissjoni enfasizzat taqliba għall-aħjar fit-tkabbir bħala l-għan ċentrali tal-politika, billi jkun hemm sforz biex tittejjeb il-kompetittività tal-mudell Ewropew filwaqt li jinżammu l-prosperità, l-impjiegi, il-koeżjoni u l-ħarsien ambjentali. L-adeżjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda żiedet dimensjoni ġeografika oħra ma' l-għan li jitjieb it-tkabbir ekonomiku fis-suq intern. L-għan ewlieni fuq l-aġenda politika tal-Kummissjoni l-ġdida hija li terġa' tingħata s-saħħa lill-proċess ta' Liżbona li tnieda mill-Kunsill Ewropew fl-2000, li l-għan ġenerali tiegħu huwa li jagħmel mill-UE l-aktar ekonomija bbażata fuq l-għarfien dinamika u kompetittiva fid-dinja. Il-Kummissjoni ser tqis ir-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Grupp ta' Livell Għoli, ippresedut mis-Sur Wim Kok dwar il-ksib ta' l-għanijiet ta' Liżbona.

B'appoġġ għall-qafas tal-kompetittività stabbilit fl-APS ta' l-2005, il-Kummissjoni ser tagħmel progress bil-proċess ambizzjuż tagħha tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni fil-politika tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari fil-qafas ta' l-għajnuna mill-Istat, u ser tfittex il-modernizzazzjoni tar-regoli ta' l-*anti-trust* u r-riformi sostanzjali dwar il-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet li nbdew fl-2004. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni biħsiebha tinkoraġġixxi l-infurzar pro-attiv tar-regoli tal-kompetizzjoni ma' l-UE kollha.

Flimkien ma' l-applikazzjoni rigoruża tal-politika tal-kompetizzjoni, l-eżami selettiv tal-leġiżlazzjoni Ewropea f'setturi ekonomiċi differenti, bħall-industriji tan-netwerks liberalizzati u s-servizzi finanzjarji, sabiex jitkejjel l-impatt kompetittiv tagħha, jista' jkollu influwenza pożittiva ħafna fuq il-kompetitittività u t-tkabbir ta' l-ekonomija Ewropea u fuq il-funzjonament tas-suq intern, billi jkunu rrinforzati l-interessi u l-kunfidenza tal-konsumaturi.

Fost l-oqsma politiċi prijoritarji li ġew identifikati fir-rapport ta' Kok bħala li huma essenzjali għat-twettiq ta' l-għanijiet ta' Liżbona, il-politika tal-kompetizzjoni tista' tagħti kontributi importanti fi tliet aspetti:

**L-inkoraġġiment tas-soċjetà ta' l-għarfien**. Pressjoni kompetittiva qawwija tipprovdi inċentiv qawwi biex il-kumpaniji kontinwament jinvolvu rwieħhom fl-innovazzjoni u fir-riċerka u l-iżvilupp (R&D - *research and development*). Billi jissaħħu l-inċentivi għall-innovazzjoni filwaqt li tkun iffokata l-attenzjoni fuq dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jfixklu serjament il-kompetizzjoni, il-politika tal-kompetizzjoni tista' tagħti sehem biex l-ekonomiji ta' l-UE jsiru aktar dinamiċi u b'hekk tgħin biex jitwettqu l-għanijiet ta' Liżbona. B'mod partikolari, il-politika ta' l-għajnuna mill-Istat tista' tagħti kontribut għas-soċjetà ta' l-għarfien billi timmira aħjar il-possibbiltajiet ta' l-appoġġi pubbliċi f'oqsma bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni u t-taħriġ.

**It-trawwim tas-suq intern.** Tnax-il sena wara li kien tlesta fuq il-karta, is-suq intern għadu ma laħaqx il-potenzjal sħiħ tiegħu. Raġuni waħda hija li m'hemm l-ebda rabta awtomatika bejn it-tneħħija tax-xkiel għall-kummerċ bejn pajjiż u ieħor, u l-kompetizzjoni effettiva. Kemm il-qafas regolatorju kif ukoll l-infurzar tiegħu jridu joħolqu ambjent li tabilħaqq jikkawża u jiffavorixxi l-kompetizzjoni, id-dħul ġdid u l-innovazzjoni. Kemm l-infurzar tal-kompetizzjoni kif ukoll l-affermazzjoni tagħha jistgħu jikkontribwixxu biex is-suq intern jiffunzjona aħjar, b'mod partikolari f'setturi li huma essenzjali għall-aġenda ta' Liżbona, minħabba li għandhom x'jaqsmu mad-dħul essenzjali għall-ekonomija Ewropea. Is-swieq Ewropej miftuħa u kompetittivi ser jagħmlu lill-kumpaniji Ewropej aktar kompetittivi fuq livell internazzjonali, għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej u ta' l-impjiegi Ewropej. L-infurzar stess tar-regoli tal-kompetizzjoni, li huwa maħsub biex jitneħħew l-ostakli ewlenin għall-kompetizzjoni tas-suq, tgħin biex jinħolqu kondizzjonijiet tajba għat-tkabbir.

**L-inkoraġġiment ta' klima li tiffavorixxi l-kummerċ.** Il-politika tal-kompetizzjoni tista' tagħti kontribuzzjoni sinifikanti biex jinħolqu kondizzjonijiet li jiffavorixxu l-kummerċ. Ir-regoli għall-għajnuna mill-Istat għandhom rwol importanti fl-isforzi biex tiżdied id-disponibilità tal-kapital ta' riskju għall-intrapriżi li għadhom kemm infetħu u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Ukoll, il-politika tal-kompetizzjoni internazzjonali tgħin biex tiġi żviluppata koerenza globali u l-konsistenza li meħtieġa mill-kummerċ. Fl-aħħarnett, il-prinċipji tal-kompetizzjoni jistgħu jippermettu l-eżami ta' l-oqfsa regolatorji ġodda u eżistenti f'oqsma importanti oħrajn tal-politika, sabiex jiġi żgurat illi r-regolamentazzjoni ma tfixkilx il-kompetizzjoni bla bżonn. L-affermazzjoni tal-kompetizzjoni għalhekk tista' tgħin biex jitfasslu l-oqfsa regolatorji ta' l-UE u dawk nazzjonali sabiex jingħata spinta 'l quddiem reġim li jiffavorixxi l-kompetizzjoni u l-kompetittività.

*L-għanijiet ġenerali tal-politika tal-kompetizzjoni*

**Il-prijoritajiet ta' l-infurzar: ikunu ffokati l-azzjonijiet ta' l-infurzar fuq il-prattika anti-kompetittiva li tagħmel l-aktar ħsara għall-ekonomija Ewropea**. Ir-Regolamenti l-ġodda dwar l-*Anti-trust* u l-Amalgamazzjonijiet ser jippermettu lid-DĠ għall-Kompetizzjoni jagħti prijorità b'mod aħjar lill-attività ta' l-infurzar tiegħu, sabiex jiffoka fuq il-prattika u l-amalgamazzjonijiet li jagħmlu l-aktar ħsara f'termini ta' impatt fuq il-benesseri tal-konsumatur.

Fil-qasam ta' l-*anti-trust*, ir-Regolament nru 1/2003, ħoloq sistema ġdida ta' infurzar fejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma kollha kompetenti biex japplikaw bis-sħiħ ir-regoli tal-kompetizzjoni ta' l-UE. Għaldaqstant, il-Kummissjoni u l-25 Stat Membru ħolqu Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni (ECN - *European Competition Network*) fejn id-DĠ għall-Kompetizzjoni għandu rwol ċentrali. Dan joħloq potenzjal sostanzjali biex ir-regoli tal-Kompetizzjoni ta' l-UE jiġu infurzati b'mod aktar effettiv u proattiv. Madankollu, se jkun hemm bżonn li s-swieq jiġu ssorveljati aħjar sabiex jiġi identifikati dawk il-prattiċi li jagħmlu

l-akbar dannu għall-kompetizzjoni u għall-konsumatur. Ir-Regolament il-ġdid kien ukoll l-ewwel pass biex jissaħħaħ l-infurzar privat quddiem il-qrati nazzjonali billi ngħataw is-setgħa li japplikaw ukoll l-Artikolu 81(3). L-infurzar għandu jkompli jikkonċentra fuq il-kartelli, fuq l-abbużi ta' pożizzjoni dominanti, fuq għajnuna mill-Istat li mhix kompatibbli u l-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni f'setturi li ġew liberalizzati dan l-aħħar u f'setturi irregolati oħrajn ta' l-ekonomija.

Fil-qasam tal-Kontroll ta' l-Amalgamazzjonijiet, ir-Regolament il-ġdid kabbar il-possibbiltajiet li l-każijiet jiġu riferuti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u *vice versa*, li għandu jagħmilha aktar faċli biex il-Kummissjoni tiffoka l-attivitajiet ta' l-infurzar tagħha fuq każijiet li għandhom impatt ċar min-naħa għall-oħra tal-fruntiera. Aktar minn hekk, it-test sostantiv il-ġdid ta' "impediment sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva" għamilha ċara li l-amalgamazzjonijiet kollha li huma anti-kompetittivi huma koperti mir-Regolament il-ġdid.

Fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat, id-DĠ għall-Kompetizzjoni ser jiffoka b'mod partikolari fuq l-infurzar tad-deċiżjonijiet negattivi u tar-rimborż fuq għajnuna mill-Istat li tkun inkompatibbli. Aktar minn hekk, il-kooperazzjoni internazzjonali mtejba, kemm bilaterali kif ukoll multilaterali, ser tkompli tkun kruċjali biex tiggarantixxi l-effikaċja tal-politika Ewropea tal-kompetizzjoni lejn il-prattika anti-kompetittiva li għandha ambitu internazzjonali.

**It-titjib tal-kompetittività fi ħdan l-UE billi tingħata għajnuna biex jitfassal il-qafas regolatorju.** Ir-regolamentazzjoni, kemm fuq il-livell Komunitarju kif ukoll fuq dak nazzjonali, tista' xxekkel il-kompetizzjoni fejn m'hemmx bżonn u mingħajr ħsieb minn qabel, u trażżan il-potenzjal tas-suq intern. F'ċerti setturi, bħall-industriji tan-netwerks liberalizzati, u b'mod partikolari fis-settur ta' l-enerġija, hemm ħtieġa li jingħata spinta qafas regolatorju li joħloq il-kondizzjonijiet għad-dħul fis-suq u biex tkun inkoraġġita l-kompetizzjoni. L-affermazzjoni tal-kompetizzjoni u ta' l-eżami selettiv tal-politika għandhom għalhekk jintużaw biex il-leġiżlazzjoni nazzjonali u dik ta' l-UE jiġu influwenzati biex ikun żgurat li s-salvagwardja tas-swieq kompetittivi tingħata konsiderazzjoni xierqa.

Ir-regoli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu eżaminati biex jiġi żgurat li jqisu aħjar in-nuqqasijiet speċifiċi tas-suq li jaffettwaw il-livell ta' l-investiment ta' l-UE fl-R&D u l-aċċess għall-kapital ta' riskju, fuq naħa waħda, u l-persistenza ta' l-inugwaljanzi fl-iżvilupp reġjonali, fuq in-naħa l-oħra. L-adattament tar-reġim regolatorju fir-rigward tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat ser jipprovdi kontribuzzjoni diretta għall-isforzi tal-Kummissjoni biex tiffavorixxi l-innovazzjoni.

**Azzjoni ffokata fuq is-setturi ewlenin għas-suq intern u għall-aġenda ta' Liżbona**. Għandha ssir enfasi fuq it-tneħħija ta' l-ostakli għall-kompetizzjoni fis-setturi li ġew liberalizzati dan l-aħħar, kif ukoll f'xi setturi rregolati oħrajn, b'mod partikolari l-mezzi tat-telekomunikazzjoni, is-servizzi postali, l-enerġija u t-trasport. Dawn is-setturi jipprovdu *inputs* essenzjali lil bosta setturi ekonomiċi oħrajn u għandhom importanza ewlenija għall-kompetittività ta' l-Ewropa. Il-ftuħ tal-possibbiltajiet biex jikkompetu għadd akbar ta' fornituri tas-servizzi għandu jwasssal għal aktar għażla, kwalità aħjar u prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi. L-evoluzzjoni tas-settur tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni fl-aħħar 10 snin hija eżempju tajjeb tal-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni.

Is-setturi li ġew liberalizzati dan l-aħħar, madankollu, huma affettwati minn diversi deformazzjoni għall-kompetizzjoni, li jvarjaw minn imġiba kummerċjali min-naħa ta' l-intrapriżi kkonċernati li tagħmel il-ħsara għal regolazzjoni, jew saħansitra għajnuna mill-Istat, li mhix xierqa. Għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa għall-fatt li dawn is-setturi jistgħu

jkunu kkaratterizzati minn obbligi tas-servizz pubbliku, fejn għandhom x'jaqsmu s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI - *services of general economic interest*) provduti, li jrid jiġi żgurat. Madankollu, il-Kummissjoni trid tiżgura li s-sussidji li ngħataw għall-funzjonament ta' dawn is-servizzi pubbliċi ma jeċċedux dak li huwa meħtieġ. Aktar minn hekk, huwa meħtieġ li wieħed ikun aktar espliċitu fl-identifikazzjoni ta' liema problemi li jistgħu jiġu solvuti bl-aktar mod xieraq permezz ta' l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed iħabrek għal politika integrata regolatorja u ta' infurzar għas-setturi.

Għadd ta' setturi oħrajn li huma importanti għall-kompetittività globali ta' l-ekonomija Ewropea għandhom għadd konsiderevoli ta' awto-regolametazzjoni jew taħlita ta' awto-regolamentazzjoni u regolamentazzjoni min-naħa ta' l-Istat. Dan huwa l-każ b'mod partikolari tas-servizzi finanzjarji. Il-ħolqien ta' suq kapitali effiċjenti u likwidu huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzarji. Numru ta' inizjattivi tal-politika tas-suq intern, li jilħqu l-ogħla punt tagħhom fid-Direttiva l-ġdida dwar is-Servizzi ta' l-Investiment, kienu mnedija matul l-aħħar term tal-Kummissjoni sabiex jitneħħa x-xkiel għall-kummerċ fit-titoli bejn pajjiż u ieħor u biex tkun iffaċilitata l-kompetizzjoni bejn id-ditti ta' l-investiment. Il-politika tal-kompetizzjoni tikkostitwixxi ingredjent importanti għal dan il-proċess tal-liberalizzazzjoni. Barra minn hekk, is-servizzi finanzjarji bl-imnut għandhom rwol ewlieni fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn is-servizzi jridu jkunu provduti taħt kondizzjonijiet kompetittivi, li jfisser li l-konsumatur individwali għandu għażla akbar ta' prodotti u servizzi ta' kwalità aħjar u bl-aħjar prezz possibbli.

**KAXXA 1: L-Ekonomisti Prinċipali tal-Kompetizzjoni fid-DĠ għall-Kompetizzjoni fl-2004**

It-Tim ta' l-Ekonomisti Prinċipali (CET - *Chief Economist Team*) huwa unità separata li tirrapporta direttament lid-Direttur Ġenerali. Fih 10 membri, li kollha għandhom Ph.D. fl-ekonomija industrijali. Il-kompiti u r-rwol tas-CET jistgħu jiġu deskritti kif ġej:

- gwida dwar il-kwistjonijiet metodoloġiċi ta' l-ekonomija u ta' l-ekonometrika fl-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni ta' l-UE,
- gwida ġenerali f'każijiet individwali ta' kompetizzjoni mill-istadji bikrin tagħhom,
- gwida dettaljati fil-każijiet ta' kompetizzjoni l-aktar importanti li jinvolvu kwistjonijiet ekonomiċi komplessi, b'mod partikolari dawk li jeħtieġu analiżi kwantitattiva sofistikata. Dan jista' jinkludi s-sekondar ta' membru ta' l-istaff tiegħu biex jaħdem fit-tim tal-każ.
- kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' strumenti ta' politika ġenerali b'kontenut ekonomiku.

Il-kontribuzzjoni għall-każijiet u għal-linji ta' gwida

Fl-2004, is-CET kien involut f'total ta' 33 każ (11-il amalgamazzjoni, 15-il *antitrust*, u 7 każijiet ta' għajnuna mill-Istat). Barra minn hekk, is-CET ta kontributi sinifikanti għal-linji ta' gwida u għall-kwistjonijiet ta' politika ġenerali.

Il-każijiet jingħażlu bi ftehim mad-Direttur Ġenerali fuq il-bażi tal-ħtieġa għal analiżi ekonomika aktar sofistikata, b'mod partikolari għal analiżi kwantitattiva. F'dawk il-każijiet, membru tas-CET jitqiegħed fi ħdan it-tim tal-każ, ikollu aċċess għall-informazzjoni kollha u jieħu sehem fil-laqgħat kollha ma' esperti barranin u mal-partijiet. Fi ħdan it-tim tal-każ, il-membri sekondati mit-tim ta' l-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni għandhom status

speċifiku u indipendenti u jirrapportaw direttament lill-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni dwar il-pożizzjoni li jieħdu. Għall-importanza tat-tfassil ta' l-analiżi ekonomika ta' każ, is-CET għandu tendenza jiġi involut kmieni kemm jista' jkun.

Is-CET jattendi wkoll is-smigħ orali u jieħu sehem fid-dibattiti tal-panel ta' l-eżami intern.

L-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni jattendi l-laqgħa ta' kull ġimgħa mal-Kummissarju. Barra minn hekk, jagħti parir bil-miktub fil-każijiet kollha fejn kien involut.

Il-Kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-kompetenza fl-ekonomija fid-DĠ

L-Ekonomista Prinċipali tal-Kompetizzjoni jikkontribwixxi għad-dibattitu ġenerali dwar il-kwistjonijiet ekonomiċi fid-DĠ għall-Kompetizzjoni kollu billi jorganizza taħriġ, seminars u diskussjonijiet. Barra minn hekk iżomm u jsaħħaħ ir-rabtiet mad-dinja akkademika. Irristruttura l-Grupp Ekonomiku ta' Konsulenza għall-Politika tal-Kompetizzjoni (EAGCP - *Economic Advisory Group for Competition Policy*). L-EAGCP huwa grupp ta' akkademiċi ewlenin li jaħdmu fil-qasam ta' l-ekonomija industrijali. Funzjoni importanti ta' l-EAGCP hija li jagħti opinjoni indipendenti dwar kwistjonijiet wiesgħin tal-politika. L-EAGCP huwa organizzat fi tliet sotto-gruppi: l-amalgamazzjonijiet, l-*antitrust* u l-għajnuna mill-Istat.

**Il-Messaġġ mill-Uffiċjal tas-Smigħ**

Il-Kummissjoni ħolqot il-pożizzjoni ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ sabiex tafda t-tmexxija tal-proċeduri amministrattivi fil-każijiet ta' *antitrust* u amalgamazzjonijiet f'idejn persuna indipendenti li għandha esperjenza fil-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni u li hija mogħnija bl-integrità meħtieġa biex tikkontribwixxi għall-oġġettività, għat-trasparenza u għall-effiċjenza ta' dawk il-proċeduri. Il-mandat ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ jistabbilixxi għadd ta' mekkaniżmi li permezz tagħhom għandha titwettaq din il-funzjoni. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, l-obbligu li jipproduċi rapport finali dwar kull abbozz ta' deċiżjoni mressqa quddiem il-kulleġġ tal-Kummissarji fejn ikun iddikjarat jekk id-dritt tas-smigħ ġiex imħares. Għaldaqstant, iż-żewġ Uffiċjali tas-Smigħ huma involuti b'mod formali fil-każijiet kollha fejn tinbeda u tintemm proċedura formali b'dan il-mod. Minn Mejju 2004, dan inkluda dawk li jissejħu "deċiżjonijiet ta' impenn" skond l-Artikolu 9 tar-Regolament 1/2003, li l-ewwel wieħed minnhom kien il-każ ta' DFB deċiż f'Jannar 2005. B'mod eċċezzjonali, l-Uffiċjali tas-Smigħ jistgħu wkoll jiġu indirizzati qabel ma tinbeda proċedura formali, per eżempju fejn jinqalgħu kwistjonijiet ta' segretezza li għandhom x'jaqsmu ma' l-informazzjoni li ser tkun inkluża f'dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet, jew li għandhom x'jaqsmu mal-verżjoni ppubblikata ta' deċiżjoni. Flimkien, l-Uffiċjali tas-Smigħ kienu għalhekk involuti b'mod formali f'madwar 40 każ matul l-2004. Xi elementi ewlenin ta' dawn l-esperjenzi jinsabu aktar 'l isfel.

Ikun żgurat id-dritt tas-smigħ permezz ta' aċċess xieraq għall-fajl

Filwaqt li jitqies l-interess leġittimu tal-fornituri ta' l-informazzjoni fil-ħarsien ta' l-informazzjoni konfidenzjali, l-interess pubbliku fejn għandhom x'jaqsmu r-regoli tal-kompetizzjoni u d-drittijiet għad-difiża ta' dawk indirizzati minn Dikjarazzjoni ta' l-Oġġezzjonijiet, l-Uffiċjali tas-Smigħ ħadu għadd ta' deċiżjonijiet li permezz tagħhom taw jew ċaħdu l-aċċess għad-dokumenti li jinsabu fil-fajl tal-każ lill-partijiet.

Fost deċiżjonijiet bħal dawn fl-2004 ingħatat konsiderazzjoni għad-drittijiet ta' aċċess tal-partijiet li jirċievu dik li tissejjaħ "ittra tal-fatti" li permezz tagħha jkunu mgħarrfa bl-informazzjoni addizzjonali li se titqies fid-deċiżjoni finali. Id-deċiżjonijiet tal-Microsoft u tal-

Clearstream huma eżempji ta' każijiet fejn, f'ċirkustanzi bħal dawn, il-partijiet ingħataw aċċess għal informazzjoni addizzjonali.

Ikunu żgurati l-ħarsien tas-sigrieti kummerċjali ta' l-intrapriżi u l-interess leġittimu fis-segretezza

F'każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn is-servizz rilevanti tal-Kummissjoni u l-partijiet konċernati, id-deċiżjonijiet dwar il-ħarsien tas-sigrieti kummerċjali tal-kumpaniji u l-interess leġittimu fis-segretezza jridu jiġu deċiżi mill-Uffiċjali tas-Smigħ. Dan l-interess għandu jiġi bbilanċjat kontra l-interessi tal-partijiet fil-kxif jew, fejn il-kwistjoni tikkonċerna l-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni, kontra l-interess pubbliku fejn il-komunità legali u kummerċjali tkun informata bir-riżultat tal-proċeduri.

Fil-każ ta' l-Assoċjazzjoni tal-Periti Belġjani, il-periklu ta' ritaljazzjoni wasslet lill-Uffiċjali tas-Smigħ biex jirrifjutaw l-aċċess għal dokument fil-fajl li seta' jippermetti lill-partijiet jidentifikaw lill-informatur.

Fl-2004, il-parti l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ dwar il-kxif ta' informazzjoni li hija potenzjalment konfidenzjali kellhom x'jaqsmu mal-legalità tal-pubblikazzjonijiet tad-deċiżjonijiet finali tal-Kummissjoni. Dawn id-deċiżjonijiet għenu biex ikunu stabbiliti numru ta' prinċipji li ser jiġu applikati fil-każijiet li jmiss.

L-ewwelnett, skond il-ġurisprudenza, kwalunkwe talba għal segretezza jeħtieġ li tissostanzja għaliex il-kxif ta' l-informazzjoni li suppost hija konfidenzjali tista' tagħmel ħsara serja lill-kumpanija.[1] It-tieni, ir-riskju ta' litigazzjoni privata għall-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni mhix fiha nfisha difiża valida. Il-penali li jiġġarrbu wara ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni għandhom jikkostitwixxu l-konsegwenzi xierqa u mixtieqa ta' din l-imġiba antikompetittiva.[2] It-tielet, mhumiex l-Uffiċjali tas-Smigħ li għandhom jiddeċiedu jekk hux indispensabbli li jiġu ppubblikati partijiet mid-deċiżjoni finali biex jiġi żgurat il-fehim sew tagħhom. Ir-rilevanza ta' biċċa informazzjoni għall-fehim komprensiv tad-deċiżjoni se tiġi eżaminata biss jekk is-silta kkonċernata hija informazzjoni konfidenzjali.

Barra minn hekk, matul l-2004 ġiet introdotta proċedura li għandha tiġi applikata qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet li jorbtu b'mod legali dwar il-kxif ta' l-informazzjoni konfidenzjali bl-għan li jiġu evitati l-argumenti legali kull fejn huwa possibbli. L-ewwelnett, l-Uffiċjali tas-Smigħ jistgħu jipproponu fehma preliminarja. L-Uffiċjali tas-Smigħ se jipproċedu għal deċiżjoni li torbot li tista' tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza, biss jekk il-proposta tiġi kkontestata f'perjodu ta' żmien definit. F'ħafna każijiet, din il-prattika l-ġdida għenet biex jiġu evitati dawk li jissejħu bħala "proċeduri ta' l-AKZO". Matul dawn ta' l-aħħar, l-Uffiċjali tas-Smigħ jieħdu deċiżjoni formali u li torbot f'isem il-Kummissjoni sabiex tinkixef informazzjoni potenzjalment konfidenzjali, liema deċiżjoni tkun soġġetta għall-kontroll tal-Qorti tal-Prim Istanza.

---

1 Skond il- para. 87 tal-każ T-353/94 "Postbank NV", is-sigrieti kummerċjali huma 'informazzjoni li mhux biss il-kxif lill-pubbliku, iżda wkoll is-sempliċi trasmissjoni lil persuna li mhix dik li pprovdiet l-informazzjoni tista' tkun ta' ħsara serja għall-interessi ta' din ta' l-aħħar".

2 L-Artikolu 30 tar-Regolament 1/2003 u l-Artikolu 21 tar-Regolament 17/62 jistipulaw li l-Kummissjoni teħtieġ biss li tqis "l-interess leġittimu ta' l-intrapriżi fil-ħarsien tas-sigrieti kummerċjali tagħhom" (l-enfasi miżjuda).

## L-organizzazzjoni u t-tmexxija tas-smigħ orali

Is-smigħ orali jipprovdi lill-partijiet bl-opportunità li jikkumplementaw ir-risposta miktuba tagħhom għat-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni billi jippreżentaw il-kwistjonijiet ewlenin b'mod orali quddiem udjenza kbira bl-opportunità li jirrispondu għall-mistoqsijiet u jkunu involuti f'diskussjoni diretta mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u mar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri. Tista' tkun ukoll okkażjoni unika biex dawk li jagħmlu l-ilmenti jew partijiet terzi oħrajn li huma involuti fil-proċedura jisimgħu u jikkummentaw direttament fuq il-punti indirizzati. Din kienet tabilħaqq is-sitwazzjoni fil-każ tal-Microsoft fejn, wara ħames snin ta' investigazzjoni u ta' proċedura bil-miktub, inklużi tliet dikjarazzjonijiet ta' l-oġġezzjonijiet, ir-risposti bil-miktub u l-osservazzjonijiet bil-miktub minn bosta partijiet terzi, ir-rappreżentanti tal-partijiet kollha involuti ltaqgħu flimkien għall-ewwel darba u tul tlitt ijiem ippreżentaw il-fehmiet tagħhom u kkummentaw fuq fehmiet oħrajn għall-benefiċċju ta' dawk kollha konċernati.

Hija l-esperjenza ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ li l-preżentazzjonijiet li jsiru fis-smigħ orali flimkien mal-mistoqsijiet li jitqajmu, b'mod invarjabbli jwasslu għal ftehim aħjar tal-kwistjonijiet involuti. Għalhekk, il-kompitu ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ li jorganizzaw u jmexxu s-smigħ orali fil-proċeduri ta' l-*antitrust* u ta' l-amalgamazzjonijiet hija sinifikanti għall-importanza tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ġenerali. L-organizzazzjoni stess titwettaq b'kuntatt mill-qrib mal-partijiet konċernati. F'termini ta' parteċipazzjoni, huma mistiedna l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri u s-servizzi kollha assoċjati tal-Kummissjoni. L-Uffiċjali tas-Smigħ stabbilew kundizzjoni meħtieġa li d-direttur responsabbli mill-investigazzjoni tal-każ għandu jattendi s-smigħ orali, punt li kien ikkonfermat mill-Kummissarju.

Matul is-smigħ, l-Uffiċjali tas-Smigħ jistgħu jintroduċu dokumenti ġodda, fuq it-talba tas-servizz rilevanti tal-Kummissjoni, tal-partijiet jew tal-partijiet terzi konċernati. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida introdotta matul l-2004, kemm fl-amalgamazzjonijiet kif ukoll fl-*antitrust*, provdiet b'mod espliċitu biex isiru mistoqsijiet mill-partijiet kollha konċernati taħt l-awtorità ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ. Filwaqt li l-użu jibqa' fi stadju esperimentali, din il-prattika l-ġdida pprovdiet interazzjoni addizzjonali.

F'uħud mill-każijiet, bħal dak li kien jittratta l-klorur tal-kolin, l-Uffiċjali tas-Smigħ aċċettaw li tkun introdotta evidenza ġdida fil-proċedura waqt is-smigħ orali. Kif juru r-rapporti finali ppubblikati fl-2004, wara xi smigħ orali, bħal fil-każ ta' l-Amalgamazzjoni tas-Sony/BMG, kien hemm bidliet fl-orjentazzjoni tal-każ.

Barra minn hekk, is-smigħ orali jqajjem l-għarfien ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ dwar l-aspetti kritiċi ta' każ u b'hekk ikunu involuti b'mod aktar attiv fil-partijiet sussegwenti tal-proċedura, potenzjalment billi jagħmlu osservazzjonijiet dwar il-progress addizzjonali tal-proċeduri skond il-Mandat tagħhom.

## Jaġixxu bħala konsulent għall-Kummissjoni dwar il-politika tal-kompetizzjoni

Id-dmir primarju ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ huwa li jkun żgurat ir-rispett tad-drittijiet għal difiża tal-partijiet u li jinkiseb il-proċess xieraq għall-partijiet kollha konċernati. Madankollu, fil-qafas tar-rapport interim tagħhom, jew b'mod aktar ġenerali meta jirrapportaw lill-Kummissarju, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam il-kontenut tas-smigħ, l-Uffiċjali tas-Smigħ jistgħu jużaw l-abilità tagħhom sabiex jiġbdu l-attenzjoni tal-Kummissarju dwar kwistjoni sostanzjali mqajma mill-każ fejn iqisu li dan għandu jtejjeb il-kwalità tad-deċiżjoni

finali. Fl-2004, l-Uffiċjali tas-Smigħ ħadmu lejn kjarifikazzjoni akbar ta' l-abbozzar tad-deċiżjonijiet finali. Għamlu osservazzjonijiet f'għadd ta' każijiet u b'mod partikolari fil-każijiet tal-kartelli li kkontribwew biex jittejbu l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-aħħar mill-aħħar il-kwalità tad-deċiżjoni finali.

L-Uffiċjali tas-Smigħ iddiskutew ukoll numru ta' kwistjonijiet politiċi mad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni. Dawn id-diskussjonijiet inkludew, fost l-oħrajn, ir-reviżjoni ta' l-avviż tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-fajl, l-adattament tar-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet taħt il-programm tal-Kummissjoni tal-Klemenza għar-regoli ta' l-iskoperta ta'ġurisdizzjonijiet barranin filwaqt li jitħares id-dritt għall-aċċess għall-fajl, u r-rwol ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ bħala medjaturi potenzjali fl-argumenti bejn id-DĠ għall-Kompetizzjoni u l-kumpaniji dwar jekk dokument hux kopert mill-Privileġġ Legali.

# I – L-*Antitrust* – L-Artikoli 81, 82 u 86 KE

## A – IR-REGOLI LEĠIŻLATTIVI U INTERPRETATTIVI

### 1. IL-MODERNIZZAZZJONI TA' L-*ANTITRUST*: IR-REGOLAMENT LI JIMPLIMENTA 773/2004, IL-LINJI TA' GWIDA U L-AVVIŻI

1. Fl-1 ta' Mejju, daħlet fis-seħħ is-sistema l-ġdida ta' l-infurzar għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, u ġie revokat ir-Regolament 17/62. Sabiex ikun ikkomplementat ir-Regolament 1/2003[3] u wara konsultazzjonijiet estensivi, il-Kummissjoni adottat il-'Pakkett tal-Modernizzazzjoni' li kien jikkonsisti f'Regolament ġdid tal-Kummissjoni dwar id-dettalji tal-proċeduri tagħha ta' l-*antitrust* kif ukoll sitt avviżi ġodda tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jipprovdu gwida għal firxa ta' aspetti li huma ta' sinifikat partikolari taħt is-sistema l-ġdida ta' l-infurzar. Dan il-pakkett jikkonsisti f'dawn l-elementi:

*Ir-Regolament li Jimplimenta*[4]

2. Ir-Regolament li Jimplimenta fih regoli dettaljati dwar, b'mod partikolari, il-bidu tal-proċeduri, id-dikjarazzjonijiet orali, l-ilmenti, is-smigħ tal-partijiet, l-aċċess għall-fajl u l-immaniġġjar ta' informazzjoni konfidenzjali fil-proċeduri ta' l-*antitrust* immexxija mill-Kummissjoni.

*L-Avviż tan-Netwerk*[5]

3. Dan l-avviż jistabbilixxi l-pilastri ewlenin tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri fin-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni (ECN - *European Competition Network*). L-avviż jistabbilixxi l-prinċipji biex jinqasam ix-xogħol tal-każijiet bejn il-membri tan-netwerk. F'dan ir-rigward, l-avviż jimxi fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[6] li nħarġet dak inhar li ġie adottat ir-Regolament 1/2003. Instabu arranġamenti partikolari għal fejn jiltaqgħu l-iskambji ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet skond l-Artikoli 11(2) u (3) kif ukoll l-Artikolu 12 tar-Regolament 1/2003 u t-tħaddim tal-programmi ta' klemenza. L-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri[7] iffirmaw dikjarazzjoni fejn iddikjaraw li ser jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-Avviż tal-Kummissjoni.

---

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16.12.2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli għall-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE, ĠU L 1, 4.1.2003, pp. 1-25, ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 411/2004 (ĠU L 68, 6.3.2004, p. 1).

4 Ir-Regolament tal-Kummissjoni 773/2004 tas-7.4.2004 dwar kif il-Kummissjoni tmexxi l-proċeduri skond l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE, ĠU L 123 tas-27.4.2004, pp. 18 - 24.

5 L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, ĠU C 101 tas-27.4.2004, pp. 43-53.

6 Disponibbli mir-reġistru tal-Kunsill fuq http://register.consilium.eu.int (id-dokument Nru 15435/02 ADD 1).

7 Lista ta' Awtoritajiet Nazzjonali li ffirmaw id-Dikjarazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk ta' l-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni tista' tinstab fil-websajt tal-Kummissjoni.

*L-Avviż dwar il-kooperazzjoni mal-Qrati nazzjonali*[8]

4. Dan l-avviż huwa maħsub li jservi bħala għodda prattika għall-imħallfin nazzjonali li japplikaw l-Artikoli 81 u 82 skond ir-Regolament 1/2003. Jiġbor il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'hekk jiċċara l-kuntest tal-proċedura li fih qed jaħdmu l-imħallfin nazzjonali. Tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni fejn il-qorti nazzjonali tittratta każ b'mod parallel ma' jew wara l-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-Regolament 1/2003 jistabbilixxi bażi legali soda biex l-imħallfin nazzjonali jitolbu opinjoni mingħand il-Kummissjoni jew jitolbuha għal informazzjoni li għandha fil-pussess tagħha. Ukoll, ir-Regolament ħoloq il-possibbiltà biex il-Kummissjoni tressaq osservazzjonijiet bil-mitkub u b'mod orali quddiem il-qrati nazzjonali fl-interess ta' applikazzjoni koerenti. L-avviż jispjega l-modalitajiet ta' dawk il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni.

*L-Avviż dwar l-ilmenti*[9]

5. Dan l-avviż jibda b'tagħrif ġenerali dwar it-tqassim tax-xogħol tal-persuni li jinfurzaw il-liġi differenti u jistieden lil dawk li jagħmlu l-ilment potenzjali biex jagħmlu għażla informata dwar l-awtorità fejn jiddepożitaw l-ilment tagħhom (ilment mal-Kummissjoni, ma' qorti nazzjonali jew ma' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni) fid-dawl ta' l-orjentazzjonijiet mogħtija. L-akbar parti ta' l-avviż fiha spjegazzjonijiet dwar il-valutazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ta' l-ilmenti fil-qasam ta' l-*antitrust* u tal-proċeduri disponibbli. L-avviż jinkludi wkoll perjodu indikattiv ta' erba' xhur, li fih il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tgħarraf lil dawk li jagħmlu l-ilment bl-intenzjoni tagħha jekk hiex se twettaq investigazzjoni sħiħa dwar ilment jew le.

*L-Avviż dwar l-ittri ta' gwida*[10]

6. Ir-Regolament 1/2003 għandu l-għan li l-Kummissjoni terġa' tiffoka l-azzjoni ta' infurzar tagħha fuq l-iskoperta ta' ksur serju. L-abolizzjoni tas-sistema tan-notifika huwa element kruċjali f'dan il-kuntest. Madankollu jidher ukoll raġonevoli illi f'għadd limitat ta' każijiet, fejn tqum kwistjoni ġenwinament ġdida dwar l-Artikoli 81 u 82, il-Kummissjoni tista', bla ħsara għall-prijoritajiet l-oħrajn tagħha ta' l-infurzar, tipprovdi gwida għall-intrapriżi bil-miktub (ittra ta' gwida). L-avviż jagħti d-dettalji dwar dan l-istrument.

*L-Avviż dwar l-effett fuq il-kummerċ*[11]

7. Il-kunċett ta' l-effett fuq il-kummerċ huwa kriterju ġurisdizzjonali, li jiddetermina l-medda ta' l-Artikoli 8 u 82. Jiddetermina wkoll l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament 1/2003. B'dan l-isfond, l-Istati Membri esprimew xewqa

8 L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-qrati ta' l-Istati Membri ta' l-UE fl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 81 u 82 KE, ĠU C 101 tas-27.4.2004, pp. 54-64.

9 L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immaniġġjar tal-kwistjonijiet mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE, ĠU C 101 tas-27.4.2004, pp. 65-77.

10 L-Avviż tal-Kummissjoni dwar gwida informali relatata mal-mistoqsijiet ġodda li jikkonċernaw l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE li jinqalgħu fil-każijiet individwali (l-ittri ta' gwida), ĠU C 101 tas-27.4.2004, pp. 78-80.

11 Il-linji ta' gwida dwar il-kunċett ta' l-effett fuq il-kummerċ li jinsab fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE, ĠU C 101 tas-27. 4.2004, pp. 81-96.

kbira għal avviż interpretattiv dwar din l-idea. L-avviż jiddeskrivi l-ġurisprudenza korrenti u bl-ebda mod ma jipprova jillimita l-medda ġurisdizzjonali ta' l-Artikoli 8 u 82. L-avviż jistabbilixxi għatba kwantitattiva li l-Kummissjoni, fil-proċeduri tagħha, tqis li tkun preżunzjoni konfutabbli li l-kummerċ bejn l-Istati Membri ma jistax jiġi affettwat b'mod apprezzabbli meta d-dħul aggregat annwali Komunitarju ta' l-intrapriżi konċernati fil-prodotti koperti mill-ftehim ma jeċċedix l-40 miljun Euro u s-sehem tas-suq (aggregat) tal-partijiet fuq kwalunkwe suq rilevanti fi ħdan il-Komunità affettwat mill-ftehim ma jeċċedix il-5%.

*Il-Linji ta' Gwida dwar l-Artikolu 81(3)* [12]

8. Is-setgħa għall-qrati u għall-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri biex japplikaw l-Artikolu 81(3) hija waħda mill-pilastri ewlenin tar-riforma tal-modernizzazzjoni. L-avviż jiżviluppa qafas għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) u jagħti gwida dwar l-applikazzjoni ta' kull waħda mill-erba' kondizzjonijiet kumulattivi li jinsabu f'din id-dispożizzjoni tat-Trattat. L-avviż jelenka diversi tipi ta' effiċjenzi li jistgħu jikkostitwixxu benefiċji ekonomiċi oġġettivi fit-tifsira ta' l-ewwel kundizzjoni. Jispjega wkoll l-idea tal-konsumaturi u l-kundizzjoni meħtieġa li jridu jirċievu sehem ġust miż-żjieda fl-effiċjenza li jirriżultaw mill-ftehim. L-aspetti anti-kompetittivi tal-ftehim huma analizzati taħt l-Artikolu 81(1) u l-elementi favur il-kompetizzjoni huma analizzati u bbilanċjati fl-isfond ta' l-elementi anti-kompetittivi skond l-Artikolu 81(3).

## 2. Ir-Regolament dwar l-eżenzjoni ta' kategorija tat-trasferiment tat-teknoloġija u l-Linji ta' Gwida

9. Bħala parti mir-riforma fundamentali tar-regoli ta' l-UE dwar l-infurzar ta' l-*antitrust*, fis-7 ta' April il-Kummissjoni adottat regoli ġodda fil-forma ta' regolament ġdid tal-Kummissjoni dwar eżenzjoni ta' kategorija, ir-Regolament (KE) Nru 772/2004 (it-TTBER – *Technology Transfer Block Exemption Regulation*)[13], u sett ta' Linji ta' Gwida[14] li jikkonċernaw il-liċenzji tal-brevetti, l-għarfien u tad-drittijiet ta' l-awtur fuq is-softwer. Mill-1 ta' Mejju 2004 il-ftehimiet tal-liċenzji jibbenefikaw minn kenn imtejjeb, u b'hekk ħafna ftehimiet iffrankaw skrutinju individwali. Ir-regoli l-ġodda jiffaċilitaw il-liċenzjar u jnaqqsu l-piż regolatorju minn fuq il-kumpaniji, filwaqt li jiżguraw kontroll effettiv tal-liċenzjar bejn il-kumpaniji li għandhom livell sinifikanti ta' saħħa fis-suq. Ir-regoli l-ġodda għandhom jikkontribwixxu għat-tixrid tat-teknoloġija fi ħdan l-UE u b'hekk jikkontribwixxu għall-miri ta' Liżbona.

---

12 Il-linji ta' gwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat KE, ĠU C 101 tas-27.4.2004, pp. 97-118.

13 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 772/2004 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehimiet tat-trasferiment tat-teknoloġija, ĠU L 123 tas-27.4.2004

14 Il-linji ta' gwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat KE għall-ftehimiet tat-trasferiment tat-teknoloġija, ĠU C 101 tas-27.4.2004. It-TTBER u l-linji ta' gwida huma wkoll disponibbli fuq: http://europa.eu.int/comm/competition/antitrust/legislation/entente3_en.html#technology

10. Ir-regoli l-ġodda bbenefikaw minn eżerċizzju estensiv ta' konsultazzjoni[15] fejn il-partijiet interessati wrew interess qawwi u ressqu *input* dettaljat u ta' kwalità għolja. Dawn jissostitwixxu r-Regolament Nru 240/96[16] li kien ikkritikat għall-ambitu dejjaq u l-karattru formalistiku tiegħu. Ir-regoli l-ġodda huma allinjati sew mal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' regolamenti ta' eżenzjonijiet ġenerali tal-Kummissjoni u għandhom dawn il-karatteristiċi ġenerali:

– It-TTBER fiha biss lista sewda[17]: dak kollu li mhuwiex eskluż b'mod espliċitu mill-eżenzjoni ta' kategorija issa huwa eżentat. Dan iħalli aktar libertà lill-kumpaniji biex ifasslu l-ftehimiet tal-liċenzjar tagħhom skond il-ħtiġiet kummerċjali tagħhom.

– L-ambitu tar-regoli l-ġodda jkopri t-tipi kollha ta' ftehimiet tat-trasferiment tat-teknoloġija għall-produzzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi: mhux biss il-liċenzjar tal-brevetti u ta' l-għarfien, iżda wkoll il-liċenzjar tad-disinji u tad-drittijiet ta' l-awtur fuq is-softwer. Fejn il-Kummissjoni m'għandhiex is-setgħat li tadotta regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija[18], bħal għal gruppi ta' brevetti u għal liċenzjar tad-drittijiet ta' l-awtur b'mod ġenerali, il-linji ta' gwida jagħtu gwida ċara dwar il-politika tal-futur ta' l-infurzar;

– Ir-regoli l-ġodda jagħmlu distinzjoni ċara bejn il-liċenzjar bejn il-kompetituri, li huwa aktar probabbli li jagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, u l-liċenzjar bejn dawk li mhumiex kompetituri. B'mod partikolari l-listi applikabbli tal-projbizzjonijiet assoluti huma differenti;

– It-TTBER jipprovdi l-kenn biss taħt ċertu limiti ta' ismha tas-suq, jiġifieri 20% kumulattiv għall-ftehimiet tal-liċenzjar bejn il-kompetituri u 30% għal kull wieħed mill-ftehimiet bejn dawk li mhumiex kompetituri. L-ishma tas-suq jeħtieġ li jiġu kkalkulati kemm għas-suq(swieq) tal-prodotti rilevanti affettwat(i) u kemm għas-suq tat-teknoloġija[19];

– Ftehim tal-liċenzji ma jistax jibbenefika mill-eżenzjoni ta' kategorija jekk fih dik li tissejjaħ restrizzjoni assolutament ipprojbita tal-kompetizzjoni;

---

15 Waslu aktar minn 70 sottomissjoni mill-assoċjazzjonijiet ta' l-industrija u tal-kummerċ, minn soċjetajiet legali u ta' l-IP, minn ditti ta' avukati individwali, minn awtoritajiet nazzjonali, minn kumpaniji individwali, minn universitajiet u minn konsulenti.

16 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 240/96 tal-31.1.1996 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat KE għal ċerti kategoriji ta' ftehimiet tat-trasferiment tat-teknoloġija, ĠU L 31 tad-9.2.1996. Għal evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, ara r-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni, COM(2001) 786 finali.

17 Ir-Regolament ta' l-1996 ta' qabel kien fih lista bajda u lista griża.

18 Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 19/65/KEE, ir-regolament li jagħti l-opportunità, jippermetti biss l-adozzjoni ta' regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija għal ftehimiet tat-trasferiment tat-teknoloġija bejn iż-żewġ partijiet u dwar id-drittijiet tal-proprjetà industrijali.

19 Is-sehem tas-suq fis-suq tat-teknoloġija huwa bbażat ukoll fuq is-suq tal-prodotti minħabba li huwa ddefinit f'termini ta' sehem tas-suq tal-prodotti li jiġu prodotti bit-teknoloġija awtorizzata. Għall-kalkolu tas-sehem tas-suq, normalment għandha tintuża d-data tal-valur tal-bejgħ tas-sena kalendarja ta' qabel. Huwa previst żmien ta' fuq ir-riħ ta' sentejn fil-każ li l-limitu rilevanti jinqabeż.

– Uħud mir-restrizzjonijiet huma esklużi mill-benefiċċju ta' l-eżenzjoni ta' kategorija filwaqt li l-bqija tal-ftehim jista' jkompli jibbenefika mill-eżenzjoni ta' kategorija [20].

11. Il-lista tal-projbizzjonijiet assoluti fl-Artikolu 4 tat-TTBER tispeċifika r-restrizzjonijiet li minħabba fihom il-ftehim sħiħ ma jistax jibbenefika mill-eżenzjoni ta' kategorija u li għalihom ukoll ma tantx hija probabbli l-applikazzjoni individwali ta' l-Artikolu 81(3)[21].

12. Għal-liċenzjar bejn il-kompetituri a) l-iffissar tal-prezzijiet, b) il-limitazzjoni tal-produzzjoni, c) l-allokazzjoni tas-swieq jew tal-klijenti, d) li l-persuna li ngħatatilha l-liċenzja tiġi ristretta fl-utilizzazzjoni tat-teknoloġija tagħha stess u e) li l-partijiet jiġu ristretti fit-twettiq ta' l-R&D (sakemm ma jkunx indispensabbli biex ma jitħallix jinkixef l-għarfien illiċenzjat) huma restrizzjonijiet assolutament ipprojbiti, filwaqt li għal-liċenzjar bejn dawk li mhumiex kompetituri, ir-restrizzjonijiet assolutament ipprojbiti huma a) l-iffissar tal-prezzijiet b'mod vertikali, b) ir-restrizzjoni tal-bejgħ passiv tal-persuna li ngħatatilha l-liċenzja, c) ir-restrizzjoni tal-bejgħ attiv u passiv tal-persuna li ngħatatilha l-liċenzja f'sistema ta' distribuzzjoni selettiva. Għal-liċenzjar kemm bejn il-kompetituri kif ukoll bejn dawk li mhumiex kompetituri, l-Artikolu 4 fih eċċezzjonijiet speċifiċi għal-listi tar-restrizzjonijiet assolutament ipprojbiti.

13. Il-Linji ta' Gwida jiċċaraw illi m'hemm l-ebda preżunzjoni ta' illegalità barra mill-kenn li tipprovdi l-eżenzjoni ta' kategorija sakemm il-ftehim ma fihx restrizzjonijiet assolutament ipprojbiti. B'mod partikolari m'hemm l-ebda preżunzjoni li l-Artikolu 81(1) japplika sempliċement għax il-limiti tas-sehem tas-suq inqabżu. Hija meħtieġa valutazzjoni individwali bbażata fuq il-prinċipji deskritti fil-Linji ta' Gwida.

14. Sabiex tingħata spinta 'l quddiem lill-kapaċità ta' previżjoni lil hinn mill-applikazzjoni tat-TTBER u biex l-analiżi dettaljata tiġi limitata għal każijiet li huwa probabbli li jippreżentaw kawżi reali ta' tħassib dwar il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ħolqot it-tieni kenn fi ħdan il-Linji ta' Gwida. Hija temmen li barra mill-qasam tar-restrizzjonijiet assolutament ipprojbiti, l-Artikolu 81 ma tantx huwa probabbli li jinkiser fejn hemm erba' teknoloġiji jew aktar ikkontrollati b'mod indipendenti – minbarra t-teknoloġiji kkontrollati mill-partijiet għall-ftehim – li jistgħu jissostitwixxu t-teknoloġija liċenzjata bi spiża komparabbli għall-utent.

15. Il-Linji ta' Gwida jipprovdu mhux biss qafas ġenerali biex jiġu analizzati l-ftehimiet tal-liċenzjar, iżda fihom ukoll taqsimiet speċifiċi dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 għal bosta tipi ta' restrizzjonijiet tal-liċenzjar, b'mod partikolari l-obbligazzjonijiet tas-somom li jitħallsu lill-awturi (*royalty)*, il-liċenzjar esklużiv u r-restrizzjonijiet tal-bejgħ, ir-restrizzjonijiet fil-produzzjoni, ir-ristrezzjonijiet tal-qasam ta' l-użu, ir-restrizzjonijiet ta' l-użu marbut *(captive use)*, l-irbit u r-raggruppament (*tying and bundling*) u l-obbligazzjonijiet ta' nuqqas ta'

[20] Dan għandu x'jaqsam b'mod partikolari ma' l-obbligazzjonijiet fuq il-persuna li ngħatatilha l-liċenzja biex jagħti lura jew jassenja, b'mod esklużiv, titjib li jista' jiġi sseparat minn, jew appplikazzjonijiet ġodda tat-teknoloġija awtorizzata u klawsoli li ma jkunx hemm impunjazzjoni.

[21] It-TTBER issa jkopri numru ta' restrizzjonijiet li jintużaw b'mod komuni bħal: restrizzjonijiet fil-qasam ta' l-użu, restrizzjonijiet fil-bejgħ attiv u passiv bejn il-persuna li tagħti l-liċenzja u l-persuna li ngħatatilha l-liċenzja sabiex iħarsu t-territorji esklużivi tagħhom, restrizzjonijiet fl-użu marbut.

kompetizzjoni. Il-Linji ta' Gwida fihom ukoll taqsima dwar il-valutazzjoni tal-gruppi ta' teknoloġija (*technology pools*)[22].

## 3. IR-REGOLAMENTI DWAR L-EŻENZJONI TA' KATEGORIJA TAT-TRASPORT

### 3.1 It-trasport marittimu

*L-eżami tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86*

16. Il-Kummissjoni għamlet progress importanti fl-eżami tagħha tar-Regolament 4056/86 li tnieda f'Marzu 2003. Ir-Regolament 4056/86 japplika r-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE għat-trasport marittimu u waħda mill-kwistjonijiet ewlenin ta' l-eżami hija jekk għadhomx ġustifikati l-kundizzjonijiet għal eżenzjoni skond l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għall-iffissar tal-prezzijiet u għar-regolazzjoni tal-kapaċità minn gruppi internazzjonali tat-tbaħħir.

17. Fuq il-bażi ta' proċess ta' konsultazzjoni dettaljat (kienu rċevuti 36 sottomissjoni bħala rispons għal dokument ta' konsultazzjoni u sar smigħ pubbliku) il-Kummissjoni ddiskutiet fit-28 ta' Mejju, waqt laqgħa informali ma' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u tat-trasport mill-Istati Membri, ir-riżultat tal-proċess ta' eżami s'issa. Dan irriżulta fl-adozzjoni, fit-13 ta' Ottubru, ta' *White Paper*[23], li fiha l-Kummissjoni kkonkludiet li m'hemm l-ebda evidenza ekonomika konklużiva li s-suppożizzjonijiet li fuqhom strieħet il-ġustifikazzjoni ta' l-eżenzjoni ta' kategorija meta ġiet adottata fl-1986, fiċ-ċirkustanzi tas-suq ta' bħalissa u fuq il-bażi ta' l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat, għadhom iġġustifikati. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkunsidrat tipproponix li tirrevoka l-eżenzjoni ta' kategorija preżenti għall-gruppi internazzjonali tat-tbaħħir. Fil-*White paper* tagħha, madankollu, il-Kummissjoni ħalliet il-bieb miftuħ għal alternattivi possibbli għas-sistema preżenti tal-gruppi internazzjonali tat-tbaħħir f'rotot lejn u mill-UE. Il-fornituri tas-servizzi tal-bastimenti tal-linja, irrappreżentati mill-Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Affarijiet tal-Bastimenti tal-Linja (ELAA - *European Liner Affairs Association*) diġà ppreżentaw ideat konkreti dwar qafas bħal dan. Madankollu, qabel ma tieħu pożizzjoni dwar dawk l-ideat, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom, u jipprovdu għażliet alternattivi.

*Il-modernizzazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000 (konsorzji)*

18. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehimiet, deċiżjonijiet u prattika miftiehma bejn il-kumpaniji tal-bastimenti tal-linja (konsorzji) jipprovdi eżenzjoni ta' kategorija fejn għandhom x'jaqsmu l-ftehimiet tal-konsorzji fit-trasport marittimu. L-għan ta' ftehim ta' konsorzju bejn żewġ kumpaniji li jħaddmu l-bastimenti jew aktar li jipprovdu s-servizzi ta' bastimenti tal-linja internazzjonali huwa li jkun hemm kooperazzjoni fl-operazzjoni konġunta ta' servizz tat-trasport

---

[22] Jiġifieri: arranġamenti fejn żewġ partijiet jew aktar jiġbru pakkett ta' teknoloġija li huwa awtorizzat mhux biss għall-kontributuri tal-grupp imma wkoll għall-partijiet terzi.

[23] *White Paper* dwar l-eżami tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE għat-trasport marittimu, COM(2004) 675 finali. Ara wkoll l-istqarrija lill-istampa tal-Kummissjoni IP/04/1213.

marittimu sabiex tittejjeb il-produttività u l-kwalità tas-servizz tal-bastimenti tal-linja, u sabiex jiġi mħeġġeġ l-użu akbar tal-kontejners u l-użu aktar effiċjenti tal-kapaċità tal-bastiment.

19. Minħabba li dan ir-Regolament jiskadi fil-25 ta' April 2005, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika[24] f'Ġunju dwar l-għażliet politiċi differenti għal-leġiżlazzjoni futura f'dan il-qasam u b'mod partikolari biex issir taf il-fehmiet ta' l-industrija, ta' l-Istati Membri u ta' partijiet terzi oħrajn interessati. Din il-konsultazzjoni saret fl-isfond ta' l-eżami li kien għaddej ta' l-eżenzjoni ta' kategorija għall-ftehimiet bejn gruppi ta' tbaħħir li tinsab fir-Regolament 4056/86. Fit-23 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ppubblikat abbozz ta' regolament preliminari li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000 fejn stiednet lill-partijiet interessati jibagħtu l-kummenti tagħhom.[25]

### 3.2 It-Trasport bl-Ajru

*L-estensjoni tas-setgħat ta' l-infurzar tal-kompetizzjoni fit-trasport internazzjonali bl-ajru – L-emendi għar-Regolamenti 3975/87 u 3976/87*

20. Fis-26 ta' Frar, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 411/2004[26] li jemenda żewġ regolamenti eżistenti fis-settur tat-trasport bl-ajru[27] u r-Regolament (KE) Nru 1/2003. Essenzjalment, ir-Regolament 1/2003 għalhekk ser japplika wkoll għat-trasport bl-ajru bejn il-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi. Aktar minn hekk, twessa' l-ambitu tar-Regolament tal-Kunsill li jippermetti lill-Kummissjoni toħroġ regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija għal ċerti servizzi elenkati tat-trasport bl-ajru (li jaffettwaw ukoll ir-rotot fit-tul). Sakemm ġie adottat dan ir-Regolament, il-Kummissjoni ma kellhiex setgħat effettivi ta' infurzar fil-qasam tat-trasport bl-ajru bejn l-UE u pajjiżi terzi, minkejja li ma kien hemm l-ebda dubju li r-regoli tal-kompetizzjoni kienu japplikaw ukoll għal dawn ir-rotot.[28] L-applikazzjoni tar-Regolament 1/2003 għat-trasport kollu bl-ajru, ikunu liema jkunu r-rotot involuti, fl-aħħar mill-aħħar iġib lit-trasport bl-ajru taħt il-qafas ġenerali ta' l-infurzar ta' l-*antitrust*. Ir-Regolament 411/2004 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, flimkien mal-pakkett tal-modernizzazzjoni.

*L-eżami tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1617/93*

21. L-element ċentrali tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1617/93, li jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2005, huwa l-eżenzjoni li hemm bħalissa għall-Konferenzi tat-Tariffi ta' l-IATA fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot fi ħdan l-UE. Din is-sena, il-

---

[24] Għad-dokument ta' pubblikazzjoni u għar-risposti li rċeviet il-Kummissjoni ara: http://europa.eu.int/comm/competition/antitrust/others/#consult_823

[25] ĠU C 319 tat-23.12.2004.

[26] ĠU L 68 tas-6.3.2004, p. 1. Ara wkoll l-istqarrija lill-istampa IP/04/272.

[27] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE fis-settur tat-trasport bl-ajru u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3976/87 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehimiet u għal prattika miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru.

[28] Ara l-każijiet konġunti 209-213/84 *Nouvelles Frontières*, [1986] ECR 1425. Qabel, l-evalwazzjoni ta' l-alleanzi ta' linji ta' l-ajru internazzjonali obbligat lill-Kummissjoni sabiex tissepara r-rotot ġewwa l-Komunità minn dawk tal-pajjiżi terzi fil-proċedura, li wassal għal xenarju ta' biċċiet 'l hemm u 'l hawn li ma kienx sodisfaċenti.

Kummissjoni bdiet l-eżami tar-Regolament 1617/93 u ppubblikat dokument tal-konsultazzjoni fit-30 ta' Ġunju fejn stiednet kummenti u evidenza mingħand il-gvernijiet, l-industrija u l-konsumaturi dwar kwistjonijiet essenzjali li għandhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni skond l-Artikolu 81(3) KE ta' dawn il-Konferenzi tat-Tariffi.

22. Il-Kummissjoni rċeviet u analizzat total ta' 52 tweġiba. Dik l-analiżi wriet ħtieġa għal esplorazzjoni oħra dettaljata ta' ċerti kwistjonijiet. Għal dak il-għan, kien ippreparat dokument ta' diskussjoni sabiex jipprovdi għal teħid tad-deċiżjonijiet trasparenti u jagħti l-opportunità lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-industrija biex iressqu l-aħħar grupp ta' kummenti.

## 4. L-EŻAMI TAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA: L-AVVIŻ IL-ĠDID TA' L-AĊĊESS GĦALL-FAJL

23. L-aċċess għall-fajl huwa pass proċedurali u salvagwardja importanti għad-dritt tad-difiża fil-każijiet kollha kontenzjużu ta' l-*antitrust* u ta' l-amalgamazzjonijiet, li jippermetti lil dawk milquta minn dikjarazzjonijiet ta' l-oġġezzjonijiet (SO - *statements of objections*) isiru jafu bl-evidenza fil-fajl tal-Kummissjoni sabiex jesprimu l-fehmiet tagħhom b'mod effettiv dwar il-konklużjonijiet li tkun laħqet il-Kummissjoni fl-SO.[29] Sabiex titkabbar it-trasparenza u ċ-ċarezza tal-proċedura tal-Kummissjoni fl-ipproċessar tat-talbiet għall-aċċess għall-fajl[30], il-Kummissjoni bdiet eżami ta' l-avviż korrenti ta' l-aċċess għall-fajl, li kien sar fl-1997[31]. Wara l-esperjenza li nkisbet bl-applikazzjoni ta' l-Avviż ta' l-1997, l-eżami jqis l-iżviluppi kemm fil-prattika tal-Kummissjoni[32] kif ukoll fil-ġurisprudenza reċenti[33]. L-eżami jfittex ukoll li tkun żgurata l-kompatibbiltà tar-regoli ta' l-aċċess għall-fajl mar-regoli modernizzati ta' l-*antitrust* u ta' l-amalgamazzjonijiet, kif ukoll mal-Mandat preżenti ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ[34].

---

29 Ir-Regolament Nru 1/2003 (l-*antitrust*), ir-Regolament Nru 139/2004 (l-amalgamazzjonijiet) u r-Regolamenti li Jimplimentaw rispettivi (ir-Regolamenti Nru 773/2004 u Nru 802/2004) jipprovdu li jrid ikun irranġat aċċess għall-fajl fil-każijiet kollha li jinvolvu deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' l-Artikoli 7, 8, 23, u 24(2) tar-Regolament Nru 1/2003 u l-Artikoli 6(3), 7(3), 8(2) sa (6), 14 u 15 tar-Regolament ta' l-Amalgamazzjonijiet.

30 Id-dritt ta' aċċess għall-fajl fi proċeduri ta' *antitrust* u amalgamazzjonijiet huwa distint mid-dritt ġenerali ta' aċċess għad-dokumenti skond ir-Regolament Nru 1049/2001, li huwa suġġett għal kriterji differenti u li għandu għan differenti.

31 L-Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni ta' proċedura biex jiġu pproċessati t-talbiet għal aċċess għall-fajl fil-każijiet skond l-Artikoli 85 u 86 [issa 81 u 82] tat-Trattat KE, l-Artikoli 65 u 66 tat-Trattat ECSC u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, ĠU C 23, 23.1.1997, p. 3.

32 Il-prattika tal-Kummissjoni evolviet minħabba sitwazzjonijiet ġodda u li qatt ma kien hemm bħalhom qabel, bħan-numri kbar ħafna ta' partijiet involuti fil-proċeduri, iżda wkoll sabiex titkabbar l-effiċjenza fil-proviżjon ta' l-aċċess għall-fajl permezz ta' mezzi teknoloġiċi ġodda.

33 B'mod partikolari, fil-każ tal-"kartell tas-siment" quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza: is-Sentenza tal-15.3.2000 fil-każijiet konġunti T-25/95 et al., Cimenteries CBR SA et al.

34 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23.5.2001 dwar it-termini ta' riferenza ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ, ĠU L 162 of 19.6.2001.

24. Wara diskussjoni ma' l-Istati Membri, fil-21 ta' Ottubru l-Kummissjoni ppubblikat abbozz ta' Avviż dwar ir-regoli ta' l-aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni fil-proċeduri ta' l-*antitrust* u ta' l-amalgamazzjonijiet [35] u nediet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz. Tressqu madwar 20 kontribuzzjoni bħala risposta għal din il-konsultazzjoni, l-aktar mill-prattikanti legali, iżda wkoll mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tal-ħaddiema.

25. L-abbozz jipprovdi għall-kjarifika ta' min għandu dritt legali għall-aċċess għall-fajl, għal liema informazzjoni jingħata l-aċċess, meta jsir l-aċċess, u l-proċeduri biex jiġi implimentat l-aċċess għall-fajl. Il-karatteristiċi ewlenin ta' l-abbozz huma:

- distinzjoni bejn id-dritt ta' l-aċċess għall-fajl (għal dawk indirizzati minn SO) u l-aċċess għal dokumenti speċifiċi (għal dawk li jagħmlu l-ilment fil-proċeduri ta' l-*antitrust* u għal partijiet oħrajn involuti fil-proċeduri ta' l-amalgamazzjonijiet);
- definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi il-"fajl tal-Kummissjoni" u distinzjoni ċara bejn dokumenti li huma aċċessibbli u dokumenti li mhumiex;
- distinzjoni bejn il-proċeduri ta' l-*antitrust* u dawk ta' l-amalgamazzjonijiet fejn għandu x'jaqsam il-mument meta jingħata l-aċċess għall-fajl;
- deskrizzjoni tal-proċeduri għat-trattament ta' informazzjoni konfidenzjali u biex ikun implimentat l-aċċess għall-fajl, kif ukoll tal-proċedura biex tinstab soluzzjoni għan-nuqqas ta' ftehim dwar it-talbiet għal segretezza, inkluż ir-rwol ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ.

[35] L-Abbozz ta' l-Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' l-aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni fil-każijiet skond l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. ĠU C 259 tal-21.10.2004, pp. 8-18. Disponibbli fuq: http://europa.eu.int/comm/competition/general_info/access_to_documents.html

# B – L-APPLIKAZZJONI TA' L-ARTIKOLI 81, 82 U 86

## 1. L-ABBUŻ TAL-POŻIZZJONIJIET DOMINANTI (L-ARTIKOLU 82 KE)

### 1.1 Id-Deċiżjonijiet

*CEWAL*

26. Fit-28 ta' April, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li timponi multa ta' € 3.4 miljun fuq Compagnie Maritime Belge ('CMB'), kumpanija Belġjana tal-bastimenti. Il-multa ġiet imposta minħabba r-rwol tas-CMB fl-imġiba abbużiva min-naħa tal-grupp internazzjonali tat-tbaħħir, *Associated Central West Africa Lines* (Cewal, il-Linji Assoċjati ta' l-Afrika tal-Punent Ċentrali), li s-CMB hija membru tagħha, fl-aħħar tas-snin tmenin[36].

27. Deċiżjoni ta' qabel[37], fejn il-Kummissjoni kienet diġà imponiet il-multi fuq erba' membri tal-Cewal, inkluża s-CMB, kienet ġiet parzjalment annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja (ECJ – *European Court of Justice*) fejn kellhom x'jaqsmu l-multi[38]. L-ECJ qieset li l-Kummissjoni għamlet żball proċedurali billi ma ndikatx b'mod ċar fid-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet li saret qabel id-deċiżjoni li kienet biħsiebha timponi l-multi fuq il-membri *individwali* tal-Cewal.

28. Sabiex il-ksur ma jitħalliex mingħajr sanzjoni (l-appell kontra s-sejbiet tal-ksur kien ġie miċħud kemm mis-CFI u mill-ECJ) il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida li imponiet multa fuq is-CMB wara proċedura ġdida skond dak li sabet l-ECJ[39].Din id-deċiżjoni hija għal kollox ibbażata fuq is-sejbiet sostantivi tad-deċiżjoni oriġinali.

29. Il-kalkolu tal-multa huwa bbażat fuq valutazzjoni ta' l-impatt ta' l-imġiba illegali tas-CMB meta mqabbla ma' l-involviment tal-membri l-oħrajn tas-Cewal. Ġiet imposta multa aktar baxxa milli fid-deċiżjoni oriġinali, minħabba li ċerti ċirkustanzi aggravanti li kienu jeżistu fi żmien dik id-deċiżjoni ma baqgħux jitqiesu.

---

36 Is-Cewal eżistiet bejn il-bidu tas-snin 70 u n-nofs tas-snin 90. Kienet magħmula minn kumpaniji tal-bastimenti li joperaw servizz regolari tal-linja bejn il-portijiet taz-Zaire u ta' l-Angola u dawk tal-Baħar tat-Tramuntana, ħlief għar-Renju Unit. Is-segretarjat ta' Cewal kien f'Antwerp.

37 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/82/KEE tat-23.12.1992 li għandha x'taqsam ma' proċedura skond l-Artikoli 85 (IV/32.448 u IV/32.450: Cewal, Cowac u Ukwal) u 86 (IV/32.448 u IV/32.450: Cewal) tat-Trattat KEE, ĠU L 34 ta' l-10.2.1993, p. 20. Il-multa oriġinali ta' ECU 9.6 miljun li l-Kummissjoni imponiet fuq is-CMB tnaqqset mill-Qorti tal-Prim Istanza għal 8.64 miljun bis-sentenza tat-28.10.1996 fil-każijiet konġunti T-24/93, T-25/93, T-26/93 u T-28/93 CMB u oħrajn.

38 Is-Sentenza tas-16.3.2000 fil-każijiet konġunti C-395/96 P CMB, CMBT u C-396/96 P Dafra-Lines [2000] ECR I-1365.

39 Ir-Regolament 2988/74 li jikkonċerna l-perjodi ta' limitazzjoni fil-proċeduri li jirrelataw mat-trasport u mal-kompetizzjoni fih perjodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin li ma jistax jiġi interrott u perjodu ta' limitazzjoni ġenerali ta' għaxar snin biex tkun imposta multa. Dawn il-perjodi ta' limitazzjoni ma kinux skadew għaliex kienu ġew sospiżi matul il-proċeduri tal-qorti.

*Il-Clearstream*[40]

30. Fit-2 ta' Ġunju, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fejn sabet li Clearstream Banking AG u l-kumpanija *parent* tagħha Clearstream International SA ("Clearstream") kisru l-Artikolu 82 KE billi rrifjutaw li jipprovdu servizzi ta' l-ikklerjar u l-issettiljar tat-titoli bejn pajjiż u ieħor[41] lil Euroclear Bank SA ("Euroclear Bank") u billi applikaw prezzijiet diskriminatorji bi ħsara għal dan il-klijent.

31. Clearstream Banking AG hija l-unika Wertpapiersammelbank (Depożitarju Ċentrali tat-titoli[42]) fil-Ġermanja. Il-Kummissjoni qieset li matul iż-żmien ta' referenza konċernat, jiġifieri mill-1997 sa l-2001 kollu, Clearstream kellha pożizzjoni dominanti biex tipprovdi servizzi ta' l-ikklerjar u ta' l-issettiljar tat-titoli min-naħa għall-oħra tal-fruntiera lill-intermedjarji li jinsabu fi Stati Membri oħrajn.

32. Iċ-ċaħda tal-provvista kellha x'taqsam ma' ishma rreġistrati[43] maħruġa skond il-liġi Ġermaniża. Filwaqt li l-liġi tal-kompetizzjoni tagħraf il-libertà tal-kumpaniji li jagħżlu b'mod ħieles lis-sħab tagħhom fil-kummerċ, il-kumpaniji li huma f'pożizzjoni dominanti għandhom responsabbiltà speċjali. Fil-każ preżenti, l-imġiba ta' Clearstream ikkwalifikat bħala rifjut li tipprovdi minħabba li:

– Clearstream Banking AG hija l-unika kustodju aħħari tat-titoli Ġermaniżi li jinżammu f'kustodja kollettiva mħarsa, li hija l-unika forma sinifikanti ta' kustodja llum għat-titoli innegozjati. Id-dħul ta' operaturi ġodda f'din l-attività mhuwiex realistiku għall-ġejjieni previdibbli. Għalhekk, Clearstream Banking AG tista' tiġi kkwalifikata bħala sieħeb kummerċjali li ma jistax jiġi evitat;

– Euroclear Bank ma setax hu stess jagħti s-servizzi li kien qiegħed jitlob; u

– L-imġiba ta' Clearstream kellha l-effett li xxekkel l-abilità tal-Euroclear Bank li jipprovdi servizzi effiċjenti ta' l-ikklerjar u ta' l-issettiljar tat-titoli minn pajjiż għall-ieħor lil klijenti fis-suq uniku.

33. Il-Euroclear Bank kiseb is-servizzi li kien qiegħed ifittex f'Novembru 2001, aktar minn sentejn wara li talabhom. Matul dan il-perjodu kollu, Clearstream Banking AG ċaħdet lill-Euroclear Bank l-ikklerjar u l-issettiljar għall-ishma rreġistrati tas-servizzi. Dan id-dewmien minn Clearstream fir-rigward tal-Euroclear Bank jikkuntrasta mad-dewmien tas-soltu ta' mhux aktar minn erba' xhur li matulu klijenti oħrajn komparabbli ngħataw is-servizzi ta' kklerjar u ssetiljar.

---

40 COMP/38.096.

41 L-ikklerjar u l-issettiljar tat-titoli huma passi meħtieġa biex jitlesta n-negozju fit-titoli. L-ikklerjar huwa l-proċess li permezz tiegħu jiġu stabbiliti l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tax-xerrej u tal-bejjiegħ. L-issettiljar huwa t-trasferiment tat-titoli mill-bejjiegħ lix-xerrej u t-trasferiment tal-fondi mix-xerrej lill-bejjiegħ.

42 Id-Depożitarji Ċentrali tat-Titoli jżommu t-titoli u jippermettu li jiġu pproċessati t-transazzjonijiet tat-titoli permezz ta' annotazzjoni fil-kotba. F'pajjiżu, id-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli jipprovdi servizzi ta' pproċessar għan-negozji ta' dawk it-titoli li jżomm fil-kustodja finali. Jista' joffri wkoll servizzi ta' pproċessar bħala intermedjarju fl-ikklerjar u fl-issetiljar minn pajjiż għall-ieħor,, fejn id-depożitarju primarju tat-titoli ikun f'pajjiż ieħor.

43 L-ishma Ġermaniżi li l-aktar li huma nnegozjati fuq livell internazzjonali (ishma primi *(blue chip)* bħal Daimler Chrysler, Siemens, Allianz, Deutsche Post, Deutsche Telekom, Deutsche Bank, Lufthansa u oħrajn) huma ishma rreġistrati, u mhux ishma għall-portatur *(bearer shares)*.

34. Fir-rigward tad-diskriminazzjoni fil-prezzijiet, il-Kummissjoni sabet li, bejn Jannar 1997 u Jannar 2002, Clearstream talbet lil Euroclear Bank, għal servizzi ekwivalenti, prezz ogħla għal kull tranżazzjoni milli talbet lil depożitarji tat-titoli oħrajn minn barra l-Ġermanja. Il-Kummissjoni eżaminat fid-dettall il-kontenut tas-servizzi u l-ispejjeż biex dawn jiġu provduti sabiex tistabbilixxi jekk id-differenza fil-prezz setgħetx tkun iġġustifikata, u kkonkludiet illi dan ma kienx il-każ.

35. Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma timponix multi. Fost fatturi oħrajn, il-Kummissjoni qieset li m'hemm l-ebda ġurisprudenza Komunitarja li tittratta l-analiżi tal-kompetizzjoni fejn għandhom x'jaqsmu l-ikklerjar u l-issettiljar. Ukoll, hemm dibattitu mifrux sew dwar l-ikklerjar u l-issettiljar f'istituzzjonijiet u fora differenti sabiex jiġi definit aħjar ir-rwol tal-protagonisti differenti fl-industrija.

*Il-Microsoft*

36. Fl-24 ta' Marzu, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' projbizzjoni b'multi kontra l-Korporazzjoni Microsoft ("Microsoft") b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 KE.[44] Din id-deċiżjoni kkonkludiet li l-Microsoft kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tas-sistemi ta' operazzjoni tal-kompjuters personali[45] b'żewġ modi.

1) Billi rrifjutat li tipprovdi informazzjoni dwar l-interoperabilità

37. Il-Microsoft żammet mill-kompetituri fis-suq tas-sistemi operattivi tas-servers tal-*work groups*, l-informazzjoni meħtieġa biex il-prodotti tagħhom jinteroperaw bis-sħiħ mas-sistema operattiva tal-kompjuters personali dominanti tal-Microsoft, il-Windows. Filwaqt li l-Microsoft qabel kienet żvelat din it-tip ta' informazzjoni dwar l-interoperabilità meta daħlet fis-suq tas-sistemi operattivi tas-servers tal-*work groups*, kienet imbagħad adottat politika li tiċħad li tagħti informazzjoni ta' dan ix-xorta lill-kompetituri tagħha, biex b'hekk fixklet il-livelli tal-provvista li kien hemm qabel. Fl-1998, il-Microsoft ċaħdet talba formali mis-Sun għal informazzjoni bħal din dwar l-interoperabilità . Fuq il-bażi ta' stħarriġ estensiv fis-suq, il-Kummissjoni kkonkludiet illi l-informazzjoni konċernata kienet indispensabbli biex wieħed jikkompeti fis-suq tas-sistemi operattivi tas-servers tal-*work groups* u li billi rrifjutat li tagħtiha, il-Microsoft setgħet tistabbilixxi pożizzjoni dominanti, u kien hemm ir-riskju li telimina l-kompetizzjoni kollha li kien għad fadal f'dak is-suq. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li ċ-ċaħda tal-Microsoft li tipprovdi din l-informazzjoni llimitat l-iżvilupp tekniku bi preġudizzju għall-konsumaturi: kieku l-kompetituri kellhom aċċess għall-informazzjoni miċħuda, kieku setgħu jipprovdu prodotti ġodda u aħjar lill-konsumatur mingħajr ma jikkupjaw dak li kienet qed toffri l-Microsoft.

2) Permezz tar-rabta tal-*Windows Media Player* mal-*Windows*

38. Il-Microsoft għamlet ħsara lill-kompetizzjoni fis-suq ta' l-i*streaming media player* billi rabtet prodott separat mas-sistema operattiva tal-kompjuters personali *Windows* dominanti tagħha – l-i*streaming media player* tagħha, jiġifieri il-*Windows Media*

---

44 Il-Każ COMP/37.792 huwa disponibbli fuq: http://europa.eu.int/comm/competition/antitrust/cases/decisions/37792/en.pdf

45 Il-Microsoft kellha madwar 95% ta' dan is-suq.

*Player*. Din il-prattika ta' rbit wasslet biex il-*Windows Media Player* ikun preżenti kullimkien bħall-Windows, li b'mod artifiċjali ġiegħlet lill-fornituri tal-kontenut u lil dawk li jiżviluppaw is-softwer sabiex jiddependu fuq it-teknoloġija tal-*Windows Media*, u ma ppermettiex lil *streaming media players* rivali jikkompetu fuq il-mertu tal-prodotti tagħhom. Id-Deċiżjoni turi li l-Microsoft kisbet vantaġġ sew fuq il-kompetituri tagħha minn meta bdiet l-istrateġija ta' l-irbit tagħha f'nofs l-1999

39. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-imġiba abbużiva tal-Microsoft ikkostitwiet ksur serju ħafna tar-regoli tal-kompetizzjoni ta' l-UE u imponiet multa ta' €497.196 miljun fuq il-Microsoft[46].

40. Sabiex ittemm il-ksur tal-liġi, il-Kummissjoni obbligat lill-Microsoft tieħu dawn l-azzjonijiet ta' rimedju ewlenin:

- li tiżvela l-informazzjoni rilevanti dwar l-interoperabilità u tippermetti li din tintuża għall-iżvilupp ta' prodotti kompatibbli tas-sistemi operattivi tas-servers tal-gruppi ta' ħidma ("ir-rimedju ta' l-interoperabilità").

- li tagħmel disponibbli verżjoni tas-sistema operattiva tal-kompjuters personali *Windows* li ma tinkludix il-*Windows Media Player* ("ir-rimedju tat-tneħħija ta' l-irbit"). Il-manifatturi tal-kompjuters personali u l-konsumaturi b'hekk jistgħu jiksbu l-*Windows* bil-*media player* li jagħżlu huma.

- Barra minn hekk, il-Microsoft kellha tressaq proposta biex jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-monitoraġġ fil-forma ta' fiduċjarju tal-monitoraġġ. Il-Microsoft ressqet proposta ta' din ix-xorta.

41. Il-Microsoft ressqet applikazzjoni għall-annullament tad-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza (CFI")[47], kif ukoll applikazzjoni għal miżuri interim fejn fittxet is-sospensjoni tar-rimedju ta' l-interoperabilità u tar-rimedju tat-tneħħija ta' l-irbit sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għall-annullament[48]. Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tipprovax tinforza dawn ir-rimedji sakemm toħroġ l-ordni tal-President tas-CFI dwar l-applikazzjoni tal-Microsoft għall-miżuri interim.[49] Fit-22 ta' Diċembru, il-President ċaħad għalkollox l-applikazzjoni tal-Microsoft għal miżuri interim[50].

---

[46] Din il-multa kienet tlaħħaq għal 1.62% tad-dħul dinji tal-Microsoft fl-aħħar sena kummerċjali disponibbli.

[47] Il-Każ T-201/04

[48] Il-Każ T-201/04R

[49] Is-seduti dwar l-applikazzjoni għal miżuri interim saru fit-30.9.2004 u fl-1.10.2004.

[50] Ara aktar 'l isfel, fit-Taqsima I.C.

**KAXXA 2: L-Applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni ta' l-UE għas-servizzi Ċellulari u ta' l-Internet *Broadband***

Fl-2004, il-kompetizzjoni fis-settur tal-mezzi tal-komunikazzjoni elettronika intensifikat u t-tkabbir kien qawwi f'xi wħud mis-sezzjonijiet tas-suq[51]. Fl-UE mkabbra ta' 25 Stat Membru, iż-żewġ mexxejja ewlenin fejn għandu x'jaqsam it-tkabbir fis-settur kienu s-servizzi fissi tal-broadband u s-servizzi ċellulari. It-tkabbir fis-settur tal-broadband għadda lil dak fis-settur ċellulari.

Fejn għandhom x'jaqsmu l-attivitajiet ta' l-*antitrust*, il-Kummissjoni ffokat fuq dawn iż-żewġ sezzjonijiet ta' importanza mill-akbar. Fil-kuntest tal-qafas regolatorju l-ġdid għall-mezzi tal-komunikazzjoni elettronika, li ilu japplika mill-25 ta' Lulju 2003, il-politika tal-kompetizzjoni tkompli tokkupa rwol prominenti biex iġġib ir-regolazzjoni tas-settur aktar skond il-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni.

Fil-kuntest tas-servizzi ta' l-aċċess għall-internet bil-*broadband*, l-intervent tal-Kummissjoni fir-rigward ta' kompressjoni tal-marġini (*margin squeeze*) mmexxi minn Deutsche Telekom wassal lil din ta' l-aħħar – bħala l-operatur storiku u eżistenti tal-linji fissi fil-Ġermanja – biex tnaqqas b'mod sinifikanti t-tariffi tagħha għall-qsim tal-linji[52]. Fid-dawl ta' dan it-tnaqqis fit-tariffi, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tagħlaq l-investigazzjoni tagħha fl-allegat abbuż tal-pożizzjoni dominanti tad-Deutsche Telekom fis-suq fejn ikun provdut l-aċċess bil-*broadband* għan-netwerk fiss tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni aċċettat l-impenji tad-Deutsche Telekom li sa mill-1 ta' April 2004 ma tibqax titlob prezzijiet għolja u li tibqa' timxi hekk għat-tul.[53]

Fir-rigward tal-mezzi tal-komunikazzjoni ċellulari, il-Kummissjoni ħarġet żewġ dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjonijiet fis-26 ta' Lulju dwar ir-*roaming* internazzjonali fir-Renju Unit. L-oġġezzjonijiet kellhom x'jaqsmu mar-rati li ċċarġjaw l-O2 u l-Vodafone lil operaturi oħrajn tan-netwerks ċellulari għar-*roaming* internazzjonali fuq il-livell ta' bejgħ bl-ingrossa. Fuq il-bażi ta' l-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset li t-tnejn li huma kienu ċċarġjaw prezzijiet mhux ġusti u eċċessivi, il-Vodafone mill-1997 u mill-inqas sa Settembru 2003, u l-O2 mill-1998 mill-inqas sa Settembru.[54] Fl-aħħarnett, fejn għandhom x'jaqsmu s-servizzi tar-*roaming* internazzjonali ċellulari, il-Kummissjoni qiegħda tħares ukoll lejn l-effetti kompetittivi li jirriżultaw mill-ħolqien reċenti ta' alleanzi strateġiċi ċellulari (bħall-"Freemove" jew l-i"Starmap").

### 1.2 Żviluppi oħrajn fil-każijiet u ċ-ċaħdiet ta' l-ilmenti

*Interbrew (abbuż)*[55]

42. Fit-30 ta' April, il-Kummissjoni għalqet l-investigazzjonijiet tagħha ta' l-Artikolu 82, li kienet bdiet fl-1999 fuq l-inizjattiva tagħha stess kontra l-prattika ta' l-Interbrew N.V. (issa: "Inbev N.V.") fir-rigward tal-bejjiegħa bl-ingrossa tal-birra Belġjani,

---

[51] Ara l-Għaxar Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni [Żid ir-referenza, meta r-Rapport ikun disponibbli]

[52] Ħlas li l-kompetituri jridu jħallsu lid-Deutsche Telekom għal aċċess komuni għal-*loops* lokali tagħha.

[53] L-istqarrija lill-Istampa IP/04/281

[54] L-istqarrija lill-Istampa IP/04/994

[55] COMP/37.409, IP/04/574 tat-30.4.2004.

wara li l-Interbrew għamlet għadd ta' impenji. B'mod partikolari l-Interbrew intrabtet li temenda s-sistemi tagħha ta' skontijiet u l-isħubija u l-ftehimiet tagħha mal-bejjiegħa bl-ingrossa b'tali mod li l-fornituri rivali m'għadhomx imrażżna milli jikkompetu b'mod effettiv ma' l-Interbrew fil-Belġju.

43. L-Interbrew l-ewwel qablet li tagħmel is-sistema ta' skontijiet skond il-volum standardizzata tagħha għalkollox trasparenti għall-bejjiegħa bl-ingrossa kollha minflok ma tipprovdihom biss bir-rata ta' skont li tikkorrispondi mal-medda tal-volum li fihom jaqa' x-xiri tagħhom tat-tipi differenti ta' birra u r-rati li jikkorrispondu għall-meded tal-volum li jinsabu eżattament fuq u taħt dik il-medda. Sistema oħra ta' skontijiet, speċifikament maħsuba għall-bejjiegħa bl-ingrossa li huma ppreparati li jbiegħu t-tipi differenti ta' birra ta' l-Interbrew fil-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut marbuta tagħhom, ser tiġi wkoll emendata b'tali mod li l-iskontijiet mhux se jibqgħu jiżdiedu man-numru ta' ħwienet marbuta tal-bejjiegħ bl-ingross iżda jirrappreżenta ammont fiss għal kull elettrolitru ta' tip partikolari ta' birra, ikun x'ikun in-numru ta' ħwienet marbuta.

44. Skond il-ftehimiet ta' sħubija ta' l-Interbrew, l-Interbrew mhux ser jkollha aktar aċċess għad-data kummerċjali konfidenzjali tal-bejjiegħa bl-ingrossa u mhux ser ikollha d-dritt timblokka offerta ta' kompetitur biex jixtri n-negozju tal-bejjiegħ bl-ingrossa u tagħmel l-offerta tagħha minflok (l-abolizzjoni tad-"dritt ta' l-ewwel rifjut"). Fl-aħħarnett, fir-rigward tal-ftehimiet kummerċjali li permezz tagħhom l-Interbrew tagħti lill-bejjiegħa bl-ingrossa għadd ta' inċentivi bħal appoġġ finanzjarju jew għodda l-aktar bħala tpattija għal attivitajiet promozzjonali, l-Interbrew aċċettat li a) tabolixxi kwalunkwe kondizzjoni meħtieġa ta' esklużività ta' prodott, b) tagħmel il-kriterji ta' l-eliġibilità għalkollox trasparenti u c) tiċċara li l-istess inċentivi huma miftuħa għall-bejjiegħa bl-ingrossa kollha mingħajr eċċezzjoni.

*Scandlines v il-Port ta' Helsingborg*[56] *u Sundbusserne v il-Port ta' Helsingborg*[57].

45. Fit-23 ta' Lulju, il-Kummissjoni ħadet żewġ deċiżjonijiet[58] fejn ċaħdet żewġ ilmenti iddepożitati mill-operaturi ta' laneċ - Scandlines Sverige AB u Sundbusserne AS – kontra l-Port ta' Helsingborg fl-Isvezja. Dawn iż-żewġ ilmenti paralleli kellhom x'jaqsmu ma' allegati abbużi skond l-Artikolu 82 KE fejn għandhom x'jaqsmu ħlasijiet eċċessivi tal-port iċċarġjati mill-Port ta' Helsingborg għas-servizzi provduti lill-operaturi tal-laneċ li huma attivi tul ir-rotta ta' Helsingborg–Elsinore bejn l-Isvezja u d-Danimarka.

46. Wara investigazzjoni estensiva, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-evidenza disponibbli ma kinitx suffiċjenti biex jintwera sal-livell legali meħtieġ li l-prezzijiet konċernati kienu eċċessivi. Id-deċiżjonijiet jindikaw diffikultajiet aktar ġenerali fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 KE f'każijiet ta' prezzijiet eċċessivi, b'mod partikolari fil-każijiet fejn mhu disponibbli l-ebda punt ta' referenza utli.

56 COMP/A.36.568

57 COMP/A.36.570

58 Il-verżjonijiet tad-deċiżjonijiet li mhumiex konfidenzjali kienu ppubblikati fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kompetizzjoni.

Minħabba li l-ġurisprudenza eżistenti dwar din il-kwistjoni hija pjuttost limitata[59], id-deċiżjonijiet jipprovdu, fost l-oħrajn, elementi li għandhom jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-valur ekonomiku ta' servizz u jekk prezz hux eċċessiv/inġust u għalhekk jikkostitiwixxi abbuż ta' pożizzjoni dominanti fit-tifsira ta' l-Artikolu 82 KE.

*Ir-Rati Tat-Terminazzjoni tal-KPN Mobile*[60]

47. Il-Kummissjoni għarrfet lill-imħarrkin li l-MCI kienet irtirat l-ilment tagħha fil-21 ta' Ottubru, u li l-Kummissjoni ma kinitx qed tikkunsidra tiħux aktar passi f'dan il-każ. F'dan il-każ, kienet inħarġet dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet fit-22 ta' Marzu 2002 fejn ġie allegat li l-KPN Mobile kienet qed tirrifjuta li tipprovdi interkollegament dirett lill-operaturi indipendenti u li kienet qiegħda twettaq kompressjoni tal-marġini bejn ir-rati bl-ingrossa tat-telefonati lejn telefowns ċellulari u l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi tan-netwerk ċellulari virtwali privat (MVPN – *mobile virtual private network*). Meta ddeċidet li ma tkomplix il-każ *ex officio* il-Kummissjoni qieset li l-intervent min-naħa tar-regolatur Olandiż OPTA sadanittant kien wassal biex il-KPN Mobile tagħmel offerta raġonevoli għal interkollegament dirett. Ir-rati bl-ingrossa għal interkollegament ċellulari fl-Olanda kienu naqsu wkoll u l-OPTA kienet fil-proċess li tanalizza aktar is-swieq għat-terminazzjoni fuq netwerks individwali ċellulari fl-Olanda fil-kuntest tal-qafas regolatorju l-ġdid għall-mezzi tal-komunikazzjoni elettronika li ġie implimentat fl-Olanda fir-Rebbiegħa ta' l-2004. Fl-aħħarnett, fl-investigazzjoni tagħha l-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni li fil-kuntest speċifiku tas-servizzi tal-MVPN l-eżistenza ta' strateġija ta' kompressjoni tal-marġini skond l-Artikolu 82 KE ma setgħetx tiġi stabbilita b'mod xieraq.

*B2/Telia*[61]

48. F'Novembru 2004, B2 Bredband AB (B2) irtirat l-ilment tagħha kontra TeliaSonera AB, l-operatur storiku u eżistenti tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni fl-Isvezja. Il-Kummissjoni sussegwentament għalqet il-każ tagħha. F'Diċembru 2003, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet kontra t-TeliaSonera, fejn allegat li l-kumpanija kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi kienet qed tagħmel prezzijiet maħsuba biex jeqirdu l-kompetizzjoni meta għamlet offerta għal kuntratt ewlieni għall-kostruzzjoni biex ikun provdut l-aċċess għall-Internet b'veloċità għolja f'Malmö. Il-Kummissjoni argumentat li l-offerta tat-TeliaSonera għal dak il-kuntratt kienet stabbilita apposta bi prezz irħas mill-ispejjeż u ma ħallietx lill-operatur jirkupra l-investimenti u l-ispejjeż li ġejjin mill-proviżjon ta' infrastrutturi u s-servizzi li jinsabu fil-kuntratt u li billi stabbiliet prezz daqshekk baxx, it-TeliaSonera ma ħallietx l-iżvilupp ta' infrastruttura alternattiva u d-dħul ta' fornituri tas-servizzi li jikkompetu magħha. Madankollu, investigazzjoni addizzjonali wara l-ħruġ tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet wasslet lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li ma setax jiġi stabbilit b'ċertezza suffiċjenti li t-TeliaSonera kellha pożizzjoni dominanti fis-suq rilevanti fiż-żmien meta tressqet l-offerta.

---

59 Id-deċiżjonijiet huma bbażati fuq it-test li żviluppat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ 27/76 United Brands v il-Kummissjoni, [1978] ECR 207.

60 COMP/37.704 – Ir-Rati tat-terminazzjoni ta' KPN Mobile.

61 COMP/37.663 – TeliaSonera AB – Servizzi tal-*Broadband.*

## 2. IL-KARTELS

**KAXXA 3: Stampa ġenerali ta' l-infurzar kontra l-kartels assolutament ipprojbiti**

Matul l-2004, il-Kummissjoni żammet l-enfasi tagħha fuq l-attività kontra l-kartels stabbilita fit-tliet snin ta' qabel billi ħarġet 6 deċiżjonijiet oħra kontra l-ftehimiet orizzontali illegali, u li jinvolvu madwar 30 kumpanija. Dawn il-każijiet kienu: *il-pajpijiet tar-ram tal-plaming*, *sodium gluconate*, *il-birra Franċiża, it-tabakk mhux ipproċessat ta' Spanja, il-labar tal-ħjata ibsin* u *l-klorur tal-kolin*[62]. Ġew imposti multi li b'kollox laħqu aktar minn EUR 390 miljun f'dawn id-deċiżjonijiet.

Matul din is-sena kien hemm għadd ta' żviluppi fil-ġlieda kontra l-kartels. B'mod partikolari ta' min isemmi tliet aspetti, jiġifieri l-iżviluppi fil-qasam tal-klemenza, il-konsegwenzi għall-infurzar kontra l-kartels ta' l-introduzzjoni tar-Regolament 1/2003 u l-kjarifika tar-regoli li jiggvernaw il-privileġġ legali.

*Il-Klemenza*

L-avviż ta' klemenza ta' l-2002 [63] kompla jkun għodda importanti ta' infurzar. L-għadd kbir ta' każijiet iġġenerati mill-avviż ta' klemenza ta' l-2002 juri li huwa ħafna effettiv, u bil-wisq aktar mill-avviż ta' klemenza ta' l-1996. Il-parti l-kbira tal-każijiet li issa waslu fl-istadju tad-deċiżjoni huma pproċessati skond l-avviż ta' l-2002[64].

*Ir-Regolament (KE) Nru 1/2003*

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1/2003 f'Mejju[65] saħħaħ b'mod notevoli s-setgħat ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Ta' min jenfasiżża tliet aspetti ewlenin. L-ewwelnett, ir-Regolament jestendi s-setgħat ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni biex jinkludu postijiet minbarra l-postijiet tal-kummerċ, inklużi r-residenzi privati tal-membri ta' l-istaff ta' intrapriża minħabba suspett raġonevoli li r-rekords kummerċjali jkunu qed jinżammu f'postijiet bħal dawn[66]. Din l-azzjoni tista' tiġi esegwita biss b'awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ta' l-Istat Membru konċernat. It-tieni, is-setgħat tat-tiftix tal-Kummissjoni huma msaħħa mill-abilità tagħha li tissiġilla l-postijiet tal-kummerċ għaż-żmien meħtieġ biex twettaq l-investigazzjoni[67]. It-tielet, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħat espliċiti li tintervista lil kwalunkwe persuna naturali jew legali, li taċċetta li tiġi intervistata, għall-fini ta' investigazzjoni[68].

*Il-privileġġ legali*

Wara appell mill-Kummissjoni, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja annulla, permezz ta' ordni tas-27 ta' Settembru[69] is-sospensjoni (parzjali) ta' l-operazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad talba għal privileġġ legali li qabel kien ġie ordnat mill-President tal-Qorti tal-Prim Istanza[70] fil-każ. Invilopp

62 Ara aktar 'l isfel għas-sommarji tad-deċiżjonijiet individwali.
63 L-avviż dwar l-immunità mill-multi u t-tnaqqis tal-multi fil-każijiet ta' kartelli(ĠU C 45 of 19.2.2002).
64 L-applikazzjoni għall-klemenza trid tkun laħqet lill-Kummissjoni wara d-19.2.2002 biex japplika l-avviż il-ġdid.
65 Ara l-punt 1 t'aktar 'il fuq.
66 L-Artikolu 21 tar-Regolament.
67 L-Artikolu 20 tar-Regolament.
68 L-Artikolu 19 tar-Regolament.
69 Il-Każ C-7/04 P (R). Għal aktar dettalji ara aktar 'l isfel, fejn hem il-każijiet tal-Qorti.
70 Il-każijiet konġunti T-125/03 R and T-253/03 R Akzo Nobel Chemicals Ltd u Akcros. Ara wkoll il-punt 33 tar-Rapport Annwali tal-Kompetizzjoni 2003,.

li kien fih uħud mid-dokumenti maqbuda waqt l-ispezzjoni iżda li l-partijiet qalu li kienu koperti mill-privileġġ legali[71], u li kien inżamm fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim Istanza, ingħata lura lill-Kummissjoni. L-ECJ innotat l-impenn tal-Kummissjoni li ma tiżvelax id-dokumenti li kienu s-suġġett tat-tilwima lil partijiet terzi sal-konklużjoni tal-proċeduri ewlenin. Ladarba l-metodu l-ġdid imressaq mill-partijiet fir-rigward ta' l-ambitu tal-privileġġ legali ma ġiex ikkonfermat mill-Qrati, il-Kummissjoni tkompli tieħu ħsieb l-ispezzjonijiet, bħal qabel, fuq il-bażi tal-ġurisprudenza stabbilita[72] li fil-fehma tal-Kummissjoni għadha valida u xierqa.

*Il-pajpijiet tar-ram tal-plaming*[73]

49. Fit-3 ta' Settembru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fejn sabet li l-produtturi Ewropej ewlenin tal-pajpijiet tar-ram tal-plaming, Boliden AB (flimkien mal-kumpaniji li qabel kienu s-sussidjarji tagħha Boliden Fabrication AB u Boliden Cuivre & Zinc S.A.), Halcor S.A., HME Nederland BV, IMI plc (flimkien mal-kumpaniji li (qabel) kienu s-sussidjarji tagħha IMI Kynoch Ltd. u IMI Yorkshire Copper Tube Ltd.), KM Europa Metal AG (flimkien mas-sussidjarji li huma għalkollox il-proprjetà tagħha Europa Metalli SpA u Tréfimétaux SA), Mueller Industries, Inc. (flimkien mas-sussidjarji tagħha WTC Holding Company, Inc., Mueller Europe Ltd., DENO Holding Company, Inc. u DENO Acquisition EURL), Outokumpu Oyj (flimkien mas-sussidjarja li hija għalkollox il-proprjetà tagħha Outokumpu Copper Products Oy) u Wieland Werke AG (flimkien mas-sussidjarji tagħha Austria Buntmetall AG u Buntmetall Amstetten Ges.m.b.H.), kienu kisru r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità Ewropea billi ftiehmu biex jiffissaw il-prezzijiet u jaqsmu s-swieq bejniethom fis-suq taż-ŻEE tal-pajpijiet tar-ram tal-plaming. Wara investigazzjoni li bdiet fl-2001, il-Kummissjoni stabbiliet li l-ksur dam min-nofs l-1988 sal-bidu ta' l-2001.

50. Il-prodott rilevanti jintuża l-aktar għall-installazzjonijiet ta' l-ilma, taż-żejt, tal-gass u tas-sħana fl-industrija tal-kostruzzjoni. Il-klijenti ewlenin għall-pajpijiet tal-plaming huma d-distributuri, il-bejjiegħa bl-ingrossa u l-bejjiegħa bl-imnut, li jbiegħu il-pajpijiet tal-plaming lil dawk li jinstallawhom u lil konsumaturi aħħarija oħrajn. Il-valur tas-suq aggregat tal-pajpijiet tar-ram tal-plaming normali (EUR 970,1 miljun) u dawk miksijin bil-plastik (EUR 180,9 miljun) jlaħħaq għal EUR 1.151 miljun (fiż-ŻEE fl-2000).

51. L-ammont totali tal-multi imposti fuq l-intrapriżi f'dan il-każ kien ta' ~ EUR 222,3 miljun. Ħlief għall-HME Nederland BV, dawk kollha indirizzati mid-deċiżjoni kkooperaw mal-Kummissjoni fl-investigazzjoni tagħha skond l-Avviż ta' Klemenza ta' l-1996. Il-Kummissjoni tat l-immunità mill-multi lill-grupp Mueller, tnaqqis ta' 50% mill-multa lill-Outokumpu, 35% lill-grupp KME u lill-grupp Wieland, 15% lill-Halcor u 10% lill-grupp IMI u lill-grupp Boliden għall-kooperazzjoni tagħhom. L-ogħla multa kienet imposta fuq il-kumpaniji tal-grupp KME, total ta' EUR 67,08 miljun. Il-grupp Wieland irċieva multa ta' EUR 27,8411 miljun, il-grupp IMI ta' EUR 44,98 miljun, l-Outokumpu ta' EUR 36,14 miljun, il-Boliden ta' EUR 32,6 miljun, il-Halcor ta' EUR 9,16 miljun u l-HME ta' EUR 4,49 miljun. L-Outokumpu

71 Il-każ ewlieni fuq din il-kwistjoni kien għadu pendenti fil-Qorti fl-aħħar tas-sena.
72 Ara l-Każ 155/79 AM & S v Il-Kummissjoni [1982] ECR 1575.
73 COMP/38.069

u l-KME ġew ippremjati b'fattur li jtaffi għall-kooperazzjoni tagħhom barra l-Avviż ta' Klemenza ta' l-1996. L-Outokumpu kienet l-ewwel intrapriża li żvelat li l-perjodu kollu li matulu dam il-kartell kien ta' aktar minn 12-il sena, il-KME kienet l-ewwel li żvelat evidenza deċiżiva fejn għandha x'taqsam il-kooperazzjoni li tikkonċerna l-pajpijiet tar-ram tal-plaming miksijin bil-plastik. Min-naħa l-oħra, l-Outokumpu ġiet penalizzata minn fattur aggravanti għal ksur ripetut, minħabba li kienet indirizzata minn deċiżjoni oħra tal-Kummissjoni li kkundannat kartell fis-settur ta' l-azzar abjad fl-1990, u rċeviet żjieda bħala deterrent.

*Is*-sodium gluconate[74]

52. Fid-29 ta' Settembru, il-Kummissjoni mmultat EUR 19.04 miljun lil erba' kumpaniji tal-Grupp Jungbunzlauer għas-sehem tagħhom fl-iffissar tal-prezz u fit-tqassim tas-suq tas-*sodium gluconate*, kimika li prinċipalment tintuża biex jitnaddaf il-metall u l-ħġieġ.

53. Id-deċiżjoni tissupplimenta l-ewwel deċiżjoni adottata fl-2001[75] li stabbiliet li sitt intrapriżi, inkluża kumpanija waħda mill-Grupp Jungbunzlauer, mexxew kartell sigriet mill-1987 sa l-1995. Dwar il-kumpanija tal-Grupp Jungbunzlauer, id-deċiżjoni adottata fl-2001 ġiet irtirata fl-2002 minħabba żball fattwali fir-raġunijiet għad-deċiżjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha għall-ksur.

54. Il-partijiet tal-kartell tas-*sodium gluconate* kienu responsabbli għall- produzzjoni kważi kollha tad-dinja. Il-ksur kien serju ħafna u l-Jungbunzlauer kisret ir-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni għal seba' snin. Fid-definizzjoni ta' l-ammont tal-multa, il-Kummissjoni qieset id-daqs limitat tas-suq tas-*sodium gluconate.* Aktar minn hekk, il-Jungbunzlauer irċeviet tnaqqis ta' 20% mill-multa tagħha minħabba li kkooperat mal-Kummissjoni skond l-Avviż ta' Klemenza ta' l-1996.

*Il-Birra Franċiża*[76]

55. Fid-29 ta' Settembru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' projbizzjoni bil-multi fuq il-bażi ta' l-Artikolu 81 (1) tat-Trattat KE kontra żewġ gruppi li jagħmlu l-birra, il-Brasseries Kronenbourg u dik li dak iż-żmien kienet il-kumpanija omm, il-Groupe Danone fuq naħa waħda, u l-Heineken France (preċedentement "Sogebra") u l-kumpanija omm tagħha Heineken N.V. fuq in-naħa l-oħra, minħabba li daħlu fi ftehim "armistizju" bl-għan li jibbilanċjaw is-settur "ta' barra mid-dar"[77] fi Franza bejn iż-żewġ gruppi u jtemmu gwerra ta' akkwisti fir-rigward tal-bejjiegħa bl-ingrossa tax-xorb bejn iż-żewġ gruppi. Madankollu, il-ftehim qatt ma ġie implimentat.

56. Ġeneralment, il-ksur tqies bħala wieħed serju. Il-Kummissjoni imponiet multa ta' miljun Euro fuq il-Heineken France u l-Heineken N.V. Multa ta' EUR 1.5 miljun

74 COMP/36.756.

75 Ara l-paragrafu 48 tar-Rapport Annwali tal-Kompetizzjoni 2001.

76 COMP/37.750 Brasseries Kronenbourg, Brasseries Heineken.

77 Jew: "Horeca" (*hotels, restaurants and cafés* – lukandi, restoranti u kafes)

ġiet imposta fuq il-Groupe Danone u l-Brasseries Kronenbourg, u r-reċidività nżammet bħala ċirkustanza aggravanti fid-determinazzjoni ta' din il-multa.

*It-Tabakk mhux ipproċessat ta' Spanja*[78]

57. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni imponiet multi li b'kollox telgħu għal 20 miljun euro fuq erba' kumpaniji Spanjoli li jipproċessaw it-tabakk mhux ipproċessat (Cetarsa, Agroexpansión, World Wide Tobacco España u Taes) kif ukoll fuq kumpanija Taljana li tipproċessa t-tabakk mhux ipproċessat (Deltafina) talli daħlu fi ftehim antikompetittiv li kellu l-għan li jiffissa l-prezz medju massimu li għandhom iħallsu lill-produtturi tat-tabakk mhux ipproċessat fi Spanja flimkien mal-kwantitajiet ta' tabakk mhux ipproċessat li għandhom jixtru. Il-kartell dam mill-1996 sa l-2001. Mill-1998, il-kumpaniji li jipproċessaw implimentaw sistema sofistikata ta' nfurzar u monitoraġġ. Mill-1999, ftiehmu wkoll bejniethom il-medda tal-prezzijiet għat-tabakk mhux ipproċessat li mbagħad għandhom jinnegozjaw mar-rappreżentanti tal-produtturi għall-introduzzjoni fil-kuntratti standard tal-koltivazzjoni, li jipprovdu qafas biex ikun stabbilit il-prezz finali tat-tabakk mhux ipproċessat fil-mument tal-konsenja. Il-kumpaniji omm ta' l-Agroexpansión u tal-WWTE tqiesu responsabbli flimkien u separatament għall-imġiba tas-sussidjarji tagħhom.

58. Fl-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni pprojbiet ukoll kartell li kien jinvolvi l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-kumpaniji li jipproduċu t-tabakk mhux ipproċessat (ASAJA, UPA, COAG u CCAE). Il-Kummissjoni sabet li dawn ftiehmu matul l-istess perjodu dwar il-meded tal-prezzijiet u l-prezzijiet minimi tat-tabakk mhux ipproċessat li mbagħad kellhom jinnegozjaw kollettivament ma' dawk li jipproċessaw it-tabbakk meta jiddiskutu l-kuntratti standard tal-koltivazzjoni u imponiet fuqhom multa simbolika ta' 1,000 euro kull wieħed biex jittieħed f'kunsiderazzjoni r-rwol li għandu l-qafas regolatorju fuq l-imġiba tagħhom. Din iċ-ċirkustanza tqieset ukoll bħala ċirkustanza skużanti fid-determinazzjoni tal-multi tal-kumpaniji li jipproċessaw it-tabbakk.

*Il-Labar tal-ħjata ibsin*[79]

59. Fid-Deċiżjoni tagħha, adottata fis-26 ta' Ottubru, il-Kummissjoni sabet li tliet intrapriżi u s-sussidjarji rispettivi tagħhom, jiġifieri William Prym GmbH & Co. KG u Prym Consumer GmbH & Co. KG, Coats Holdings Ltd u J & P Coats Ltd, Entaco Ltd u Entaco Group Ltd daħlu f'serje ta' ftehimiet bil-miktub, formalment bilaterali, bejn l-10 ta' Settembru 1994 u l-31 ta' Diċembru 1999, li fil-prattika kienu ftehim tripartitiku li taħtu dawk l-intrapriżi qasmu jew ikkontribwew biex jinqasmu s-swieq tal-prodotti (għall-prodotti ibsin tal-ħjata) u s-swieq ġeografiċi (għal-labar tal-ħjata). Ukoll, l-intrapriżi ħadu sehem f'laqgħat bilaterali jew trilaterali bejn l-10 ta' Mejju 1993 u t-8 ta' Novembru 2001.

60. Il-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni tagħha, b'mod partikolari, fuq l-eżistenza tal-klawsoli interkondizzjonali li jinsabu fis-serje ta' ftehimiet msemmija aktar 'il fuq. Dawn il-klawsoli kienu mġedda maż-żmien.

---

[78] COMP/38.238

[79] COMP/38.338, IP/04/1313 tas-26.10.2004.

61. Il-Kummissjoni identifikat tliet swieq rilevanti għall-prodotti: i) is-suq Ewropew għal-labar tal-ħjata bl-idejn u tas-snajja' (inklużi l-labar speċjali), li fih sar il-qsim tas-suq tal-prodott u dak ġeografiku, ii) is-suq Ewropew ta' "prodotti oħrajn tal-ħjata u tan-nitting inklużi l-labar tar-ras, il-labar tan-nitting" u iii) is-suq Ewropew għal prodotti oħrajn tal-ħjata ibsin inklużi żippijiet u qafliet oħrajn, li fil-każ taż-żewġ prodotti l-qsim tas-suq tal-prodott sar biss mill-10 ta' Settembru 1997 sat-13 ta' Marzu 1997.

62. Il-ksur kien minnu nnifsu serju ħafna minħabba li kellu x'jaqsam mal-qsim tas-suq tal-prodott u tas-suq ġeografiku bejn is-swieq differenti. Il-ftehimiet dwar il-qsim tas-suq tal-prodott intervjenew f'livelli differenti tas-suq, jiġifieri l-manifattura u d-distribuzzjoni (kemm fuq il-livell tal-bejgħ bl-ingrossa kif ukoll dak tal-bejgħ bl-imnut) minħabba li Coats kien prinċipalment distributur tal-labar tal-ħjata, iżda kien qed jikkompeti fuq il-livell tal-bejgħ bl-imnut ma' Prym u Entaco bil-marka tal-fabbrika tiegħu tal-labar tal-ħjata għall-bejgħ bl-imnut "Milward".

63. Skond l-Avviż ta' Klemenza ta' l-1996, il-Kummissjoni tat lill-Entaco tnaqqis ta' 100% mill-multa li inkella kienet ser tiġi imposta talli informat lill-Kummissjoni bl-eżistenza tal-ftehimiet tal-qsim tas-suq u talli ressqet evidenza deċiżiva li mingħajrha setgħu ma ġewx stabbiliti. Coats u Prym, li kienu responsabbli flimkien u separatament mas-sussidjarji rispettivi tagħhom, ingħataw multa ta' EUR 30 miljun kull wieħed.

*Il-klorur tal-kolin*[80]

64. Fid-9 ta' Diċembru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni kontra Akzo Nobel N.V., Akzo Nobel Nederland B.V., Akzo Nobel Chemical Internationals B.V., Akzo Nobel Chemicals B.V. u Akzo Nobel Functional Chemicals B.V., flimkien u separatament, kontra BASF A.G., Bioproducts Incorporated, Chinook Group Limited Partnership u Chinook Group Limited, flimkien u separatament, u kontra DuCoa L.P. u UCB S.A.

65. Dawn l-intrapriżi kisru r-regoli tal-kompetizzjoni Ewropej billi ħadu sehem f'kartell fl-industrija tal-klorur tal-kolin. Sa fejn għandha x'taqsam iż-ŻEE, il-kartell tal-klorur tal-kolin kien jitħaddem fuq żewġ livelli differenti, iżda relatati mill-qrib, il-livell globali u dak Ewropew. Fuq il-livell globali, il-produtturi kollha soġġetti għal din il-proċedura ħadu sehem f'attivitajiet anti-kompetittivi li jikkonċernaw iż-ŻEE bejn Ġunju 1992 u April 1994. Dawn l-attivitajiet inkludew it-twaqqif u ż-żjieda tal-prezzijiet madwar id-dinja, l-allokazzjoni tas-swieq madwar id-dinja, il-kontroll tad-distributuri u dawk li jittrasformaw il-prodott u l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

66. Il-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq ma ħadux sehem f'serje ta' laqgħat anti-kompetittivi oħra li saru strettament bejn il-produtturi Ewropej biex jikkoordinaw l-imġiba tagħhom fis-suq Ewropew. Dawn il-laqgħat saru fil-perjdou bejn Marzu 1994 u Ottubru 1998. L-attivitajiet inkludew it-twaqqif u ż-żjieda fil-prezzijiet (kemm għaż-ŻEE kollha, għal swieq partikolari nazzjonali kif ukoll għal klijenti individwali), l-allokazzjoni tal-klijenti individwali fost l-intrapriżi parteċipanti, l-

80 COMP/37.533.

allokazzjoni ta' l-ishma tas-suq għal kull intrapriża għas-suq kollu taż-ŻEE, il-kontroll tad-distributuri u dawk li jittrasformaw il-prodott u l-iskambju ta' informazzjoni li hija kummerċjalment sensittiva.

67. Id-daqs tas-suq dinji għall-klorur tal-kolin, li jintuża l-aktar fl-industrija ta' l-għalf ta' l-annimali, kien stmat għal EUR 183,7 miljun fl-1997, l-aħħar sena sħiħa tal-ksur, biż-ŻEE tlaħħaq għal EUR 52,6 miljun. Matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni, il-produtturi involuti fil-ksur ikkontrollaw aktar minn 80% tas-suq dinji. Il-produtturi Ewropej konċernati kkontrollaw qrib it-80% taż-żona taż-ŻEE.

68. Il-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq temmew l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur fi tmiem il-laqgħa globali li saret bejn l-14 u l-20 ta' April 1994. L-ewwel azzjoni li ħadet il-Kummissjoni biex tinvestiga l-ksur kienet fis-26 ta' Mejju 1999. Minħabba li din l-azzjoni seħħet aktar minn ħames snin wara li l-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq kienu temmew il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur, ma ġiet imposta l-ebda multa fuq il-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq, Bioproducts, Chinook u DuCoa.

69. Il-Kummissjoni imponiet il-multi li ġejjin fuq il-produtturi Ewropej: EUR 20,99 miljun b'mod konġunt u separatament fuq Akzo Nobel N.V, Akzo Nobel Nederland B.V., Akzo Nobel Chemicals International B.V., Akzo Nobel Chemicals B.V. u Akzo Nobel Functional Chemicals B.V., EUR 34,97 miljun fuq BASF A.G. u EUR 10,38 miljun fuq UCB S.A..

## 3. FTEHIMIET OHRAJN U PRATTIKA MIFTIEHMA OHRA

### 3.1 Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni

*Air France/Alitalia*[81]

70. Fis-7 ta' April, il-Kummissjoni approvat l-alleanza bejn l-Air France u l-Alitalia bla ħsara għal rabtiet sostantivi min-naħa tal-partijiet. Il-kondizzjonijiet imposti fid-deċiżjoni għandhom l-għan li jnaqqsu l-barrieri għad-dħul u jipprovdu lill-parteċipanti l-ġodda b'opportunità reali li jistabbilixxu rwieħhom bħala kompetituri kredibbli. Il-Kummissjoni identifikat seba' rotot li jikkoinċidu fejn l-għaqda tal-forzi ta' l-Air France u ta' l-Alitalia telimina l-kompetizzjoni jew tnaqqasha b'mod sinifikanti. Dawn huma: Pariġi-Milan, Pariġi-Ruma, Pariġi -Venezja, Pariġi-Firenze, Pariġi-Bolonja, Pariġi-Napli u Milan-Lyon, fejn qabel l-alleanza, l-Air France u l-Alitalia kienu ż-żewġ kompetituri ewlenin. Wara li l-kumpaniji ftiehmu b'mod partikolari biex iċedu numru suffiċjenti ta' ħinijiet ta' tluq u nżul fl-ajruporti biex jerġgħu jdaħħlu kompetizzjoni effettiva fuq dawn ir-rotot, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tagħti permess għal din it-tranżazzjoni[82].

---

81 COMP/38.284.

82 Din id-deċiżjoni ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza minn parti terza (Każ T-300/04)

*Topps*[83]

71. Fis-26 ta' Mejju, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni [84] fejn imponiet multa ta' EUR 1.59 miljun fuq The Topps Company Inc u fuq is-sussidjarji Ewropej tagħha, Topps Europe Ltd, Topps International Ltd, Topps UK Ltd u Topps Italia SRL ("Topps") għall-ksur ta' l-Artikolu 81(1) tat-Trattat. Il-grupp Topps jipproduċi prodotti li jistgħu jiġu kkollezzjonati bħal stikers jew kards li jitpartu bil-plejers tal-futbol jew bil-karattri tal-kartuns.

72. Il-Kummissjoni sabet li Topps daħlet f'serje ta' ftehimiet u prattiċi miftiehma ma' diversi intermedjarji tagħha fir-Renju Unit, fl-Italja, fil-Finlandja, fil-Ġermanja, fi Franza u fi Spanja, bl-għan li trażżan l-importazzjonijiet paralleli ta' l-oġġetti tal-Pokémon li jistgħu jiġu kkollezzjonati. Pokémon huwa l-isem ta' gamma sħiħa ta' karattri oriġinalment żviluppati għall-*videogame* 'Game Boy' tan-Nintendo iżda huma użati wkoll, taħt liċenzja, minn Topps bħala stampa fuq il-prodotti li jistgħu jiġu kkollezzjonati bħall-istikers jew il-kards li jitpartu. Fl-2000, kien hemm domanda qawwija għal dawn l-oġġetti tal-Pokémon li jistgħu jiġu kkollezzjonati filwaqt li l-prezzijiet bejn l-Istati Membri wrew differenzi sinifikanti. Il-familji f'pajjiżi bi prezzijiet għoljin, bħall-Finlandja, kellhom iħallsu aktar mid-doppju li ħallsu l-familji fil-Portugall għall-istess stikers ta' Pokémon.

73. Il-Kummissjoni u l-Qrati Komunitarji kkundannaw b'mod ċar restrizzjonijiet ta' kummerċ parallel bħal dawn ħafna drabi fl-imgħoddi. Jikkostitwixxu ksur serju ħafna ta' l-Artikolu 81(1) KE u jqiegħdu fil-periklu prinċipju fundamentali tas-suq intern. Permezz tal-miżuri deskritti aktar 'il fuq, Topps ma ħallitx lid-distributuri u fl-aħħar mill-aħħar lill-konsumaturi milli jibbenefikaw mid-differenzi sinifikanti fil-prezzijiet li jeżistu bejn l-Istati Membri.

74. Id-deċiżjoni kienet indirizzata lill-erba' sussidjarji Ewropej tat-Topps kollha li ħadu sehem fil-ftehimiet u fil-prattika miftiehma kontra l-kompetizzjoni, u wkoll lill-kumpanija omm aħħarija Amerikana li kienet f'pożizzjoni li tinfluwenza b'mod deċiżiv l-imġiba tas-sussidjarji li kienu għalkollox proprjetà tagħha. Id-deċiżjoni ma kinitx indirizzata lill-intermedjarji tat-Topps għaliex ir-responsabbiltà tagħhom għall-ksur kienet inqas sinifikanti. Fl-iffissar ta' l-ammont tal-multa, il-Kummissjoni qieset il-ksur li wettqet it-Topps, minkejja n-natura serja ħafna tagħha, bħala serja l-aktar minħabba li l-evidenza fil-fajl tal-Kummissjoni ma wrietx li r-restrizzjonijiet ta' l-importazzjonijiet paralleli ġew applikati b'mod sistematiku ma' l-intermedjarji kollha.

**KAXXA 4: Is-swieq ta' l-amministrazzjoni tad-drittijiet fl-UE**

L-iżvilupp ta' preżenza qawwija tad-diversità tal-mużika Ewropea u tal-kultura Ewropea fis-swieq ġodda on-lajn ma' l-Ewropa kollha huwa interess vitali fil-kuntest ġenerali ta' l-għanijiet ta' Liżbona. Dan ifisser li huwa meħtieġ dinamiżmu ġdid fil-bejgħ fis-suq tad-drittijiet tal-mużika Ewropea lill-utenti li jistgħu jespandu l-preżenza Ewropea f'dawk il-medja filwaqt li jinżammu l-kondizzjonijiet xierqa għall-iżvilupp tal-kontenut lokali. Fejn għandha x'taqsam l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għas-servizzi ta' l-amministrazzjoni tad-drittijiet, jeħtieġu attenzjoni speċjali r-

[83] COMP/37.980 Souris Bleue – Topps.
[84] IP/04/682 tas-26.5.2004.

restrizzjonijiet anti-kompetittivi fis-settur, kif ukoll l-inċentivi kompetittivi biex dawn is-servizzi jkunu provduti b'mod effiċjenti. Il-Kummissjoni stabbiliet il-prinċipji bażiċi għall-ħidma favur il-kompetizzjoni tal-kumpaniji li jamministraw id-drittijiet kollettivi fis-suq il-ġdid Ewropew on-lajn fid-deċiżjoni tagħha ta' l-IFPI[85]. Sadanittant, il-prinċipji l-ġodda ġew ipprovati fl-implimentazzjoni – u issa huma applikati b'mod pjuttost ġenerali għall-ħruġ tal-liċenzji fl-Ewropa kollha għall-*webcasting* tal-mużika mill-membri ta' l-IFPI, għad-drittijiet li għandhom.

Fir-rigward ta' dak li jissejjaħ il-'Ftehim ta' Santiago'[86] dwar l-amministrazzjoni tad-drittijiet ta' l-awturi għall-mużika permezz ta' l-Internet, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni formali ta' l-oġġezzjonijiet[87] għall-ftehim kurrenti, sabiex iġġiegħel lill-kumpaniji li jamministraw id-drittijiet kollettivi involuti jbiddlu l-karatteristiċi anti-kompetittivi fil-ftehim kurrenti, u jeliminaw ir-restrizzjoni tar-residenza ekonomika li taqsam is-suq taż-ŻEE.

Komunikazzjoni ta' April 2004 tistabbilixxi l-prinċipji futuri tat-tmexxija li l-Kummissjoni qed tipproponi għas-settur.[88] Minn perspettiva ta' kompetizzjoni, wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh għadd ta' kwistjonijiet ewlenin:

– Ir-restrizzjonijiet territorjali ma jridux ifixklu l-ħolqien ta' l-arranġamenti l-ġodda ta' *one-stop-shops* fl-Ewropa kollha li huma meħtieġa sabiex jiżdiedu l-effiċjenzi għal-liċenzjar fl-UE kollha u tad-drittijiet globali fis-swieq il-ġodda tal-mużika fl-Unjoni Ewropea.

– Skond il-liġi tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ser tqis b'mod favorevoli il-ftehimiet ta' *one–stop-shop* u l-ftehimet reċiproċi relatati bejn is-sistemi li jamministraw id-drittijiet kollettivi,

– Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tippermetti li r-restrizzjonijiet ta' l-imgħoddi jibqgħu pperpetwati fejn m'għadhomx indispensabbli.

– Il-proprjetarji tad-drittijiet iridu jkunu jistgħu jiddeterminaw huma stess it-taħlita xierqa bejn l-amministrazzjoni tad-drittijiet individwali u l-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tagħhom tal-mużika.

– L-arranġamenti ma jridux igeżwru b'mod li mhuwiex neċessarju l-offerti ta' l-amministrazzjoni tad-drittijiet. L-amministrazzjoni individwali tad-drittijiet trid tingħata l-opportunità li tiżviluppa. Filwaqt li wieħed jiftakar fil-vijabilità tas-sistemi ta' l-amministrazzjoni kollettiva, il-proprjetarji tad-drittijiet għandhom ikunu jistgħu jużaw it-teknika l-ġdida ta' l-amministrazzjoni tad-drittijiet diġitali biex jamministraw id-drittijiet b'mod individwali.

*L-Assoċjazzjoni tal-Periti Belġjani*[89]

75. Fl-24 ta' Ġunji, il-Kummissjoni kkundannat l-iskala minima rrakkomandata tal-ħlasijiet imħaddma mill-Assoċjazzjoni tal-Periti Belġjani.

76. L-iskala minima tal-ħlasijiet kienet adottata mill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Assoċjazzjoni tal-Periti Belġjani fl-1967, u kienet emendata bosta drabi minn dak iż-żmien 'l hawn. L-emenda l-aktar reċenti tagħha, f'Ġunju 2002, iddeskrivietha bħala

85 COMP/C-2/38.014 IFPI Id-Deċiżjoni dwar "Simulcasting" tat-8.10.2002, ĠU L 107 of 30.4.2003, p.58.

86 COMP/38.126 – Santiago.

87 IP/04/586.

88 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – L-Amministrazzjoni tad-Drittijiet ta' l-Awtur u tad-Drittijiet Relatati fis-Suq Inter, COM/2004/261, 16.4.2004.

89 COMP/38.549

"linja ta' gwida" (indicatif/leidraad). L-iskala stabbiliet il-ħlasijiet minimi dovuti lil perit għas-servizzi li jkun wettaq fi prattika indipendenti fil-Belġju.

77. Il-Kummissjoni qieset li d-deċiżjoni li adottat l-iskala tal-ħlasijiet kienet att indipendenti ta' karattru preskrittiv li għalih hija għalkollox responsabbli l-Assoċjazzjoni, li aġixxiet bħala assoċjazzjoni ta' intrapriżi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Assoċjazzjoni kienet biħsiebha tikkoordina l-imġiba tal-membri tagħha fis-suq permezz tad-deċiżjonijiet tagħha li stabbilew u emendaw l-iskala. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-iskala kienet applikata, għall-inqas sa ċertu punt.

78. L-evidenza li tindika li l-iskala kienet tipprova tirrestrinġi l-kompetizzjoni tinkludi t-ton maħsub biex ifassal ir-regoli tat-titolu u tal-premessi, il-fatt li għal 18-il sena l-Assoċjazzjoni fasslet u ċċirkolat kuntratt standard li fih l-unika għażla biex jiġu determinati l-ħlasijiet kienet b'riferenza għall-iskala, u l-fatt li l-Assoċjazzjoni marret ħafna lil hinn milli sempliċement tiċċirkola l-informazzjoni lill-membri tagħha, lill-klijenti u lill-qrati.

79. Minkejja li d-deċiżjoni li tiffissa jew tirrikkmanda l-ħlasijiet minimi hija min-natura tagħha ksur serju ħafna, il-Kummissjoni kkwalifikat il-ksur b'mod ġenerali bħala serju fid-dawl taċ-ċirkustanzi li l-iskala tal-ħlasijiet probabbilment ma kinitx applikata b'mod universali mill-periti kollha u l-ambitu ġeografiku tad-deċiżjoni kien limitat għal Stat Membru wieħed.

80. Meta imponiet multa ta' €100 000, il-Kummissjoni qieset bħala ċirkustanza skużanti il-fatt li seta' kien hemm dubju raġonevoli min-naħa ta' l-Assoċjazzjoni dwar jekk l-iskala tal-ħlasijiet tagħha fil-fatt ikkostitwiex ksur qabel ma l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tagħha tas-CNSD fl-1993[90]. Barra minn hekk, il-politika tal-Kummissjoni, stabbilita fir-Rapport tagħha tad-9 ta' Frar 2004, hija li tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji u lill-korpi professjonali sabiex jeżaminaw u jemendaw ir-regoli restrittivi tagħhom u tagħtihom l-opportunità li jagħmlu dan. L-ammont tal-multa jirrifletti wkoll metodu gradwali[91] mill-Kummissjoni meta timmulta l-prattika anti-kompetittiva fil-professjonijiet.

*Gaz de France*[92]

81. Fis-26 ta' Ottubru l-Kummissjoni adottat żewġ deċiżjonijiet dwar żewġ kuntratti konklużi minn Gaz de France (GDF) fl-1997, wieħed mal-kumpanija Taljana tal-gass l-ENI, u l-ieħor mal-kumpanija Taljana ta' l-elettriku l-ENEL. Is-suġġett tal-kuntratt bejn il-GDF u l-ENI kien it-trasport mill-GDF fuq it-territorju Franċiż lejn il-fruntiera Svizzera tal-gass naturali akkwistat mill-ENI fl-Ewropa ta' Fuq. Il-kuntratt kien fih klawsola li kienet tobbliga lill-ENI tbigħ il-gass esklużivament "eqreb lejn

---

[90] Id-Deċiżjoni 93/438/KEE fil-Każ IV/33.407 – CNSD, ĠU L 203 tat-13.8.1993, p. 27. Din id-Deċiżjoni pprojbiet l-iskala fissa tal-ħlasijiet ta' l-aġenti tad-dwana Taljani.

[91] Fl-ewwel deċiżjoni tagħha dwar it-tariffi tal-korpi professjonali, fl-1993, il-Kummissjoni kkundannat it-tariffi fissi mingħajr ma imponiet multa. Fl-1996, il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni dwar it-tariffi rrakkomandati ta' l-assoċjazzjoni ta' l-aġenti tal-konsenja Olandiżi, fejn imponiet multa simbolika ta' €1000.

[92] COMP/38.662- GDF-ENEL, GDF-ENI

fejn isir il-bejgħ milli fejn issir il-produzzjoni jew il-manifattura (*downstream)* mill-punt tal-konsenja mill-ġdid", jiġifieri wara li jitlaq minn Franza. Il-kuntratt GDF-ENEL kien dwar it-tpartit ta' gass naturali likwifikat akkwistat mill-ENEL fin-Niġerja u li fih klawsola li kienet tobbliga lill-ENEL tuża l-gass fl-Italja.

82. Il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żewġ klawsoli rrestrinġew it-territorju li fih il-partijiet setgħu jużaw il-gass u kienu maħsuba biex jaqsmu s-swieq nazzjonali billi ma jħallux lill-konsumaturi tal-gass naturali stabbiliti fi Franza milli jiksbu l-provvisti mingħand l-ENEL u l-ENI. Għalhekk kienu jikkostitwixxu restrizzjoni tal-kompetizzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 81 KE u ostaklu konsiderevoli għall-ħolqien ta' suq tal-gass tassew kompetittiv u mifrux ma' l-Ewropa kollha.

83. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet huma aktar u aktar importanti għall-proċess tal-liberalizzazzjoni li nbeda fis-settur tal-gass Ewropew fl-aħħar snin u li l-benefiċċji tiegħu qed jimmaterjalizzaw bil-mod. Ir-restrizzjonijiet territorjali huma wieħed mill-elementi ewlenin f'sett ta' prattiċi li jipperpetwaw it-tqassim tas-suq Ewropew u jikkontribwixxu għal nuqqas ta' fluwidità fis-settur. Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-gass Ewropew u taċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Kummissjoni ddeċidiet, mandakollu, li ma timponix multi.

### 3.2 Żviluppi oħrajn fil-każijiet

*L-aqwa kontenut għas-swieq tal-medja*

84. Il-Kummissjoni għadha tagħti prijorità għolja lill-kompetizzjoni għall-aqwa kontenut bħala mezz li jistimula l-innovazzjoni fis-swieq tal-medja bl-għan li jkun ta' kontribut għas-soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Sett importanti ta' każijiet jikkonċerna d-drittijiet għall-avvenimenti sportivi, fejn il-Kummissjoni ħadet linja bilanċjata: il-ġlieda kontra l-effetti li jikkonċentraw u jirrestrinġu ta' politika tal-bejgħ fis-suq li tiddependi fuq ftehimiet wesgħin u esklużivi minn bejjiegħ waħdani fuq naħa waħda filwaqt li jitqiesu l-effiċjenzi possibbli assoċjati ma' l-aggregazzjoni tal-kontenut fuq in-naħa l-oħra.

85. Fil-każ tal-*Bundesliga* li għandu x'jaqsam ma' bejgħ konġunt fis-suq tad-drittijiet ta' l-utilizzazzjoni tal-medja fejn għandhom x'jaqsmu l-logħbiet ta' l-ewwel u tat-tieni diviżjoni nazzjonali tal-futbol għall-irġiel, il-Kummissjoni qieset li l-bejgħ esklużiv tad-drittijiet għax-xandir kummerċjali mill-assoċjazzjoni tal-lig tista' tirrestrinġi l-kompetizzjoni bejn il-klabbs fl-ewwel u fit-tieni diviżjoni.

86. Wara n-notifika ta' valutazzjoni preliminari aktar kmieni din is-sena, l-assoċjazzjoni tal-lig offriet impenji li kienu ttestjati fis-suq[93] f'Settembru[94].

87. Il-Kummissjoni wkoll kompliet issegwi l-proċedura tagħha fir-rigward tal-*Lig tal-Premjer Ingliż* (*English Premier League,* FAPL)[95] billi ppubblikat komunikazzjoni dwar l-impenji li offriet il-FAPL[96]. Il-proċeduri li għaddejjin dwar *is-sistema tal-*

---

93 Ara l-pubblikazzjoni ta' l-Artikolu 27(4) fil-ĠU C 299 ta' l-14.9.2004
94 Deċiżjoni taħt l-Artikolu 9 tar-Regolament 1/2003 ġiet adottata f'Jannar 2005
95 COMP/38.173 u 38.453, ĠU C 115 tat-30.4.2004, p. 3.
96 ĠU C 115 tat-30.4.2004, p. 3.

*Eurovision* komplew b'investigazzjoni sabiex jinsabu l-fatti fejn għandhom x'jaqsmu bosta aspetti tax-xiri konġunt u tal-qsim tal-programmi sportivi, inklużi d-drittijiet għal-Logħbiet Olimpiċi ta' l-2010/2012, minn xandara pubbliċi – membri ta' l-EBU. Il-proposti u s-suġġerimenti ta' l-EBU biex jiġi żgurat li s-sistema tal-Eurovision tkun kompatibbli mar-regoli tal-kompetizzjoni ta' l-UE jeħtieġ li jsegwu l-gwida tal-Qrati fil-każ[97].

88. Fis-26 ta' Ottubru l-Kummissjoni ħabbret l-għeluq ta' l-investigazzjoni tagħha[98] f'dawk li jissejħu l-klawsoli tan-Nazzjon l-Aktar Favorit (MFN - *Most Favoured Nation* [99]) li jinsabu fil-kuntratti ta' l-istudjos tal-films ta' Hollywood ma' kumpaniji tat-televixin bil-ħlas, ħlief fejn għandhom x'jaqsmu żewġ studjos.

89. Il-klawsoli ta' l-MFN dehru f'ħafna mill-"ftehimiet tal-produzzjoni" bejn l-istudjos tal-films ta' Hollywood u x-xandara Ewropej tat-televixin bil-ħlas. Il-ftehimiet tal-produzzjoni huma komuni fl-industrija tal-films ta' Hollywood fejn l-istudjos tipikament jiftiehmu biex ibiegħu lix-xandara l-produzzjoni sħiħa tal-films tagħhom għal numru partikolari ta' snin. Il-klawsoli tal-MFN taw lill-istudjos id-dritt li jgawdu mill-aktar termini favorevoli miftiehma bejn kumpanija tat-TV bil-ħlas u kwalunkwe wieħed minnhom.

90. Skond il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni, l-effett kumulattiv tal-klawsoli tal-MFN kien l-allinjament tal-prezzijiet imħallsa lill-istudjos minħabba li kwalunkwe żjieda miftiehma ma' studjo wieħed tat lok għal dritt għal żjieda fil-prezzijiet paralleli mill-istudjos l-oħra. Il-Kummissjoni tqis li dan il-mod kif jiġu stabbiliti l-prezzijiet imur kontra l-prinċipju bażiku tal-kompetizzjoni fil-prezzijiet.

91. Mingħajr ma ammettew ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, l-istudjos li fir-rigward tagħhom kienu ngħalqu l-investigazzjonijiet iddeċidew li jirrinunzjaw għall-klawsoli tal-MFN fil-ftehimiet eżistenti tagħhom. Sakemm ma jitbiegħdux minn din l-imġiba l-ġdida, ma titqiesx azzjoni addizzjonali kontrihom. L-investigazzjoni għadha miftuħa fir-rigward tal-NPB Universal u tal-Paramount Pictures Corp. Inc. li m'għamlux l-istess.

### 3.3 L-istħarriġ settorjali

*L-istħarriġ settorjali fil-bejgħ tad-drittijiet ta' l-isport għall-użu fuq in-netwerks 3G*[100]

92. It-teknoloġija ċellulari tat-tielet ġenerazzjoni (3G) qed tinfirex b'mod mgħaġġel madwar id-dinja bin-numru ta' konsumaturi jiżdied b'rata aktar mgħaġġla minn dik li rat il-GSM fl-istess punt ta' l-iżvilupp tagħha.

93. Il-Kummissjoni żiedet l-isforzi tagħha biex tevita mġiba anti-kompetittiva li tista' tfixkel l-iżvilupp ta' dan is-suq emerġenti ewlieni.

---

97 Ara aktar 'l isfel fejn hemm il-każijiet tal-qorti.
98 COMP/38.427, IP/04/2004 tas-26.10.2004.
99 It-terminu fil-fatt jirreferi għall-prinċipju tal-fornitur li huwa l-aktar iffavorit li jintuża fil-ftehimiet.
100 IP/04/134 tat-30.1.2004

94. Il-Kummissjoni identifikat bosta tipi ta' mġiba minn parteċipanti stabbiliti li jistgħu jirrestrinġu l-aċċess għall-kontenut ewlieni ta' l-isport ta' l-operaturi tal-medja ġodda, bħal rifjut tal-forniment, irbit tad-drittijiet tat-TV ma' drittijiet ta' medja ġodda/ta' l-UMTS, projbizzjonijiet li jiffavorixxu rappurtaġġ televiżiv minflok tipi ġodda ta' rappurtaġġ jew ix-xiri ta' drittijiet ta' medja ġodda/ta' l-UMTS fuq bażi eskluživa minn parteċipanti stabbiliti.

95. Biex il-karatteristiċi speċifiċi tas-suq jiġu evalwati b'mod sħiħ, u jsir xogħol fuq il-problemi eżistenti u potenzjali fejn għandu x'jaqsam l-aċċess għall-kontenut għat-3G, fit-30 ta' Jannar 2005 il-Kummissjoni bdiet stħarriġ settorjali fil-bejgħ tad-drittijiet ta' l-isport għall-użu fuq in-netwerks tat-3G, flimkien ma' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA.

96. L-ewwel fażi ta' esplorazzjoni ntemmet f'Awissu. Tat l-opportunità biex tinġabar l-informazzjoni dwar l-istat ta' l-użu tat-3G, inkluż il-bejgħ tad-drittijiet tat-3G lil operaturi ċellulari, u tat stampa ġenerali tat-tip ta' restrizzjonijiet imposti fuq id-drittijiet ta' l-isport tat-3G. It-talbiet għall-informazzjoni kienu indirizzati lil għadd ta' stazzjonijiet tat-televixin, operaturi ċellulari u proprjetarji tal-kontenut, fil-parti l-kbira minnhom kbar.

97. It-tieni fażi li tnediet f'Settembru testendi l-istħarriġ għal medda usa' ta' parteċipanti fis-suq, iżda tinkludi wkoll kwestjonarji ta' segwitu għall-parteċipanti indirizzati fl-ewwel fażi. Din il-fażi għandha tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-kuntratti li jaffettwaw il-proviżjon tad-drittijiet ta' l-isport tat-3G.

**KAXXA 5: Id-distribuzzjoni u t-tiswija tal-vetturi bil-mutur**

Matul l-2004, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja l-implimentazzjoni tar-Regolament 1400/2002 u tipprovdi għajnuna lill-partijiet interessati fejn għandha x'taqsam l-interpretazzjoni tiegħu. F'dan il-perjodu, kien possibbli li wieħed josserva xi tendenzi li qed jitfaċċaw. B'mod partikolari, il-prezzijiet tal-karozzi fil-medja qed jiżdiedu aktar bil-mod mill-prezzijiet għal oġġetti oħrajn, u fl-istess ħin, urew sinjali ċari ta' konverġenza akbar fl-UE kollha. Kompliet il-konsolidazzjoni fin-netwerks tan-negozjanti, iżda ħafna negozjanti li l-kuntratti tagħhom ġew imwaqqfa minħabba r-riorganizzazzjoni tan-netwerks setgħu jieħdu vantaġġ mill-eżenzjoni ta' kategorija, u jibqgħu fis-suq bħala sewwejja awtorizzati. Kien hemm ukoll investimenti ġodda f'faċilitajiet imtejba tad-distribuzzjoni u tat-tiswija. Madankollu, huwa ċar li żviluppi bħal dawn ma jistgħu jipprovdu xejn aktar minn indikazzjoni preliminari fir-rigward ta' l-effetti ta' l-eżenzjoni ta' kategorija l-ġdida, li l-effetti tagħha fis-suq jistgħu jiġu vvalutati tul perjodu ta' żmien itwal.

Skond id-dmir tagħha li timmonitorja l-ħidma tar-Regolament 1400/2002 fuq bażi regolari, il-Kummissjoni għamlet eżerċizzju dettaljat ta' monitoraġġ tas-sistemi li ġew stabbiliti mill-manifatturi tal-karozzi u tat-trakkijiet biex l-operaturi indipendenti jitħallew ikollhom aċċess għal informazzjoni teknika relatata mat-tiswijiet. Barra minn hekk, kompliet timmonitorja l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-karozzi fl-UE kollha, billi ħarġet żewġ rapporti fi Frar u f'Lulju 2004. L-aħħar wieħed minn dawn kopra l-ewwel sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid, u għall-ewwel darba fih id-data li tkopri l-25 Stat Membru (ara aktar 'l isfel għad-dettalji).

Barra minn hekk, matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni reġgħet iffokat

l-attivitajiet ta' infurzar tagħha fuq ċerti każijiet li jqajmu kwistjonijiet tal-kompetizzjoni importanti. Dawn jinkludu problemi li jikkonċernaw l-aċċess tas-sewwejja indipendenti u awtorizzati għall-ispare parts tal-manifatturi ta' l-apparat oriġinali (OEM's) u tal-kompetituri, l-eżistenza possibbli ta' barrieri artifiċjali għad-dħul fin-netwerks awtorizzati tat-tiswija, kif ukoll ristrezzjonijiet allegati fuq l-abilità tan-negozjanti li jbiegħu l-vetturi bil-mutur ta' manifatturi li jkunu f'kompetizzjoni ma' xulxin. Filwaqt li dawn il-kwistjonijiet għadhom qed jiġu eżaminati fil-qafas ta' l-investigazzjonijiet li għaddejjin, il-Kummissjoni ħadet pożizzjoni fil-każ dwar il-ftehimiet tal-Porsche għad-distribuzzjoni u għall-manutenzjoni, fejn iċċarat l-applikazzjoni tar-regola *de minimis* fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament 1400/2002 (ara aktar 'l isfel).

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1/2003 u l-għojta ta' setgħat lill-qrati u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri li rriżultat ipprovdew ukoll opportunità biex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jagħmlu użu sħiħ mill-għarfien rispettiv fis-settur tal-vetturi bil-mutur u sabiex jutilizzaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti fl-ambitu ta' l-ECN. F'dan ir-rigward, fid-19 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ospitat grupp ta' diskussjoni fejn iltaqgħu r-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni biex jiskambjaw l-esperjenzi u jiddiskutu l-implimentazzjoni tar-Regolament 1400/2002.

L-aċċess għall-informazzjoni teknika

F'Ottubru, il-Kummissjoni ppubblikat studju dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika minn operaturi indipendenti fis-settur tal-karozzi. L-istudju, li twettaq mill-IKA (Università ta' Aachen) fuq talba tal-Kummissjoni, ta ħarsa lejn kif il-manifatturi kkonformaw mar-Regolament f'termini ta' l-għoti ta' informazzjoni teknika lill-garaxxijiet, lill-manifatturi ta' l-għodda u lill-pubblikaturi. Dawn it-tipi kollha ta' operaturi għandom rwol importanti biex jiżguraw kompetizzjoni b'saħħitha fil-qasam tat-tiswija tal-karozzi, b'mod partikolari għaliex l-avvanzi fit-teknoloġija qed jagħmlu saħansitra t-tiswijiet l-aktar bażiċi dejjem aktar komplessi. L-istudju juri li l-informazzjoni teknika għal kważi l-mudelli kollha mnedija fl-aħħar għaxar snin hija disponibbli, jew permezz ta' l-Internet, is-CD/id-DVD u/jew permezz ta' pubblikazzjonijiet stampati. Madankollu l-kwalità ta' l-għoti ta' l-informazzjoni hija ta' spiss x'aktarx mhux sodisfaċenti għaliex l-informazzjoni hija diffiċli biex tinstab jew tista' tkun disponibbli biss f'pakketti kbar li jqumu ħafna flus. Il-kontenut ukoll spiss huwa insuffiċjenti, b'uħud mill-manifatturi jżommu lura ħafna mill-informazzjoni li hija vitali, per eżempju, għall-manifatturi ta' l-għodod dijanjostiċi. Fl-aħħarnett, il-pubblikaturi ta' l-informazzjoni teknika, li l-prodotti tagħhom huma apprezzati ħafna mis-sewwejja indipendenti, għandhom il-problemi biex jiksbu l-informazzjoni li għandhom bżonn.

It-tendenzi pożittivi fejn għandhom x'jaqsmu d-differenzjali fil-prezzijiet tal-karozzi

F'Marzu u f'Lulju, il-Kummissjoni ppubblikat rapporti dwar id-differenzjali fil-prezzijiet tal-karozzi fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Minn perspettiva ta' kompetizzjoni, l-aħħar żewġ ħarġiet, ibbażati rispettivament fuq id-data ta' Novembru u Mejju, urew tendenza x'aktarx sodisfaċenti lejn konverġenza fil-prezzijiet fiż-żona ta' l-Euro. Filwaqt li l-ħarġa tar-Rapport f'Lulju 2003 uriet li għal terz tal-mudelli, id-differenzjali fil-prezz kienet ta' aktar minn 20 % min-naħa għall-oħra taż-żona ta' l-Euro, differenzjali bħal dan huwa qrib il-kwart tal-mudelli fl-aktar ħarġa reċenti. Barra minn hekk, ta' min jinnota li din il-konverġenza qed isseħħ fi sfond ġenerali ta' stabilità relattiva tal-prezzijiet fl-UE. Meta mqabbel ma' Lulju 2003, l-indiċi tal-prezzijiet tal-karozzi fl-UE f'Lulju 2004 żdied b'0.6 % biss meta mqabbel mat-

2.3 % għall-inflazzjoni ewlenija. Għall-ewwel darba, il-ħarġa ta' Lulju li għadda tar-Rapport dwar il-Prezzijiet tal-Karozzi tinkludi l-prezzijiet fl-għaxar Stati Membri l-ġodda, li ma jidhrux li huma wisq differenti minn dawk fil-15 ta' l-UE: xi mudelli huma orħos f'uħud mill-Istati Membri l-ġodda, iżda oħrajn mhumiex. Meta mqabbel ma' Lulju 2003, l-indiċi tal-prezzijiet tal-karozzi f'Lulju 2004 żdied b'mod sinifikanti fil-Polonja (+8.4 %) u fil-Latvja (+4.1 %) iżda naqas fl-Estonja (-6.8 %), fil-Litwanja (-4.9 %) u fir-Repubblika Ċeka (-3.3 %).

Il-ftehimiet tal-Porsche għad-distribuzzjoni u għas-servizzi ta' wara l-bejgħ

Fit-30 ta' April, il-Kummissjoni temmet il-proċeduri fir-rigward tal-ftehimiet standard il-ġodda ta' l-importaturi, tan-negozjanti u tas-sewwejja awtorizzati, li kienet innotifikat il-Porsche. Il-manifattur tal-karozzi qabel li jimmodifika dawn il-ftehimiet, li jintużaw min-naħa għall-oħra ta' l-UE u taż-ŻEE, sabiex jiġi żgurat li m'għad fihom l-ebda "restrizzjoni assolutament ipprojbita" fi kliem l-artikolu 4 tar-Regolament 1400/2002. B'mod partikolari, il-ftehimiet emendati għad-distribuzzjoni m'għadhomx jirrestrinġu l-abilità tan-negozjanti tal-Porsche milli jgħaddu x-xogħol tal-kuntratt tagħhom li għandu x'jaqsam mal-proviżjon tas-servizzi wara l-bejgħ lil kwalunkwe ċentru għas-servis awtorizzat tal-Porsche, filwaqt li ċ-ċentri għas-servis awtorizzati tal-Porsche m'għadhomx obbligati jbigħu karozzi ġodda.

Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tkomplix bl-investigazzjoni tagħha fejn għandhom x'jaqsmu dispożizzjonijiet oħrajn tal-ftehimiet għad-distribuzzjoni tal-Porsche, ladarba deher li l-Porsche kellha sehem ta' inqas minn 5% mis-swieq kollha nazzjonali fl-UE għall-bejgħ tal-karozzi sportivi ta' l-ogħla kwalità u tal-vetturi sportivi ta' utilità (*sport utility vehicles*). Ta' min jiftakar li l-avviż *de minimis* jipprovdi li l-fornitur li jħaddem sistema ta' distribuzzjoni f'suq fejn kważi l-operaturi kollha jużaw l-istess tip ta' ftehimiet restrittivi ma jikkontribbwixxix b'mod sinifikanti għall-effett kumulattiv jekk is-sehem tas-suq tiegħu ma jeċċedix il-5% u jekk il-ftehimiet ma fihomx restrizzjonijiet assolutament ipprojbiti.

Dwar il-ftehimiet ta' wara l-bejgħ, il-Porsche aċċettat li fl-ambitu ta' l-eżenzjoni ta' kategorija ma tistax tuża distribuzzjoni kwantitattiva u selettiva għan-netwerk tagħha ta' ċentri għas-servis awtorizzati tal-Porsche, ladarba s-sehem tan-netwerk tagħha tas-suq għat-tiswija tal-karozzi Porsche huwa ta' aktar minn 30% u huwa ċar li l-avviż *de minimis* ma japplikax. L-użu ta' għażla purament kwalitattiva jiftaħ in-netwerk għall-operaturi kwalifikati li jixtiequ jmexxu ċentru għas-servis awtorizzat tal-Porsche, u għal dak il-għan, il-Porsche qablet li tagħmel disponibbli l-kriterji kwalitattivi rilevanti għal kwalunkwe sewwej interessat.

## 4. IL-MIŻURI TA' L-ISTAT (L-INTRAPRIŻI PUBBLIĊI/L-INTRAPRIŻI BI DRITTIJIET ESKLUŻIVI U SPEĊJALI)

### 4.1 Id-Deċiżjonijiet

*Ir-restrizzjonijiet fuq il-preparazzjoni tal-posta*[101]

98. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 86 fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-qafas regolatorju postali tal-Ġermanja li jipprojbixxi b'mod formali lid-ditti tal-preparazzjoni tal-posta kummerċjali milli

---

[101] COMP/38.745, għadu ma ġiex ippubblikat fil-ĠU.

jieħdu skonti talli jimmaniġġjaw ittri li jkunu mqassma minn qabel liċ-ċentri tat-tqassim tal-posta tad-Deutsche Post AG's (DPAG). Fuq bażi ta' lment magħmul mill-BdKEP, assoċjazzjoni Ġermaniża ta' fornituri tas-servizzi postali, il-Kummissjoni sabet li d-dispożizzjonijiet inkriminati tal-Liġi Postali Ġermaniża jħajru lid-DPAG tabbuża mill-pożizzjoni dominanti tagħha, u b'hekk tikser l-Artikolu 82, b'żewġ modi: L-ewwelnett, id-dispożizzjonijiet iġiegħlu lid-DPAG testendi l-poter fis-suq tagħha mis-suq (riservat) għal servizzi postali bażiċi eqreb lejn il-punt tal-produzzjoni (*upstream*) fis-suq (liberalizzat) għas-servizzi tal-preparazzjoni tal-posta. It-tieni, iħajru lid-DPAG tiddiskrimina bejn, min-naħa l-waħda, kumpaniji kbar tal-posta li għandhom aċċess għal ċentri tat-tqassim li huma eqreb lejn il-punt tal-bejgħ (*downstream*) u l-iskonti relatati u, min-naħa l-oħra, il-fornituri kummerċjali ta' servizzi bħal dawn li m'għandhomx aċċess għal dawn l-iskontijiet. B'hekk, dawn id-ditti huma ferm żvantaġġjati mil-lat kompetittiv u s-suq Ġermaniż tal-preparazzjoni tal-posta ma jitħalliex jiżviluppa l-potenzjal tiegħu.

99. Il-preparazzjoni tal-posta tinvolvi l-formazzjoni ta' oġġetti postali (stampar, tqegħid fl-inviloppi, twaħħil tat-tikketti, twaħħil tal-bolol), il-ġbir, it-tqegħid tagħhom fil-boroż tal-posta jew f'kontenituri li jikkonformaw ma' ċerti standards, l-irbit u l-għażla tagħhom xi ftit jew wisq skond id-destinazzjoni u t-tqassim tagħhom fil-punti ta' l-aċċess għall-fornitur tas-servizzi universali. F'dan is-suq, il-possibbiltà li jinkisbu skontijiet ta' l-aċċess eqreb lejn il-punt tal-bejgħ (*downstream)* għall-klijenti, jiġifieri li jiffrankaw fuq il-postaġġ, huwa argument ewlieni għall-bejgħ.

100. Id-DPAG għandha d-dritt esklużiv li tikklerja, tagħżel, tittrasporta u twassal l-ittri li jiżnu inqas minn 100 gramma (dak li jissejjaħ il-qasam riservat). Il-proviżjon tas-servizzi tal-preparazzjoni tal-posta, inklużi s-servizzi ta' qabel it-tqassim tal-posta u t-trasport tagħha mill-post ta' min jibgħat għal punt ta' aċċess magħżul għan-netwerk ta' l-operatur eżistenti ma jaqax fl-ambitu tal-qasam riservat tad-Direttiva Postali.[102]

101. Il-Kummissjoni sabet li l-gvern Ġermaniż naqas milli juri li meta żamm lill-fornituri kummerċjali mill-iskontijiet imsemmija aktar 'il fuq kien iġġustifikat fuq il-bażi ta' l-Artikolu 86(2) u ftakret li kif stabbilit fl-Avviż tagħha ta' l-1998 dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għas-settur postali[103], l-intermedjarji għandhom ikunu jistgħu jagħżlu b'mod ħieles minn fost il-punti ta' aċċess disponibbli għan-netwerk pubbliku postali.[104]

---

102 Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15.12.1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali tal-Komunità u għat-titjib tal-kwalità tas-servizzi, ĠU L 15/14 tal-21.1.1998 kif emendata bid-Direttiva 2002/39 ta' l-10.6.2002, ĠU L 176/21 tal-5.7.2002.

103 L-Avviż mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għas-settur postali u dwar il-valutazzjoni ta' ċerti miżuri ta' l-Istat li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi postali, ĠU C 39/02 of 6.2.1998.

104 Kemm il-Ġermanja kif ukoll id-DPAG appellaw minn din id-deċiżjoni: il-każijiet T-490/04 u T-493/04.

## 4.2 Ir-rifjut ta' l-ilment

*UFEX*[105]

102. Fid-19 ta' Novembru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fejn irrifjutat l-ilment ippreżentat minn l'Union Française de l'Express u tlieta mill-membri tagħha, DHL, FedEx u Crie kontra r-Repubblika Franċiża, La Poste u Chronopost, minħabba nuqqas ta' interess komunitarju fit-tkomplija ta' l-investigazzjoni. Ir-rifjut jikkonċerna l-allegazzjonijiet ta' dawk li għamlu l-ilment li La Poste, b'mod abbużiv, approvat testendi d-dominanza tagħha mis-suq riżervat tas-servizzi postali ordinarji għas-suq tas-servizzi tal-posta ekspress ġewwa Franza, fejn hija attiva l-kumpanija affiljata tagħha Chronopost, u b'hekk kisret l-Artikoli 86 u 82. L-abbuż allegat kien jinvolvi l-għoti ta' sussidji minn kumpanija għall-oħra fiż-żmien meta ġiet imnedija l-Chronopost (1986) u wara, fejn kienet provduta għajnuna kummerċjali u loġistika lill-Chronopost għal prezzijiet baxxi żżejjed, li ppermettew lil din ta' l-aħħar tapplika prezzijiet baxxi b'mod abbużiv immirati sabiex taqla' 'l barra lill-kompetituri. L-eżami mill-ġdid ta' l-ilment sar wara t-talba ta' dawk li għamlu l-ilment f'Settembru 2000 wara li serje ta' sentenzi mill-Qorti u mit-Tribunal annullaw l-ewwel deċiżjoni ta' rifjut ta' Diċembru 1994. F'relazzjoni man-nuqqas ta' interess Komunitarju f'investigazzjoni ulterjuri tal-każ, id-deċiżjoni l-ġdida tar-rifjut tinnota, fost raġunijiet oħrajn, li l-prattika li sar ilment dwarha – li fi kwalunkwe każ ma ġietx stabbilita b'mod xieraq – intemmet aktar minn għaxar snin qabel u li, minn dak iż-żmien, ma deher l-ebda effett anti-kompetittiv li jdum fis-suq rilevanti li jista' jkun attribwit lilha.

[105] COMP/38.663, UFEX

# C – L-ECN: L-ISTAMPA ĠENERALI TAL-KOOPERAZZJONI

## 1. STAMPA ĠENERALI

*It-twaqqif ta' l-ECN*

103. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tar-Regolament 1/2003 u tal-Pakkett tal-Modernizzazzjoni kien involviment akbar ta' l-entitatjiet pubbliċi nazzjonali ta' l-infurzar fl-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' l-Artikoli 81 u 82 f'sistema ta' kompetenzi paralleli, inħolqu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet. L-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament Nru 1/2003 u l-Avviż tan-Netwerk[106] huma l-pilastri ewlenin tal-funzjonament u tal-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni (ECN - *European Competition Network*).

104. L-ECN huwa magħmul mill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni (NCA - *National Competition Authorities*) maħtura skond l-Artikolu 35 tar-Regolament 1/2003 u mill-Kummissjoni. Fl-2003 kienet diġà bdiet il-kooperazzjoni fl-ECN: kienu ġew stabbiliti gruppi ta' ħidma biex jiddiskutu ċerti aspetti ewlenin ta' l-Avviż tan-Netwerk u f'dak il-forum kienu ġew eżaminati kwistjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu mat-transizzjoni lejn is-sistema l-ġdida ta' l-infurzar. Barra minn hekk, ġew imwaqqfa 14-il sotto-grupp sabiex jiddiskutu kwistjonijiet speċifiċi għas-settur. L-2004 hija l-ewwel sena li fiha l-ECN kienet operattiva b'mod sħiħ u kienet involuta f'każijiet individwali fejn kienu applikati r-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE. Twaqqfu sistemi sofistikati ta' l-appoġġ ta' l-IT qabel l-1 ta' Mejju sabiex il-membri kollha jingħataw il-possibbiltà li jsegwu l-każijiet li ġew ittrattati fi ħdan in-netwerk u sabiex jiskambjaw l-informazzjoni.

*L-allokazzjoni tal-każ*

105. Sabiex tkun possibbli allokazzjoni effiċjenti tal-każijiet, l-awtoritajiet fi ħdan n-netwerk jgħarrfu lil xulxin qabel jew minnufih wara l-ewwel miżura investigattiva formali fil-każijiet kollha li jinvolvu l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 jew 82. Fl-2004, tressqu 298 każ b'kollox quddiem in-netwerk: 99 mill-Kummissjoni u 199 mill-NCAs.

106. Kif kien mistenni, l-allokazzjoni mill-ġdid tal-każijiet notifikati lin-netwerk kienet tassew rari (inqas minn 1% tal-każijiet). Il-każijiet normalment jibqgħu f'idejn l-awtorità li bdiet tinvestigahom.

107. F'uħud mill-każijiet, saru diskussjonijiet bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-NCA u rriżultaw f'din ta' l-aħħar taqbel li tieħu ħsieb ilment li oriġinalment kien iddepożitat mal-Kummissjoni. F'każ wieħed, l-allokazzjoni mill-ġdid saret fi stadju tard għaliex il-Kummissjoni fetħet il-proċeduri sabiex taċċetta l-impenji għall-Komunità kollha[107] minkejja li wħud mill-NCAs kienu qed jaġixxu fuq il-każ. Din l-allokazzjoni mill-

[106] Ara t-taqsima I.A.I aktar 'il fuq.
[107] COMP/39.116

ġdid serviet biex tissolva b'mod effiċjenti problema tal-kompetizzjoni mal-Komunità kollha.

*L-għajnuna reċiproka fis-sejba tal-fatti*

108. Ir-Regolament 1/2003 jipprovdi lill-membri tan-netwerk bl-għodod li jippermettuhom jgħinu lil xulxin billi jwettqu l-miżuri investigattivi f'isem awtorità oħra (l-Artikolu 22) u, b'mod aktar ġenerali, billi jiskambjaw l-informazzjoni (l-Artikolu 12). Mill-ewwel jiem ta' l-applikazzjoni tar-Regolament 1/2003, l-Artikolu 22 intuża minn diversi awtoritajiet: l-ispezzjonijiet twettqu fuq it-talba ta' bosta NCAs u l-informazzjoni miġbura ntbagħtet skond l-Artikolu 12. B'kollox, l-Artikolu 22 ntuża 11-il darba fi 8 xhur.

109. Barra minn hekk, il-membri tan-netwerk jagħmlu użu regolari mill-possibbiltà li jiskambjaw l-informazzjoni skond l-Artikolu 12. F'mill-inqas żewġ każijiet, l-informazzjoni kienet skambjata f'każijiet ta' klemenza bil-kunsens ta' l-applikant għall-klemenza.

*L-applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-KE*

110. Skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament 1/2003, l-NCAs għandhom jinformaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel ma jadottaw deċiżjonijiet negattivi. Mill-1 ta' Mejju, il-Kummissjoni kienet mgħarrfa bi 33 każ ta' kompetizzjoni fejn NCA kienet qed tqis tadottax deċiżjoni skond l-Artikolu 81 u/jew l-Artikolu 82. 18 minn dawn il-każijiet kellhom x'jaqsmu ma' l-Artikolu 81; 13 ma' l-Artikolu 82 u 2 każijiet kellhom x'jaqsmu maż-żewġ Artikoli. F'uħud minn dawn il-każijiet, il-Kummissjoni għamlet il-kummenti lill-NCAs. F'dawn il-każijiet ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' nuqqas ta' koerenza li setgħet twassal lill-Kummissjoni biex tuża s-setgħat tagħha ħalli tneħħi l-kompetenza ta' NCA skond l-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003.

*Il-konverġenza ġenerali tal-liġijiet nazzjonali*

111. Fl-aħħarnett, fl-2004 kien hemm l-eżami bir-reqqqa sostanzjali ta' numru ta' liġijiet nazzjonali. Kważi dawn it-tibdiliet kollha rriżultaw f'livell ogħla ta' konvergenza bejn is-sistemi nazzjonali u r-Regolament 1/2003. 20 Stat Membru ħassru jew qed jippjanaw li jħassru s-sistema tan-notifika nazzjonali tagħhom. 17 mill-Istati Membri għandhom programmi ta' klemenza li huma għalkollox jew parzjalment konverġenti. Dawn l-evoluzzjonijiet jikkontribwixxi ħafna għas-semplifikazzjoni tal-konformità tan-negozji u biex is-sistema taħdem aħjar.

## 2. L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI TAL-KOMPETIZZJONI TAL-KE MILL-QRATI NAZZJONALI FL-UE: IR-RAPPORT DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-ARTIKOLU 15 TAR-REGOLAMENT 1/2003

*It-talbiet għal opinjoni*

112. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament 1/2003 jagħti lill-imħallfin nazzjonali l-possibbiltà li jitolbu lill-Kummissjoni għal informazzjoni li għandha fil-pussess tagħha jew għal opinjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE. Fl-2004, il-Kummissjoni rċeviet 9 talbiet għal opinjoni. 6

talbiet ġew mill-qrati Spanjoli, u kollha kienu dwar tip simili ta' ftehim tad-distribuzzjoni fis-settur ta' l-enerġija, li prinċipalment qajjem kwistjonijiet dwar id-distinzjoni bejn l-aġent u l-bejjiegħ bl-imnut fi ħdan it-tifsira tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-KE u li kien fihom kemm klawsoli li jirrelataw mat-twaqqif ta' prezz massimu għall-bejgħ bl-imnut tal-fjuwil kif ukoll klawsoli ta' nuqqas ta' kompetizzjoni għall-fjuwil li jistgħu jagħtu lok għall-egħluq minn qabel *(foreclosure)* tas-suq. Ir-risposti tal-Kummissjoni għal dawn is-6 talbiet kienu fil-parti l-kbira ispirati mill-valutazzjoni preliminari tagħha fil-każ ta' *Repsol CPP*.[108]

113. Il-liġi tal-kompetizzjoni Belġjana teżiġi li l-qrati Belġjani jistaqsu mistoqsija preliminari lill-Qorti ta' l-Appell ta' Brussell kull meta jkollhom dubju dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni. Fil-bidu ta' Diċembru, il-Qorti ta' l-Appell ta' Brussell għaddiet tlieta minn dawk il-mistoqsijiet preliminari lill-Kummissjoni bħala talbiet għal opinjoni. It-talbiet qajmu kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni simultanja ta' l-Artikoli 81 u 82 KE, l-ambitu ta' l-Artikolu 82(c) KE, ir-Regolament tal-Kummissjoni 2790/1999 dwar eżenzjoni ta' kategorija (dwar il-ftehimiet vertikali) u l-Linji ta' Gwida u l-Avviż De Minimis ta' miegħu. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti l-opinjoni tagħha sa l-aħħar ta' Jannar 2005.

Database *pubblika għas-sentenzi tal-qrati nazzjonali*

114. L-Artikolu 15(2) tar-Regolament 1/2003 jeżiġi li l-Istati Membri ta' l-UE jgħaddu lill-Kummissjoni kopja ta' kwalunkwe sentenza bil-miktub tal-qrati nazzjonali fejn tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 81 jew 82 KE. Il-Kummissjoni s'issa rċeviet 36 sentenza mogħtija minn Mejju 2004, li tqiegħdu fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kompetizzjoni sakemm l-awtorità li ttrasmettiethom ma kkwalifikathomx bħala konfidenzjali.[109] Il-parti l-kbira ta' dawk is-sentenzi rriżultaw minn azzjoni privata ta' infurzar (29), li fil-parti l-kbira tal-każijiet kienet immirata lejn l-annullament ta' ftehim minħabba n-nuqqas ta' kompatibilità tiegħu mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE.

*Is-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni u ta' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni*

115. L-Artikolu 15(3) tar-Regolament 1/2003 jħalli lill-Kummissjoni u lill-NCAs iressqu osservazzjonijiet quddiem il-qrati nazzjonali dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE. S'issa l-Kummissjoni m'użatx din il-possibbiltà, iżda l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni Belġjani, Franċiżi u Ġermaniżi għamlu dan. Madankollu, ta' min jinnota illi, diġà qabel l-1 ta' Mejju 2004, dawn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kellhom il-poter li jressqu osservazzjonijiet quddiem il-qrati nazzjonali skond il-liġi nazzjonali tagħhom.

---

108 Ara l-punt 6 ta' l-Avviż ta' l-Artikolu 27(4), ĠU C 258 ta' l-20.10.2004, pp.7-11.

109 Il-verżjonijiet li mhumiex konfidenzjali tas-sentenzi nazzjonali jistgħu jinstabu fuq: http://europa.eu.int/comm/competition/antitrust/national_courts/index_en.html.

*Il-finanzjament tat-taħriġ ta' l-imħallfin nazzjonali fil-liġi tal-kompetizzjoni tal-KE*

116. Sa mill-2002, il-Kummissjoni qed tiffinanzja b'mod konġunt proġetti li huma mmirati sabiex l-imħallfin nazzjonali jitħarrġu fil-liġi tal-kompetizzjoni tal-KE. Fl-2004, il-Kummissjoni ffinanzjat b'mod konġunt 4 proġetti ta' taħriġ[110] u nediet sejħa għall-proposti li rriżultat fil-konklużjoni ta' 10 kuntratti oħrajn, fejn kienu impenjati aktar minn 400.000 EUR, għat-taħriġ ta' aktar minn 700 imħallef nazzjonali mill-25 Stat Membru fl-2005.[111]

## 3. L-ENERGIJA

117. Fl-2004, il-Kummissjoni waqqfet Sotto-grupp dwar l-Enerġija ta' l-ECN. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi forum biex jiġu diskussi kwistjonijiet ewlenin u jiġi żviluppat metodu komuni għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE fis-swieq ta' l-enerġija u biex jiġi inkoraġġit il-monitoraġġ tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-enerġija ta' l-UE. L-intenzjoni hija li s-Sotto-grupp dwar l-Enerġija jkollu kemm laqgħat tekniċi kif ukoll laqgħat ta' livell għoli li għalihom jistgħu jiġu mistiedna r-regolaturi.

118. F'Settembru ġie organizzat Jum ta' ta' Livell Għoli dwar l-Enerġija għall-kapijiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni. Ir-regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija kienu mistiedna wkoll. Il-laqgħa ffokat fuq żewġ kwistjonijiet ewlenin: ir-rwol ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u tar-regolaturi biex tingħeleb l-imġiba antikompetittiva; u kif jingħelbu l-bqija tal-barrieri għad-dħul fis-suq.

119. L-ewwel laqgħa teknika tas-Sotto-grupp dwar l-Enerġija saret f'Diċembru. Barra li kien hemm diskussjoni dwar il-programm ta' ħidma fil-futur tas-Sotto-grupp dwar l-Enerġija, il-laqgħa ffokat fuq żewġ suġġetti: il-kuntratti għal żmien twil fis-settur tal-gass *downstream* u l-istħarriġ settorjali fis-settur ta' l-enerġija. Kien miftiehem li s-Sotto-grupp dwar l-Enerġija għandu jiffoka fuq il-kompetizzjoni fis-setturi tal-gass u ta' l-elettriku, mingħajr ma tiġi eskluża għalkollox id-diskussjoni dwar swieq oħrajn ta' l-enerġija (eż.: il-petrol). Ġie diskuss dokument ippreparat mid-DĠ għall-Kompetizzjoni dwar il-kuntratti għat-tul fis-settur tal-gass *downstream*. Ġie ċċirkolat dokument dwar l-istħarriġ settorjali mid-DĠ għall-Kompetizzjoni u kien hemm skambju interessanti ta' esperjenza ma' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni dwar l-istħarriġ settorjali fis-setturi tal-gass u ta' l-elettriku.

## 4. IT-TRASPORT

*Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Traffiku ta' l-Ajru ta' l-ECA*

120. L-ECA (*European Competition Authorities* – l-Awtoritajiet Ewropej tal-Kompetizzjoni) waqqfu Grupp ta' Ħidma dwar it-Traffiku ta' l-Ajru matul il-laqgħa

---

110 Aktar dettalji dwar il-proġetti ko-ffinanzjati jistgħu jinsabu fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kompetizzjoni: http://europa.eu.int/comm/dgs/competition/proposals2/table_of_projects_co_financed_out_of_3rd_call.pdf.

111 Is-sejħiet għall-proposti għal dan il-programm ta' taħriġ jistgħu jinsabu fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kompetizzjoni. Għas-sejħa ta' l-2005, ara http://europa.eu.int/comm/dgs/competition/proposals2/20040316_call/call_en.pdf.

plenarja f'Ateni f'April 2002 sabiex itejbu l-kooperazzjoni bejniethom fir-rigward tal-kuntatti tagħhom ma' l-industrija tal-linji ta' l-ajru u biex jippruvaw ikabbru l-kompetizzjoni f'dan is-settur. L-ECA jqisu li l-kompetizzjoni bejn il-linji ta' l-ajru hija influwenzata minn xi karatteristiċi speċifiċi ta' l-industrija tal-linji ta' l-ajru, b'mod partikolari l-karattru ta' netwerk tagħha. Fit-13 ta' Mejju, il-grupp ta' ħidma ppubblika "rapport dwar l-amalgamazzjonijiet u l-alleanzi fl-avjazzjoni ċivili[112]" li jipprovdi stampa ġenerali tal-prattika korrenti ta' l-infurzar ta' l-ECA fejn għandhom x'jaqsmu d-definizzjoni tas-suq, il-valutazzjoni tal-kompetizzjoni u r-rimedji

*Il-Ferroviji*

121. Is-sotto-grupp dwar il-ferroviji ltaqa' għat-tieni darba fid-29 ta' Ġunju u ddiskuta x'ħareġ mis-servej tas-suq li għamlu flimkien il-COMP u l-NCAs dwar il-barrieri għal kompetizzjoni effettiva fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Ġie nnotat illi, filwaqt li kien tabilħaqq komprensiv, l-informazzjoni kienet ipprovduta mill-parteċipanti fis-suq fuq bażi informali u għandha tiġi vverifikata. Is-sotto-grupp iddiskuta wkoll abbozz ta' dokument dwar l-aħjar prattika fir-relazzjonijiet bejn l-NCAs u l-korpi regolatorji tal-ferroviji (it-twaqqif ta' dawn ta' l-aħħar hija kondizzjoni meħtieġa ta' l-ewwel pakkett ta' Direttivi għall-ferroviji), bħala preparazzjoni għal laqgħa konġunta bejn iż-żewġ gruppi fiż-żmien xieraq.

## 5. Is-Servizzi Finanzjarji

122. Fis-settur tas-servizzi finanzjarji, is-sotto-gruppi ta' l-ECN kienu attivi matul l-2004 fl-oqsma tal-kards tal-ħlas, ta' l-assigurazzjoni u tat-titoli.

123. Is-sotto-grupp għan-Netwerks tal-Kards tal-Ħlas ta' l-ECN iltaqa' għall-ewwel darba fi Brussell fis-17 ta' Ġunju. L-għan ewlieni tal-laqgħa kien biex il-Kummissjoni tippreżenta lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni r-riżultati ta' l-istudji tas-swieq tagħha dwar il-ħlasijiet bil-kards tal-kreditu u tad-debitu fl-Ewropa. Fuq din il-bażi kien hemm diskussjoni dwar każijiet speċifiċi u wkoll fuq kwistjonijiet metodoloġiċi u żviluppi fl-industrija. Dan it-tip ta' koordinament attiv għandu l-għan li jistabbilixxi bażi ta' għarfien komuni u fehim komuni tal-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni dwar il-ħlasijiet bil-kards. Diversi rappreżentanti ta' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (tad-Danimarka, tal-Polonja, u tar-Renju Unit) ippreżentaw l-investigazzjonijiet korrenti tagħhom fir-rigward tal-ftehimiet dwar il-ħlas għal skambju ta' netwerks tal-kards tal-ħlas li huma attivi f'pajjiżhom. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Olanda, tal-Finlandja u ta' l-Italja ppreżentaw il-każijiet tagħhom fir-rigward tan-netwerks domestiċi tal-kards tad-debitu. Diversi delegati nnotaw li l-livell ta' skambju fl-iskemi tal-kards tad-debitu huwa marbut mal-livell ta' kompetizzjoni fis-suq tal-ksib u tal-ħruġ. Ukoll, f'għadd ta' pajjiżi ta' l-UE, il-banek lokali qed iqisu jħallux netwerk domestiku eżistenti ta' ħlas bil-kard tal-kreditu sabiex jissieħbu fi skema internazzjonali ta' kards tal-ħlas, li se tipprovdihom bi dħul addizzjonali mill-ħlasijiet għall-iskambju. Fl-Istati Membri fejn iż-żewġ netwerks internazzjonali tal-kards tal-ħlas, il-Visa u l-MasterCard, stabbilew irwieħhom bħala n-netwerks tal-kards tad-debitu lokali, l-iskambju huwa prevalenti u

112 Ir-rapport huwa disponibbli f': http://europa.eu.int/comm/competition/publications/eca/report_air_traffic.pdf

huwa stabbilit fuq livell għoli. Id-diskussjoni wriet li hemm ħtieġa għal infurzar koordinat tal-kompetizzjoni f'dan is-settur fl-Ewropa kollha.

124. It-tieni laqgħa tas-sotto-grupp dwar l-Assigurazzjoni ta' l-ECN saret fi Brussell fis-27 ta' Ottubru. Matul din it-tieni laqgħa, deher biċ-ċar li l-kummissjonijiet ta' l-intermedjarji ta' l-assigurazzjoni u tal-*brokers* huma punt fokali għall-analiżi tas-suq li twettqet minn għadd ta' awtoritajiet fin-netwerk u għadd ta' kwistjonijiet ta' kompetizzjoni possibbli jqumu minn dawn l-investigazzjonijiet.

125. In-netwerk ta' l-esperti tat-Titoli ltaqa' għat-tieni darba f'Ġunju 2004. Minkejja l-komplessità tas-suġġett, in-numru ta' parteċipanti kien għoli u l-kontribuzzjonijiet għad-dibattiti kienu attivi ħafna. L-għan tal-laqgħa kien, l-ewwelnett, li jiġi stabbilit fehim reċiproku fost l-awtoritajiet nazzjonali kollha fir-rigward tan-negozju, l-ikklerjar u l-issettiljar tat-titoli fil-25 ta' l-UE u, it-tieni, li jkun hemm skambju ta' fehmiet dwar attivitajiet ta; kompetizzjoni u ta' regolazjoni fis-settur tat-titoli.

126. Il-Kummissjoni ġabret rispons mill-awtoritajiet nazzjonali bl-għan li ttejjeb il-laqgħat u l-kuntatti fil-ġejjieni fost l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni.

# D – KAZIJIET MAGHZULA TAL-QORTI

*Adalat*

127. Fis-6 ta' Jannar[113], il-Qorti tal-Ġustizzja (ECJ) tat sentenza fuq iż-żewġ appelli, li wieħed minnhom ġie ppreżentat mill-Kummissjoni, kontra s-sentenza[114] tal-Qorti tal-Prim Istanza (CFI) f'dak li ssejjaħ bħala l-każ Adalat. Is-CFI kienet annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni[115] għaliex sabet ksur ta' l-Artikolu 81 KE fil-forma ta' projbizzjonijiet formali fuq l-esportazzjoni fir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-Bayer u n-negozjanti tiegħu. F'dan il-kuntest, is-CFI qalet li l-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet, sal-livell legali meħtieġ, li n-negozjanti kienu qablu mal-politika kummerċjali tal-Bayer u li fin-nuqqas ta' ftehim l-Artikolu 81 ma kienx japplika għal din l-imġiba. Filwaqt li kkonfermat li fuq il-bażi ta' l-evidenza miġjuba mill-Kummissjoni, ma kienx ġie stabbilit qbil fil-volontajiet, l-ECJ iċċarat il-kunċett ta' ftehim skond l-Artikolu 81KE. Madankollu, ta' min jinnota li l-ECJ tagħraf b'mod espliċitu li din is-sentenza tippreġudika l-applikazzjoni possibbli ta' aspetti oħrajn ta' l-Artikolu 81 jew l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 KE għal imġiba simili.

*Il-kartell tas-siment*

128. Bis-sentenza tas-7 ta' Jannar [116], l-ECJ naqqset fl-appell il-multa ta' wieħed mill-appellanti li l-Kummissjoni kienet imponiet multa fuqhom[117] għall-involviment tagħhom fil-kartell tas-siment. L-ECJ qieset li sabiex jiġi stabbilit id-dħul għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa, id-dħul tas-sussidjarji tas-Ciment francais SA ma setax jitqies, għaliex ħadet il-kontroll ta' din is-sussidjarja biss wara l-involviment tagħha fil-ksur konċernat. L-ECJ ċaħdet il-bqija ta' l-appelli u fil-parti l-kbira kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza.[118]

*Is-servizzi postali: ASEMPRE*

129. Bis-sentenza tal-11 ta' Marzu[119], l-ECJ tat deċiżjoni preliminari li provdiet interpretazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE[120] dwar ir-regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u għat-titjib fil-kwalità tas-servizz. L-ECJ iċċarat li l-Artikolu 7 tad-Direttiva ma jippermettix lill-Istati Membri jagħmlu

---

113 Il-każijiet konġunti C-2/01 P Bundesverband der Arzneimittel-Importeure eV u C-3/01 P Kummissjoni.

114 Is-sentenza tas-26.10.2000 fil-każ T-41/96 Bayer.

115 Id-Deċiżjoni ta' l-10.1.1996 dwar il-każ COMP/34.279 ADALAT. Dan il-każ kien jikkonċerna restrizzjonijiet għall-importazzjonijiet paralleli tal-prodotti farmaċewtiċi u huwa msemmi għall-prodott tal-Bayer li kien is-suġġett tal-proċeduri.

116 Il-każijiet konġunti C-204/00 P P. Aalborg Portland A/S, C-205/00 P Irish Cement Ltd, C-211/00 P Ciments français SA, C-213/00 P Italcementi - Fabbriche Riunite Cemento SpA, C-217/00 P Buzzi Unicem SpA u C-219/00 Cementir - Cementerie del Tirreno SpA.

117 Id-Deċiżjoni tat-30.11.1994 fil-każijiet COMP/33.126 u COMP/33.322 tas-siment.

118 Is-sentenza tal-15.3.2000 fil-każijiet konġunti T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95 Cimenteries CBR u Oħrajn.

119 Il-każ C-240/02 ASEMPRE u oħrajn.

120 ĠU L 15 tal-21.1.1998, p. 14

*self-provision*[121] - li mhuwiex parti mis-servizzi li jistgħu jkunu riservati għall-fornitur tas-servizz universali – bla ħsara għal kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

- li min jirċievi jrid jkun l-istess persuna li tibgħat;
- li s-servizzi ma jridux ikunu provduti lil partijiet terzi waqt attività kummerċjali jew ta' negozju tal-fornitur tas-servizzi;
- li s-servizzi ma jridux ikunu provduti bis-sistema tal-*mailbag* jew b'metodi oħrajn simili; u
- li operazzjonijiet bħal dawn ma jridux ifixklu s-servizzi riservati għall-fornitur tas-servizz universali.

130. Barra minn hekk, jirriżulta minn din id-deċiżjoni, li s-servizzi ta' ordni ta' flus (ħlasijiet permezz tan-netwerk postali pubbliku lil persuni naturali jew legali) jaqgħu barra mill-ambitu tad-Direttiva 97/67.

*Il-kartell ta' l-elettrodi tal-grafita*

131. F'sentenza tad-29 ta' April[122], il-Qorti tal-Prim Istanza (CFI) naqqset il-multi imposti mill-Kummissjoni[123] fuq il-parteċipanti tal-kartell ta' l-elettrodi tal-grafita. Is-CFI sabet li l-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet b'mod koerenti l-kategoriji li użat biex tikkalkula l-multi skond il-Linji ta' Gwida tal-Kummissjoni dwar il-Multi[124] b'mod koerenti u mmodifikat l-ammont tal-bidu tal-kalkolu fejn għandhom x'jaqsmu xi wħud mill-kumpaniji. Tnaqqis ieħor kien relatat l-aktar mal-kwistjoni tal-livell tal-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji, li l-Kummissjoni jmissha rrikonoxxiet fil-forma ta' tnaqqis fil-multa. Fil-fehma tas-CFI, ċerta evidenza provduta mill-partijiet kienet koperta mill-privileġġ kontra l-awto-inkriminazzjoni u għalhekk għandha titqies bħala kontribuzzjoni volontarja min-naħa tal-partijiet.

132. Madankollu, s-CFI ikkonfermat ukoll li l-intrapriżi li matul il-proċedura amministrattiva jammettu, b'mod espliċitu, il-verità sostantiva tal-fatti li l-Kummissjoni allegat kontrihom (fid-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet) u jingħataw multa mnaqqsa mill-Kummissjoni, bi tpattija għal dan, fil-prinċipju, għandhom jitwaqqfu milli jqajmu kwistjoni dwar dawn il-fatti quddiem is-CFI. Aktar minn hekk, is-CFI kkonfermat li l-Kummissjoni tista' tissanzjona kartell li ta lok għal

---

121 L-awto-proviżjon (skond il-premessa 21 tad-Direttiva) fil-proviżjon tas-servizzi postali mill-persuna naturali jew legali li joriġina l-posta, jew il-ġbir jew it-tqassim *(routing)* ta' dawn l-oġġetti minn parti terza li taġixxi biss f'isem dik il-persuna.

122 Il-każijiet konġunti T-236/01 Tokai Carbon Co. Ltd, T-239/01 SGL Carbon AG, T-244/01 Nippon Carbon Co. Ltd, T-245/01 Showa Denko KK, T-246/01 GrafTech International Ltd, T-251/01 SEC Corp u T-252/01 The Carbide/Graphite Group, Inc.

123 Id-Deċiżjoni tat-18.7. 2001 fil-Każ COMP/36.490 – l-elettrodi tal-grafita.

124 Il-Linji ta' Gwida ta' l-1998 dwar il-metodu ta' l-iffissar tal-multi, ĠU C 9 ta' l-14.1.1998.

sanzjonijiet fl-istess żmien f'ġurisdizzjonijiet li mhumiex fl-UE u l-Kummissjoni mhijiex obbligata tqis sanzjonijiet bħal dawn meta tiddetermina l-multi li timponi[125].

*Il-kartell tal-kanen ta' l-azzar f'biċċa waħda*

133. Fis-sentenzi tagħha tat-8 ta' Lulju[126], is-CFI naqqset il-multi imposti mill-Kummissjoni[127] fuq il-parteċipanti tal-kartell ta' kanen ta' l-azzar f'biċċa waħda biex tqis it-tul iqsar tal-ksur, fejn sabet li l-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet it-tul kollu tal-perjodu li fuqu – fost elementi oħrajn – ibbażat il-multi. F'dan il-kuntest is-CFI ddeċidiet li fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kienet il-Kummissjoni li kellha tippreżenta l-evidenza tat-tmiem eżatt tal-ftehimiet ta' trażżin volontarju bejn l-UE u l-Ġappun li l-Kummissjoni kienet qieset biex tiddetermina kemm dam il-ksur. Fejn għandhom x'jaqsmu l-kumpaniji Ġappuniżi involuti, is-CFI naqqset ukoll il-multi minħabba li l-involviment tagħhom fil-kartell kien inqas serju, ladarba ma kinux ħadu sehem f'parti waħda tal-ksur (li tikkonċerna l-kuntratti tal-provvista għal Corus). Dwar il-bqija, is-CFI ċaħdet l-applikazzjonijiet kollha għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

*Il-privileġġ legali: Akzo u Akros*

134. Fis-27 ta' Settembru[128], il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja segwa l-appell tal-Kummissjoni kontra ordni interim tal-President tal-Qorti tal-Prim Istanza li kien issospenda t-tħaddim ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ċaħdet it-talbiet ta' privileġġ legali li għamlu l-partijiet, iżda kien diġà ċaħad il-miżuri interim kontra d-deċiżjoni ta' l-ispezzjoni li l-partijiet kienu wkoll fittxew f'dawn il-proċeduri paralleli[129].

135. Il-każ kien jikkonċerna dokumenti maqbuda matul ispezzjoni ordnata b'deċiżjoni tal-Kummissjoni[130]. Il-kwistjonijiet involuti f'din it-tilwima li għadha sejra – il-każ ewlieni kien għadu pendenti fl-aħħar ta' l-2004 – huma l-ambitu u l-benefiċjarji tal-privileġġ legali. Il-President ta' l-ECJ annulla d-deċiżjoni meta ddeċieda li ma kien hemm l-ebda urġenza biex jinżamm kwalunkwe dokument mill-Kummissjoni.

136. L-ordni tal-President tas-CFI kienet indikat li l-ġurisprudenza stabbilita dwar il-privileġġ legali jista' jkollha bżonn titqies mill-ġdid u kien qajjem bosta mistoqsijiet f'dan ir-rigward: jekk l-ambitu tal-privileġġ legali għandux jiġi estiż għal dokumenti li jkunu għadhom qed jiġu ppreparati, għal ġbir ta' l-informazzjoni u għal dokumenti

---

125 Il-Kummissjoni appellat mis-sentenza (Każ C301/04/P) bħal ma għamlu partijiet oħra: SGL (Każ C308/04/P), Showa Denko (Każ C289/04/P) u SEC Corporation (Każ C307/04/P), deċiż b'ordni ta' 24/11/2004

126 Il-każijiet T-44/00 Mannesmannröhren-Werke AG, T-48/00 Corus UK Ltd, T-50/00 Dalmine SpA u l-każijiet konġunti T-67/00, T-68/00, T-71/00 et T-78/00 JFE Engineering Corp., Nippon Steel Corp., JFE Steel Corp. u Sumitomo Metal Industries Ltd.

127 Id-Deċiżjoni tat-8.12.1999 fil-każ COMP/35.860-B Kanen ta' l-azzar ta' kwalità solida.

128 Il-Każ C-7/04 P(R) Kummissjoni v Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals

129 L-Ordni tat-30.10.2003 fil-każijiet konġunti T-125/03 R u T-253/03 R Akzo Nobel Chemicals Ltd u Akcros.

130 Il-partijiet sostnew li ħames dokumenti kellhom privileġġ legali. L-ispetturi tal-Kummissjoni qiesu li għal tnejn minnhom ma setgħet tittieħed l-ebda pożizzjoni dak il-ħin u qiegħduhom f'invilopp issiġillat, li ttieħed lura għand il-Kummissjoni. It-tliet dokumenti l-oħrajn tqiesu bħala li mhumiex koperti bi privileġġ legali skond il-ġurisprudenza stabbilita u ġew ikkupjati u tqiegħdu fil-fajl. Wara l-ispezzjoni, il-Kummissjoni ċaħdet formalment it-talbiet tal-partijiet permezz ta' deċiżjoni.

sommarji maħsuba biex jintalab parir legali; jekk il-fatt li l-Kummissoni titħalla tieħu kopja ta' dawn id-dokumenti jistax jikkawża dannu irrimedjabbli għad-drittijiet tad-difiża; jekk il-benefiċjarji tal-privileġġ legali għandhomx jinkludu ċerti kategoriji ta' avukati impjegati fi ħdan il-kumpaniji. Għall-implikazzjonijiet negattivi kbar ta' bidla bħal din għax-xogħol ta' kuljum fil-qasam ta' l-infurzar fil-każijiet ta' l-*antitrust,* il-Kummissjoni qieset li huwa meħtieġ li jsir appell minn din l-ordni bl-iskop li jkun hemm ċertezza legali fir-rigward ta' l-applikabilità tal-ġurisprudenza stabbilita.

*Il-banek Ġermaniżi*

137. Fis-sentenzi tagħha[131] ta' l-14 ta' Ottubru, is-CFI annullat id-deċiżjoni[132] li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet sabet li għadd ta' banek Ġermaniżi kienu involuti f'kartell tal-prezzijiet li jikkonċernaw il-ħlasijiet tal-bank biex ikun hemm skambju fil-muniti taż-żona ta' l-Euro fil-perjodu li wassal għall-introduzzjoni ta' l-Euro bħala munita waħdanija taż-żona ta' l-Euro. Is-CFI sabet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq evidenza li ma kinitx suffiċjenti.

*Ir-regoli kontra l-użu tad-drogi fl-isport*

138. Fil-każ ta' l-għawwiema li jużaw id-drogi sportivi,[133] is-CFI iddeċidiet fit-30 ta' Settembru[134] li r-regoli tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali kontra t-teħid tad-drogi sportivi huma regoli purament sportivi mingħajr konsiderazzjonijiet ekonomiċi. Dawn ir-regoli kontra t-teħid tad-drogi sportivi huma marbutin mill-qrib ma' l-isport bħala tali, u għalhekk ma jaqgħux fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertajiet ekonomiċi u b'mod partikolari fl-ambitu ta' l-Artikoli 49, 81 u 82. Din hija l-ewwel sentenza fejn il-Qorti ddeċidiet dwar jekk ir-regoli ta' l-isport humiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni. Dan jikkonferma l-politika tal-kompetizzjoni fil-qasam ta' l-isport.

*Il-Eurovision*

139. Fl-4 ta' Ottubru, l-ECJ ċaħdet[135] l-appell ta' l-EBU kontra s-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2002[136] fejn il-Qorti tal-Prim Istanza kienet sabet li r-reġim ta' l-aċċess ta' partijiet terzi għas-sistema ta' l-Eurovision ma kinitx tissodisfa l-kondizzjoni ta' l-Artikolu 81(3)(b) KE u kienet annullat id-deċiżjoni ta' eżenzjoni rispettiva tal-Kummissjoni[137].

---

131 Il-Każijiet T-44/02 Dresdner Bank AG, T-54/02 Vereins und Westbank AG, T-56/02 Bayrische Hypo- und Vereinsbank AG, T-60/02 Deutsche Verkehrsbank AG, T-61/02 Commerzbank AG.

132 Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11.12.2001 fil-każ COMP/E–1/37.919 (ex 37.391) L-ispejjeż tal-bank għall-iskambju tal-muniti fiż-żona ta' l-euro - Ġermanja.

133 COMP/38.158 Meca Medina u Majcen kontra l-Kumitat Internazzjonali Olimpiku, http://europa.eu.int/comm/competition/antitrust/cases/index/by_nr_76.html#i38_158

134 Il-każ T-313/02 Meca Medina u Majcen kontra l-Kummissjoni Ewropea, http://europa.eu.int/smartapi/cgi/sga_doc?smartapi!celexplus!prod!CELEXnumdoc&lg=en&numdoc=62002A0313

135 Il-każ C-470/02.

136 Il-każ T-185/00.

137 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-1.5.2000 fil-każ COMP/32.150 EBU/Eurovision, ĠU L 151 tat-24.6.2000, p.18

*Il-Microsoft*

140. Fit-22 ta' Diċembru, il-President tas-CFI ċaħad[138] l-applikazzjoni kollha tal-Microsoft biex jiġi sospiż it-tħaddim tar-rimedji imposti fid-deċiżjoni ta' Marzu 2004 fil-każ ta' Microsoft[139]. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkundannat ir-rifjut tal-Microsoft li tipprovdi informazzjoni dwar l-interoperabilità u l-irbit tal-Windows mal-Windows Media Player. Barra l-multa, il-Kummissjoni imponiet miżuri biex ittemm il-prattika anti-kompetittiva enfasizzata fid-deċiżjoni.

141. Il-President qies li l-argumenti li l-Microsoft tressaq dwar is-sustanza, fil-proċeduri ta' tiswija ta' inġustizzja waqt li jkunu għadhom għaddejin il-proċeduri, ma jistgħux jitqiesu bħala *prima facie* infondati. Madankollu, il-President iddeċieda li Microsoft ma kinitx uriet li tista' ssofri dannu serju u irreparabbli permezz ta' l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni, u għalhekk ma kienx hemm ġustifikazzjoni biex ir-rimedji tad-deċiżjoni jiġu sospiżi. Il-President sab li il-kxif ta' l-informazzjoni li qabel kienet inżammet sigrieta mhux neċessarjament jwassal għal dannu serju u irreparabbli u li dannu bħal dan ma ntweriex fil-każ preżenti. Qies ukoll li fejn għandu x'jaqsam ir-rimedju tat-tneħħija ta' l-irbit, il-Microsoft ma wrietx b'mod speċifiku li tista' ssofri minn dannu serju u irreparabbli minħabba interferenza fil-politika kummerċjali tagħha jew minħabba dannu għar-reputazzjoni tagħha.

---

138 Il-każijiet T-201/04 (l-azzjoni prinċipali) u T-201/04 R (il-miżuri interim).

139 Ara l-punt 36 t'aktar 'il fuq.

## STATISTIKA

**Figura 1**
Każijiet ġodda



**Figura 3**
Bidliet fin-numru ta' kazijiet pendenti fi tmiem kull sena



# II – Il-kontroll ta' l-Amalgamazzjonijiet

*Daħla*

142. Fl-2004 kien hemm żieda fin-numru ta' amalgamazzjonijiet u akkwisti notifikati lill-Kummissjoni meta mqabbla ma' l-2003. Din kienet l-ewwel żieda ta' dan it-tip mill-1999. B'kollox saru 249 notifika, żieda ta' 17% fuq is-sena ta' qabel. In-numru ta' deċiżjonijiet finali żdied xi ftit ukoll minn 231 fl-2003 għal 242 fl-2004. Mid-deċiżjonijiet finali adottati matul il-perjodu, 156 jew 64% kienu adottati skond ir-Regolament il-ġdid li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju. Aktar minn nofs (57%) id-deċiżjonijiet kollha finali meħuda fl-2004 ittieħdu skond il-proċedura semplifikata. Mill-232 deċiżjoni finali adottati fl-aħħar ta' l-ewwel fażi, 220 kienu deċiżjonijiet ta' kklerjar mingħajr garanziji. Fit-12-il każ l-ieħor, il-partijiet ressqu garanziji li neħħew id-dubji serji tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni.

143. Meta mqabbla ma' l-2003, ma kien hemm l-ebda bidla fin-numru ta' każijiet li qajmu dubji serji dwar l-effett tagħhom fuq il-kompetizzjoni u għalhekk li kienu jeħtieġu investigazzjoni dettaljata (Fażi II) fejn infetħu 8 investigazzjonijiet ta' din ix-xorta fl-2004. Mis-7 investigazzjonijiet tal-Fażi II li tlestew fl-2004, 6 tranżazzjonijiet ġew finalment approvati u waħda rriżultat fi projbizzjoni. F'4 każijiet l-approvazzjoni ngħatat fuq il-bażi ta' garanziji li neħħew il-problemi oriġinali tal-kompetizzjoni u f'2 każijiet it-tranżazzjonijiet kienu approvati mingħajr kondizzjonijiet.

144. Il-Kummissjoni adottat ukoll 3 deċiżjonijiet ta' referenza matul is-sena. Tnejn minn dawn il-każijiet ġew riferuti b'mod sħiħ, u wieħed b'mod parzjali. Fl-2004, il-Kummissjoni rċeviet 19-il talba rraġunata mingħand partijiet sabiex jiġu eżaminati mill-Kummissjoni konċentrazzjonijiet mingħajr id-dimensjoni Komunitarja (it-talbiet ta' l-Artikolu 4(5) il-ġdid). Saru u ntlaqgħu żewġ talbiet irraġunati mingħand partijiet li konċentrazzjonijiet b'dimensjoni Komunitarja għandhom jiġu eżaminati għalkollox jew parzjalment minn Stat Membru (it-talbiet ta' l-Artikolu 4(4) il-ġdid)[140].

140 Għal aktar dettalji dwar l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda ara l-Kaxxa ….

## A – IR-REGOLI LEĠIŻLATTIVI U INTERPRETATTIVI

### 1. IR-REGOLAMENT DWAR L-AMALGAMAZZJONIJIET MIKTUB MILL-ĠDID, L-AVVIŻI L-ĠODDA U R-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI EMENDAT

### 1.1. Ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid: Ir-Regolament 139/2004

145. Ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet miktub mill-ġdid[141] ġie adottat b'mod formali fl-20 ta' Jannar u sar applikabbli fl-1 ta' Mejju. Wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid, ġew adottati modifiki relatati u modifiki oħrajn għar-Regolament ta' Implimentazzjoni, fl-1 ta' Mejju 2004. Saru wkoll tibdiliet li jikkorrispondu magħhom għall-Avviż dwar il-Proċedura Semplifikata kif ukoll għall-Avviż dwar it-trażżin Anċillari. Biex tingħata gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tar-regoli l-ġodda fir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet fejn għandha x'taqsam ir-referenza tal-każijiet, il-Kummissjoni adottat ukoll Avviż dwar l-Allokazzjoni tal-Każijiet ġdid. Fl-aħħarnett kienu adottati Linji ta' Gwida ġodda dwar l-Amalgamazzjonijiet biex jipprovdu gwida dwar il-valutazzjoni ta' l-amalgamazzjonijiet orizzontali

### 1.2. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Rivedut.

146. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni rivedut (l-IR il-ġdid [*IR – Implementing Regulation]*) fih primarjament miżuri meħtieġa biex jiġu riflessi t-tibdiliet li saru fir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid. Madankollu l-Kummissjoni ħadet ukoll l-opportunità biex ittejjeb iċ-ċarezza tat-test, kif ukoll l-effiċjenza u l-ġustizzja tal-proċess. L-IR il-ġdid kien adottat f'April wara konsultazzjoni pubblika mill-Kummissjoni u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004[142].

*Il-Mekkaniżmu l-ġdid ta' Referenza*

147. Ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid jintroduċi l-possibbiltà biex il-partijiet li qed jinnotifikaw sabiex jitolbu fl-istadju ta' qabel in-notifika li konċentrazzjoni tiġi riferita jew mill-Kummissjoni lill-Istat Membru (l-Art. 4 (4)) jew minn tliet Stati Membri jew aktar lill-Kummissjoni (l-Art. 4 (5)). Sabiex il-każ jiġi riferit għall-istadju ta' qabel in-notifika, il-partijiet li qed jinnotifikaw iridu jagħmlu sottomissjoni rraġunata lill-Kummissjoni. Bl-iskop li dawn is-sottomissjonijiet jiġu pproċessati u ssemplifikati, l-IR il-ġdid jintroduċi formola għas-sottomissjonijiet (Formola RS) li tistabbilixxi l-informazzjoni li għandu jkun fiha din is-sottomissjoni.

---

141 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20.1.2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi, ĠU L 24 of 29.1.2004, p. 1.

142 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 tas-7.4.2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi, ĠU L 133 tat-30.4.2004, p. 1.

*Il-Formoli l-ġodda għan-Notifika – Il-Formola tas-CO u l-Formola l-Qasira tas-CO*

148. Minbarra r-regoli ta' proċedura riveduti, saru reviżjonijiet għall-Formola tas-CO u ġiet introdotta Formola Qasira tas-CO ġdida.

149. Il-Formola l-Ġdida tas-CO il-ġdida tirrifletti l-bidliet li saru għar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid u tiffoka wkoll fuq ċerti kwistjonijiet ta' kompetizzjoni mqajma fi ħdan l-qafas analitiku ta' l-Avviż il-ġdid tal-Kummissjoni dwar il-Valutazzjoni ta' l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali (il-Linji ta' Gwida l-ġodda dwar l-Amalgamazzjonijiet). L-innovazzjonijiet ewlenin jinvolvu l-ħtieġa li jkun provdut sommarju eżekuttiv li jispeċifika s-swieq li fihom ser ikollha impatt it-tranżazzjoni u r-raġuni strateġika u ekonomika fundamentali għat-tranżazzjoni (it-Taqsima 1); taqsima ġdida li tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li konċentrazzjoni proposta tista' tkun soġġetta għal regoli Komunitarji u/jew nazzjonali li jiggvernaw l-għoti ta' ċerta informazzjoni fir-rigward tat-tranżazzjoni proposta *vis-à-vis* l-impjegati tal-partijiet li qed jinnotifikaw u r-rappreżentanti tagħhom (it-Taqsima 1.7); u l-ħtieġa li jiġi speċifikat il-valur tat-tranżazzjoni (it-Taqsima 3).

150. Emendi addizzjonali għandhom x'jaqsmu ma': it-tip ta' dokumentazzjoni ta' appoġġ meħtieġa (it-Taqsima 5); il-kategoriji ta' l-informazzjoni meħtieġa fejn għandhom x'jaqsmu s-swieq li mhumiex affettwati (it-Taqsima 6); il-limitu għall-ħtieġa li tkun provduta informazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu l-kompetituri fis-swieq affettwati li tbaxxa minn 10% għal 5%; obbligu ġdid għall-kumpaniji li jipprovdu informazzjoni dwar il-livelli ta' HHI fis-swieq affettwati; it-tip ta' informazzjoni meħtieġa f'relazzjoni mal-kondizzjonijiet ġenerali tas-suq (it-Taqsima 8) u kondizzjonijiet meħtieġa addizzjonali ta' informazzjoni dwar żviluppi prevedibbli fil-futur bħal, per eżempju, prodotti ppjanati għall-ġejjieni, pjanijiet biex titkabbar il-kapaċità u pjanijiet għal dħul fi swieq. Ġiet introdotta taqsima ġdida dwar l-informazzjoni li tirrelata ma' l-effiċjenzi (it-Taqsima 9). It-taqsima tispeċifika li s-sottomissjoni tat-tagħrif dwar l-effiċjenzi hija volontarja u li l-partijiet mhumiex meħtieġa li joffru l-ebda ġustifikazzjoni talli ma jimlewx din it-taqsima. It-taqsima dwar ir-restrizzjonijiet anċillari tneħħiet skond id-dispożizzjoni l-ġdida fir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet li tgħid li l-Kummissjoni normalment mhux se tittratta dawn il-kwistjonijiet. Fl-aħħarnett, issa huwa stipulat illi ċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza u tal-preċiżjoni tan-notifika għandha ssir mill-partijiet li qed jinnotifikaw, minflok mir-rappreżentanti legali tagħhom.

151. It-tkabbir ukoll għamilha neċessarju li l-partijiet li qed jinnotifikaw ikunu meħtieġa jipprovdu 10 kopji oħra ta' kull notifika li għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni sabiex notifika titqies bħala kompleta[143].

*Il-Limiti taż-Żmien il-Ġodda*

152. L-IR il-ġdid fih ukoll emendi għad-dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu tal-limiti taż-żmien li għandhom jiġu kkalkulati, f'konformità ma' dak li jgħid ir-Regolament il-ġdid dwar l-Amalgamazzjonijiet, fuq il-bażi tal-jiem tax-xogħol minflok tax-xhur. L-Artikolu 7 l-ġdid jipprovdi li l-perjodi taż-żmien għandhom jibdew fil-jum tax-

143 U b'hekk in-numru totali huwa ta' oriġinali waħda u 35 kopji tal-Formola tas-CO.

xogħol ta' wara l-avveniment li tirreferi għalih id-dispożizzjoni rilevanti. L-Artikolu 8 fih regoli semplifikati għall-kalkolu ta' l-iskadenza tad-diversi limiti taż-żmien.

153. L-Artikolu 19(1) jistipola li l-perjodu li fih iridu jitressqu l-impenji fil-Fażi I għandu jkun ta' 20 jum tax-xogħol, u l-Artikolu 19(2) jipprovdi li l-perjodu li fih iridu jitressqu l-impenji fil-Fażi II għandu jkun ta' 65 jum tax-xogħol mid-data meta nbdew il-proċeduri. Fejn il-perjodu li fih trid tiġi adottata deċiżjoni ta' l-Artikolu 8(2) huwa estiż fuq talba tal-partijiet skond l-Artikolu 10(3), il-perjodu li fih iridu jitressqu l-impenji għandu jiġi estiż ukoll bl-istess numru ta' jiem tax-xogħol. Per eżempju: jekk il-perjodu ta' 90 jum tax-xogħol huwa estiż b'10 jiem tax-xogħol, il-perjodu ta' 65 jum tax-xogħol li fih iridu jitressqu l-impenji huwa estiż għal 75 jum tax-xogħol.

154. L-Artikolu 9 ta' l-IR il-ġdid jintroduċi l-possibbiltà li ċerti limiti taż-żmien jiġu sospiżi. Il-limitu taż-żmien li jikkonċerna r-referenza u d-deċiżjonijiet finali fl-Artikoli 9(4), 10(1) u 10(3) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid jista' jiġi sospiż f'ċirkustanzi li huma responsabbli għalihom il-partijiet fejn il-Kummissjoni l-ewwel trid tagħmel talba għall-informazzjoni permezz ta' deċiżjoni (jew trid tieħu deċiżjoni għall-ispezzjoni (l-Artikolu 13(4)).

*Id-Dritt għas-Smigħ*

155. L-IR il-ġdid fih dispożizzjonijiet ġodda dwar id-dritt għas-smigħ li essenzjalment jespandu l-kategorija ta' persuni naturali jew legali li għandhom dawn id-drittijiet lill-għaqdiet tal-konsumaturi fil-każijiet fejn il-konċentrazzjoni proposta għandha x'taqsam ma' prodotti jew servizzi li jintużaw mill-konsumaturi finali.

*L-Informazzjoni Konfidenzjali*

156. L-IR il-ġdid jintroduċi wkoll obbligu fuq persuni li jagħmlu l-fehmiet tagħhom pubbliċi skond l-Artikoli 12, 13 jew 16 jew li jipprovdu informazzjoni skond l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid biex ikun identifikat b'mod ċar kwalunkwe materjal li jqisu bħala konfidenzjali. Persuni bħal dawn għandhom ukoll jipprovdu spjegazzjoni dwar għaliex iqisu l-informazzjoni bħala konfidenzjali u għandhom jipprovdu verżjoni separata li mhix konfidenzjali sad-data stabbilita mill-Kummissjoni.

157. Il-partijiet li jinnotifikaw huma meħtieġa wkoll, skond l-Artikolu 18 (3) ta' l-IR il-ġdid, li jidentifikaw is-sigrieti kummerċjali jew informazzjoni konfidenzjali oħra fid-dokumenti jew f'partijiet mid-dokumenti li jkunu pproduċew. Għandhom jidentifikaw ukoll l-intrapriżi li fir-rigward tagħhom dawn id-dokumenti għandhom jitqiesu konfidenzjali. Din il-kondizzjoni meħtieġa li tkun identifikata l-informazzjoni konfidenzjali tapplika wkoll għal kwalunkwe parti minn dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet, sommarju ta' każ jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni li fil-fehma tal-partijiet fiha sigrieti kummerċjali. Bħal fil-każ ta' partijiet terzi, il-partijiet li jinnotifikaw huma meħtieġa li jipprovdu spjegazzjoni għall-pretensjoni tagħhom ta' segretezza u jridu jipprovdu verżjoni mhux konfidenzjali tad-dokument rilevanti.

*L-Emendi Addizzjonali*

158. L-Artikolu 3 jistipola li l-lingwa tal-proċedura oriġinali għandha tkun ukoll il-lingwa ta' "kwalunkwe proċedura sussegwenti li tirrelata ma' l-istess konċentrazzjoni". L-għan ta' din il-miżura huwa li jkun żgurat li kwalunkwe proċedura li għandha x'taqsam ma' l-istess konċentrazzjoni tkun ittrattata bl-istess lingwa. Dan ikun il-każ, per eżempju, fejn kwistjoni għandha terġa' tiġi eżaminata wara deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew fejn jinbdew proċeduri skond l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid, minħabba li tressqet informazzjoni li mhix korretta f'notifika.

159. L-Artikolu 5 ġie emendat biex jiġi ċċarat liema informazzjoni għandha tiġi inkluża fil-kategorija ta' informazzjoni li "trid tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni mingħajr dewmien" wara n-notifika. Informazzjoni bħal din tinkludi mhux biss, bħal qabel, "bidliet materjali fil-fatti li jinsabu fin-notifika", iżda wkoll "informazzjoni ġdida li tinkixef wara n-notifika li l-partijiet jafu jew suppost jafu u li għandha tiġi nnotifikata jekk tkun magħrufa fi żmien in-notifika".

*Il-Formola l-Qasira tas-CO l-ġdida*

160. Ġiet introdotta Formola Qasira tas-CO biex jiġu notifikati l-konċentrazzjonijiet li ma tantx huwa probabbli li jkunu kawża ta' tħassib dwar il-kompetizzjoni. Din il-formola ġiet allinjata kemm jista' jkun possibbli ma' l-Avviż tal-Kummissjoni dwar Proċedura Semplifikata rivedut. L-użu tal-Formola l-Qasira tas-CO huwa maħsub fejn:

(a) intrapriża konġunta m'għandha l-ebda attività ekonomika, jew għandha attività ekonomika negliġibbli fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

(b) l-ebda wieħed mill-partijiet għall-konċentrazzjoni m'huwa involut f'attivitajiet kummerċjali fl-istess prodott u fl-istess suq ġeografiku rilevanti (l-ebda koinċidenza orizzontali), jew f'suq li huwa eqreb lejn il-punt tal-produzzjoni milli tal-bejgħ (*upstream*) jew eqreb lejn il-punt tal-bejgħ milli tal-produzzjoni (*downstream*) ta' suq fejn hija involuta parti oħra għall-konċentrazzjoni (l-ebda relazzjoni vertikali);

(c) l-ishma magħquda tas-suq tal-partijiet huma inqas minn 15% għal koinċidenzi orizzontali jew inqas minn 25% (magħquda jew indvidwali) għar-relazzjonijiet vertikali, jew

(d) parti tikseb il-kontroll uniku ta' intrapriża li qabel tkun ikkontrollata b'mod konġunt[144].

161. Skond l-Avviż dwar Proċedura Semplifikata, ġew identifikati ċerti tipi ta' konċentrazzjonijiet fejn notifika li tuża l-Formola l-Qasira ma tkunx xierqa, anki jekk il-kondizzjonijiet formali jistgħu jkunu milħuqa. Tista' tinqala' sitwazzjoni bħal din fejn, per eżempju, huwa diffiċli li wieħed jiddefinixxi s-swieq rilevanti; fejn parti

---

[144] Il-punt (d) ġie miżjud mal-kategorija tal-każijiet li jikkwalifikaw għal notifika bil-Formola l-Qasira. Ara aktar 'l isfel fejn hemm "L-Avviż dwar il-Proċedura Semplifikata".

hija ġdida għas-suq jew hija detentur ta' brevett importanti; fejn mhuwiex possibbli li wieħed jiddetermina b'mod xieraq l-ishma tas-suq tal-partijiet; fejn hemm bosta barrieri għad-dħul, b'livell għoli ta' problemi ta' konċentrazzjoni jew ta' kompetizzjoni magħrufa; fejn tinqala' kwistjoni ta' koordinament skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid; fejn Stat Membru jew parti terza jesprimi/tesprimi tħassib issostanzjat fi żmien ċerti perjodi definiti, u fejn għall-inqas żewġ partijiet għall-konċentrazzjoni huma preżenti fi swieq viċin xulxin li huma relatati mill-qrib. B'mod simili, notifika bil-Formola tas-CO kompleta tista' tkun meħtieġa fil-każ li parti tikseb il-kontroll uniku ta' intrapriża konġunta fejn bħalissa għandha kontroll konġunt, fejn il-parti li tikseb u l-intrapriża konġunta, flimkien, għandhom pożizzjoni qawwija fis-suq, jew l-intrapriża konġunta u l-parti li tikseb għandhom pożizzjonijiet qawwijin fi swieq li huma relatati b'mod vertikali.

162. Ġew miżjuda salvagwardji sabiex jiġi żgurat illi, f'każ li jirriżulta li l-konċentrazzjoni ma tikkwalifikax għan-notifika skond il-Formola l-Qasira iżda tkun diġà ġiet notifikata, il-Kummissjoni tista' mbagħad teħtieġ notifika sħiħa jew parzjali skond il-Formola tas-CO. Tista' tinqala' sitwazzjoni bħal din fejn il-kondizzjonijiet biex tintuża l-Formola l-Qasira ma jintlaħqux; fejn notifika sħiħa jew parzjali skond il-Formola tas-CO tidher li tkun meħtieġa għal investigazzjoni xierqa ta' tħassib possibbli dwar il-kompetizzjoni; fejn tressqet informazzjoni inkorretta jew li tista' tiżgwida; u/jew fejn Stat Membru jew parti terza jesprimi/tesprimi tħassib issostanzjat fi kwistjonijiet tal-kompetizzjoni dwar il-konċentrazzjoni notifikata. Għandu jiġi enfasizzat li r-responsabbiltà biex tkun provduta informazzjoni korretta u sħiħa hija tal-partijiet li jinnotifikaw. Dawn u kwistjonijiet oħrajn li huma relatati ma' kemm huwa xieraq li tintuża n-notifika tal-Formola l-Qasira għandhom jiġu trattati waqt il-kuntatti ta' qabel in-notifika.

163. Fir-rigward ta' l-informazzjoni meħtieġa fil-Formola l-Qasira tas-CO stess, għandha tinżamm fil-qosor filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li titressaq l-informazzjoni kollha rilevanti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika li l-konċentrazzjoni proposta hija xierqa biex tkun innotifikata permezz tal-Formola l-Qasira tas-CO. Il-Formola l-Qasira tas-CO teħtieġ informazzjoni dwar dawk li jissejħu "swieq li jistgħu jiġu rrapportati" li jistgħu jkunu swieq orizzontali jew vertikali. Skond il-prinċipju li diġà jinsab fl-Avviż dwar il-Proċedura Semplifikata, jingħad b'mod espliċitu fil-Formola l-Qasira tas-CO li trid tingħata d-data fuq il-bażi tad-definizzjonijiet alternattivi possibbli kollha tas-suq li huma plawsibbli.

164. L-informazzjoni meħtieġa dwar is-swieq li jistgħu jiġu rrapportati hija limitata għall-informazzjoni li tikkonċerna d-daqs totali tas-suq, id-data dwar il-bejgħ u dwar l-ishma tas-suq tal-partijiet li jinnotifikaw. Din l-informazzjoni hija limitata għad-data finanzjarja tas-sena ta' qabel biss. Fil-każ ta' relazzjonijiet orizzontali jew vertikali, iridu jiġu provduti l-ishma tas-suq ta' l-akbar tliet kompetituri. Din l-informazzjoni bażika tippermetti lill-Kummissjoni tiżgura li l-konċentrazzjoni hija waħda li għaliha hija xierqa notifika b'Formola Qasira. Barra minn hekk, it-taqsima li titlob informazzjoni dwar l-effetti possibbli tal-kooperazzjoni skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid inżammet fil-Formola l-Qasira tas-CO l-ġdida.

165. Skond il-Formola tas-CO s-sħiħa, ġiet miżjuda dispożizzjoni dwar il-ħtieġa li l-impjegati u r-rappreżentati jkunu informati. Fl-aħħarnett ġiet miżjuda dispożizzjoni skond il-Formola tas-CO s-sħiħa li teħtieġ li l-partijiet li jinnotifikaw jipprovdu sommarju eżekuttiv tal-konċentrazzjoni.

## 1.3. L-Avviż Rivedut dwar il-Proċedura Semplifikata

166. Mill-2000, l-Avviż dwar il-Proċedura Semplifikata rivedut jissostitwixxi l-avviż li kien hemm qabel. Ir-reviżjoni kienet tikkonsisti f'emenda sostantiva waħda – l-inklużjoni ta' kategorija ġdida ta' konċentrazzjonijiet li tinvolvi bidla minn kontroll konġunt għal wieħed uniku – u bidliet oħra żgħar fit-test.

167. L-inklużjoni ta' din il-kategorija l-ġdida hija mmotivata mill-esperjenza tal-Kummissjoni li wriet li l-bidliet minn kontroll konġunt minn żewġ kumpaniji jew aktar għal kontroll uniku minn kumpanija waħda normalment ma jagħtux lok għal tħassib dwar il-kompetizzjoni. Dan huwa minħabba li jekk intrapriża waħda jew aktar li għandha l-kontroll tirtira, inevitabbilment dan se jnaqqas l-għadd ta' intrapriżi konċernati. Jista' jwassal ukoll għal bidla żgħira, jew għall-ebda bidla, fl-imġieba ta' l-intrapriża konġunta. Għalhekk normalment mhux se jirriżulta f'tisħiħ tal-pożizzjoni magħquda fis-suq ta' l-intrapriżi konċernati li jifdal, jiġifieri l-unika intrapriża *parent* li tikkontrolla u dik li qabel kienet l-intrapriża konġunta, meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' qabel l-irtirar.

168. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-bidla minn kontrol konġunt għal wieħed uniku jista' jqajjem tħassib dwar il-kompetizzjoni. Jista' jinqala' tħassib partikolari f'ċirkustanzi fejn dik li qabel kienet l-intrapriża konġunta tiġi integrata fi grupp jew f'netwerk ta' l-azzjonista li jifdal tagħha, u l-obbligi tad-dixxiplina li huma eżerċitati mill-inċentivi diverġenti ta' l-azzjonisti li jikkontrollaw l-oħrajn jitneħħew u b'hekk titjieb il-pożizzjoni fis-suq ta' l-azzjonista li jifdal. It-taqsima dwar is-salvagwardji u l-esklużjonijiet ta' l-avviż tiddeskrivi xenarji fejn il-bidliet minn kontroll konġunt għal wieħed uniku jistgħu jagħtu lok għal tħassib dwar il-kompetizzjoni u tistipula li f'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' ma tapplikax il-proċedura ssemplifikata u tniedi investigazzjoni u/jew tadotta deċiżjoni sħiħa. Bħala salvagwardja addizzjonali, il-Kummissjoni tista' ma tapplikax il-proċedura ssemplifikata f'każijiet fejn la l-Kummissjoni u lanqas l-awtoritajiet kompeteneti ta' l-Istati Membri ma jkunu eżaminaw l-akkwist preċedenti tal-kontroll konġunt ta' l-intrapriża konġunta kkonċernata. L-avviż jindika wkoll (il-punt 17) li l-Kummissjoni ser tagħmel ħilitha biex toħroġ deċiżjoni malli jkun prattikabbli wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 15-il jum ta' xogħol li matulu l-Istati Membri jistgħu jitolbu referenza skond l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid. Dan huwa l-iktar punt bikri fejn l-adozzjoni ta' deċiżjoni hija possibbli.

169. Minħabba l-bidliet fil-politika tal-Kummissjoni dwar ir-restrizzjonijiet anċillari, l-avviż jiddikjara li l-proċedura ma toqgħox għal każijiet fejn l-intrapriżi konċernati jitolbu valutazzjoni espressa tar-restrizzjonijiet anċillari.

**KAXXA 7: Is-sistema ta' referenzi faċilitata skond ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid**

*Ir-raġuni fundamentali għal sistema ta' referenzi faċilitata*

Il-fini ġenerali tas-sistema ta' referenzi faċilitata huwa li jkun hemm mekkaniżmu korrettiv aktar razzjonali għall-allokazzjoni tal-każijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri bbażata fuq is-sussidjarjetà, billi jiġi żgurat li l-awtorità jew l-awtoritajiet li huma l-aħjar biex iwettqu investigazzjoni ta' l-amalgamazzjoni partikolari għandhom jieħdu ħsieb il-każ. Din is-sistema timmira b'mod partikolari li tegħleb il-problema ta' "depożitu multiplu", jiġifieri notifiki lil bosta awtoritajiet tal-kompetizzjoni fi ħdan l-UE, filwaqt li jinżammu l-aħjar kwalitajiet tal-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet fil-KE, jiġifieri *one-stop-shop*, l-espedjenza, iċ-ċertezza legali u l-effiċjenza amministrattiva. Għal dan il-għan, ir-regoli li jmexxu s-sistema tar-referenzi fir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-Ġdid (l-Artikoli 4(4), 4(5), 9 u 22) ġew issemplifikati u saru aktar flessibbli. Aspett ewlieni tar-riforma hija li r-referenzi mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u viċeversa issa jistgħu jsiru qabel ma jkun sar id-depożitu formali fi kwalunkwe ġurisdizzjoni ta' l-UE, ibbażat fuq talba volontarja mressqa mill-partijiet li se jamalgamaw.

***L-Avviż dwar l-Allokazzjoni tal-Każijiet***

Minħabba li l-proċeduri tar-referenza stabbiliti fir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid huma ġodda, dawn l-emendi kienu kkomplementati minn Avviż ġdid dwar il-prinċipji, il-kriterji u l-metodoloġija li fuqhom għandhom ikunu bbażati d-deċiżjonijiet tar-referenzi.

L-avviż l-ewwel jispjega liema huma l-prinċipji ta' gwida li fuqhom huwa msejjes il-mekkaniżmu ta' l-allokazzjoni mill-ġdid tal-każijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jiġifieri s-sussidjarjetà, il-*one-stop-shop* u ċ-ċertezza legali. Is-sussidjarjetà timplika li fil-prinċipju, il-ġurisdizzjoni għandha tkun attribwita mill-ġdid lill-aġenzija tal-kompetizzjoni li qiegħda fl-aħjar pożizzjoni biex tittratta amalgamazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-impatt fuq il-kompetizzjoni tal-każ kif ukoll l-għodod ta' l-investigazzjoni u l-kompetenza li huma disponibbli għall-aġenzija. Il-każ biex amalgamazzjoni tiġi riferita lill-awtorità l-aktar xierqa huwa partikolarment konvinċenti fejn jidher li tranżazzjoni partikolari jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni u għalhekk jista' jixirqilha skrutinju b'aktar attenzjoni. Il-*one stop-shop* jiżgura l-immaniġġjar ta' amalgamazzjoni minn aġenzija tal-kompetizzjoni waħda, biex b'hekk tiżdied l-effiċjenza amministrattiva u jiġu evitati d-duplikazzjoni u t-tfarrik ta' l-isforz ta' l-infurzar minn bosta awtoritajiet. Ibbażat fuq dan il-prinċipju, it-tfarrik tal-każijiet għandu jiġi evitat kull fejn huwa possibbli. Iċ-ċertezza legali teħtieġ li r-referenzi ta' qabel id-depożitu, fil-prinċipju, għandhom ikunu limitati għal dawk il-każijiet fejn huwa relattivament sempliċi li jkun stabbilit, mill-bidu nett, l-ambitu tas-suq ġeografiku u/jew l-eżistenza ta' impatt kompetittiv possibbli, biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni minnufih fuq talbiet bħal dawn.

Fir-rigward ta' l-amalgamazzjonijiet komunitarji li huma eliġibbli biex jiġu riferiti lill-Istati Membri, l-avviż ifakkar li meta tqis jekk tirreferix każ jew le, il-Kummissjoni għandha taċċerta ruħha li l-NCAs li jirċievu se jkunu f'pożizzjoni li jiskrutinaw il-każ kif suppost u effettivament jerġgħu jintroduċu l-kompetizzjoni, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari r-riżorsi, is-setgħat ta' l-investigazzjoni u ta' l-infurzar, ir-rekord tal-passat ta' l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Barra minn hekk, l-avviż jikkataloga l-kriterji legali li jridu jintlaħqu sabiex ir-referenzi jkunu possibbli, u jistabbilixxi l-fatturi l-oħrajn li jistgħu jitqiesu meta ssir deċiżjoni dwar ir-referenzi. Ibbażata fuq dak li ntqal aktar 'il fuq, l-avviż jidentifika l-kateogriji tal-każijiet li huma l-aħjar kandidati għar-referenzi, jiġifieri:

i) fir-rigward tar-referenzi mill-Kummissjoni lill-Istati Membri: il-konċentrazzjonijiet b'dimensjoni Komunitarja li huwa probabbli li jaffettwaw il-kompetizzjoni fi swieq li għandhom ambitu nazzjonali jew li huwa aktar limitati minn hekk, u liema effetti x'aktarx se jkunu limitati għal, jew għandhom l-impatt ewlieni tagħhom, fi Stat Membru wieħed;

ii) fir-rigward tar-referenzi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni: a) il-każijiet fejn is-suq/swieq fejn jista' jkun hemm impatt potenzjali fuq il-kompetizzjoni huwa/huma usa' minn nazzjonali f'dak li huwa l-ambitu ġeografiku, jew fejn uħud mis-swieq li potenzjalment huma affettwati huma usa' minn nazzjonali u l-impatt ekonomiku ewlieni tal-konċentrazzjoni huwa marbut ma' swieq bħal dawn; b) il-każijiet li jagħtu lok għal tħassib potenzjali fi kwistjonijiet tal-kompetizzjoni f'serje ta' swieq nazzjonali jew li huma aktar limitati minn nazzjonali li jinsabu f'għadd ta' pajjiżi differenti fl-UE, u f'ċirkustanzi fejn trattament koerenti (fir-rigward ta' l-investigazzjoni iżda wkoll fir-rigward tar-rimedji possibbli) tal-każ huwa mixtieq.

Fl-aħħarnett, l-Avviż jipprovdi gwida prattika fir-rigward tal-proċess tas-sistema tar-referenzi, billi jkunu speċifikati l-passi differenti meħtieġa biex każ jiġi riferit mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u viċeversa, u billi jiġu ċċarati għadd ta' kunċetti li huma rilevanti fil-kuntest tar-referenzi ta' qabel in-notifika skond l-Artikolu 4(4) u (5) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid (li jikkawża l-avvenimenti għat-talba, l-informazzjoni li għandha tiġi provduta mill-partijiet li jagħmlu t-talba, il-perjodu ta' żmien li fih għandhom jiġu ttrattati t-talbiet).

F'din it-taqsima ta' l-Avviż, tingħata wkoll gwida dwar ir-rwol tan-Netwerk ifformat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, li l-iskop tiegħu huwa li jkun żgurat skambju f'waqtu ta' informazzjoni kif ukoll ta' djalogu u kooperazzjoni bejn il-membri tiegħu.

Dwar l-implikazzjonijiet tar-riforma, l-ewwelnett huwa mistenni li l-għadd ta' każijiet li huma suġġetti għall-allokazzjoni mill-ġdid bejn il-Kummissjoni u l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni għandu jiżdied għaliex il-kundizzjonijiet meħtieġa għar-referenzi ġew issemplifikati. It-tieni, ir-referenzi ta' qabel id-depożitu – għall-inqas fejn għandhom x'jaqsmu r-referenzi lill-Kummissjoni – maż-żmien għandhom jieħdu post ir-referenzi ta' wara d-depożitu.

Ibbażat fuq in-numru ta' talbiet li ġew iddepożitati sa minn meta bdew jiġu applikati r-regoli l-ġodda, jidher li s-sistema l-ġdida tar-referenzi lill-Kummissjoni ta' qabel id-depożitu hija suċċess sinifikanti. Mill-erbatax-il talba għal referenza lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-amalgamazzjonijiet li għalihom kienet ikkompletata l-proċedura, tnejn biss mill-Istati Membri ħaddmu d-dritt tal-veto. Il-parti l-kbira tat-talbiet kienu jikkonċernaw każijiet li kienu ġenwinament bejn pajjiż u ieħor. Dawn it-tranżazzjonijiet, minbarra li setgħu jiġu notifikati lil għadd kbir ta' Stati Membri, kellhom effetti fuq il-kompetizzjoni lil hinn mit-terrritorju ta' Stat Membru wieħed, billi affettwaw jew swieq li b'mod ċar huma kollha maż-ŻEE, jew inkella għadd ta' swieq nazzjonali. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni qiegħda f'pożizzjoni aħjar biex tittratta tranżazzjonijiet bħal dawn. In-negozji jagħrfu b'mod ċar il-vantaġġ meta l-każ tagħhom jiġi trattat mill-Kummissjoni sabiex ikunu evitati l-kundizzjonijiet meħtieġa ta' aktar minn depożitu wieħed, biex jibbenefikaw minn

investigazzjoni koordinata u, fejn huwa applikabbli, minn rimedji koerenti. Għadd żgħir biss ta' każijiet kienu jikkonċenraw tranżazzjonijiet "puri" ta' aktar minn depożitu wieħed li ma kellhom l-ebda effett tanġibbli fuq il-kompetizzjoni bejn pajjiż u ieħor.

Fir-rigward tar-referenzi ta' amalgamazzjonijiet b'dimensjoni Komunitarja lill-Istati Membri fil-fażi ta' qabel in-notifika (l-Artikolu 4(4)) tar-Regolament dwar l-amalgamazzjonijiet, s'issa tressqu żewġ talbiet biss. Dan huwa skond l-aspettattivi li talbiet bħal dawn ta' attribuzzjoni mill-ġdid lil Stat Membru se jkunu limitati fl-għadd.

### 1.4. L-Avviż il-Ġdid dwar it-Trażżin Anċillari

170. L-Avviż eżistenti dwar it-trażżin anċillari kien rivedut sabiex iqis ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid li jipprovdi li deċiżjoni li tiddikjara li konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-Suq Komuni *'għandha titqies bħala li tkopri r-restrizzjonijiet li huma relatati b'mod dirett u meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni*[145]*'*. Għalhekk, il-partijiet għal tranżazzjoni għandhom jivvalutaw huma stess jekk klawsola tistax titqies bħala anċillari għal amalgamazzjoni jew le.

171. Madankollu, f'ċirkustanzi speċifiċi, il-Kummissjoni żżomm funzjoni residwa u fuq talba ta' l-intrapriżi konċernati għandha espressament tivvaluta n-natura anċillari ta' restrizzjonijiet bħal dawn jekk każ jippreżenta *'mistoqsijiet ġodda u li mhumiex solvuti li jwasslu għal inċertezza ġenwina'* iddefiniti bħala mistoqsijiet *'li mhumiex koperti mill-avviż rilevanti tal-Kummissjoni li huwa fis-seħħ jew minn deċiżjoni tal-Kummissjoni ppubblikata.'*

172. L-Avviż il-ġdid jagħti gwida dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' 'restrizzjonijiet anċillari' sabiex ikun iffaċilitat l-eżami propju tal-partijiet u titjieb iċ-ċertezza legali. Fih dispożizzjonijiet ċari, per eżempju dwar il-perjodi massimi li għalihom jistgħu jiġu aċċettati r-restrizzjonijiet, u jkopri wkoll il-parti l-kbira tal-klawsoli li, mill-esperjenza tal-Kummissjoni, huma meqjusa bħala anċillari għall-amalgamazzjonijiet.

173. L-Avviż il-ġdid iqis il-*klawsoli ta' nuqqas ta' kompetizzjoni* bħala restrizzjonijiet anċillari sa tliet snin jekk huma inklużi kemm l-għarfien (*know-how)* kif ukoll l-avvjament u għal sentejn jekk jiġi trasferit biss l-avvjament. Jiċċara wkoll ir-regoli għall-ambitu ġeografiku tar-restrizzjonijiet, għall-klawsoli tan-nuqqas ta' sollecitazzjoni u yal-kunfidenzjalità. Għall-*ftehimiet għal-liċenzji,* l-Avviż baqa' ma jeħtieġ l-ebda limitu ta' żmien iżda jistabbilixxi regoli ċari għal-limitazzjonijiet territorjali u għall-ftehimiet li jħarsu biss lil min qiegħed jagħti l-liċenzja. Il-perjodu massimu għall-*obbligazzjonijiet tax-xiri u tal-provvista* ġie estiż minn tliet snin għal ħamsa għan-natura vertikali ta' dawn ir-restrizzjonijiet.

174. Kontra l-avviż ta' qabel li kien jistipula limitu ta' żmien ta' tliet snin għall-klawsoli tan-nuqqas ta' kompetizzjoni fl-intrapriżi konġunti, l-avviż il-ġdid jippermetti klawsoli bħal dawn sakemm tibqa' attiva l-intrapriża konġunta. Dan huwa minħabba li l-ħtieġa għall-klawsoli ta' nuqqas ta' kompetizzjoni fl-intrapriżi konġunti mhijiex ġeneralment limitata għal perjodu tranżitorju.

---

[145] Ara t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1)(b); it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1), u it-tielet subparagrafu ta' (2).

## 1.5. L-Avviż dwar il-Valutazzjoni ta' l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali.

175. Wara proċess wiesgħa ta' konsultazzjoni, f'Jannar il-Kummissjoni adottat Linji ta' Gwida dwar il-Valutazzjoni ta' l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali (il-Linji ta' Gwida dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali) skond ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid li jikkomplementaw ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid u jsiru applikabbli flimkien miegħu. Il-Linji ta' Gwida dwar l-Amalgamazzjonijiet Orizzontali stabbilew il-metodu analitiku li tieħu l-Kummissjoni meta tivvaluta l-impatt kompetittiv probabbli ta' l-amalgamazzjonijiet bejn id-ditti kompetituri (dawk li jissejħu amalgamazzjonijiet orizzontali) u jirriflettu l-kitba mill-ġdid tat-test sostantiv għall-valutazzjoni kompetittiva ta' l-amalgamazzjonijiet fir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-Ġdid [146].

176. Il-Linji ta' Gwida jagħmluha ċara li l-amalgamazzjonijiet u l-akkwisti se jkunu projbiti biss sa fejn iżidu s-setgħa fis-suq tal-kumpaniji b'mod li x'aktarx ikollu konsegwenzi negattivi fuq il-konsumaturi, l-aktar fil-forma ta' prezzijiet ogħla, prodotti ta' kwalità aktar baxxa, jew għażla mnaqqsa. F'dan ir-rigward, il-Linji ta' Gwida jispjegaw li l-amalgamazzjonijiet jistgħu jirriżultaw f'dannu sinifikanti għall-kompetizzjoni b'żewġ modi ewlenin, jew għaliex il-konċentrazzjoni telimina sors importanti tal-kompetizzjoni mis-suq ("effetti li mhumiex ikkoordinati") jew għaliex tagħmel il-koordinazzjoni anti-kompetittiva bejn id-ditti aktar probabbli ("effetti koordinati").

177. Il-Linji ta' Gwida jispjegaw iċ-ċirkustanzi li fihom il-Kummissjoni tista' tidentifika tħassib dwar il-kompetizzjoni, iżda jipprovdu wkoll indikazzjonijiet kwantitattivi ċari dwar meta l-Kummissjoni ma tantx huwa probabbli li tindaħal, per eżempju, meta amalgamazzjoni tirriżulta f'livelli ta' konċentrazzjoni tas-suq li huma aktar baxxi minn ċerti livelli speċifikati, kif imkejla mis-sehem tas-suq tad-ditti jew minn dak li jissejjaħ l-"Indiċi HHI"[147].

178. Il-Linji ta' Gwida jistabbilixxu wkoll il-fatturi li jistgħu itaffu kwalunkwe tħassib tal-bidu li amalgamazzjoni x'aktarx li tagħmel ħsara lill-kompetizzzjoni. Per eżempju, dan jista' jkun il-każ fejn ditti oħrajn x'aktarx jidħlu fis-suq fejn qed jaħdmu l-kumpaniji li qed jamalgamaw. Jitqies ukoll il-fatt li l-klijenti ta' l-intrapriżi li qed jamalgamaw jista' jkollhom "setgħa tax-xerrej" sinifikanti b'tali mod li jistgħu faċilment jirrikoru għal fornituri alternattivi.

179. Fl-aħħarnett, il-Linji ta' Gwida jispeċifikaw li l-Kummissjoni se tqis b'attenzjoni, fil-valutazzjoni ġenerali tagħha, ta' l-impatt kompetittiv probabbli ta' amalgamazzjoni, kwalunkwe allegazzjoni ssostanzjata li ssir mill-partijiet li l-amalgamazzjoni ser tirriżulta f'żidiet fl-effiċjenza. Biex jitqiesu effiċjenzi bħal dawn, iridu jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi, iridu jistgħu jinkisbu biss permezz ta' l-

146 L-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid jipprovdi li "konċentrazzjoni li tista' timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti" għandha tiġi ddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni".

147 L-Indiċi HHI jew Herfindahl-Hirschman huwa miżura rikonoxxuta fuq livell internazzjonali tal-konċentrazzjoni tas-suq. L-HHI huwa kkalkulat billi jingħaddu l-kwadri ta' l-ishma tas-suq individwali kollha tad-ditti kollha fis-suq. Proporzjonalment, l-indiċi jagħti aktar piż lill-ishma tas-suq ta' l-akbar ditti, skond l-importanza relattiva tagħhom fil-proċess kompetittiv.

amalgamazzjoni, irid ikun hemm probabbiltà li jistgħu jiġu rrealizzati u jkunu jistgħu jiġu vverifikati.

## B – Każijiet tal-Kummissjoni

### 1. Id-Deċiżjonijiet meħuda skond l-Artikolu 8

*Lagardère/Natexis/VUP*[148]

180. Fis-7 ta' Jannar, il-Kummissjoni awtorizzat l-akkwist propost ta' l-Editis (li qabel kienet tissejjaħ Vivendi Universal Publishing jew VUP) mill-grupp Lagardère bla ħsara għall-bejgħ ta' madwar 60% mill-assi tagħha. Qabel it-tranżazzjoni, l-Editis kienet il-kumpanija prinċipali fil-qasam tal-pubblikazzjoni, tal-bejgħ fis-suq u tad-distribuzzjoni tal-kotba bil-Franċiż u Hachette Livre, il-fergħa tal-pubblikazzjoni ta' Lagardère, kienet it-tieni kumpanija fis-suq.

181. Il-każ, li ġie nnotifikat fl-14 ta' April 2003, irriżulta f'għadd ta' deċiżjonijiet mill-Kummissjoni: l-Artikolu 6(1)(c) (il-ftuħ tal-proċeduri tat-tieni fażi) fil-5 ta' Ġunju 2003, l-Artikolu 9 (ir-rifjut li l-każ jiġi riferit quddiem l-Awtoritajiet Franċiżi) fit-23 ta' Lulju 2003[149], żewġ deċiżjonijiet ta' l-Artikolu 11(5) (is-sospensjoni tal-proċedura), u d-Deċiżjoni finali ta' l-Artikolu 8(2) fis-7 ta' Jannar 2004. F'dan il-każ, kien hemm għadd ta' lmenti minn assoċjazzjonijiet ta' qarrejja tal-kotba, bejjiegħa bl-imnut, bejjiegħa bl-ingrossa, pubblikaturi, awturi u illustraturi.

182. L-investigazzjoni u l-analiżi tal-Kummissjoni żvelaw li l-akkwist tan-negozju kollu tal-pubblikazzjoni ta' l-Editis, kif kien ippjanat fit-tranżazzjoni li ġiet notifikata fil-bidu lill-Kummissjoni, kienet se tipproduċi grupp b'dominanza qawwija bi dħul ta' mill-inqas seba' darbiet dak ta' l-eqreb kompetitur tagħha fil-pajjiżi fl-Unjoni Ewropea li jitkellmu bil-Franċiż. B'risposta għall-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni, Lagardère qablet li tbiegħ kważi l-assi kollha ta' l-Editis ħlief għal ċerti assi (il-grupp Larousse, Dunod, Dalloz u Anaya) li jlaħħqu għal madwar 40% tad-dħul totali dinji tal-kumpanija, filwaqt li nżamm biss inqas minn 25% ta' l-Editis fir-reġjuni fl-UE li jitkellmu bil-Franċiż (jiġifieri s-swieq rilevanti).

183. Is-settur tal-pubblikazzjoni bil-Franċiż huwa kkaratterizzat minn parteċipanti differenti: (i) Hachette Livre u Editis, li huma integrati b'mod aktar vertikali, u attivi tul il-katina kollha tal-kotba, (ii) erba' gruppi ta' daqs medju, Gallimard, Flammarion, Seuil u Albin Michel, li huma integrati vertikalment b'mod parzjali, u (iii) ħafna pubblikaturi żgħar li normalment huma attivi biss fil-parti tal-produzzjoni u jiddependu fuq kumpaniji akbar għall-bejgħ fis-suq u d-distribuzzjoni tagħhom. F'dak l-isfond, il-Kummissjoni sabet li l-kompetizzjoni bejn il-pubblikaturi seħħet essenzjalment fuq żewġ livelli tal-katina tal-kotba" l-ewwel, fuq il-livell ta' l-aċċess għall-"materjal mhux ipproċessat" (jiġifieri id-drittijiet tal-pubblikazzjoni), u t-tieni fuq il-livell ta' l-aċċess għas-"suq" (jiġifieri l-ixkafef tal-bejjiegħa mill-ġdid).

148 COMP/M.2978.

149 Ara l-ħarġa tar-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni ta' l-2003.

184. Wara r-reviżjoni ddettaljata tagħha tat-tranżazzjoni proposta, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' problemi għall-kompetizzjoni li kienu ser jirriżultaw mill-għaqda ta' l-Editis u tal-Hachette Livre, iż-żewġ esponenti ewlenin tas-suq bl-ogħla livell ta' integrazzjoni vertikali. Il-pożizzjonijiet dominanti ta' l-entità l-ġdida nstabu tul il-katina kollha tal-kotba u l-aktar fil-parti aktar industrijalizzata tan-negozju tal-pubblikazzjoni: il-ħruġ fuq is-suq, id-distribuzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' kotba ta'daqs żgħir. L-entità l-ġdida kienet se tikkontrolla l-aċċess kemm għall-awturi magħrufin sew, li l-bejgħ tagħhom huwa essenzjali għall-pubblikaturi, kif ukoll għall-ħwienet tal-bejgħ, li ma jistgħux jassorbu, aħseb u ara jippromwovu, aktar minn parti limitata tax-xogħlijiet pubblikati kull sena.

185. Għall-ambitu tal-problemi għall-kompetizzjoni mqajma mill-għaqda ta' Hachette Livre u Editis, il-każ seta' jingħalaq biss jekk jitressqu rimedji tabilħaqq sostanzjali. Dawn ir-rimedji mhux biss kellhom jipprovdu soluzzjonijiet (f'termini ta' bejgħ ta' assi) għal kważi kull suq tul il-katina tal-kotba (id-drittijiet tal-pubblikazzjoni, is-servizzi tal-ħruġ fis-suq u tad-distribuzzjoni, il-bejgħ tal-kotba), fejn l-amalgamazzjoni kienet se ġġib flimkien liż-żewġ esponenti ewlenin, iżda kellhom jindirizzaw ukoll in-numru ta' rabtiet vertikali u miġbura f'ħaġa waħda bejn dawn is-swieq.

186. Għalhekk, Lagardère impenjat ruħha li tbiegħ l-assi kollha ta' l-Editis ħlief għall-kumpanija li tippubblika l-kotba Larousse, li hija attiva l-aktar fil-kotba ta' referenza, il-pubblikaturi professjonali u akkademiċi Dalloz u Dunod kif ukoll il-grupp li jippubblika l-kotba Spanjoli Anaya, li huwa attiv l-aktar fil-qasam tal-kotba ta' l-iskola u fil-letteratura ġenerali fi Spanja u fl-Amerika Latina.

187. Fit-3 ta' Awissu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tapprova lill-kumpanija Franċiża Wendel Investissements bħala x-xerrejja ta' l-assi kollha ta' l-Editis li nbiegħu skond ir-rimedji fid-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni.

*Sony/BMG*[150]

188. L-intrapriża konġunta SonyBMG tgħaqqad in-negozji madwar id-dinja tal-mużika rrekordjata ta' Sony u Bertelsmann, ħlief għall-Ġappun. Tinkludi biss l-attivitajiet li jissejħu "*ta' l-Artisti u tar-Repertorju*" (A&R - "*Artist and Repertoire*"), jiġifieri l-iskoperta u l-iżvilupp ta' artisti (kantanti), u l-ħruġ fis-suq u l-bejgħ tad-diski. B'kuntrast, SonyBMG mhux se tkun attiva fil-manifattura u fid-distribuzzjoni fiżika (loġistika) tad-diski. Bl-istess mod, in-negozji ta' Sony u Bertelsmann tal-pubblikazzjoni tal-mużika mhumiex integrati fl-intrapriża konġunta.

189. Il-Kummissjoni eżaminat l-impatt kompetittiv tal-konċentrazzjoni proposta fis-swieq għall-mużika rrekordjata, il-liċenzji għall-mużika onlajn u d-distribuzzjoni onlajn tal-mużika. Minħabba li ż-żewġ kumpaniji *parent* baqgħu attivi bħala pubblikaturi tal-mużika, il-Kummissjoni stħarrġet ukoll jekk l-intrapriża konġunta kinitx ser tirriżulta fil-koordinazzjoni ta' l-imġieba kompetittiva ta' Sony u Bertelsmann fis-suq tal-pubblikazzjoni tal-mużika. Ladarba l-ħolqien ta' l-intrapriża konġunta ta' SonyBMG

150 COMP/M.3333.

ġie notifikat fid-9 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni vvalutat il-każ skond it-test sostanzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 4064/89.[151]

190. Fl-industrija tad-diski, il-ħames "kumpaniji ewlenin", jiġifieri Universal, Sony, EMI, Warner u Bertelsmann (BMG), ilkoll għandhom preżenza dinjija u flimkien ilaħħqu għal madwar 80% tas-suq, kemm fl-Ewropa kif ukoll fid-dinja kollha. Fiż-ŻEE, il-bqija tas-suq huwa magħmul minn għadd kbir ta' "kumpaniji independenti" li fil-parti l-kbira għandhom attivitajiet nazzjonali u ishma żgħar tas-suq. Wara l-amalgamazzjoni, Universal u SonyBMG it-tnejn li huma ser ikollhom ishma tas-suq ta' madwar 25%, aktar minn EMI u Warner. It-tħassib ta' wħud mill-kumpaniji independenti, li l-livell ogħla ta' konċentrazzjoni jista' jwassal għall-għeluq ta' ditti iżgħar tad-diski, ġie vvalutat bir-reqqa fl-analiżi kompetittiva tal-Kummissjoni.

191. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni ffukat fuq il-mistoqsija jekk il-konċentrazzjoni kinitx ser issaħħaħ jew toħloq pożizzjoni kollettiva ta' dominanza fis-swieq nazzjonali għall-mużika rrekordjata. L-analiżi twettqet skond il-kriterji stabbiliti mill-Qrati Ewropej,[152] b'mod partikolari s-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza fil-każ ta' l-Airtours ta' l-2002.[153] Skond is-CFI, il-Kummissjoni trid tipprova ftehim komuni bejn il-kumpaniji u s-swieq iridu jkunu trasparenti biżżejjed biex jimmonitorjaw il-ħarsien tal-ftehim komuni min-naħa tal-kumpaniji involuti. Barra minn hekk, irid ikun hemm mekkaniżmu deterrent fil-każ ta' devjazzjoni, u l-klijenti u l-kompetituri ma jkunux jistgħu jqiegħdu fil-periklu r-riżultati mistennija mill-koordinazzjoni.

192. Il-Kummissjoni sabet xi indikazzjonijiet għall-użu possibbli tal-prezzijiet bl-ingrossa ("Il-Prezzijiet Ippubblikati għan-Negozjanti" -PPDs – *Published Prices to Dealers*) bħala punti fokali u ċertu paralleliżmu fl-iżvilupp tal-prezzijiet tal-ħames kumpaniji ewlenin. Iżda, dawn is-sejbiet ma kinux biżżejjed biex waħidhom jistabbilixxu l-koordinazzjoni tal-prezzijiet. Għalhekk il-Kummissjoni analizzat ukoll l-iżvilupp ta' l-iskontijiet tal-kumpaniji l-ewlenin u sabet li ċerti skontijiet ma kinux għal kollox trasparenti u kien diffiċli li jiġu mmonitorjati. Barra minn hekk, tnaqqset it-trasparenza tas-suq għall-kontenut tal-mużika li huwa differenzjat ħafna, minkejja ċerta omoġeneità fil-forma, fl-ipprezzar u fil-ħruġ fis-suq tad-diski. Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li ma kienx hemm evidenza biżżejjed b'saħħitha biex tkun stabbilita pożizzjoni <u>eżistenti</u> ta' dominanza kollettiva tal-ħames kumpaniji ewlenin fis-swieq tal-mużika rrekordjata.

193. Fir-rigward tal-<u>ħolqien</u> possibbli ta' pożizzjoni kollettiva ta' dominanza fis-swieq tal-mużika rrekordjata, ma kienx hemm evidenza suffiċjenti biex jiġi pprovat li t-tnaqqis fih innifsu minn ħames għal erba' kumpaniji ewlenin kien ser ibiddel l-istruttura tas-suq b'mod biżżejjed sostanzjali. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma sabitx evidenza suffiċjenti li t-tranżazzjoni proposta għandha ssaħħaħ jew toħloq pożizzjoni kollettiva ta' dominanza fis-suq bl-ingrossa għal-liċenzji tal-mużika onlajn. Il-

---

151 Cf. l-Artikoli 26(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

152 Cf. il-Qorti tal-Ġustizzja, il-każijiet konġunti C-68/94 u C-30/95, Franza v. il-Kummissjoni, ("Kali&Salz"), ECR 1998, I-1375; il-Qorti tal-Prim Istanza, il-Każ T-102/96, Gencor v. il-Kummissjoni, ECR 1999, II-753.

153 Il-Qorti tal-Prim Istanza, Każ T-342/99, Airtours v. il-Kummissjoni, ECR 2002, II-2585.

Kummissjoni ħarset ukoll lejn ir-relazzjonijiet vertikali bejn l-intrapriża konġunta u l-kumpaniji *parent* tagħha iżda kkonkludiet li t-tranżazzjoni proposta m'għandiex twassal għal pożizzjoni dominanti, la fis-suq tal-bejgħ bl-imnut għad-distribuzzjoni tal-mużika onlajn fejn hija attiva s-Sony u lanqas fis-swieq tal-mużika rrekordjata fejn Bertelsmann hija xandara. Fejn għandhom x'jaqsmu l-effetti indiretti tan-nefqa pubblika possibbli *(spill-over effects)* skond l-Artikolu 2 (4) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li koordinazzjoni ta' l-imġieba kompetittiva tas-Sony u tal-BMG fis-swieq tal-pubblikazzjoni tal-mużika ma kinitx probabbli. Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni approvat l-amalgamazzjoni fid-19 ta' Lulju 2004.

*AREVA / Urenco / ETC JV*[154]

194. AREVA, il-grupp nukleari Franċiż, u Urenco, kumpanija stabbilita mill-gvernijiet tar-Renju Unit, ta' l-Olanda u tal-Ġermanja, huma l-fornituri Ewropej ewlenin tas-servizzi għall-arrikkiment ta' l-uranju li huma meħtieġa biex jiġi provdut il-fjuwil għall-impjanti ta' l-enerġija nukleari. B'din it-tranżazzjoni, l-AREVA jikseb kontroll konġunt fuq l-Enrichment Technology Company (ETC), is-sussidjarja ta' Urenco li hija attiva fl-iżvilupp u fil-manifattura tal-magni ċentrifugi użati biex jarrikkixxu l-uranju. It-teknoloġija ċentrifuga toffri vantaġġi sinifikanti fuq it-teknoloġija eqdem tad-diffużjoni tal-gass li bħalissa qed tintuża mill-AREVA. L-ETC għandha tipprovdi liż-żewġ *parents* tagħha u lil partijiet terzi b'tagħmir ċentrifugu.

195. Franza, l-Isvezja u l-Ġermanja rreferew l-operazzjoni b'mod konġunt lill-Kumissjoni f'April 2004. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni identifikat tħassib dwar il-kompetizzjoni fis-suq eqreb lejn il-punt tal-bejgħ (*downstream*) għall-uranju arrikkit. Il-Kummissjoni kienet inkwetata li l-konċentrazzjoni proposta setgħet twassal għall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti konġunta fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari minħabba li l-ETC setgħet tintuża mill-AREVA u mill-Urenco biex jikkoordinaw, permezz ta' l-eżerċizzju tad-drittijiet rispettivi tagħhom għall-veto, l-iżviluppi tagħhom tal-kapaċità.

196. Il-każ kien ukoll interessanti għall-pretensjonijiet dettaljati dwar l-effiċjenza li għamlu l-partijiet. Dawn kienu relatati ma' l-iffrankar sostanzjali ta' l-ispejjeż li kellha tikseb l-AREVA billi tkun tista' tadotta t-teknoloġija ċentrifuga moderna ta' l-Urenco. Il-Kummissjoni kellha xi dubji dwar kemm dawn il-pretensjonijiet kienu speċifiċi għall-amalgamazzjoni. Madanakollu, għall-fini tad-Deċiżjoni, l-inkwiet tal-Kummissjoni tneħħa permezz ta' l-impenji li pproponew il-partijiet.

197. B'dawn l-impenji, mressqa fi stadju bikri tal-Fażi 2, AREVA u Urenco l-ewwelnett intrabtu li jneħħu d-drittijiet rispettivi tagħhom tal-veto fejn għandhom x'jaqsmu l-espansjonijiet tal-kapaċitajiet fil-futur. It-tieni, il-fluss ta' informazzjoni li hija kummerċjalment sensittiva bejn l-ETC u l-kumpaniji *parents* tagħha ser jitwaqqaf b'serje ta' miżuri li se jiġu mmonitorjati mill-qrib. It-tielet, il-partijiet impenjaw irwieħhom li jipprovdu lill-Aġenzija Ewropea tal-Provvisti ("ESA" – *European Supply Agency*) b'informazzjoni addizzjonali, li se jagħtiha l-opportunità

154 COMP/M.3099.

timmonitorja aktar mill-qrib il-proviżjon u l-ipprezzar ta' l-uranju arrikkit u jekk ikun meħtieġ, li tirrispondi.

*Sonoco / Ahlstrom / JV*[155]

198. F'Mejju, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta li permezz tagħha ż-żewġ esponenti ewlenin ta' l-industrija tal-*coreboard* u tal-*cores*, Sonoco (ta' l-Istati Uniti) u Ahlstrom (tal-Finlandja), biħsiebhom joħolqu intrapriża konġunta li se tiġbor flimkien l-attivitajiet Ewropej tagħhom.

199. Il-*cores* huma tubi prodotti mill-*coreboard*, li huwa prodott l-aktar mill-karta riċiklata. Il-*cores* jintużaw bħala l-bażi li madwarhom jiġu mgerba bosta prodotti, bħall-karta, film u ħjut. Fost il-*cores*, il-*cores* tal-fabbriki tal-karta ta' kwalità għolja huma prodotti ta' kwalità għolja użati mill-industrija ta' l-istampar biex titgerbeb il-karta tar-rivisti. Il-cores ta' kwalità baxxa huma prodotti standard użati fl-industriji kollha.

200. L-investigazzjoni dettaljata tal-Kummissjoni identifikat xi tħassib fis-swieq għall-*cores* tal-fabbriki tal-karta ta' kwalità għolja fl-Iskandinavja kollha u għall-*cores* ta' kwalità baxxa fin-Norveġja u fl-Isvezja, fejn l-intrapriża konġunta għandu jkollha ishma kbar tas-suq u fejn il-pressjoni kompetittiva sinifikanti eżerċitata mis-Sonoco fuq il-mexxej prinċipali fis-suq l-Ahlstrom kieku tintilef. Biex jinstab rimedju għal dan it-tħassib, il-partijiet ipproponew li jbiegħu l-assi ta' l-unika faċilità Norveġiża ta' l-Ahlstrom li timmanifattura l-*cores* fi Sveberg. Offrew ukoll li ma jimplimentawx l-amalgamazzjoni qabel ma jinstab xerrej.

201. Il-Kummissjoni approvat il-konċentrazzjoni fuq din il-bażi, ladarba qieset li dan il-bejgħ ta' l-assi ser jippermetti d-dħul ta' fornitur ġdid fl-Iskandinavja u ser ineħħi wkoll il-parti ewlenija fejn jikkoinċidu l-partijiet fil-pajjiżi Skandinavi affettwati. Tabilħaqq, lejn l-aħħar ta' Ottubru, il-Kummissjoni approvat l-akkwist ta' Sveberg minn Abzac, maniffatur Franċiż tal-*cores* li għandu attivitajiet sinifikanti fl-Ewropa Kontinentali, iżda li kien nieqes mis-swieq Skandinavi.

*Continental/Phoenix*[156]

202. L-akkwist ta' Phoenix AG (Hamburg) mill-intrapriża Ġermaniża Continental AG kien jikkonċerna t-tranżazzjoni ta' żewġ kumpaniji tal-lastku li prinċipalment iservu l-industrija awtomotiva. Kien approvat mill-Kummissjoni bla ħsara għall-impenji li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ ta' l-assi. Għall-pożizzjoni dominanti tal-partijiet fis-swieq għall-molol li jaħdmu bl-arja għall-vetturi kummerċjali u għaċ-ċineg li jittrasportaw il-merkanzija bil-wajers ta' l-azzar oħxon, l-approvazzjoni kienet possibbli biss wara li l-Kummissjoni kienet irċeviet l-impenji li setgħu jeliminaw il-problemi tal-kompetizzjoni identifikati.

203. Bit-tranżazzjoni, il-Continental, produttur tat-tajers, tas-sistemi tal-brejkijiet u tal-prodotti tekniċi tal-lastku kisbet il-kontroll uniku tal-Phoenix AG, li hija attiva wkoll

155 COMP/M.3431.
156 COMP/M.3436.

fil-produzzjoni tal-prodotti tekniċi tal-lastku (eż., sistemi tas-sospensjoni, sistemi kontra l-vibrazzjonijiet, manki u ċineg li jittrasportaw il-merkanzija). Il-Phoenix tikkontrolla b'mod konġunt lill-Vibracoustic GmbH & Co KG, tal-Ġermanja, li permezz tagħha tiddistribwixxi l-molol li jaħdmu bl-arja għat-trakkijiet u għall-karozzi.

204. L-akkwist kellu jwassal għal koinċidenzi sinifikanti f'diversi swieq tal-prodotti tekniċi tal-lastku, b'mod partikolari fis-swieq tal-molol li jaħdmu bl-arja u taċ-ċineg li jittrasportaw il-merkanzija bil-wajers ta' l-azzar. Il-molol li jaħdmu bl-arja jintużaw bħala partijiet tas-sistema tas-sospensjoni fil-vetturi kummerċjali, fil-karozzi u fil-vetturi tal-ferrovija. Iċ-ċineg li jittrasportaw il-merkanzija bil-wajers ta' l-azzar oħxon jintużaw għat-trasport ta' oġġetti tqal tul distanzi twal, b'mod partikolari fil-qasam tat-tħaffir għal *lignite* (faħam artab kannella li fih traċċi ta' pjanti).

205. Il-Continental innotifikat lill-Kummissjoni bl-amalgamazzjoni f'Mejju 2004. Filwaqt li identifikat it-tħassib potenzjali dwar il-kompetizzjoni fis-swieq tal-molol li jaħdmu bl-arja għall-vetturi kummerċjali, għall-karozzi u għall-vetturi tal-ferrovija kif ukoll għaċ-ċineg li jittrasportaw il-merkanzija bil-wajers ta' l-azzar oħxon u għaċ-ċineg filtri, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni dettaljata fid-29 ta' Ġunju 2004.

206. L-investigazzjoni estensiva tas-suq min-naħa tal-Kummissjoni kkonfermat it-tħassib tagħha dwar is-swieq tal-molol li jaħdmu bl-arja għall-vetturi kummerċjali (mibjugħa lill-manifatturi u l-forrnituri tat-tagħmir oriġinali – "OEM/OES") u taċ-ċineg li jittrasportaw il-merkanzija bil-wajers ta' l-azzar oħxon. Tabilħaqq, l-akkwist jgħaqqad liż-żewġ esponenti ewlenin f'dawn iż-żewġt iswieq u għandu jwassal għal sehem magħqud tas-suq fiż-żewġt iswieq ta' ferm aktar minn 60%, filwaqt li jibqgħu ftit kompetituri iżgħar biss. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet evidenza li hemm barrieri sinifikanti għad-dħul fiż-żewġt iswieq. Dan huwa l-aktar għaliex il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-molol li jaħdmu bl-arja u taċ-ċineg li jittrasportaw il-merkanzija jinvolvu produzzjoni speċifika u għarfien tal-konsumatur. Għaldaqstant, il-forrnituri l-ġodda jridu jgħaddu minn proċedura ta' kwalifikazzjoni twila qabel ma jistgħu jitqiesu bħala forrnituri potenzjali.

207. Sabiex jiġi eliminat it-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni, il-Continental timpenja ruħha li tbiegħ l-investiment ta' 50% li permezz tiegħu l-Phoenix tikkontrolla b'mod konġunt l-intrapriża konġunta Vibracoustic lill-azzjonist uniku l-ieħor, Freudenberg (Ġermanja).

208. Barra minn hekk, il-Continental se ġġiegħel lill-Phoenix tbiegħ għal kollox il-produzzjoni tagħha tal-molol li jaħdmu bl-arja għall-vetturi kummerċjali (OEM/OES), li tinsab f'impjant fl-Ungerija. Dawn iż-żweġ impenji jneħħu għal kollox il-koinċidenza ta' l-attivitajiet tal-partijiet fil-qasam tal-molol li jaħdmu bl-arja għall-vetturi kummerċjali (OEM/OES).

209. Il-Continental intrabtet ukoll li tbiegħ linja ta' produzzjoni għal ċineg li jittrasportaw il-merkanzija bil-wajers ta' l-azzar wesgħin lill-kompetitriċi tagħha, Sempertrans. Dan il-bejgħ se jagħti l-opportunità lis-Sempertrans biex tikkompeti fuq il-gamma kollha taċ-ċineg li jittrasportaw il-merkanzija bil-wajers ta' l-azzar ma' l-entità

amalgamata, biex b'hekk jiġi eliminat it-tħassib dwar il-kompetizzjoni fil-qasam taċ-ċineg li jittrasportaw il-merkanzija bil-wajers ta' l-azzar.

*ENI/EDP/GDP*[157]

210. Fid-9 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipprojbixxi l-akkwist propost tal-kontroll konġunt fuq Gás de Portugal (GDP), il-kumpanija tal-gass sokkombenti fil-Portugall, minn Energias de Portugal (EDP), il-kumpanija ta' l-elettriku stabbilita fil-Portugall, u l-ENI, kumpanija Taljana ta' l-elettriku. Wara investigazzjoni dettaljata, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-negozju għandu jsaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' l-EDP fis-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' l-elettriku fil-Portugall u l-pożizzjoni dominanti tal-GDP fis-swieq Portugiżi tal-gass. Il-konċentrazzjoni għalhekk għandha tnaqqas jew tilqa' l-effetti tal-liberalizzazzjoni tas-swieq ta' l-elettriku u tal-gass fil-Portugall b'mod sinifikanti, u għandha żżid il-prezzijiet għall-klijenti domestiċi u industrijali. Ir-rimedji proposti mill-EDP u mill-ENI ma kinux biżżejjed biex jiġi eliminat it-tħassib dwar il-kompetizzjoni.

211. L-EDP tiġġenera, tiddistribwixxu u tipprovdi l-elettriku fil-Portugall. Permezz ta' l-affiljati Spanjoli tagħha (Hidrocantabrico u Naturcorp), l-EDP għandha wkoll attivitajiet sostanzjali ta' l-elettriku u tal-gass fi Spanja. L-ENI hija kumpanija Taljana attiva internazzjonalment fuq il-livelli kollha tal-katina tal-provvista ta' l-enerġija u tad-distribuzzjoni.

212. Il-GDP, hija attiva fuq il-livelli kollha tal-katina tal-gass fil-Portugall. Il-GDP għanda drittijiet esklużivi għall-importazzjoni, għall-ħażna, għat-trasport, għall-provvista bl-ingrossa tal-gass naturali u tikkontrolla ħamsa mis-sitt kumpaniji lokali Portugiżi li jiddistribwixxu l-gass (is-sitt waħda, Portgás, hija kkontrollata minn EDP).

213. Fid-9 ta' Lulju, l-EDP u l-ENI nnotifikaw konċentrazzjoni li tikkonċerna l-akkwist tal-kontroll konġunt tal-GDP, li qabel kienet ikkontrollata mill-Istat Portugiż u mill-ENI. Ir-regolament dwar l-amalgamazzjonijiet ta' qabel kien japplika f'dan il-każ, għaliex il-ftehim li jorbot li huwa l-bażi tiegħu sar qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet il-ġdid. Il-konċentrazzjoni nnotifikata kienet parti minn operazzjoni usa' li kienet tinkludi t-trasferiment tan-netwerk tat-trasmissjoni tal-gass, proprjetà tal-GDP, lir-REN, l-operatur Portugiż tal-grilja ta' l-elettriku fi ħdan perjodu ta' żmien definit. It-trasferiment tan-netwerk ikkostitwixxa konċentrazzjoni differenti, li kienet taqa' taħt il-kompetenza ta' l-awtoritajiet Portugiżi.

*Is-swieq rilevanti tal-prodotti*

214. Il-Kummissjoni identifikat dawn is-swieq rilevanti tal-prodotti affettwati mill-operazzjoni. Fl-elettriku: il-provvista bl-ingrossa ta' l-elettriku, is-servizzi ta' l-ibbilanċjar ta' l-enerġija u dawk anċillari, il-provvista bl-imnut ta' l-elettriku lil klijenti industrijali kbar, il-provvista bl-imnut ta' l-elettriku lil klijenti żgħar, fil-gass: il-provvista tal-gass lill-produtturi ta' l-enerġija, il-provvista tal-gass lill-kumpaniji

[157] COMP/M.3440.

tad-Distribuzzjoni Lokali (LDCs - *Local Distribution companies*), il-provvista tal-gass lil klijenti industrijali kbar u l-provvista tal-gass lil klijenti żgħar.

215. Sa min-nofs l-2004, is-swieq kollha ta' l-elettriku huma miftuħin beraħ għall-kompetizzjoni. Fejn għandhom x'jaqsmu s-swieq tal-gass, minħabba l-istatus tiegħu ta' suq li għadu pjuttost ġdid, il-Portugall ser ikompli jibbenefika minn deroga mill-kalendarju ta' liberalizzazzjoni stabbilit bit-tieni direttiva dwar il-gass (KE/2003/55). Għalhekk, il-ftuħ għall-kompetizzjoni tas-swieq tal-gass Portugiżi għandu jibda mhux aktar tard mill-2007 u għandu jkun lest sa l-2010. Il-gvern Portugiż indika li jista' jibda l-proċess tal-liberalizzazzjoni qabel.

*Is-swieq ġeografiċi*

216. Il-Kummissjoni kkonkludiet li s-swieq kollha rilevanti kellhom ambitu mhux akbar minn dak nazzjonali.

217. Il-partijiet kienu argumentaw li s-suq tal-bejgħ bl-ingrossa ta' l-elettriku dalwaqt kellu jkollu ambitu ta' l-Iberja, b'mod partikolari minħabba li dalwaqt kellha tiġi mnedija sistema ta' l-Iberja fin-negozju ta' l-elettriku (MIBEL). Madankollu, l-Kummissjoni sabet li l-MIBEL ġiet posposta bosta drabi fis-snin li għaddew: għad iridu jitneħħew bosta barrieri regolatorji importanti qabel ma l-MIBEL tista' tabilħaqq tibda; il-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni bejn Spanja u l-Portugall x'aktarx jibqgħu differenti b'mod sinifikanti anki wara li tkun imnedija l-MIBEL; irrespettivament mit-twaqqif tal-MIBEL, il-livell proġettat ta' l-interkollegamenti bejn Spanja u l-Portugall ser jibqa' limitat u ma kienx possibbli li jiġi konkluż li l-integrazzjoni effettiva taż-żewġt iswieq għandha ssir f'perjodu ta' żmien rilevanti għall-valutazzjoni ta' l-amalgamazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq tal-bejgħ bl-ingrossa ta' l-elettriku huwa u għandu jibqa' b'ambitu nazzjonali għas-snin li ġejjin.

218. Il-partijiet ma kkontestawx li s-swieq l-oħrajn li dwarhom kienu identifikati kwistjonijiet ta' kompetizzjoni kellhom ambitu nazzjonali.

*It-tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti ta' l-EDP fis-swieq ta' l-elettriku Portugiżi*

219. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-EDP għandha pożizzjoni dominanti fis-swieq kollha ta' l-elettriku Portugiżi msemmija aktar 'il fuq. B'mod partikolari, l-EDP għandha 70% tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni fil-Portugall u hija l-akbar importatriċi ta' l-elettriku; l-EDP għandha qrib il-100% tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku fil-Portugall; il-proġetti tas-CCGTs tal-kompetituri mhumiex ċerti u l-EDP għandha influwenza fuq waħda minnhom (Tejo Energia); l-importazzjonijiet ser jibqgħu insuffiċjenti biex id-dominanza ta' l-EDP tiġi sfidata.

220. L-amalgamazzjoni għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' l-EDP b'riżultat ta' effetti kemm orizzontali kif ukoll vertikali: Fejn għandhom x'jaqsmu l-effetti orizzontali (is-swieq kollha ta' l-elettriku), fin-nuqqas ta' l-amalgamazzjoni, kien ikun hemm probabbiltà kbira li l-GDP kienet tibni impjanti ta' l-enerġija mħaddma

bil-gass (CCGT - *gas-fired power plants*)[158] fil-Portugall u ssir waħda mill-kompetituri ewlenin fis-swieq ta' l-elettriku, meta wieħed iqis b'mod partikolari li l-aċċess għall-provvisti kompetittivi tal-gass jagħti vantaġġ sinifikanti fl-elettriku minħabba li issa s-CCGTs jikkostitwixxu l-aktar mod komuni biex tiġi ġġenerata enerġija ġdida u li l-GDP tista' tiddependi mid-ditta tagħha u mill-klijentela tagħha, li tista' toffrilhom provvista konġunta ta' gass u elettriku (offerta doppja ta' fjuwil).

221. Fejn għandhom x'jaqsmu l-effetti li mhumiex orizzontali (is-suq ta' l-elettriku bl-ingrossa), il-konċentrazzjoni proposta għandha tagħti lill-entità amalgamata aċċess privileġġjat u preferenzjali għall-informazzjoni privata dwar l-ispejjeż tal-kompetituri tagħha, li jagħtiha vantaġġ sinifikanti; l-aċċess għar-riżorsi u għall-infrastruttura Portugiżi tal-gass; l-abilità u l-inċentiv li tikkontrolla l-prezzijiet tal-gass u tgħolli l-ispejjeż tal-kompetituri tagħha.

*It-tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti tal-GDP fis-swieq Portugiżi tal-gass*

222. Il-Kummissjoni kkonkludiet li, minħabba l-pożizzjoni kurrenti tagħha ta' monopolista legali, il-GDP għandha pożizzjoni dominanti fil-parti l-kbira tas-swieq. Il-pożizzjoni dominanti tal-GDP f'dawn is-swieq għandha tissaħħaħ mill-operazzjoni proposta, fejn tħalli lill-entità amalgamata tfixkel aktar il-kompetizzjoni li kienet qed tiġi introdotta għall-proċess tal-liberalizzazzjoni. Dan huwa essenzjalment għar-raġunijiet li ġejjin:

223. Fir-rigward tal-provvista tal-gass għas-CCGTs u għall-LDCs, l-operazzjoni notifikata kienet ser teskludi d-domanda kollha għall-gass li s'issa ma kinitx ikkontrollata mill-GDP: il-kundizzjonijiet meħtieġa, għal perjodu ta' żmien qasir, tas-CCGTs li huma l-proprjetà ta' l-EDP jew li għandha sehem fihom u d-domanda għall-gass ta' LDC Portgás.

224. Fir-rigward tal-provvista tal-gass għall-klijenti industrijali kbar u għall-klijenti żgħar, l-EDP kellha tkun l-intrapriża li l-aktar probabbli li tidħol f'dawn is-swieq, ladarba jkunu liberalizzati, meta jitqies b'mod partikolari li l-EDP tħaddem CCGT għall-produzzjoni ta' l-elettriku, li tagħtiha inċentiv qawwi biex tidħol fis-swieq tal-provvista tal-gass, li tista' tistrieħ fuq il-klijenti għall-elettriku tagħha (l-EDP tikkontrolla kważi 100% tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku fil-Portugall), li tista' toffrilhom provvista konġunta ta' gass u elettriku (fjuwil doppju) u li tista' tistrieħ ukoll fuq l-esperjenza, ir-reputazzjoni u l-bażi tal-konsumaturi tal-LDC tal-gass, il-Portgás. L-importanza tad-dħul fis-swieq tal-gass tintwera wkoll mill-akkwisti reċenti min-naħa ta' l-EDP tat-tieni l-akbar esponent tal-gass fi Spanja (Naturcorp). Din il-kompetizzjoni potenzjali sinifikanti kieku tintilef wara l-amalgamazzjoni.

*Ir-rimedji proposti mill-partijiet*

225. Fit-28 ta' Ottubru u fis-17 ta' Novembru, il-partijiet ressqu rimedji sabiex jindirizzaw it-tħassib dwar il-kompetizzjoni msemmi aktar 'il fuq. Ipproponew *inter alia* biex ibiegħu l-assi tal-LDC (Setgás), biex jittrasferixxu l-infrastrutturi u l-kapaċitajiet għall-importazzjoni tal-gass lir-REN, l-operatur tan-netwerk ta' l-

[158] Turbina tal-gass biċ-ċiklu kombinat.

elettriku, u li jikru produzzjoni ta' enerġija ekwivalenti għal terz tal-produzzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija ta' l-EDP li huwa mħaddem bil-gass. Il-Kummissjoni ttestjat dawn ir-rimedji fis-suq u waslet għall-konklużjoni li kienu 'l bogħod ħafna milli jsolvu l-kwistjonijiet kollha tal-kompetizzjoni. Per eżempju, il-Kummissjoni nnotat li Setgás hija responsabbli biss għal 8% tas-suq tal-bejgħ tal-gass bl-imnut filwaqt li l-LDC ikkontrollata mill-EDP, il-Portgás, hija responsabbli għal madwar 30%; minkejja li t-trasferiment ta' l-infrastruttura tal-gass lir-REN (it-tneħħija ta' l-irbit mas-sid) kien ikun pass pożittiv, ma kienet iggarantita l-ebda kapaċità suffiċjenti disponibbli għall-importazzjonijiet ta' partijiet terzi; il-kera proposta tal-produzzjoni ta' l-enerġija fl-impjant ta' l-enerġija ta' l-EDP li huwa mħaddem mill-gass kienet tirrappreżenta biss 4% tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni fil-Portugall u kienet toħloq dipendenza għolja min-naħa tal-kerrej fuq l-EDP. Kerrej bħal dan ma kienx ikollu la l-ħila u lanqas l-inċentiv li jeżerċita limitu kompetittiv qawwi fuq l-EDP.

226. Xi żmien wara l-perjodu li matulu kellhom jitressqu r-rimedji, il-partijiet ipproponew impenji riveduti li madankollu ma indirizzawx it-tħassib dwar il-kompetizzjoni li rriżulta mill-operazzjoni b'mod mhux ikkumplikat.

*Il-Konklużjoni*

227. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tipprojbixxi l-operazzjoni proposta għaliex kienet issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti kemm ta' l-EDP kif ukoll tal-GDP fis-swieq ta' l-elettriku u tal-gass fil-Portugall rispettivament. L-operazzjoni għandha tantiċipa l-effetti pożittivi tal-liberalizzazzjoni li kienet għaddejja jew li dalwaqt kienet ser titwettaq fis-swieq ta' l-elettriku u tal-gass fil-Portugall, u kienet tirriżulta fi prezzijiet ogħla kemm għall-industrija kif ukoll għall-konsumaturi domestiċi u f'telf tal-kompetittività għall-ekonomija Portugiża. Kienet tiskoraġġixxi d-dħul ta' kompetituri barranin fis-swieq Portugiżi ta' l-enerġija u l-iżvilupp tal-kompetizzjoni bejn pajjiż u ieħor u hekk timpedixxi aktar il-ħolqien ta' swieq kompetittivi ta' l-enerġija fl-Iberja kollha u, tul perjodu ta' żmien itwal, tas-swieq ta' l-enerġija li huma integrati fuq livell Ewropew.

## 2. Id-Deċiżjonijiet meħuda skond l-Artikoli 6(1)(b) u 6(2)

*Hoechst / Rhône-Poulenc*[159]

228. Fid-9 ta' Awissu 1999, il-Kummissjoni approvat l-għaqda ta' Hoechst AG u Rhône-Poulenc S.A. li rriżultat fil-ħolqien ta' Aventis. Il-kumpaniji kienu ressqu impenji fl-oqsma fejn kien ġie identifikat it-tħassib dwar il-kompetizzjoni li tqiesu suffiċjenti. B'kollox, il-partijiet ipproponew 8 impenji inkluż il-bejgħ ta' interess f'kumpanija kimika, ir-Rhodia, li eliminat it-tħassib dwar il-koinċidenzi mas-sussidjarja tagħha, il-Wacker Chemie.

229. Fi żmien l-amalgamazzjoni, ir-Rhône-Poulenc kienet proprjetarja ta' 67.3% tar-Rhodia u sa l-2003 kien irnexxielha tbiegħ il-parti l-kbira ta' l-investiment tagħha iżda xorta baqgħet l-akbar azzjonista, b'pussess legali ta' madwar 15% ta' l-ishma u

159 COMP/M.1378.

interess ekonomiku f'10% oħra. Minħabba d-deterjorazzjoni kontinwata tal-qagħda finanzjarja tar-Rhodia u l-ħtieġa urġenti biex titneħħa l-inċertezza minħabba r-ristrutturar finanzjarju imminenti tal-kumpanija, il-Kummissjoni qablet – bid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Jannar 2004 – li tissostitwixxi l-impenn oriġinali tar-Rhodia ma' ieħor fejn l-Aventis għandha, minflok, tbiegħ l-investiment ta' 49% li kellha indirettament f'Wacker-Chemie.

*GE/Amersham*[160]

230. Fil-21 ta' Jannar, il-Kummissjoni ddeċidiet li tapprova l-akkwist propost tal-kumpanija tar-Renju Unit tal-farmaċewtiċi dijanjostiċi u tax-xjenzi bijoloġiċi l-Amersham Plc mill-kumpanija Amerikana il-General Electric Company (GE).

231. L-Amersham tagħmel farmaċewtiċi djanjostiċi li jintużaw biex tagħmir dijanjostiku, bħal *scanners*, ikunu jistgħu joħorġu stampa ta' l-istat tas-saħħa tal-ġisem u tipproduċi wkoll il-bijofarmaċewtiċi. Il-GE hija kumpanija industrijali diversifikata li hija attiva f'bosta negozji tal-manifattura, tat-teknoloġija u tas-servizzi, inklużi sistemi mediċi. Il-GE Medical Systems tispeċjalizza fit-teknoloġija medika tal-produzzjoni ta' l-istampi dijanjostiċi.

232. L-akkwist propost ma wassalx għal koinċidenzi orizzontali. Iżda ladarba l-prodotti ta' GE u Amersham fis-settur mediku huma komplementari u l-isptarijiet jeħtiġilhom jixtru kemm il-makkinarju kif ukoll il-farmaċewtiċi għal uħud mill-applikazzjonijiet li joħorġu l-istampi, il-Kummissjoni ffukat l-analiżi tagħha fuq kwalunkwe possibbiltà ta' effett ta' konglomerazzjoni li joħroġ mill-amalgamazzjoni. Il-Kummissjoni kienet inkwetata, b'mod partikolari, li l-GE seta' jkollha inċentivi biex toffri gruppi ta' prodotti, bi prezzijiet aħjar mit-total tal-prodotti individwali jew billi tfassal il-prodotti tagħha b'tali mod li l-prodotti ta' l-Amersham jaħdmu aħjar mal-GE milli mat-tagħmir rivali (irbit tekniku).

233. Madankollu, l-investigazzjoni tas-suq uriet li xenarju bħal dan ma kienx probabbli. Dan kien minħabba li la l-GE u lanqas l-Amersham ma kellhom pożizzjonijiet dominanti fil-prodotti rispettivi tagħhom fl-Ewropa. Barra minn hekk, kemm il-klijenti kif ukoll għadd ta' kompetituri qablu li fis-swieq konċernati kien hemm kompetizzjoni qawwija b'manifatturi tat-tagħmir li huma vijabbli bħal Philips, Siemens u Toshiba, u manifatturi b'saħħithom tal-farmaċewtiċi bħal Schering, Bristol Myers Squibb, Tyco/Mallinckrodt u Bracco. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-esponenti ma tantx kien probabbli li jkunu esklużi mis-suq jew ikunu marġinalizzati. It-tħassib tekniku dwar l-irbit twarrab ukoll minħabba li l-Kummissjoni aċċertat li kien hemm interoperabilità perfetta bejn it-tagħmir differenti eżistenti u l-prodotti farmaċewtiċi u li interoperabilità bħal din ma tantx kien probabbli li kienet ser titnaqqas meta jidħlu fis-suq prodotti ġodda.

160 COMP/M.3304.

*Air Liquide / Messer*[161]

234. Fil-15 ta' Marzu, l-għaqda ta' l-intrapriża Franċiża Air Liquide u tal-grupp Ġermaniż Messer ġiet approvata bla ħsara għall-kundizzjonijiet. Il-Grupp Messer kellu attivitajiet fil-Ġermanja, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti. Il-Kummissjoni kienet inkwetata li l-akkwist kien se jirriżulta fi prezzijiet ogħla għall-klijenti tal-gass, b'mod partikolari fil-Ġermanja. Madankollu, kien hemm offerta li jsir bejgħ ta' l-assi sinifikanti, li għamel l-approvazzjoni regolatorja possibbli mingħajr il-ħtieġa ta' investigazzjoni dettaljata.

235. Air Liquide u l-Grupp Messer jipproduċu u jiddistribwixxu gassijiet industrijali u mediċi (bħall-ossiġnu, in-nitroġenu jew l-argon) flimkien ma' servizzi marbuta ma' dan. In-negozju ta lil Air Liquide – il-kumpanija li, madwar id-dinja, qiegħda fuq quddiem nett fis-settur tal-gassijiet industrijali - pożizzjoni fiż-żgur li kienet ilha tfittex fir-Renju Unit fejn ma kienx hemm koinċidenzi. Madankollu, għandu joħloq ukoll tħassib dwar il-kompetizzjoni fis-suq ta' madwar l-Ewropa tal-gass bit-tunnellaġġ li diġà huwa kkonċentrat u li tipikament iservi lill-kumpaniji petrokimiċi u ta' l-azzar u fis-suq għall-gassijiet ta' l-ispeċjalitajiet elettroniċi. Fuq livell nazzjonali, qajjem ukoll tħassib dwar kummerċ minn żewġ bejjiegħa biss fil-Ġermanja (flimkien mal-Linde AG) għall-gassijiet provduti f'ammonti kbar u għaċ-ċilindri għal użu industrijali u mediku.

236. Biex tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni, Air Liquide impenjat ruħha li tbiegħ partijiet sinifikanti ta' l-attivitajiet tagħha jew ta' l-attivitajiet tal-Messer fil-Ġermanja. Dan il-bejgħ ta' l-assi inkluda partijiet min-netwerks tal-katusi ta' taħt l-art tal-Messer u bosta impjanti tat-tunnellaġġ, likwifikaturi għall-gassijiet ta' l-arja u ċentri għall-mili taċ-ċilindri kif ukoll il-klijenteli relatati. Air Liquide impenjat ruħha wkoll li tbiegħ il-parteċipazzjoni ta' Messer fl-intrapriża konġunta tagħha ma' Nippon Sanso, kumpanija li tipproduċi l-ESGs.

*Sanofi Synthelabo/Aventis*[162]

237. F'Jannar, il-kumpanija farmaċewtika Sanofi-Synthélabo SA ħabbret offerta biex tieħu l-kontroll ta' l-Aventis SA li l-Kummissjoni approvat bla ħsara għall-kundizzjonijiet. Iż-żewġ kumpaniji kienu bbażati fi Franza. L-Aventis kienet hija stess ir-riżultat ta' amalgamazzjoni bejn Hoechst u Rhône-Poulenc li ġiet approvata f'Awissu 1999, bla ħsara għall-kundizzjonijiet. Din l-għaqda għandha toħloq waħda mill-akbar kumpaniji tal-farmaċewtiċi fid-dinja u dan qajjem xi tħassib dwar il-kompetizzjoni fis-swieq fejn l-attivitajiet tagħhom kienu jikkoinċidu. Deher li l-kompetizzjoni setgħet titnaqqas għad-detriment tal-pazjenti li jbatu mit-trombożi, mill-kanċer fil-kolon u fir-rektum u mill-insomnja.

238. L-oqsma kollha li jikkoinċidu kellhom x'jaqsmu mal-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem. Prodotti bħal dawn kienu jintużaw għat-trattamenti ta' l-attakki tal-qalb, taċ-ċirkolazzjoni baxxa fl-arterji, ta' l-infezzjonijiet fil-widnejn, fl-imnieħer u fil-griżmejn, ta' l-insomnja, bil-parti l-kbira tal-koinċidenzi jkunu fis-swieq għall-

161 COMP/M.3314.

162 COMP/M.3354.

eparina u għall-*heparoids* (fi 11-il-pajjiż ta' l-UE) u għat-trattament tal-kanċer fil-kolon u fir-rektum (f'7 pajjiżi ta' l-UE). L-oqsma affettwati inkludew ukoll il-bejgħ tal-vitamini, tar-rilassanti tal-muskoli u ta' l-antibijotiċi. Biex tikkalma d-dubji tal-Kummissjoni, is-Sanofi jew biegħet in-negozju relatat jew tat liċenzji għalih f'14-il pajjiż ta' l-UE bil-parti l-kbira tal-koinċidenzi jiġru fi Franza.

*Group 4 Falck/Securicor*[163]

239. Il-Kummissjoni tat ukoll approvazzjoni regolatorja għall-amalgamazzjoni proposta bejn Securicor u Group 4 Falck wara li l-kumpaniji solvew it-tħassib dwar kompetizzjoni mnaqqsa f'uħud mis-swieq tas-servizzi tas-sigurtà fil-Lussemburgu, fl-Olanda u fir-Renju Unit. L-amalgamazzjoni Anglo-Daniża għandha toħloq it-tieni l-akbar kumpanija tas-sigurtà fid-dinja wara s-Securitas ta' l-Isvezja.

240. Group 4 Falck, kumpanija Daniża, u Securicor, kumpanija bbażata fir-Renju Unit, huma attivi fil-provvista ta' servizzi ta' sigurtà privati. It-tnejn joffru firxa kbira ta' attivitajiet, bħal trasport tal-flus kontanti, servizzi ta' għassa, sistemi ta' l-allarm u servizzi ta' ġustizzja (eż., l-immaniġġjar ta' u t-trasport tal-ħabsin). L-assi kollha tal-partijiet kellhom jiġu amalgamati f'kumpanija ġdida bl-isem ta' Group 4 Securicor, ħlief għall-attivitajiet tal-ġustizzja tal-Group 4 Falck (li kellhom jinbiegħu lil kumpanija terza qabel ma tintemm l-amalgamazzjoni).

241. Il-Group 4 Falck hija attiva fi 80 pajjiż u s-Securicor f'50. Flimkien, għandhom jikkompetu mill-qrib ma' l-ewwel kumpanija fis-suq dinji, is-Securitas li hija bbażata fl-Isvezja. Minħabba l-qafas regolatorju differenti f'kull pajjiż, il-proviżjon tas-servizzi tas-sigurtà huwa fuq livell nazzjonali jew reġjonali. Għaldaqstant, l-amalgamazzjoni kienet analizzata pajjiż b'pajjiż. Madankollu, minkejja l-ambitu globali tal-kumpaniji amalgamati, l-attivitajiet tagħhom kienu jikkoinċidu biss f'sitt pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea: Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Olanda u r-Renju Unit.

242. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni identifikat tħassib dwar il-kompetizzjoni fi tliet żoni ġeografiċi: is-servizzi tat-trasport tal-flus kontanti, ta' l-għassa permezz ta' persuni u tal-monitoraġġ ta' l-allarm u tar-rispons fil-Lussemburgu; is-servizzi ta' l-għassa permezz ta' persuni fl-Olanda, u s-servizzi tat-trasport tal-flus kontanti fl-Iskozja. Biex jindirizzaw it-tħassib tal-Kummissjoni, il-Group 4 Falck u s-Securicor biegħu l-kummerċ tas-sigurtà tas-Securicor fil-Lussemburgu, in-negozju ta' l-għassa permezz ta' persuni tal-Group 4 Falck fl-Olanda u s-servizzi tagħhom tat-trasport tal-flus kontanti fl-Iskozja.

*Owens-Illinois / BSN Glasspack*[164]

243. Il-Kummissjoni approvat l-akkwist tal-manifattur Franċiż tal-kontenituri tal-ħġieġ, BSN Glasspack S.A. mill-kompetitur tiegħu Owens-Illinois Inc li huwa bbażata fl-Istati Uniti. Il-kontenituri tal-ħġieġ prodotti mid-ditti li se jamalgamaw jintużaw biex

[163] COMP/M.3396.
[164] COMP/M.3397.

jitqiegħdu fihom prodotti bħal xorb mhux alkoħoliku, inbid, ilma minerali, żejt taż-żebbuġa, keċap u prodotti oħrajn ta' l-ikel.

244. Owens-Illinois huwa manifattur internazzjonali tal-kontenituri tal-ħġieġ, tal-makkinarju għall-manifattura tal-kontenituri tal-ħġieġ u tal-kontenituri tal-plastik u t-tagħmir assoċjat. Fl-Unjoni Ewropea, għandu operazzjonijiet ta' manifattura tal-ħġieġ fil-Finlandja, fl-Italja, fi Spanja u fir-Renju Unit. Il-BSN timmanifatura u tbiegħ il-kontenituri tal-ħġieġ għax-xorb u għall-ikel u għandha faċilitajiet tal-produzzjoni fi Franza, fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Olanda u fi Spanja. In-netwerks Ewropej ta' l-impjanti taż-żewġ kumpaniji kienu fil-parti l-kbira komplementari. Madankollu, Owens-Illinois u BSN Glasspack huma kompetituri diretti f'żewġt iswieq reġjonali li jinkludu, il-Grigal ta' Spanja/il-Lbiċ ta' Franza u x-Xlokk ta' Franza/l-Italja ta' Fuq. Il-kontenituri tal-ħġieġ huma prodotti kbar iżda, tipikament, huma kkonsenjati f'firxa ta' 300-400km mill-impjant tal-produzzjoni u ż-żona tal-konsenja ta' impjant għalhekk tista' tinkludi r-reġjuni fuq iż-żewġ naħat ta' fruntiera nazzjonali.

245. It-tranżazzjoni, kif oriġinarjament notifikata, għandha twassal għal ishma kbar tas-suq fir-reġjuni konċernati u għandha tneħħi kompetitur importanti f'dawk li diġà huma swieq ferm konċentrati. Barra s-sħab li ser jamalgamaw, l-uniku esponent ieħor ewlieni f'dawn ir-reġjuni hija l-kumpanija Franċiża St. Gobain, bil-kompetituri l-oħrajn fir-reġjuni affettwati jkunu x'aktarx żgħar. Għalhekk, f'dawn iż-żoni, l-effett kien ikun li jitnaqqas l-għadd ta' fornituri sinifikanti minn tlieta għal tnejn.

246. Biex tikkalma d-dubji tal-Kummissjoni, l-Owens-Illinois offriet li tbiegħ l-impjant tal-produzzjoni lil kompetitur indipendenti u vjabbli f'kull wieħed miż-żewġ reġjuni affettwati, f'Milan fl-Italja u f'Barċellona fi Spanja.

247. In-negozju ma' qajjem l-ebda tħassib fil-bqija taż-ŻEE għaliex l-attivitajiet tal-bejgħ taż-żewġt isħab jew ma jikkoinċidux jew, fejn jagħmlu dan, l-entità amalgamata ser tiffaċċja kompetizzjoni minn għadd ta' kompetituri kbar, inklużi St. Gobain, Rexam, Ardagh, Weigand u Allied Glass.

*GIMD/Socpress*[165]

248. Fis-16 ta' Ġunju, il-Kummissjoni awtorizzat l-akkwist propost ta' Socpresse mill-Grupp Industrijali Marcel Dassault (GIMD), bla ħsara għall-kundizzjonijiet.

249. Il-GIMD huwa grupp Franċiż b'interessi l-aktar fl-aeronawtika, fil-kompjuters, fil-kultivazzjoni ta' l-inbid u fir-rivisti. It-titoli ppubblikati mill-GIMD jinkludu *Valeurs Actuelles*, *Le Journal des Finances*, *Finances Magazine* u *Le Spectacle du Monde*. Socpresse hija wkoll kumpanija Franċiża li tipproduċi gazetti ta' kuljum nazzjonali u reġjonali, rivisti u pubblikazzjonijiet speċjalizzata. Hija l-kumpanija *parent* tal-Figaro Holding, li tipproduċi l-gazzetta ta' kuljum *Le Figaro* u l-*Figaro Magazine*, u l-Groupe L'Express–L'Expansion, li jippubblika għadd kbir ta' rivisti, inklużi *L'Express, L'Expansion, La Vie Financière* u *Mieux Vivre Votre Argent*.

---

165 COMP/M.3420.

250. L-istħarriġ tal-Kummissjoni indika li l-grupp GIMD/Socpresse għandu jikkontrolla għadd ferm akbar ta' rivisti ekonomiċi u finanzjarji mill-kompetituri tiegħu, li kien ser iqiegħdu f'pożizzjoni privileġġjata, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk li jagħmlu r-reklami li jixtiequ jilħqu lill-qarrejja finanzjarji. Kien ikun jista' jiddomina s-suq permezz ta' l-aġenzija b'saħħitha Socpresse, li tbiegħ spazju għar-reklami f'aktar minn 80 rivista u gazzetta ta' kuljum.

251. Għalhekk l-operazzjoni qajmet tħassib dwar il-kompetizzjoni fi Franza fis-swieq għall-bejgħ tar-reklami fir-rivisti ekonomiċi u finanzjarji, għaliex la l-kompetituri u lanqas ix-xerrejja ta' l-ispazju għar-reklami (dawk li jagħmlu r-reklami) ma kienu ser ikunu jistgħu jipprovdu kontrapiż għas-setgħa magħquda ta' Socpresse/GIMD, li għandu jgawdi minn ishma tas-suq li jlaħħqu kważi 50%. Ġeneralment, dawk li jagħmlu r-reklami jinnegozjaw individwalment mal-pubblikaturi jew ma' l-aġenziji tagħhom u għalhekk m'għandhom l-ebda setgħa reali ta' xiri.

252. Biex issolvi t-tħassib dwar il-kompetizzjoni u b'hekk tevita investigazzjoni dettaljata, il-GIMD offriet li teħles mir-rivista ekonomika u finanzjarja *La Vie Financière*, ippubblikata mill-Grupp Express-Expansion li, minħabba l-kwalità u r-reputazzjoni tal-pubblikazzjoni, il-Kummissjoni ħasset li kien biżżejjed biex tneħħi d-dubji tagħha. Madankollu, sabiex tiżgura li l-parti l-kbira tal-ġurnalisti li jaħdmu f'*La Vie Financière* jibqgħu mar-rivista wara li jinbiegħ u ma jeżerċitawx id-dritt tagħhom li jitilqu taħt il-*clause de cession* provduta mil-leġiżlazzjoni industrijali Franċiża għad-detentur ta' kard ta' ġurnalist, il-Kummissjoni se tipprova tiżgura li x-xerrej tal-pubblikazzjoni jkollu kredibilità suffiċjenti fis-settur tal-pubblikazzjoni biex jiżgura l-kontinwità tat-titolu u l-kompetizzjoni effettiva tul żmien twil fis-suq.

*Syngenta CP / Advanta*[166] *u Fox Paine/Advanta*[167]

253. Fis-17 ta' Awissu, il-Kummissjoni awtorizzat, bla ħsara għall-kundizzjonijiet, l-akkwist propost tal-produttur taż-żerriegħa bbażat fl-Olanda, Advanta B.V., mis-Syngenta Crop Protection AG li hija bbażata fl-Isvizzera. Is-Syngenta Crop Protection AG hija sussidjarja tas-Syngenta AG li, bħall-Advanta B.V., hija attiva fit-trobbija, fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-bejgħ ta' diversi tipi ta' żerriegħa.

254. L-investigazzjoni tas-suq li għamlet il-Kummissjoni indikat tħassib serju dwar il-kompetizzjoni f'għadd ta' swieq nazzjonali taż-żerriegħa fl-UE. Dawn kienu ż-żerriegħa tal-pitravi fil-Belġju, fil-Finlandja, fi Franza, fl-Olanda, fil-Portugall, fi Spanja, fl-Awstrija, fl-Irlanda u fl-Italja, iż-żerriegħa tal-qamħirrum fid-Danimarka, fl-Olanda u fir-Renju Unit, iż-żerriegħa tal-ġirasol fl-Ungerija u fi Spanja kif ukoll is-suq Franċiż għaż-żerriegħa tal-barli tar-Rebbiegħa u s-suq tar-Renju Unit għaż-żerriegħa tal-piżelli mifruda (tip ta' żerriegħa tal-piżelli).

255. L-operazzjoni għandha toħloq kumpanija ewlenija fis-suq b'saħħitha ħafna, madwar darbtejn jew aktar id-daqs tal-kompetitur ta' warajha. Fis-suq taż-żerriegħa tal-pitravi, l-operazzjoni proposta għandha wkoll iġġib flimkien tnejn mit-tliet kumpaniji

166 COMP/M.3465.
167 COMP/M.3506.

ewlenin li jikkultivaw iż-żerriegħa tal-pitravi, li huma wkoll il-fornituri ewlenin taż-żerriegħa tal-pitravi fl-Ewropa.

256. Sabiex tneħħi t-tħassib tal-Kummissjoni, is-Syngenta offriet li tbiegħ in-negozju kollu Ewropew fiż-żerriegħa ta' l-Advanta lil xerrej indipendenti, u b'hekk tneħħi għal kollox il-koinċidenza ta' l-operazzjonijiet tal-partijiet fis-swieq kollha rilevanti fl-Unjoni Ewropea.

257. Ftit jiem wara, fl-20 ta' Awissu, il-Kummissjoni approvat l-akkwist propost minn Fox Paine, maniġer Amerikan tal-fondi ta' l-investiment, ta' l-attivitajiet madwar id-dinja fiż-żerriegħa tal-pitravi, fiż-żejt tal-lift, fis-sorġju, fil-ġirasol, fil-ħaxix kif ukoll in-negozji tal-qamħirrum u taċ-ċereali barra mill-Amerika ta' Fuq ta' l-Advanta. Fuq il-bażi ta' din it-tranżazzjoni, kienu sodisfatti l-impenji li tat is-Syngenta fil-konċentrazzjoni Syngenta/Advanta.

258. Ir-reviżjoni tal-Kummissjoni tat-tranżazzjoni Fox Paine/Advanta wriet li Fox Paine għandha interessi f'diversi setturi, inkluż sehem ewlieni fil-produttur Amerikan taż-żerriegħa, is-Seminis, li jiżviluppa, jikkultiva u jbiegħ iż-żerriegħa tal-frott u tal-ħaxix inkluż fl-Ewropa. L-attivitajiet tas-Seminis u ta' lAdvanta kienu jikkoinċidu fis-swieq taż-żerriegħa tal-piżelli mifruda u tal-basal, iżda l-investigazzjoni tas-suq ma kixfet l-ebda tħassib partikolari dwar il-kompetizzjoni għaliex il-partijiet għandhom ikomplu jiffaċċjaw il-kompetizzjoni minn parteċipanti oħrajn importanti.

*Cytec/UCB Surface Specialities*[168]

259. Fis-17 ta' Diċembru, il-Kummissjoni tat l-awtorizzazzjoni għall-akkwist propost tan-negozju tal-UCB Surface Specialties (Speċjalitajiet tas-Superfiċje) minn Cytec Industries Inc. (Cytec) ta' l-Istati Uniti. Ir-reviżjoni tal-Kummissjoni enfasizzat tħassib serju f'żewġt iswieq tar-reżina amminika, iżda Cytec setgħet tindirizza dan it-tħassib billi toffri li tbiegħ l-impjant ta' Fechenheim (il-Ġermanja) tas-Surface Specialties li huwa responsabbli għal kważi l-produzzjoni kollha Ewropea tas-Surface Specialties. Dan il-bejgħ ta' l-assi jelimina t-tħassib dwar il-kompetizzjoni li jirriżulta mit-tranżazzjoni.

260. Is-Cytec tipproduċi kimiċi u materjali ta' speċjalità, inklużi kimiċi għat-tħaffir u għat-trattament ta' l-ilma, kimiċi tal-kisi, sustanzi li jwaħħlu u materjali komposti u kimiċi tal-blokki tal-bini. Surface Specialties, parti mill-kumpanija Belġjana tal-kimiċi u tal-farmaċewtiċi l-UCB, tipproduċi kimiċi tal-kisi, sustanzi li jwaħħlu u kimiċi li jintużaw għall-applikazzjonijiet ta' l-arti grafika.

261. L-investigazzjoni tas-suq li għamlet il-Kummissjoni identifikat tħassib serju dwar il-kompetizzjoni li rriżulta mill-għaqda ta' l-attivitajiet tal-partijiet li qed jamalgamaw fis-swieq tar-reżina amminika li tintuża bħala rabta kimika inkroċjata (bħal dik bejn ktajjen ta' atomi f'polimer) fis-sustanzi likwidi industrijali li jiksu u bħala sustanzi addittivi li jkabbru l-attività ta' katalist għat-twaħħil għal-lastku rrinforzat.

168 COMP/M.3558.

262. Il-Kummissjoni vverifikat ukoll jekk l-għaqda tas-Cytec bħala fornitur importanti ta' l-*acrylamide* bis-Surface Specialties tixtri l-*acrylamide* bħala kontribut għall-produzzjoni tas-sustanzi li jwaħħlu u ta' l-addittivi tar-reżina setgħetx teskludi l-provvisti ta' l-*acrylamide* għal partijiet terzi. L-investigazzjoni tas-suq ma kkonfermatx dan it-tħassib, ladarba s-Cytec tiffaċċja kompetituri kredibbli għall-provvista ta' l-*acrylamide* u l-ħtiġijiet totali tas-Surface Specialties jidher li jispjegaw biss parti marġinali tal-produzzjoni tas-Cytec.

**KAXXA 7: L-ewwel pass fil-konsolidazzjoni ta' l-avjazzjoni Ewropea - l-amalgamazzjoni Air France/KLM u l-alleanza Air France/Alitalia**

*Daħla*

L-aħħar tliet snin kienu partikolarment produttuvi għal-Liġi Komunitarja fil-qasam ta' l-avjazzjoni. Is-sentenzi tas-"Smewwiet Miftuħa"[169] u l-isforz leġiżlattiv imniedi mill-Kummissjoni fit-tliet snin ta' qabel[170] ħolqu l-bażi legali għall-iżvilupp ta' suq tabilħaqq intern għall-industrija ta' l-avjazzjoni ċivili. Imbagħad kien imiss lill-kumpaniji Ewropej tal-linji ta' l-ajru biex jirrispondu għal dan l-ambjent legali l-ġdid u joħolqu parteċipanti fl-Ewropa kollha, biex b'hekk itemmu l-frammentazzjoni ta' l-industrija Ewropea ta' l-avjazzjoni[171]. Air France u KLM kienu l-ewwel trasportaturi Ewropej li ħatfu din l-opportunità.

Fl-2004, il-Kummissjoni kellha tiżgura li dan il-proċess ta' konsolidazzjoni jseħħ b'ħarsien sħiħ tar-regoli tal-kompetizzjoni. Air France ("AF") u KLM ħabbru l-amalgamazzjoni tagħhom fit-tieni nofs ta' l-2003 u l-Kummissjoni tat il-permess tagħha fil-11 ta' Frar[172]. Ftit wara d-deċiżjoni ta' AF/KLM, fis-7 ta' April, l-AF ingħatat eżenzjoni skond l-Artikolu 81(3) KE għall-alleanza aktar tradizzjonali tagħha ma' l-Alitalia ("AZ")[173]. Il-paralleliżmu f'termini ta' żmien u parteċipanti bejn iż-żewġ każijiet jipprovdi opportunità tajba biex jitqabbel it-trattament tal-każijiet ta' l-avjazzjoni skond l-Artikolu 81 u skond ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet ("ECMR" - *EC Merger Regulation*").

*Il-kuntest legali taż-żewġ operazzjonijiet u t-tendenzi l-ġodda fl-industrija Ewropea ta' l-avjazzjoni*

Sabiex ikopru numru akbar ta' destinazzjonijiet u jtejbu l-utilizzazzjoni tal-kapaċitajiet b'inqas spejjeż, l-akbar linji ta' l-ajru qed jistabbilixxu sistemi *hub-and-spoke* u jikkonċentraw it-traffiku fil-punti ċentrali ta' l-attivitajiet rispettivi tagħhom. Dan l-għan huwa żgurat aktar permezz tal-konklużjoni tal-ftehimiet ma' linji ta' l-ajru oħrajn li jistgħu jieħdu l-forma ta' alleanza strateġika (eż. AF/AZ) jew ta' konċentrazzjoni (eż. AF/KLM). Meta mqabbla ma' l-alleanzi, l-amalgamazzjonijiet għandhom jippermettu razzjonalizzazzjoni u integrazzjoni aħjar ta' l-istruttura tan-netwerk tat-trasportaturi li qed jamalgamaw. Madankollu, l-amalgamazzjonijiet fl-UE bejn it-trasportaturi ta' nazzjonalitajiet

169 Is-sentenzi tal-5.11.2002 fil-każijiet C-475, 471, 467, 469, 476, 472, 468 u 466/98 kontra l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u r-Renju Unit rispettivament.

170 Ara b'mod speċjali l-Pakkett dwar is-Smewwiet Miftuħa approvat fl-10.3.2003. Barra minn hekk, fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni, fis-26.2.2004 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 411/2004 li jemenda r-Regolamenti eżistenti fis-settur tat-trasport bl-ajru u li jagħmel lir-Regolament (KE) Nru 1/2004 applikabbli għat-transport bl-ajru bejn l-UE u l-pajjiżi terzi.

171 Skond il-Kummissjoni, fil-paragrafu 47 tal-Komunikazzjoni tagħha dwar il-konsegwnzi tas-sentenzi tal-Qorti tal-5.11.2002 għall-politika Ewropea tat-trasport bl-ajru [COM/2002/0649 finali], il-linji ta' l-ajru li mhumiex ta' l-UE, b'mod partikolari fl-Istati Uniti, huma ħafna akbar mill-kontropartijiet tagħhom Ewropej bħala numru ta' passiġġieri, numru ta' punti ċentrali għall-attivitajiet li jħaddmu u l-flotot tagħhom ta' l-inġenji ta' l-ajru. Għalhekk il-konsolidazzjoni għandha tkun meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkompetu globalment ma' dawn il-linji ta' l-ajru.

172 COMP/M 3280 – Air France/KLM.

173 COMP/38248 – Air France/Alitalia.

differenti kienu diffiċli minħabba s-sistema ta' ftehimiet bilaterali internazzjonali li jirregolaw id-drittijiet tat-traffiku bejn l-Istati.

Skond il-ftehim ta' ICAO tas-7 ta' Diċembru 1947, kull Stat Sovran għandu l-kompetenza li jagħti d-drittijiet tat-traffiku fuq l-ispazju ta' l-ajru tiegħu. Fuq din il-bażi, id-drittijiet tat-traffiku lit-trasportaturi minn pajjiżi terzi jingħataw permezz ta' ftehimiet bilaterali, li permezz tagħhom iż-żewġ Stati firmatarji spiss jagħtu d-drittijiet tat-traffiku biss lit-trasportaturi li għandhom nazzjonalità ta' dawn l-Istati ("klawsola tan-nazzjonalità"). Minkejja li l-UE stabbiliet suq intern għall-avjazzjoni fl-1997[174] fejn it-trasportaturi Komunitarji setgħu jikkompetu fi ħdan is-suq Ewropew, it-titjiriet internazzjonali lejn/mill-UE għadhom soġġetti għal ħafna restrizzjonijiet, inkluża l-klawsola nazzjonali. Għalhekk, jekk trasportatur Belġjan jiġi akkwistat minn kumpanija Brittanika u għalhekk jitlef in-nazzjonalità Belġjana tiegħu, ta' l-ewwel ikun qed jirriskja li jitlef id-drittijiet tiegħu li jtir lejn/mill-Belġju lejn pajjiżi terzi għaliex ma jibqax kopert mill-ftehimiet bilaterali ffirmati mill-Istat Belġjan f'isem it-trasportaturi nazzjonali tiegħu. Ir-riskju li jintilfu d-drittijiet tat-traffiku mhux ta' l-UE kien b'mod kummerċjali wisq importanti u għalhekk kien jikkomprometti l-vijabilità kummerċjali ta' amalgamazzjoni. Din hija waħda mir-raġunijiet għaliex rari twettaq b'suċċess proġett ta' amalgamazzjoni trans-UE, sal-każ *AF/KLM*[175]. F'dak il-kuntest legali, it-trasportaturi Ewropej ipprivileġġjaw l-użu ta' alleanzi strateġiċi

Is-sentenzi tas-"Smewwiet Miftuħa" jibdlu dan l-isfond legali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-negozjati ta' ftehimiet bilaterali mill-Istati Membri f'isem it-trasportaturi nazzjonali tagħhom, li jeskludu lil trasportaturi oħrajn Komunitarji, jikkostitwixxu ksur kontra l-libertà tat-twaqqif ta' negozju provdut fl-Artikolu 43 KE. Għaldaqstant, l-Istati Membri ta' l-UE għandhom jissostitwixxu l-klawsola tan-nazzjonalità li tinsab fil-ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi bi "klawsola Komunitarja". Huwa mistenni li l-klawsola Komunitarja fl-aħħar mill-aħħar għandha tkun rikonoxxuta minn pajjiżi terzi u tkun inkluża fil-ftehimiet bilaterali ġodda jew emendati[176]. Skond dawn iċ-ċirkustanzi legali ġodda, ir-riskju kummerċjali msemmi aktar 'il fuq għandu jisparixxi u tikber il-probabbiltà li jsiru amalgamazzjonijiet bejn trasportaturi Komunitarji. Għalhekk il-każ *AF/KLM* irrappreżenta każ-test importanti għal din it-tendenza probabbli fl-industrija ta' l-avjazzjoni Ewropea.

*Id-deskrizzjoni taż-żewġ tranżazzjonijiet*

Il-kunċett ta' konċentrazzjoni jkopri "*biss l-operazzjonijiet li jwasslu għal bidla li ddum fl-istruttura ta' l-intrapriżi konċernati*"[177]. Il-Ftehim ta' Qafas tas-16 ta' Ottubru 2003[178], iffirmat bejn AF u KLM, jipprovdi li żewġ trasportaturi li qabel kienu indipendenti se jamalgamaw biex fl-aħħar mill-aħħar isiru operatur uniku fis-suq (taħt l-isem Air France-KLM). L-azzjonisti ta' qabel ta' l-AF se jkollhom 81% ta' l-ishma ta' l-Air France-KLM u l-azzjonisti ta' minoranza tal-KLM se jkollhom id-19% li jifdal. Minkejja li l-aħjar mod biex wieħed jibbenefika b'mod sħiħ mill-effetti ta' sinerġija għandu jkun permezz ta' amalgamazzjoni sħiħa, l-aċċettazzjoni grawdali tal-prinċipju tal-kunċett ta' "trasportatur

---

174 Ir-Regolamenti (KE) Nru 2407, 2408 u 2409/92.

175 Uħud mid-deċiżjonijiet ta' qabel ta' amalgamazzjonijiet bejn it-trasportaturi Komunitarji huma: id-deċiżjoni tal-5.10.1992 fil-każ Nru IV/M.616 Air France/Sabena u d-deċiżjoni tal-11.8.1999 fil-każ COMP/JV.19 KLM/Alitalia.

176 Fil-5.6.2003, il-Kummissjoni pproponiet u kisbet mingħand il-Kunsill mandat biex tinnegozja, flimkien ma' l-Istati Membri, ftehim komprensiv għas-servizzi ta' l-ajru ma' l-Istati Uniti u mandat orizzontali għan-negozjati ma' pajjiżi terzi fl-oqsma kollha li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni msemmija aktar 'il fuq tal-5.11.2002 dwar il-konsegwenzi tas-sentenzi tal-Qorti għall-politika Ewropea tat-trasport bl-ajru, tiddikjara li "n-negozjati tal-klawsoli Komunitarji ser jagħtu l-opportunità lil-linji ta' l-ajru tal-Komunità li jespandu l-operazzjonijiet internazzjonali tagħhom mill-ajruporti fl-Istati Membri l-oħrajn, kif ukoll jippreparaw it-triq għal integrazzjoni kummerċjali akbar bejn il-linji ta' l-ajru fl-Istati Membri differenti".

177 Il-premessa 23 fil-preambolu tar-Regolament 4064/89.

178 Dan il-Ftehim ġie nnotifikat skond ir-Regolament (KE) Nru. 4064/89 fit-18.12.2003.

Komunitarju" min-naħa ta' Stati terzi jeħtieġ metodu kawt u progressiv. Għall-ewwel, l-AF se tikseb drittijiet estensivi ta' veto fuq il-KLM, li se żżomm in-nazzjonalità Olandiża tagħha. Fit-tieni fażi, l-integrazzjoni bejn l-AF u l-KLM se titkabbar u l-entità amalgamata tista' fl-aħħar mill-aħar topera bħala trasportatur uniku. L-akkwist tad-drittijiet ewlenin ta' veto fuq il-KLM mill-AF mill-ewwel ġurnata jimplika li t-tranżazzjoni notifikata kkostitwiet konċentrazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b) ta' l-ECMR.

Skond l-alleanza estensiva tagħhom, l-AF u l-AZ jaqblu li jikkoordinaw il-politika operattiva u kummerċjali tagħhom fuq numru ta' rotot (jiġifieri għall-ewwel il-grupp ta' rotot ta' Franza-Italja), permezz ta' l-użu estensiv tat-tqassim tal-kodiċi, tal-koordinazzjoni tan-netwerk u tal-kooperazzjoni dwar ir-rotot, tal-prezzijiet ta' l-ishma u tal-politika komuni tal-bejgħ. Iżda, bil-kontra tal-każ AF/KLM, l-AF u l-AZ jibqgħu żewġ entitajiet distinti u indipendenti fis-suq. L-alleanza ma toħloqx entità ġdida, la *de iure* u lanqas *de facto* u lanqas ma biddlet l-istruttura ta' l-intrapriżi konċernati, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam il-kontroll. Aktar minn hekk, l-alleanza m'għandha l-ebda aċċess indipendenti għas-suq għaliex in-negozjati kollha mal-klijenti se jkomplu jsiru permezz ta' l-AF u l-AZ. Jidher ċar li l-alleanza ma tikkostitwix konċentrazzjoni iżda ftehim ta' koordinazzjoni fl-ambitu ta' l-Artikolu 81 KE[179]. Madankollu, l-alleanza tipprevedi l-possibbiltà ta' amalgamazzjoni futura bejn il-partijiet.

*Id-definizzjoni tas-suq u l-valutazzjoni taż-żewġ tranżazzjonijiet*

Il-valutazzjonijiet sostanzjali taż-żewġ każijiet huma simili. L-ewwelnett, il-Kummissjoni ddefiniet is-swieq rilevanti skond il-metodu stabbilit tagħha tal-punt-ta' oriġini/punt-tad-destinazzjoni ("O&D") li kien ikkonfermat mill-ġurisprudenza[180]. Minkejja li d-deċiżjoni AF/KLM iddiskutiet ħafna l-importanza tal-kompetizzjoni tan-netwerk mill-perspettiva tad-domanda, iż-żewġ deċiżjonijiet jikkonkludu li, mill-perspettiva tal-klijent, kull O&D għandu jitqies bħala suq separat għaliex il-klijenti jeħtieġu servizz tat-trasport bejn żewġ punti. It-tieni, sabiex tivvaluta l-ambitu eżatt ta' O&D, il-Kummissjoni vvalutat kemm l-ajruporti jistgħu ikunu sostitwibbli bejniethom f'żona partikolari. F'dan ir-rigward, il-Kummisjoni qieset li ż-żewġ ajruporti ewlenin ta' Pariġi, Milan, Ruma u New York huma sostitwibbli. It-tielet, bħal f'deċiżjonijiet preċedenti dwar l-avjazzjoni, il-Kummissjoni tiddistingwi bejn klijenti "sensittivi għall-ħin" u dawk li "mhumiex sensittivi għall-ħin"[181]. Ir-raba', fiż-żewġ każijiet, ir-rotot li tulhom l-attivitajiet tal-partijiet tabilħaqq kienu jikkoinċidu jew fejn kienu kompetituri potenzjali tqiesu bħala swieq rilevanti.

Minkejja dan ix-xebh, minħabba n-natura u l-ambitu differenti taż-żewġ tranżazzjonijiet, l-investigazzjoni fil-każ *AF/KLM* kienet usa'. Inkludiet il-valutazzjoni tar-rotot internazzjonali[182] u l-impatt tas-sħubija bejn l-AF u l-KLM ma' trasportaturi oħrajn. Dwar ir-rotot twal, il-Kummissjoni kkunsidrat li t-titjiriet indiretti jikkompetu ma' dawk diretti f'xi kundizzjonijiet, per eżempju, fejn il-ħin tal-konnessjoni ma jkunx t'aktar minn 150 minuta[183]. Il-valutazzjoni li saret fil-każ *AF/KLM* ikkunsidrat ukoll il-preżenza – f'kull rotta rilevanti – tas-sħab tal-partijiet li qed jamalgamaw (eż. il-membri ta' l-alleanza ta' Skyteam ta' l-AF jew ta' NorthWest, l-alleat Amerikan tal-KLM). Ir-

[179] Cf. il-punt 37 tad-deċiżjoni Air France/Alitalia

[180] Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ 66/86 Ahmed Saeed Flugreisen tal-11.4.1989 [1989] ECR 803; is-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza fil-Każ 2/93 Air France / il-Kummissjoni (TAT) tad-19.5.1994 [1994] ECR 323; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12.1.2001 fil-każ Nru. COMP/M.2041 - United Airlines/US Airways.

[181] Il-passiġġieri li huma sensittivi għall-ħin għandhom nefqa t'opportunità għolja ta' ħin ta' l-ivvjaġġar u għalhekk huma inqas lesti li jissostitwixxu t-titjiriet mingħajr waqfien għal dawk indiretti, mhumiex flessibbli fejn għandu x'jaqsam il-ħin tat-tluq/tal-wasla u għandhom bżonn ikollhom l-għażla li jibdlu l-prenotazzjoni fl-aħħar minuta.

[182] Fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni AF/AZ (skond ir-Regolament (KE) Nru 3975/87) il-Kummissjoni kellha biss setgħat ta' infurzar għar-rotot intra-Komunitarji.

[183] Dan il-metodu ntuża għall-ewwel darba fid-Deċiżjoni United Airlines/US Airway.

relazzjoni qawwija ekonomika u kummerċjali u l-alleanza estensiva bejn l-AF u l-AZ wasslet lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li, wara l-amalgamazzjoni, l-AZ mhux se jibqa' jkollha l-inċentiv biex tikkompeti mal-KLM fil-grupp ta' rotot Taljani/Franċiżi u li dawn ir-rotot, għalhekk, kienu inklużi fil-valutazzjoni kompetittiva ta' l-amalgamazzjoni. Fl-aħħarnett, id-deċiżjoni ta' AF/KLM ivvalutat ukoll is-swieq l-oħrajn relatati bħat-trasport tal-merkanzija u l-manutenzjoni.

Il-Kummissjoni sabet li kien hemm lok għal tħassib f'seba' rotot fil-każ *AF/AZ*, u f'disa' rotot intra-Komunitarji u f'ħames rotot inter-kontinentali fil-każ *AF/KLM*. Dawn huma rotot fejn il-partjiiet għandhom sehem kbir magħqud tas-suq u l-barrieri għad-dħul huma għoljin, bażikament minħabba l-konġestjoni fl-ajruporti f'għall-inqas punt wieħed miż-żewġ punti ta' O&D.

*Ix-xebh u d-differenzi tar-rimedji applikati*

Il-problemi tal-kompetizzjoni li ġejjin mill-alleanzi u mill-konċentrazzjonijiet fis-settur ta' l-avjazzjoni, u għalhekk ir-rimedji applikati, huma simili. Minħabba li l-ajruplani, fin-natura tagħhom, huma mobbli, it-tħassib dwar il-kompetizzjoni f'dan is-settur normalment ma jinqalax minn restrizzjonijiet fuq il-kapaċità fiżika li teħtieġ il-bejgħ ta' ishma ta' negozju partikolari (eż. ajruplani jew sussidjarji), iżda pjuttost mill-barrieri għad-dħul, prinċipalment l-aċċess għall-ispazju fl-ajruport[184]. F'dan ir-rigward, il-partijiet qablu li jagħmlu l-ispazju disponibbli għall-kompetituri fiż-żewġ każijiet sabiex il-kompetituri jkunu jistgħu jħaddmu t-titjiriet tul ir-rotot fejn il-Kummissjoni sabet li kien hemm tħassib dwar il-kompetizzjoni. Dawn ir-rimedji kienu akkumpanjati minn miżuri oħrajn (l-iffriżar tal-frekwenzi u l-obbligu għal dħul fi ftehimiet li jikkonċernaw il-programm tal-passiġġier frekwenti, is-servizzi tat-trasport bejn il-linji u dawk inter-modali, eċċ).

Madankollu, ir-rimedji għandhom jirriflettu wkoll il-karatteristiċi li ġejjin min-natura differenti ta' alleanza u konċentrazzjoni. Alleanza kooperattiva ma tirrappreżentax bidla permanenti fis-suq u deċiżjoni skond l-Artikolu 81(3) tingħata għall-perjodu inizjali ta' sitt snin, bla ħsara għal reviżjoni wara dak il-perjodu. B'kuntrast, konċentrazzjoni (u allura deċiżjoni dwar amalgamazzjoni) għandha impatt li jdum fuq l-istruttura tal-kumpaniji u tas-suq. Għalhekk ir-rimedji strutturali huma partikolarment importanti fil-każijiet ta' amalgamazzjoni, minħabba li jistgħu jiżguraw effett permanenti bħal minħabba n-natura tagħhom[185].

F'dan is-sens, id-deċiżjoni ta' l-AF/KLM tikkostitwixxi ċaqliq innovattiv lejn metodu aktar permanenti jew "strutturali" tar-rimedji tradizzjonali li jkunu skedati. L-ewwelnett, l-obbligazzjoni taċ-ċessjoni ta' spazju japplika għal żmien mhux limitat. It-tieni, l-ispazji li diġà ġew rilaxxjati mill-partijiet u li m'għadhomx jintużaw minn parteċipant ġdid għal par bliet partikolari se jingħataw lura lill-grupp ta' spazji fl-ajruport, f'każijiet fejn l-obbligazzjoni li jiġu rilaxxati l-ispazji m'għadux jeżisti. It-tielet, intgħażel metodu ta' "ġojjell prestiġġjuż" (*crown jewel approach)* għar-rotta Amsterdam-Parigi, li l-kompetituri sabuha partikolarment diffiċli jidħlu fiha minħabba li tikkollega l-punti ċentrali ta' l-attivitajiet rispettivi ta' l-AF u tal-KLM. F'xi kundizzjonijiet, u ladarba jkun opera fuq dan il-par ta' bliet għal mill-inqas tliet snin, parteċipant ġdid għal dan il-par ta' bliet jista' saħansitra jikseb id-drittijiet vestiti (*grandfather rights)* għall-ispazji offruti mill-partijiet li qed jamalgamaw.

---

184 Fejn l-użu tal-bejgħ ta' l-assi huwa diffiċli jew impossibbli, "il-bidla fl-istruttura tas-suq li tirriżulta minn konċentrazzjoni proposta tista' twassal għal barrieri jew impedimenti kbar għad-dħul fis-suq rilevanti. Barrieri bħal dawn jistgħu jinqalgħu mill-kontroll fuq l-infrastruttura, b'mod partikolari n-netwerks (…). F'ċirkustanzi bħal dawn, ir-rimedji jistgħu jimmiraw biex jiffaċilitaw id-dħul fis-suq billi jiżguraw li l-kompetituri se jkollhom aċċess għall-infrastruttura meħtieġa (…)"cf. il-Para 28 ta' l-avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rimedji li huma aċċettabbli skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 u skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 447/98, ĠU C 68, 2.3.2001, p. 3).

185 Ara s-sentenza addizzjonali tal-25.3.1999, fil-każ T-102/96 Gencor [1999] ECR II-753.

Fir-rigward tar-rimedji li jikkonċernaw ir-rotot fit-tul, li huma speċifiċi għall-każ AF/KLM, is-suppożizzjoni tal-Kummissjoni li t-titjiriet indiretti jirrappreżentaw limitu kompetittiv għat-titjiriet diretti kellha bżonn tiġi żgurata. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi u Olandiżi ddikjaraw li kienu ser joqogħu lura minn kwalunkwe intervent fl-iffissar tal-prezzijiet tas-servizzi indiretti f'għadd kbir ta' rotot (dik li tissejjaħ "is-sitt libertà") u li se jiżguraw li t-trasportaturi terzi jkollhom id-dritt li jagħmlu waqfa qasira (ġeneralment ta' lejl) f'Amsterdam jew f'Pariġi biex joffru destinazzjonijiet barra mill-UE (il-ħames libertà). Dawn id-dikjarazzjonijiet huma parti mid-deċiżjoni ta' AF/KLM.

## 3. IR-REFERENZI

*Kabel Deutschland / ish*[186]

263. Fl-20 ta' April, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' l-akkwist propost ta' l-intrapriżi ish GmbH & Co KG, Ġermanja, u ish KS NRW GmbH & Co KG, Ġermanja (l-aħħar tnejn "ish") mill-intrapriża Ġermaniża Kabel Deutschland Gmbh, Ġermanja ("KDG").

264. Il-KDG topera dik li kienet in-netwerk tal-kejbil *broadband* tad-Deutsche Telekom AG fil-Ġermanja kollha ħlief fil-Bundesländer Hessen, fil-Baden-Wuerttemberg u fin-North Rhine Westphalia. Fil-Bundesland ta' l-aħħar, ish hija l-operatur tan-netwerk tal-kejbil *broadband*. Iż-żewġ kumpaniji joffru, fiż-żoni rispettivi tan-netwerks tagħhom, it-trasmissjoni tas-sinjali tax-xandir (TV u radju) kif ukoll l-aċċess għall-Internet. Minbarra l-akkwist ta' ish, il-KDG kienet qed tippjana li tixtri wkoll iż-żewġ operaturi li jifdal tas-sistema reġjonali tal-kejbil *broadband* fil-Ġermanja, jiġifieri iesy Hessen u Kabel Baden-Wuerttemberg. Kuntrarju għall-amalgamazzjoni KDG/ish, dawn iż-żewġ konċentrazzjonijiet kienu jaqgħu taħt il-kompetenza ta' l-Uffiċċju Federali għall-Kartels.

265. Fl-14 ta' Mejju, l-Uffiċċju Federali għall-Kartels ressaq quddiem il-Kummissjoni talba għal referenza skond liema l-amalgamazzjoni setgħet twassal biex jissaħħu l-pożizzjonijiet dominanti f'bosta swieq. Fis-suq għall-alimentazzjon (*feeding-in*) tas-sinjali tax-xandir, fejn ix-xandara jitolbu t-trasmissjoni tas-sinjali tagħhom permezz tal-kejbil *broadband*, tisħiħ bħal dan – skond l-Uffiċċju Federali għall-Kartels – jista' jirriżulta miż-żieda ta' l-ambitu li jkun hemm wara l-għaqda taż-żewġ netwerks. Aktar minn hekk, fis-suq tas-servizzi tat-TV diġitali bil-ħlas, is-suq għat-twassil tas-sinjali permezz tal-kejbil *broadband* reġjonali għas-sistemi interni tal-kejbil u s-suq għall-provvista tas-sinjali lill-klijenti aħħarin, fil-fehma ta' l-Uffiċċju Federali għall-Kartels jistgħu jfixklu aktar il-kompetizzjoni jekk ish ma tibqax bħala kompetitriċi tal-KDG li diġà kienet meqjusa bħala dominanti f'xi swieq reġjonali.

266. Il-Kummissjoni kkonkludiet li ġew issodisfatti l-kundizzjonijiet għal referenza lill-Uffiċċju Federali għall-Kartels, minħabba l-ambitu nazzjonali tas-swieq affettwati mit-tranżazzjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju Federali għall-Kartels kien l-aktar xieraq biex janalizza t-tħassib preliminari dwar il-kompetizzjoni, għaliex dan kien jeħtieġ eżami tas-swieq lokali u ċirkustanzi speċifiċi nazzjonali. Barra minn

[186] COMP/M.3271

hekk, it-tliet akkwisti proposti mill-KDG – jiġifieri l-akkwisti ta' ish, iesy Hessen u Kabel Baden-Württemberg – qajmu mistoqsijiet simili u għalhekk għandhom jiġu eżaminati b'mod uniformi minn awtorità tal-kompetizzjoni waħda. Għalhekk, fis-7 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi l-każ lill-Uffiċċju Federali għall-Kartels.

*Accor/Barrière/Colony*[187]

267. Fl-4 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni Franċiżi parti mill-intrapriża konġunta proposta fis-settur tal-każinos bejn Accor, il-grupp tal-famija Barrière-Desseigne u Colony. Din ir-referenza parzjali kienet tikkonċerna l-valutazzjoni ta' l-impatt kompetittiv tat-tranżazzjoni fuq is-swieq ta' l-amministrazzjoni tal-każinos f'żewġ reġjuni Franċiżi, Côte d'Azur u l-kosti ta' Basque u Landes. Fl-istess jum, il-Kummissjoni approvat l-operazzjoni fir-rigward tas-swieq tal-prodotti u dawk ġeografiċi li jifdal.

268. L-investigazzjoni li għamlet il-Kummissjoni wriet li s-suq għat-tħaddim tal-każinos kellu dimensjoni ġeografika lokali li tista' tiġi ddefinita jew fuq bażi ta' żona kummerċjali rilevanti ta' sewqan għal siegħa jew bħala żona lokali tal-popolazzjoni. Ibbażata fuq din id-definizzjoni, it-tranżazzjoni kienet ser tqajjem problemi ta' kompetizzjoni fiż-żewġ reġjuni Franċiżi msemmija aktar 'il fuq. Għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet Franċiżi kienu l-aktar xierqa biex jivvalutaw l-effetti ta' l-operazzjoni fuq dawn is-swieq lokali u ddeċidiet li tirreferi l-valutazzjoni kompetittiva tagħhom lura lil Franza.

269. L-aspetti l-oħrajn tat-tranżazzjoni involvew is-swieq ta' l-akkwist tal-liċenzji tal-każinos u tal-lukandi u kienu awtorizzati minħabba li l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda riskju għal kompetizzjoni kkawżata mit-tranżazzjoni f'dawn is-swieq.

270. Fit-28 ta' Lulju, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni Franċiżi taw il-permess għat-tranżazzjoni, bla ħsara għar-rimedji fiż-żewġt iswieq imsemmija. Dawn ir-rimedji jikkonsistu fil-bejgħ ta' l-ishma taż-żewġ każinos min-naħa tal-partijiet, wieħed fil-Côte d'Azur u l-ieħor fil-Kosti ta' Basque u Landes.

## 4. In-Notifiki rtirati

*INA/AIG/SNFA*[188]

271. Fit-22 ta' Settembru, il-manifattur Ġermaniż tal-*bearings* (tagħmir li jnaqqas il-frizzjoni f'xi parti ta' magna fejn oħra ddur) INA Holding Schaeffler KG (INA) u l-grupp Amerikan ta' l-assigurazzjoni AIG innotifikaw lill-Kummissjoni l-akkwist konġunt tal-produttur Franċiż tal-*bearings* ta' preċiżjoni, l-SNFA. L-INA u l-SNFA huma speċjalizzati fil-produzzjoni tal-*bearings* ta' preċiżjoni kontra l-frizzjoni. L-AIG hija grupp internazzjonali ta' l-assigurazzjoni mingħajr l-ebda attività fl-industrija tal-*bearings.* Il-*bearings* ta' preċiżjoni jintużaw l-aktar f'applikazzjonijiet

[187] COMP/M.3373
[188] COMP/M.3093

li jeħtieġu livell għoli ħafna ta' preċiżjoni, b'mod partikolari fl-industrija ta' l-għodod tal-magni u fis-settur ta' l-aerospazju.

272. Fit-23 ta' Ottubru 2003, il-Kummissjoni kienet tat bidu għal stħarriġ dettaljat tat-tranżazzjoni proposta, minħabba tħassib li t-tneħħija tal-kompetizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni l-akbar fornituri tal-*bearings* ta' preċiżjoni ta' l-għodod tal-magni fil-Punent ta' l-Ewropa għandha tagħti lill-INA pożizzjoni dominanti. L-investigazzjoni kkonfermat li t-tranżazzjoni għandha tnaqqas b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni fis-suq tal-bolberings ta' kuntatt angulari ta' l-għodod tal-magni (ACBBs - *angular contact ball bearings*) fil-Punent ta' l-Ewropa għaliex kienet ser iġġib flimkien liż-żewġ esponenti l-kbar u li għandhom l-aktar saħħa fejn għandhom x'jaqsmu l-kwalità, il-kredibilità, l-innovazzjoni u l-wesgħa tal-portafoll. L-ebda wieħed mill-kompetituri li jifdal, kemm jekk il-fornitur Svediż SKF jew kemm jekk il-kumpanija Ġappuniża NSK, jew esponent iżgħar oħrajn, m'għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw pressjoni kompetittiva suffiċjenti u effettiva fuq l-INA. Il-Kummissjoni sabet ukoll li ma tantx huwa probabbli li l-klijenti kienu ser jeżerċitaw kontroll suffiċjenti fuq l-istrateġija ta' l-ipprezzar ta' l-INA ladarba l-parti l-kbira tal-manifatturi ta' l-għodod tal-magni u taż-żrażar huma negozji żgħar b'saħħa limitata biex jinnegozjaw.

273. Minħabba t-tħassib qawwi tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet lill-INA u lill-AIG fid-19 ta' Diċembru 1999. Iżda ma ngħatatx deċiżjoni finali għaliex il-partijiet abbandunaw it-tranżazzjoni f'Jannar 2004.

*RWA/AMI*[189]

274. Fil-11 ta' Ottubru, il-kumpaniji Awstrijaċi RWA Raiffeisen-Ware Austria AG ("RWA") u AMI Agro Linz Melamine International GmbH ("AMI") ċedew il-ħolqien li kienu ppjanaw ta' l-intrapriża konġunta Inter-Fert Düngemittel GmbH ("Inter-Fert") u rtiraw in-notifika korrispondenti mal-Kummissjoni. It-twaqqif ta' l-intrapriża konġunta kellha tgħaqqad lill-produttur ewlieni Awstrijak tal-fertilizzanti AMI ma' l-organizzazzjoni agrikola tal-bejgħ bl-ingrossa l-aktar importanti fl-Awstrija, l-RWA.

275. F'deċiżjoni tad-29 ta' Settembru il-Kummissjoni kienet bdiet it-tieni fażi tal-proċeduri, ladarba l-eżami preliminari ta' l-amalgamazzjoni maħsuba sabet li l-ħolqien ta' l-intrapriża konġunta kien ser issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' l-RWA fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-fertilizzanti fl-Awstrija. Fir-reġjun qrib tal-Bavarja, il-Kummissjoni identifikat ukoll tħassib dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tal-kummerċ fil-fertilizzanti.

276. Il-konklużżjoni preliminari tal-Kummissjoni kient li l-RWA waħidha għandha ishma tas-suq li jvarjaw bejn il-55% u l-65% fis-swieq għal ċerti tipi ta' fertilizzant individwali jew il-fertilizzanti kollha flimkien u li l-operazzjoni twarrab lil AMI bħala kompetitur importanti fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa fl-Awstrija. Barra minn dan, il-pożizzjoni dominanti ta' l-RWA kienet tissaħħaħwara l-amalgamazzjoni ma' l-AMI permezz ta' l-amalgamazzjoni vertikali li kienet isseħħ. Kien hemm riskju li t-transazzjoni kienet twassal għall-għeluq. It-transazzjoni kienet anki ssaħħaħil-

[189] COMP/M.3423

pozizzjoni dominanti ta' BayWa, kumpanija li hija sid ir-RWA, fis-swieq Bavariżi tal-bejgħ bl-imnut tal-fertilizzanti fejn għandha sehem fis-suq ta' madwar 70 fil-mija u setgħet wasslet għall-għeluq tal-kompetituri tal-BayWa. Dan kien iwassal għal tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti fis-wieq tal-bejgħ bl-imnut tal-fertilizzanti fil-bavarja u xkiel sinifikanti għall-kompetizzjoni f'parti sostanzjali tas-suq komuni.

277. Sabiex jeliminaw it-tħassib dwar il-kompetizzjoni fir-rigward ta' l-Awstrija u tal-Bavarja, il-partijiet ipproponew impenji li, madankollu, ma ġewx meqjusa bħala suffiċjenti biex jeliminaw it-tħassib dwar il-kompetizzjoni fis-swieq affettwati fl-Awstrija u l-Bavarja. Dan kien ikkonfermat meta l-impenji tqiegħdu għal provi tas-suq. Wara li l-partijiet ġew notifikatili l-Kummissjoni kienet bdiet proċeduri tat-tieni fażi, huma irtiraw in-notifka tagħhom.

## C – KAŻIJIET MAGĦŻULA TAL-QORTI

*Ir-Repubblika Portugiża vs. Il-Kummissjoni (Cimpor)*

278. Fit-22 ta' Ġunju, il-Qorti tal-Ġustizzja (ECJ) tat sentenza[190] favur il-Kummissjoni f'każ relatat mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2000 adottata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 21(3) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet[191] fil-kuntest ta' l-eżami ta' konċentrazzjoni nnotifikata fil-każ ta' *Secil/Holderbank/Cimpor*[192]. Fid-deċiżjoni skond l-Artikolu 21(3) ("Deċiżjoni"), il-Kummissjoni obbligat lill-Gvern Portugiż sabiex jieħu l-miżuri meħtieġa ħalli jikkonforma mal-liġi Komunitarja u jirtira żewġ deċiżjonijiet ("despachos" tal-5 ta' July 2000 u tal-11 ta' Awissu 2000) li l-Gvern iddeċieda li jopponi l-konċentrazzjoni proposta, li kienet notifikata lill-Kummissjoni u li kellha dimensjoni Komunitarja, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-privatizzazzjoni.

279. Fid-Deċiżjoni u fid-difiża tagħha quddiem il-Qorti, il-Kummissjoni argumentat li l-istruttura ta' l-Artikolu 21 hija mibnija fuq il-bilanċ bejn, fuq naħa waħda ta' l-obbligu ta' l-Istat Membru li jikkomunika lill-Kummissjoni minn qabel dwar "kwalunkwe interess pubbliku ieħor" u li jżomm lura milli jadotta miżuri biex jipproteġi interessi bħal dawn, u, min-naħa l-oħra, l-obbligu tal-Kummissjoni li tivvaluta u tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibilità ta' l-interess li sar talba għalih mal-prinċipji ġenerali u ma' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi Komunitarja fi żmien xahar. Il-Kummissjoni ddeċidiet li l-Artikolu 21(3) jitneħħielu l-effett kollu tiegħu jekk, minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni, il-Kummissjoni ma kelliex id-dritt li tivvaluta jekk miżura adottata minn Stat Membru kinitx ġustifikata minn wieħed mill-interessi meqjusa b'mod espliċitu bħala leġittimi mill-Artikolu 21(3). L-Istati Membri setgħu faċilment jevitaw l-iskrutinju tal-Kummissjoni billi ma jikkomunikawx miżuri bħal dawn.

280. Għalhekk il-Kummissjoni qieset li l-Artikolu 21 għandu jiġi interpretat fis-sens li, irrispettivament minn jekk miżura hijiex komunikata, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tadotta deċiżjoni li tivvaluta jekk miżura, li mhix koperta minn waħda mit-tliet raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 21, għandhiex tkun rikonoxxuta bħala kompatibbli mat-Trattat.

281. Il-Kummissjoni ddikjarat li l-argumenti li huma l-bażi taż-żewġ deċiżjonijiet li ħa l-Gvern Portugiż fejn oppona l-konċentrazzjoni huma miġbura fit-test tat-tieni deċiżjoni, skond liema huwa meħtieġ "*li* jitħares *l-iżvilupp ta' l-istrutturi tal-pussess ta' l-ishma f'kumpaniji li għaddejjin minn privatizzazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kapaċità korporattiva u l-effiċjenza ta' l-apparat nazzjonali tal-produzzjoni b'mod li huwa konsistenti mal-linji ta' gwida tal-politika ekonomika fil-Portugall".*[193]

---

[190] Il-każ C-42/01 Ir-Repubblika Portugiża v. Il-Kummissjoni.

[191] L-Artikolu 21(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4064/89, issa l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

[192] COMP/M.2054.

[193] L-Għan tal-Liġi-Digriet Nru 380/93.

282. Il-Kummissjoni ddeċidiet li dan l-għan mhuwiex wieħed mill-interessi (sigurtà pubblika, pluralità tal-medja u regoli ta' prudenza) meqjusa bħala intrinsikament leġittimi għall-finijiet tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 21(3) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet. Bl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li ma jawtorizzawx l-akkwist ta' aktar minn 10% ta' l-ishma tas-Cimpor, ir-Repubblika Portugiża, fil-fehma tal-Kummissjoni, tabilħaqq ipprojbiet l-akkwist u b'hekk ostakolat il-libertà tat-twaqqif (ta' negozju) u l-moviment ħieles tal-kapital li huma miġbura fit-Trattat, li ma jistax jitqies ġustifikat skond l-ebda raġuni essenzjali ta' interess pubbliku rikonoxxuta fil-ġurisprudenza ta' l-ECJ. Ikun xi jkun il-każ, il-Gvern Portugiż ma kienx ressaq kwalunkwe raġuni ta' din ix-xorta. L-interess li huwa l-bażi taż-żewġ deċiżjonijiet tal-Ministru Portugiż tal-Finanzi, li ma kinux notifikati lill-Kummissjoni għall-kuntrarju ta' l-Artikolu 21(3) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet, għalhekk instabu li huma inkompatibbli mal-liġi Komunitarja.[194]

283. Konsegwentament, waħda mill-mistoqsijiet essenzjali għall-Kummissjoni f'dawn il-proċeduri kienet jekk il-Kummissjoni kellhiex il-kompetenza li tadotta Deċiżjoni ta' l-Artikolu 21(3) f'dawn iċ-ċirkustanzi jew kellhiex tmur lura għal proċedura tal-ksur skond l-Artikolu 226 tat-Trattat. Il-Kummissjoni sostniet li l-Artikolu 21(3) għandu jkun interpretat bħala li jkopri sitwazzjoni fejn l-Istat Membru ma kkomunikax lill-Kummissjoni l-interess pubbliku, ħlief għas-sigurtà pubblika, il-pluralità tal-medja, jew ir-regoli ta' prudenza li bi ħsiebu jħares qabel ma jieħu l-miżuri.

284. L-ECJ qablet mal-Kummissjoni li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza li tirregola permezz ta' deċiżjoni dwar il-kompatibilità ta' dawk l-interessi mal-prinċipji ġenerali u mad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-liġi Komunitarja, kemm jekk dawk l-interessi ġewx ikkomunikati lilha u kemm jekk le. Jekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe komunikazzjoni mill-Istat Membru konċernat, l-unika għażla li jkollha l-Kummissjoni tkun li ġġib azzjoni minħabba li ma ġewx sodisfatti l-obbligi skond l-Artikolu 226 tat-Trattat, ma jkunx possibbli li tinkiseb deċiżjoni Komunitarja fil-limiti taż-żmien qosra stabbiliti mir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet. Dan imbagħad għandu jżid ir-riskju li l-miżuri nazzjonali li diġà ttieħdu jippreġudikaw b'mod li ma jistax jiġi rimedjat amalgamazzjoni b'dimensjoni Komunitarja u jagħmlu l-eżami tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 21(3) bla effett billi jagħtu lill-Istati Membri l-possibbiltà li jaħarbu mill-kontrolli stabbiliti b'dik id-dispożizzjoni.

285. Il-kompitu tal-Kummissjoni, fl-identifikazzjoni ta' l-interessi mħarsa mill-miżuri nazzjonali, jista' jsir aktar inċert u kompless, jekk dawk l-interessi ma ġewx ikkomunikati lilha, iżda l-Kummissjoni dejjem għandha l-possibbiltà li titlob lill-Istat Membru konċernat għall-informazzjoni. Il-Qorti tagħraf li f'dan il-każ, il-

194 Ta' min jinnota li, matul il-proċeduri, fl-4 ta' Ġunju 2002, il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet is-sentenza tagħha fil-Każ C-367/98. F'dik l-azzjoni, il-Kummissjoni sfidatat, fuq il-bażi tar-regoli tas-suq intern, *inter alia*, il-Liġi Portugiża Nru 11/90 (liġi ta' qafas dwar il-privatizzazzjoni) kif ukoll il-Liġi Digriet Nru 380/93 (awtorizzazzjoni minn qabel). Il-Qorti sabet li r-regoli Portugiżi jipprovdu għal trattament tabilħaqq diskriminatorju ta' l-investituri minn Stati Membri oħrajn bl-effett li jirrestrinġu l-moviment ħieles tal-kapital. Fejn għandu x'jaqsam l-argument ibbażat fuq il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzarji tar-Repubblika Portugiża, il-Qorti enfasizzat li kienet ġurisprudenza stabbilita li raġunijiet ekonomiċi bħal dawn, imressqa b'appoġġ għal proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ma jistgħux jiġġustfikaw ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-moviment. Billi adottat u żammet fis-seħħ, b'mod partikolari, il-Liġi Nru 11/90 u l-Liġi Digriet Nru 380/93, ir-Repubblika Portugiża kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 73 B (issa l-Artikolu 56) tat-Trattat.

Kummissjoni għamlet hekk ukoll. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni inevitabbilment l-ewwel għandha bżonn teżamina jekk dawk il-miżuri humiex ġustifikati minn wieħed mill-interessi speċifikati fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 21(3) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet (sigurtà pubblika/pluralità tal-medja/regoli ta' prudenza). Il-Qorti għalhekk ikkonkludiet li, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma daħlitx fuq il-ġurisdizzjoni ta' l-ECJ jew tal-qrati nazzjonali u ma kisritx l-Artikolu 21(1) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet, l-Artikolu 220 tat-Trattat, u l-Artikolu 226 tat-Trattat, u lanqas ma użat il-proċedura b'mod ħażin.

286. F'din is-sentenza, il-Qorti enfasizzat b'mod ċar l-allokazzjoni preċiża tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u dawk Komunitarji u l-interventi li jistgħu jagħmlu l-awtoritajiet nazzjonali u dawk Komunitarji għall-kontroll effiċjenti ta' l-amalgamazzjonijiet li jirrispetta l-amministrazzjoni tajba, iċ-ċertezza legali u l-interessi leġittimi ta' l-intrapriżi konċernati. Aktar importanti minn hekk, il-Qorti tirrikonoxxi lill-Artikolu 21(3) bħala *lex specialis* li jieħu prijorità fuq azzjoni li ma ssodisfatx l-obbligi skond l-Artikolu 226 tat-Trattat.

*MCI v Kummissjoni*

287. Fit-28 ta' Settembru, il-Qorti tal-Prim'Istanza (CFI) tat sentenza[195] fejn annullat, minħabba raġunijiet proċedurali, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2000 (id-"Deċiżjoni") fil-każ *MCI/Sprint*[196] fuq appell mill-MCI. Fid-deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet ipprojbiet l-amalgamazzjoni bejn l-MCI, li qabel kienet l-MCI WorldCom, u Sprint, it-tnejn li huma kumpaniji tal-mezzi tal-komunikazzjoni globali bbażati fl-Istati Uniti, minħabba li setgħet twassal biex tinħoloq jew tissaħħaħ pożizzjoni dominanti fis-suq globali għall-proviżjon tal-konnettività ta' l-Internet fuq livell fuqani jew universali.

288. Is-sentenza ma tittrattax kwistjonijiet ta' valutazzjoni tal-kompetizzjoni, iżda hija limitata għal mistoqsijiet dwar l-ammissibilità, l-interess li jinbdew il-proċeduri, u s-setgħa li għanda l-Kummissjoni biex tadotta d-Deċiżjoni.

289. Fir-rigward ta' l-ammissibilità, is-sentenza tintroduċi element ġdid fejn għandu x'jaqsam l-interess li għandu juri l-applikant fl-annullament tal-miżura kkontestata. Jistgħu jitqajmu dubji dwar l-interess tal-MCI l-aktar minħabba li ddikjarat li kienet abbandunat l-amalgamazzjoni anki qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni. Filwaqt li f'każijiet preċedenti, il-Qorti kienet talbet li l-abbandun tat-tranżazzjoni jkun attribwit direttament għad-deċiżjoni kkontestata, fil-każ preżenti, il-Qorti tqis li huwa suffiċjenti li l-Kummissjoni adottat Deċiżjoni indirizzata lill-MCI li hija l-unika ostaklu legali eżistenti sabiex titwettaq it-tranżazzjoni, jekk il-partijiet ikunu jixtiequ jamalgamaw bl-istess kondizzjonijiet.

290. Fis-sustanza, l-MCI sostniet li l-Kummissjoni ma kellhiex il-kompetenza li tadotta d-Deċiżjoni fit-28 ta' Ġunju 2000, meta l-partijiet li nnotifikaw kienu formalment irtiraw in-notifika tagħhom fis-27 ta' Ġunju b'ittra li kienet tgħid: "*Il-partijiet m'għadhomx jipproponu li jimplimentaw l-amalgamazzjoni proposta fil-forma*

[195] T-310/00 MCI/Kummissjoni
[196] COMP/M.1741

*pprezentata fin-notifika. Sa fejn il-partijiet jiddeċiedu li jamalgamaw l-attivitajiet tagħhom f'forma modifikata fil-futur, il-partijiet se jagħmlu tali modifiki kif inhu xieraq skond il-liġijiet applikabbli dwar l-amalgamazzjonijiet.*" Il-Kummissjoni ssostanzjat il-kompetenza tagħha billi spjegat fid-Deċiżjoni li l-ittra tas-27 ta' Ġunju 2000 ma kinitx tammonta għal abbandun formali tal-ftehim dwar l-amalgamazzjoni ta' l-4 ta' Ottubru 1999, li kien is-suġġett tan-notifika, u billi saret referenza għall-istqarrijiet lill-istampa li l-partijiet ħarġu fis-27 ta' Ġunju 2000, fejn iddikjaraw li għadhom jittamaw li tintlaħaq konklużjoni sensibbli għall-amalgamazzjoni.

291. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-Qorti tagħraf li l-ittra tal-partijiet ma kinitx tikkonċerna l-abbandun ta' kwalunkwe idea ta' amalgamazzjoni bejn Worldcom u Sprint, iżda biss l-abbandun ta' l-amalgamazzjoni proposta kif miftiehma bejn il-partijiet fil-ftehim dwar l-amalgamazzjoni ta' l-4 ta' Ottubru 1999 u *li kien innotifikat* lill-Kummissjoni. Il-Qorti tqis li d-dikjarazzjoni tal-partijiet tas-27 ta' Ġunju 2000 tista' tiġi interpretata biss bħala li timplika l-iskadenza tal-ftehim dwar l-amalgamazzjoni, innotifikat skond ir-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet. L-abbandun tat-tranżazzjoni proposta "fil-forma pprezentata fin-notifika" bilfors għandu jaffettwa l-effikaċja, jekk mhux il-validità, tal-ftehim dwar l-amalgamazzjoni innifsha.

292. Il-Qorti tikkonkludi li l-Kummissjoni ma kellhiex il-kompetenza tadotta d-Deċiżjoni ladarba l-partijiet, bl-ittra tas-27 ta' Ġunju, kienu abbandunaw il-ftehim u mhux biss irtiraw in-notifika. Hija tistabbilixxi wkoll li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża l-kompetenza tagħha fuq il-fehma suġġettiva tagħha ta' l-intenzjonijiet tal-partijiet li jkomplu bl-amalgamazzjoni u tiġbed l-attenzjoni li, jekk il-Kummissjoni kellha xi dubji dwar it-tifsira ta' l-ittra, setgħet talbet prova formali li l-ftehim dwar l-amalgamazzjoni tassew kien ġie abbandunat skond talba skond l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet.

## STATISTIKA D

**Figura 4**

Numru ta' deċiżjonijiet finali adottati kull sena mill-1998 u n-numru ta' notifiki



**Figura 5**
Tqassim skond it-tip ta' ħidma (1995-2004)



## III –ŻVILUPPI FIS-SETTURI

## A – IS-SETTURI LIBERALIZZATI

### 1. L-ENERĠIJA

293. Fir-rigward tas-settur ta' l-enerġija, il-ħolqien tas-swieq ta' l-enerġija li huma tassew kompetittivi ser ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi ta' l-enerġija u għall-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea. Fl-2004, il-Kummissjoni kompliet taħdem f'kooperazzjoni ma' l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni u r-Regolaturi ta' l-Enerġija sabiex ittejjeb il-kondizzjonijiet għall-kompetizzjoni u għall-parteċipanti l-ġodda fis-suq. B'mod partikolari, il-Kummissjoni stabbiliet Sotto-grupp dwar l-Enerġija ta' l-ECN u kkomunikat b'mod regolari mar-Regolaturi dwar l-Enerġija[197].

294. Fir-rigward tal-proċess leġiżlattiv, l-2004 kienet is-sena li matulha d-Direttivi li l-Kummissjoni kienet adottat fl-2003 biex taċċelera t-tlestija tas-swieq interni tal-gass u ta' l-elettriku kellhom jiġu trasposti mill-Istati Membri. B'dispjaċir kbir, il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri ma rrispettawx il-perjodu ddefinit. Il-proċess leġiżlattiv avvanza wkoll fuq livell Komunitarju u bl-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill sar progress sinifikanti għal Regolament dwar il-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għan-netwerks tat-trasmissjoni tal-gass. Dan ir-Regolament għandu jittratta l-ftit ostakli li fadal biex jitlesta s-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tan-negozju tal-gass.

295. Il-proċess tal-liberalizzazzjoni kien appoġġjat – bħal fis-snin ta' qabel – mill-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni f'għadd ta' każijiet importanti, Fil-każ *Gaz de France*[198], il-Kummissjoni kkonfermat permezz ta' deċiżjoni formali li l-klawsoli tar-restrizzjoni territorjali jiksru l-Artikolu 81 KE. Klawsoli bħal dawn, li tradizzjonalment huma inklużi fil-kuntratti tal-provvista u tat-trasport/tas-servizzi tal-gass ma jħallux lill-klijenti jiksbu l-provvisti tal-gass minn operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn u jikkostitwixxu ostaklu kbir mhux ħażin għall-ħolqien ta' suq tal-gass ġenwinament kompetittiv u integrat fuq livell Ewropew.

296. Fit-30 ta' April, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq l-investigazzjoni tagħha fil-każ *Marathon*[199] fir-rigward taż-żewġ fornituri li baqa', il-kumpanija Franċiża Gaz de France u l-kumpanija Ġermaniża Ruhrgas[200], wara li solviet il-każ fl-2001 u fl-2003 mal-kumpaniji Ġermaniżi BEB[201] u Thyssengas[202], u mal-kumpanija Olandiża Gasunie[203]. Il-każ Marathon kien jikkonċerna l-allegat rifjut min-naħa ta' ħames kumpaniji li jagħtu lis-sussidjarja Norveġiża tal-kumpanija Amerikana ta' l-enerġija

---

[197] Ara t-taqsima I.C.2 t'aktar 'il fuq.
[198] Ara l-punt 81 t'aktar 'il fuq.
[199] COMP/36.246
[200] IP/04/573
[201] IP/03/1129
[202] IP/01/1641
[203] IP/03/547

Marathon aċċess għan-netwerks rispettivi tagħhom tal-gass. L-impenji li offrew Gaz de France u Ruhrgas tejbu l-aċċess ta' partijiet terzi għan-netwerks tagħhom u ppermettew lill-klijenti jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-ftuħ tas-swieq tal-gass fi Franza u fil-Ġermanja.

297. B'mod partikolari, ir-Ruhrgas impenjat ruħha li tintroduċi reġim ġdid dwar dħul/ħruġ, li jippermetti li wieħed jibbukkja l-kapaċitajiet tat-trasport tal-gass separatament fil-punti tad-dħul u tal-ħruġ (minflok ma wieħed ikollu jibbukkja l-kapaċità tul rotta kuntrattwali fittizja bejn il-punt fejn il-gass huwa injettat fis-sistema tat-trasport u l-punt fejn huwa rtirat). Gaz de France, li diġà kienet implimentat sistema ta' dħul/ħruġ, u Ruhrgas impenjaw irwieħhom ukoll li ftit ftit inaqqsu n-numru ta' żoni ta' l-ibbilanċjar u tat-tariffi fin-netwerks rispettivi tagħhom, li ser inaqqas l-ispiża tat-trasport relatat mal-mogħdija minn bosta żoni. Gaz de France impenjat ruħha wkoll li timplimenta programm ta' rilaxx tal-gass matul 3 snin fin-Nofsinhar ta' Franza, sabiex il-kompetizzjoni tkun tista' tkompli tiżviluppa mingħajr ma wieħed jistenna li tkun tlestiet l-infrastruttura l-ġdida, f'nofs l-2007, li tiffaċilita l-aċċess tal-gass kompetitur f'din iż-żona. Barra minn dawn l-impenji ewlenin, Gaz de France u Ruhrgas impenjaw irwieħhom li jieħdu għadd ta' miżuri oħrajn biex itejbu t-trasparenza, l-immaniġġjar tat-talbiet ta' l-aċċess u l-amministrazzjoni tal-konġestjoni.

298. Fil-qasam ta' l-amalgamazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li twaqqaf l-akkwist tal-kontroll konġunt maħsub fuq Gás de Portugal (GDP), il-kumpanija li tforni l-gass fil-Portugall, mill-Energias de Portugal (EDP), il-kumpanija li tforni l-elettriku fil-Portugall u l-ENI, il-kumpanija Taljana ta' l-enerġija. Din l-operazzjoni għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' l-EDB fis-swieq rispettivi tagħhom (is-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' l-elettriku u tal-gass fil-Portugall) minħabba kemm effetti orizzontali kif ukoll effetti vertikali. B'mod partikolari għandha tneħħi l-kompetizzjoni potenzjali tal-GDP fis-swieq ta' l-elettriku kif ukoll id-dħul l-aktar probabbli ta' l-EDP fis-swieq tal-gass. Aktar minn hekk, il-konċentrazzjoni għandha tagħmel lill-produtturi ta' l-elettriku li jużaw il-gass bħala fjuwil dipendenti ħafna fuq il-kompetitur ewlienin tagħhom, jiġifieri l-EDP, għall-provvisti tal-gass tagħhom. Fl-aħħarnett, l-operazzjoni għandha teskludi parti sinifikanti tad-domanda għall-gass, li bħalissa hija kkontrollata mill-EDP. Il-konċentrazzjoni għalhekk għandha tiskoraġġixxi l-kompetizzjoni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera u taħseb minn qabel għall-effikaċja tal-liberalizzazzjoni tas-swieq ta' l-elettriku u tal-gass fil-Portugall. Dan għandu jirriżulta fi prezzijiet ogħla għall-gass u għall-elettriku kemm għall-klijenti domestiċi kif ukoll għall-industrija. Minħabba li r-rimedji li pproponew l-EDP u l-ENI ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni identifikati, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tipprojbixxi l-amalgamazzjoni proposta.

299. Fl-aħħarnett, iżda b'daqshekk mhux inqas importanti, il-Kummissjoni ħarġet Ittra ta' Avviż Formali lill-Greċja f'każ li jikkonċerna s-swieq Griegi tat-tħaffir għal-*lignite* u tal-ġenerazzjoni u l-provvista ta' l-elettriku. Il-Greċja tagħti lill-produttur sokkombenti ta' l-elettriku drittijiet esklużivi għat-tħaffir biex jiġi estratt il-*lignite* mingħajr kumpens. Dan l-aċċess privileġġjat għal-*lignite*, l-orħos għajn ta' l-enerġija biex ikun iġġenerat l-elettriku fil-Greċja, jippermetti lil min iforni l-elettriku jżomm il-pożizzjoni dominanti tiegħu fis-swieq tal-ġenerazzjoni u tal-provvista ta' l-

elettriku billi ma jħallix li kompetituri potenzjali jidħlu fis-suq. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-Greċja tikser l-Artikoli 86(1) u 82 KE billi żżomm dawn id-drittijiet.

## 2. IL-MEZZI TA' KOMUNIKAZZJONI ELETTRONIĊI

300. Waħda mill-bidliet fundamentali introdotti mill-qafas regolatorju l-ġdid għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika hija li l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (NRAs - *National Regulatory Authorities*) huma obbligati li jiddefinixxu s-swieq rilevanti tal-komunikazzjoni elettronika skond il-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni. Iridu jwettqu analiżi tas-swieq rilevanti u jiddeterminaw jekk dawk is-swieq humiex tabilħaqq kompetittivi, li jfisser li m'hemm l-ebda intrapriża li għandha setgħa sinifikanti fis-suq (SMP [*significant market power*], li hija ekwivalenti għall-kunċett tal-kompetizzjoni ta' dominanza) fuq dak is-suq. Jekk suq mhuwiex kompetittiv b'mod effikaċji, l-NRAs iridu jimponu għall-inqas obbligazzjoni regolatorja waħda speċifika fost dawk stabbiliti fid-Direttivi ta' l-Aċċess jew tas-Servizzi Universali. Bil-kuntrarju, jekk suq huwa tabilħaqq kompetittiv, l-NRAs ma jistgħu jżommu jew jintroduċu l-ebda obbligazzjoni regolatorja speċifika.

301. Wara l-proċedura ta' l-analiżi tas-suq, l-NRAs iridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-abbozzi tal-miżuri regolatorji li jikkonċernaw id-definizzjoni tas-swieq rilevanti, tas-sejba jew tan-nuqqas ta' sejba ta' SMP u tar-rimedji regolatorji proposti, jekk hemm. Il-Kummissjoni tista' jew toħroġ kummenti, li l-NRAs iridu jqisu bl-akbar attenzjoni possibbli, jew titlob lill-NRA biex tirtira l-abbozz tal-miżura jekk id-definizzjoni tas-suq u/jew id-determinazzjoni ta' SMP mhix kompatibbli mal-liġi Komunitarja. Fl-2004, is-servizzi tal-Kummissjoni rċevew 89 minn dawn in-notifiki u għalqu 90 każ. Fi tliet każijiet, il-Kummissjoni talbet lill-NRA biex tirtira l-abbozz tal-miżura konċernata.

302. Fil-każijiet konġunti FI/2003/0024 u FI/2003/0027[204], li jikkonċernaw is-servizzi tat-telefon internazzjonali li huma disponibbli għall-pubbliku provduti f'post fiss għall-klijenti residenzjali u mhux residenzjali fil-Finlandja, il-Kummissjoni sabet li l-NRA Finlandiża ("Ficora") ma pprovdietx evidenza suffiċjenti u ma qisitx ir-regolazzjoni eżistenti fis-suq meta waslet għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda operatur li kellu SMP f'dawn is-swieq. Il-Kummissjoni kkontestat is-sejba tal-Ficora, skond liema, minkejja l-ishma għoljin tas-suq (aktar minn 50%) tat-TeliaSonera, din ta' l-aħħar ma kellhiex SMP minħabba l-barrieri baxxi għad-dħul, l-għadd kbir ta' intrapriżi li jipprovdu servizzi tat-telefon internazzjonali, u l-fatt li l-abbonati jistgħu faċilment jiksbu s-servizzi tat-telefon internazzjonali minn operaturi li mhumiex dak li jipprovdi l-kollegament lill-abbonat. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-Ficora ma pprovdietx *data* tas-suq relatata ma' diversi fatturi li huma rilevanti għall-valutazzjoni tas-setgħa tas-suq, bħall-istruttura ta' l-ispejjeż u n-netwerk tad-distribuzzjoni u tal-bejgħ ta' l-intrapriżi fis-suq. Aktar minn hekk, il-valutazzjoni ta' Ficora tal-livell tas-setgħa tas-suq ta' l-intrapriżi fis-swieq ma qisitx b'mod xieraq l-eżistenza tar-rimedji regolatorji u ta' l-impatt tagħhom fuq il-livell osservat tal-kompetizzjoni fis-suq, biex b'hekk iddgħajjef b'mod konsiderevoli l-konklużjonijiet tagħha. B'mod partikolari, il-pretensjonijiet tal-Ficora li l-barrieri għad-dħul f'dawn

[204] Id-Deċiżjoni ta' l-20.2.2004, C(2004)527 finali, disponibbli fuq: http://forum.europa.eu.int/Public/irc/infso/ecctf/home

is-swieq kienu baxxi u li kien hemm diversi intrapriżi li jipprovdu servizzi tat-telefon internazzjonali, u l-konklużjoni li rriżultat li kien hemm nuqqas ta' SMP strieħet fuq ir-regolazzjoni eżistenti, bħall-għażla tat-trasportatur, l-għażla minn qabel tat-trasportatur u l-obbligu ta' l-interkollegament. Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni fuq li prinċipju ewlieni ta' l-analiżi tas-suq kien li jiġi vvalutat jekk il-kompetizzjoni effettiva kienet jew ma kinitx għal kollox jew primarjament riżultat tar-regolazzjoni li kien hemm, u jekk l-istat tal-kompetizzjoni fis-suq definit kienx hemm probabbiltà li jkun differenti fin-nuqqas ta' regolazzjoni bħal din.

303. Fil-każ FI/2004/0082[205], dwar is-suq għall-aċċess u l-ħolqien tat-telefonati fuq in-netwerks pubbliċi tat-telefon ċellulari fil-Finlandja, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-abbozz tal-miżura innotifikata mill-Ficora kienet nieqsa mill-evidenza biex tappoġġja l-konklużjoni li t-TeliaSonera kellha setgħa sinifikanti fis-suq Finlandiż għall-aċċess u għall-ħolqien tat-telefonati fuq in-netwerks pubbliċi tat-telefon ċellulari. Minkejja li t-TeliaSonera kellha sehem tas-suq li kien t'aktar minn 60%, kien hemm żewġ operaturi oħrajn tan-netwerks ċellulari fuq in-naħa tal-provvista, u minbarra l-operaturi tan-netwerks aktar minn 10 fornituri tas-servizz fuq in-naħa tad-domanda tas-suq. Il-fornituri tas-servizz setgħu jikkonkludu l-ftehimiet tal-bejgħ bl-ingrossa, inklużi ftehimiet ta' l-operatur tan-netwerk virtwali ċellulari fuq bażi kummerċjali – mingħajr l-ebda obbligu regolatorju għall-operaturi tan-netwerks ċellulari biex jipprovdu aċċess – ma' l-operaturi kollha tan-netwerks ċellulari fis-suq rilevanti. Il-Kummissjoni sabet li minbarra d-dinamika apparenti li kienet tirriżulta mis-suq tal-bejgħ bl-imnut (eqreb lejn il-punt tal-bejgħ milli lejn il-punt tal-produzzjoni), l-operaturi tan-netwerks ċellulari kienu qed jikkompetu għal u setgħu jikkonkludu ftehimiet ma' fornituri tas-servizz differenti minħabba l-abilità tagħhom li jipprovdu offerti flessibbli jew tipi ta' servizzi li ma kinux provduti minn operaturi oħrajn tan-netwerks ċellulari. Barra minn hekk, il-Ficora ma pprovdietx evidenza konvinċenti li l-ispejjeż tal-bidla għandu ifixklu b'mod sinifikanti l-abilità ta' fornitur tas-servizz li jibdel il-fornitur bl-ingrossa tiegħu.

304. Fl-aħħarnett, fil-każ AT/2004/0090[206], dwar is-suq Awstrijak għas-servizzi ta' tranżitu fin-netwerk pubblika fissa, il-Kummissjoni ma qablitx mal-konklużjoni ta' l-NRA Awstrijaka li l-operaturi li jipprovdu servizzi ta' tranżitu għalihom infushom kienu parti mis-suq ta' tranżitu u li għalhekk is-sehem tas-suq tat-Telekom Austria kien inqas minn 50% u li konsegwentement ma kellhiex SMP. B'mod partikolari, l-NRA Awstrijaka ma ssostanzjatx sa livell suffiċjenti is-sejba tagħha li l-operaturi tan-netwerks li jixtru s-servizzi ta' tranżitu setgħu minnufih jgħaddu biex jipprovdu għalihom infushom b'rispons għall-bidla fil-prezz, fid-dawl ta' l-investimenti għoljin u ta' l-ippjanar u l-ħin sostanzjali assoċjat mat-twettiq tan-netwerk. Aktar minn hekk, il-Kummissjoni sabet li kienet provduta evidenza insuffiċjenti dwar l-abilità ta' dawn l-operaturi u kemm kienu lesti biex tabilħaqq jibdew jipprovdu lis-suq kummerċjali tat-tranżitu fuq bażi sistematika, u li għalhekk il-proviżjon tagħhom stess kien jaqa' barra mill-ambitu tas-suq rilevanti, li ħalla lil Telekom Austria b'sehem tas-suq ta' madwar 90%.

---

205 Id-Deċiżjoni tal-5.10.2004, C(2004)3682 finali, disponibbli fuq: http://forum.europa.eu.int/Public/irc/infso/ecctf/home

206 Id-Deċiżjoni ta' l-20.10.2004, C(2004)4070 finali, disponibbli fuq: http://forum.europa.eu.int/Public/irc/infso/ecctf/home

## 3. IT-TRASPORT

### 3.1 It-trasport bl-ajru

*In-negozjati dwar iż-Żona ta' Avjazzjoni Miftuħa ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti*

305. Wara l-każijiet tal-qorti tas-'smewwiet miftuħa', l-UE u l-Istati Uniti daħlu f'negozjati sabiex jistabbilixxu żona ta' avjazzjoni miftuħa bejn dawn iż-żewġ sħab ewlenin fil-kummerċ. F'Ġunju 2004 kien tressaq quddiem il-Ministri tat-Trasport ta' l-UE għall-approvazzjoni tagħhom abozz ta' ftehim komprensiv li kellu jsolvi diversi kwistjonijiet legali u jipprepara t-triq għal liberalizzazzjoni sħiħa tas-servizzi ta' l-ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti. Madankollu, il-Ministri qiesu l-abbozz tal-ftehim bħala mhux sodisfaċenti. Il-parti ta' l-abbozz tal-ftehim dwar il-kompetizzjoni timmira lejn tip simili ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u d-Dipartiment għat-Trasport ta' l-Istati Uniti kif provdut fil-Ftehim għall-kooperazzjoni fil-kompetizzjoni ta' l-1991 bejn l-UE u l-Istati Uniti, jiġifieri notifika dwar il-każijiet rilevanti; skambju ta' informazzjoni kemm fuq kwistjonijiet ġenerali kif ukoll fuq kwistjonijiet relatati mal-każijiet, laqgħat regolari biex ikunu diskussi l-iżviluppi fis-suq, kif ukoll kwistjonijiet ta' interess komuni.

### 3.2 Il-Ferroviji

306. Fit-3 ta' Marzu, il-Kummissjoni ressqet proposti għat-tielet pakkett tal-ferroviji, li jinkludi l-miżuri biex jinfetaħ is-suq għas-servizzi għall-passiġġieri min-naħa għall-oħra tal-fruntiera b'effett mill-2010. Dan għandu jinkludi d-dritt biex operatur ta' ferrovija jiġbor u jniżżel lill-passiġġieri fi kwalunkwe stazzjon tul il-linja tar-rotta, inkluż bejn stazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru (kabotaġġ). Filwaqt li Stat Membru għandu jkun jista' jillimita dan id-dritt ta' aċċess għall-oriġini u għad-destinazzjonijiet diġà koperti minn kuntratt tas-servizz pubbliku, din il-limitazzjoni għandha tkun strettament proporzjonata għall-ħtieġa li jinżamm il-bilanċ ekonomiku tas-servizz taħt kuntratt. B'effett mill-istess data ta' l-2010, il-kunċett ta' l-'igruppar internazzjonali' għandu jkun abbolit. Il-Parlament ikkunsidra l-pakkett fit-23 ta' Novembru. Fl-aħħar tas-sena, kien qiegħed jistenna l-ewwel qari tiegħu f'sessjoni plenarja.

307. Fid-29 ta' April, it-tieni pakkett dwar il-ferroviji fl-aħħar ġie adottat wara Konċiljazzjoni. L-ostaklu ewlieni kien il-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Ġie miftiehem li s-swieq kollha ta' l-UE tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, inkluż il-kabotaġġ, għandhom jinfetħu għalkollox sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007.

## 4. IS-SERVIZZI FINANZJARJI

308. Il-ħolqien ta' suq Ewropew integrat u effiċjenti għas-servizzi finanzjarji huwa għan importanti u ambizzjuż segwit fil-proċess ta' Liżbona u permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji. Il-politika tal-kompetizzjoni u tas-suq intern huma għodod komplementari biex jinkiseb dan l-għan. B'mod partikolari, id-DĠ għall-Kompetizzjoni kien attiv fl-inkoraġġiment tal-liberalizzazzjoni u tal-funzjonament xieraq tas-swieq tat-titoli, inklużi n-negozju, l-ikklerjar u l-issettiljar.

309. Mingħajr titjib, l-ispiża li jinġabar il-kapital se tkun ogħla milli jeħtiġilha tkun u l-investimenti se jkollhom profitt inqas mill-aħjar possibbli. Għalhekk, l-infurzar u l-affermazzjoni tal-kompetizzjoni għandhom effetti li jagħmlu l-ġid bħall-allokazzjoni aħjar tar-riżorsi finanzjarji għall-ġid kemm ta' l-investituri kif ukoll tal-pubbliku b'mod ġenerali, hekk kif il-profitt mill-investimenti jinfluwenza , per eżempju, l-ammont tal-pensjonijiet.

310. L-ispiża tan-negozji fl-ipproċessar tat-titoli fl-UE hija sostanzjalment ogħla milli fl-Istati Uniti. Fl-Istati Uniti l-ispiża ta' l-issettiljar ta' tranżazzjoni fl-ishma ġiet ikkalkulata għal € 0.10, filwaqt li l-ispiża ta' l-issettiljar ta' negozju standard li jaqsam il-fruntieri fl-Ewropa jista' jkun ta' € 35 jew aktar. Sa mill-2001, il-gruppi ta' livell għoli u l-gruppi ta' l-esperti bħall-grupp Lamfalussy ta' l-għorrief u l-grupp Giovannini identifikaw l-ikklerjar u l-issettiljar li jaqsam il-fruntieri, u b'mod partikolari l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess u ma' l-ipprezzar, bħala l-għajn ewlieni ta' l-ineffiċjenzi għall-funzjonament tajjeb tas-swieq Ewropej tat-titoli. L-ewwel deċiżjoni f'dan il-qasam kienet adottata fit-2 ta' Ġunju 2004 fil-każ Clearstream (imsemmi aktar 'il fuq fit-taqsima I.B.1).

311. Fl-2004, il-Kummissjoni ppubblikat studju bl-isem "Stampa ġenerali ta' l-arranġamenti kurrenti fin-negozju, fl-ikklerjar u fl-issettiljar tat-titoli fil-25 ta' l-UE". L-istudju jiddeskrivi l-infrastrutturi u l-arranġamenti li hemm f'kull pajjiż kif ukoll fuq livell pan-Ewropew fejn jeżistu. Dan l-istudju kkonferma li l-arranġamenti esklużivi – fejn in-negozji fi skambju partikolari jridu jiġu kklerjati u ssettiljati f'kumpaniji li kienu ddeterminati minn qabel – huma estiżi sew fl-UE kollha, li għandha l-potenzjal li teskludi s-swieq. Is-sejbiet ta' l-istudju nħarġu għall-kummenti tal-pubbliku u ġew diskussi ma' l-awtoritajiet nazzjonali.

312. Minbarra s-swieq tat-titoli, il-Kummissjoni qiegħda taħdem ukoll mad-DĠ għas-Suq Intern dwar is-sistemi tal-ħlas.

# B – SETTURI OHRAJN

## 1. IL-PROFESSJONIJIET LIBERALI

*Daħla*

313. Il-professjonijiet liberali huma xogħlijiet li jeħtieġu taħriġ speċjali fl-arti liberali jew fix-xjenzi. Dan is-settur huwa normalment ikkaratterizzatt minn livell għoli ta' regolazzjoni, fil-forma ta' jew regolazzjoni mill-Istat jew awto-regolazzjoni mill-korpi professjonali. Ix-xogħol tal-Kummissjoni s'issa kkonċentra fuq numru limitat ta' professjonijiet, jiġifieri l-avukati, in-nutara, l-*accountants*, l-arkitetti, l-inġiniera u l-ispiżjara.

314. Is-servizzi professjonali, li f'dan il-kuntest ifissru s-servizzi provduti mill-professjonijiet liberali, għandhom rwol importanti fit-titjib tal-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea. Huma dħul għall-ekonomija u għall-kummerċ, u l-kwalità u l-kompetittività tagħhom għandhom effetti sekondarji sostanzjali. L-Awtorità Taljana għall-*Antitrust* ivvalutat li fl-Italja medja ta' 6% ta' l-ispejjeż tad-ditti li jesportaw huma minħabba s-servizzi professjonali. Għalhekk varjetà akbar fil-prezzijiet u fil-kwalità, kif ukoll innovazzjoni akbar fis-servizzi professjonali, jistgħu jgħinu ħafna fit-titjib tal-kompetittività ta' l-intrapriżi Ewropej u fit-trawwim tat-tkabbir tal-GDP fl-UE. Għal dawn ir-raġunijiet il-modernizzazzjoni tas-servizzi professjonali għandha titqies bħala parti mill-aġenda ta' Liżbona.

315. Is-servizzi professjonali huma importanti wkoll għall-impatt dirett tagħhom fuq il-konsumaturi. Għall-ġejjieni prevedibbli il-kompetizzjoni għas-servizzi professjonali ser tkompli sseħħ l-aktar fuq il-livell lokali. Għażla akbar fil-firxa tas-servizzi disponibbli u fil-prezzijiet jagħti lill-utenti s-setgħa li jagħżlu t-taħlita ta' prezz u kwalità li l-aħjar jixraq il-bżonnijiet tagħhom.

*Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fis-servizzi professjonali*

316. Fid-9 ta' Frar 2004 il-Kummissjoni adottat rapport dwar il-kompetizzjoni fis-servizzi professjonali.[207] L-għan ewlieni ta' dan ir-rapport huwa li jiddeskrivi l-ħsieb tal-Kummissjoni dwar l-ambitu biex issir rifoma fi, jew ikunu mmodernizzati r-regoli professjonali speċifiċi.

317. F'dan ir-rapport il-ħames kategoriji ewlenin ta' regolazzjoni potenzjalment ristrettiva għall-professjonijiet fl-UE huma identifikati: (i) l-iffissar tal-prezzijiet, (ii) il-prezzijiet irrakkomandati, (iii) ir-regolamenti tar-reklamar, (iv) il-kondizzjonijiet meħtieġa għad-dħul u d-drittijiet riservati, u (v) ir-regolamenti li jiggvernaw l-istruttura tan-negozju u l-prattika multi-dixxiplinarja.

---

[207] Il-Komunikazzjoni COM(2004) 83 finali tal-Kummissjoni tad-9.2.2004, "Ir-Rapport dwar il-Kompetizzjoni fis-Servizzi Professjonali".

318. Min-naħa waħda, ir-rapport jikkonkludi li ġabra sinifikanti ta' riċerka empirika turi l-effetti negattivi fuq il-konsumaturi li jista' jkollhom regolamenti restrittivi li huma eċċessivi jew antikwati. Tabilħaqq, regolamenti bħal dawn jistgħu jeliminaw jew jillimitaw il-kompetizzjoni bejn il-fornituri tas-servizz u għalhekk inaqqsu l-inċentivi għall-professjonisti li jaħdmu b'mod li jagħti benefiċċju biżżejjed meta mqabbel mal-flus li ntefqu, iraħħsu l-prezzijiet, iżidu l-kwalità jew joffru servizzi innovattivi.

319. Min-naħa l-oħra, ir-rapport jagħraf li hemm essenzjalment tliet raġunijiet għaliex tista' tkun meħtieġa xi ftit regolazzjoni tas-servizzi professjonali: l-ewwelnett, in-nuqqas ta' simetrija ta' l-informazzjoni bejn il-klijenti u l-fornituri tas-servizz, bħala karatteristika li tiddefinixxi s-servizzi professjonali hija li jeħtieġu lill-prattikanti juru livell għoli ta' għarfien tekniku li l-konsumaturi jista' ma jkollhomx; it-tieni, l-affarijiet ta' barra, minħabba li dawn is-servizzi jista' jkollhom impatt fuq partijiet terzi; u t-tielet, ċerti servizzi professjonali jitqiesu bħala li jipproduċi 'beni pubbliċi' li huma ta' valur għas-soċjetà b'mod ġenerali. Dawk li jipproponu regolamenti restrittivi jargumentaw għalhekk illi dawn regolamenti bħal dawn huma maħsuba biex tinżamm il-kwalità tas-servizzi professjonali u jħarsu l-konsumaturi mill-prattika ħażina.

320. Filwaqt li l-Kummissjoni tagħraf li xi ftit regolazzjoni f'dan is-settur hija ġġustifikata, temmen li f'xi każijiet jistgħu u għandhom jintużaw mekkaniżmi aktar favur il-kompetizzjoni minflok ċerti regoli tradizzjonali restrittivi.

321. Sa fejn hija kkonċernata l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE, ir-rapport jiddistingwi bejn ir-responsabbiltà potenzjali tal-korpi professjonali u dik ta' l-Istati Membri.

322. Meta korp professjonali jirregola l-imġiba ekonomika tal-membri tiegħu, ir-regolamenti li jadotta huma deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi fit-tifsira ta' l-Artikolu 81 KE. Madankollu, r-regolamenti li huma oġġettivament meħtieġa biex tiġi garantita l-prattika xierqa tal-professjoni, kif organizzata fl-Istat Membru kkonċernat, jaqgħu barra mill-ambitu tal-projbizzjoni li tinsab f'dak l-Artikolu.[208]

323. Ir-regolazzjoni ta' l-Istat li timponi jew tiffavorixxi l-imġiba anti-kompetittiva jew isaħħaħ l-effetti tagħha, tikser l-Artikoli 3(1)(g), 10(2) u 81 KE. Fejn Stat jiddelega s-setgħa tiegħu li jfassal il-politika lil assoċjazzjoni professjonali mingħajr salvagwardji suffiċjenti – jiġifieri mingħajr ma jindika b'mod ċar l-għanijiet ta' l-interess pubbliku li għandhom jiġu rispettati, mingħajr ma jżomm is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet meta jkun falla kull tentattiv ieħor u mingħajr ma jikkontrolla l-implimentazzjoni – l-Istat Membru jista' jinżamm responsabbli wkoll għal kwalunkwe ksur li jirriżulta.

324. Fl-aħħar mill-aħħar, fil-fehma tal-Kummissjoni, fl-iskrutinji kollha tar-regolazzjoni professjonali għandu jiġu applikat test tal-proporzjonalità. Ir-regoli jridu jkunu oġġettivament meħtieġa biex jinkiseb għan ta' interess pubbliku li huwa artikolat u leġittimu b'mod ċar u jridu jkunu l-mekkaniżmu l-inqas ristrettiv għall-kompetizzjoni biex jinkiseb dak l-għan. Regoli bħal dawn iservu kemm l-interessi ta' l-utenti kif ukoll dawk tal-professjonisti.

---

[208] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19.2.2002, il-każ C-309/99, Wouters, ECR I-1577.

325. Ir-Rapport tal-Kummissjoni jistieden lil dawk kollha involuti biex jagħmlu sforz konġunt sabiex issir riforma fi jew jiġu eliminati dawk ir-regoli li mhumiex ġustifikati. L-awtoritajiet regolatorji fl-Istati Membri u l-korpi professjonali huma mistiedna sabiex jeżaminaw ir-regoli eżistenti filwaqt li jqisu jekk dawk ir-regoli humiex meħtieġa għall-interess pubbliku, jekk humiex proporzjonati u jekk humiex ġustifikati. Ir-Rapport enfasizza wkoll il-ħtieġa li jkun hemm mekkaniżmi li jiffavorixxu l-kompetizzjoni u jwasslu għal aktar trasparenza sabiex tissaħħaħ is-setgħa mogħtija lill-konsumatur.

326. Minn perspettiva ta' infurzar jidher ċar li, minn Mejju 2004, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-qrati nazzjonali għandhom rwol aktar prominenti fil-valutazzjoni tal-legalità tar-regoli u tar-regolamenti fil-professjonijiet. Sal-punt li r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni għandhom iċ-ċentru tal-gravità tagħhom fi Stat Membru wieħed, l-infurzar amministrattiv tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-KE fil-professjonijiet liberali mbagħad se jkun il-kompitu ta' l-Awtorità Nazzjonali tal-Kompetizzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ser tkompli wkoll twettaq ix-xogħol fuq il-każijiet fejn ikun xieraq. Ser tkun żgurata applikazzjoni koerenti ta' l-Artikoli 81 u 82 permezz tal-ko-ordinazzjoni ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fin-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni.

*It-triq 'il quddiem: L-affermazzjoni tal-kompetizzjoni*

327. Wara l-indikazzjonijiet fir-rapport, il-Kummissjoni stiednet lill-korpi professjonali Ewropej ta' l-avukati, tan-nutara, ta' l-*accountants*, tal-konsulenti tat-taxxi, ta' l-arkitetti u ta' l-ispiżjara għal laqgħat bilaterali biex jiddiskutu l-ġustifikazzjoni tar-regoli professjonali eżistenti. Dawn il-laqgħat jippermettu lill-Kummissjoni tiċċara liema restrizzjonijiet jidher li huma eċċessivi u jista' jeħtieġ li jiġu eliminati jew iġġustifikati. Jipprovdu opportunità għall-korpi professjonali Ewropej biex jispjegaw il-fehim tagħhom ta' l-għanijiet ta' interess pubbliku fl-isfera ta' influwenza tagħhom u biex jaslu għal ftehim mal-Kummissjoni dwar mekkaniżmi li jiffavorixxu aktar il-kompetizzjoni biex jinkisbu dawk l-għanijiet. Il-korpi professjonali Ewropej għandhom imbagħad iwasslu t-tħassib tal-Kummissjoni lill-organizzazzjonijiet professjonali nazzjonali rilevanti.

328. B'mod aktar ġenerali, id-DĠ għall-Kompetizzjoni beda wkoll proċess ta' tixrid billi jżomm il-bieb miftuħ għall-organizzazzjonijiet professjonali li jridu jiddiskutu direttament mas-servizzi tal-Kummissjoni. L-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni huma mħeġġa jagħmlu l-istess, b'mod partikolari meta dawk li qed jitolbu l-laqgħat huma organizzazzjonijiet nazzjonali.

329. L-esperjenza ta' l-isforzi tal-modernizzazzjoni ta' l-imgħoddi fil-qasam tas-servizzi professjonali f'uħud mill-Istati Membri turi li t-tneħħija tal-mekkaniżmi anti-kompetittivi tista' ma tkunx biżżejjed biex tiżdied il-kompetizzjoni f'dan is-settur. Konsegwentament, id-DĠ għall-Kompetizzjoni u d-DĠ għas-Saħħa u għall-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Kummissjoni kkomunikaw ma' l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur biex jiksbu l-fehma tagħhom dwar ir-restrizzjonijiet identifikati mill-Kummissjoni u dwar il-modi kif il-professjonisti setgħu jkunu organizzati bl-aħjar mod u jqisu l-interessi tal-konsumaturi.

330. Ġie miftiehem li hemm ħtieġa għal mekkaniżmi ta' akkumpanjament li jiffavorixxu l-kompetizzjoni u li jżidu t-trasparenza u jżidu s-setgħa mogħtija lill-konsumatur. Mekkaniżmi bħal dawn jistgħu jinkludu, per eżempju, monitoraġġ attiv minn assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, il-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' *data* storika bbażata fuq stħarriġ minn organizzazzjonijiet indipendenti jew dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' l-abolizzjoni tat-tariffi.

331. Ir-Rapport tal-Kummissjoni ta bidu għad-diskussjoni f'diversi Stati Membri u diġà wassal lil xi korpi professjonali biex jerġgħu jikkunsidraw ir-regolazzjoni eżistenti u biex itejbu l-provvista ta' l-informazzjoni lill-utenti.

332. F'uħud mill-Istati Membri hemm ukoll xi ċaqliq fil-qasam leġiżlattiv. Tabilħaqq, il-Kummissjoni ppruvat ukoll ixxerred kemm jista' jkun il-messaġġ tar-Rapport dwar il-kompetizzjoni fis-servizzi professjonali fost l-awtoritajiet regolatorji fl-Istati Membri. Għal dan l-għan, kienu wkoll mistiedna għal laqgħa tas-Sotto-grupp dwar il-Professjonijiet Liberali tan-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni fl-14 ta' Ottubru 2004. Waqt il-laqgħa kien hemm diskussjoni f'aktar dettall dwar il-karatteristiċi tad-domanda fis-swieq għas-servizzi professjonali u kif għandu jiġi vvalutat l-interess pubbliku.

333. Dawn l-iżviluppi jikkonċernaw ukoll lill-Istati Membri l-ġodda. Tabilħaqq, l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni ta' wħud minn dawn l-Istati kienu partikolarment attivi f'dan is-settur. Il-Kummissjoni estendiet ukoll is-sejba tal-fatti fejn għandhom x'jaqsmu r-regoli u r-regolament li jaffettwaw il-professjonijiet liberali għall-Istati Membri l-ġodda[209].

334. Fl-2005 il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar il-progress fl-eliminazzjoni ta' regoli restrittivi u mhux ġustifikati.

[209] http://europa.eu.int/comm/competition/liberalization/conference/stocktaking_exercise_en.html

# IV – Il-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat

## A – IR-REGOLI LEGIZLATTIVI U INTERPRETATTIVI

### 1. IR-REGOLAMENTI, IL-LINJI TA' GWIDA U L-KOMUNIKAZZJONIJIET

335. Il-proċess tar-riforma fil-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat kompla fl-2004 bl-għan li l-metodi tax-xogħol jiġu organizzati b'mod aħjar u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet jiġu aċċelerati b'mod sostanzjali.

336. Ir-riforma hija mmirata biex ittejjeb il-kooperazzjoni ma' l-Istati Membri billi tħeġġeġ aktar djalogu u skambju ta' informazzjoni. Bl-istess mod, timmira biex tqajjem għarfien dwar il-kwistjonijiet ta' l-għajnuna mill-Istat fost l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll fil-ġudikatura nazzjonali. Fl-istess ħin, żdiedu l-isforzi biex il-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat jitqiegħed fil-kuntest ta' firxa usa' tal-politika tal-Komunità, b'mod partikolari l-Aġenda ta' Liżbona.

337. Minn dan il-proċess ta' riforma għandhom jirriżultaw proċeduri ħfief, prevedibbli u trasparenti. min-naħa l-waħda, u kriterji li huma ekonomikament tajbin u legalment robusti għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' l-għajnuna mill-Istat min-naħa l-oħra. B'dan il-mod, il-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat wara t-tkabbir għandu jkun iffaċilitat u l-Kummissjoni għandha titqiegħed f'pożizzjoni biex tlaħħaq ma' żjieda sostanzjali mistennija ta' miżuri ta' l-għajnuna mill-Istat fl-Unjoni mkabbra. Il-miżuri leġiżattivi li kienu adottati jew ippreparati fl-2004 għal dawn il-finijiet huma ppreżentati aktar 'l isfel.

#### 1.1. Ir-Regoli tal-Proċedura

338. Fl-21 ta' April, il-Kummissjoni adottat sett ta' regoli li jimplimentaw u jiċċaraw ir-Regolament 659/99[210] (ir-Regolament tal-Proċedura) li jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każijiet ta' għajnuna mill-Istat. Ibbażat fuq l-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Proċedura, ir-Regolament 794/2004[211] (ir-Regolament li Jimplimenta) jikkonċerna l-formoli u l-kontenut tan-notifiki u tar-rapporti annwali, kif ukoll dettalji oħrajn bħal-limiti taż-żmien u l-kalkolu tagħhom u t-twaqqif tar-rata ta' l-interess f'każijiet ta' ġbir lura ta' għajnuna li tkun ingħatat b'mod illegali.

339. L-għan ewlieni tar-Regolament li Jimplimenta l-ġdid huwa li jorganizza aħjar u jissemplifika l-proċeduri għan-notifika u għar-rapportar mill-Istati Membri filwaqt li jkabbar it-trasparenza u ċ-ċertezza legali. Permezz ta' formoli ta' notifika komprensivi, l-Istati Membri jingħataw indikazzjonijiet aktar ċari dwar it-tip ta' informazzjoni li teħtieġ il-Kummissjoni sabiex tivvalutaw b'mod xieraq il-miżuri differenti ta' l-għajnuna. Ser jintuża format standardizzat għar-rapporti annwali, li għandhom jitressqu mill-Istati Membri. Dan it-titjib għandu jaċċelera l-proċess tal-

210 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 659/99 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, ĠU L 083 tas-27.3.1999, p.1.

211 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 794/2004 tal-21.4.2004, ĠU L 140/2004 tat-30.4.2004 p. 1.

valutazzjoni u ta' l-eżami ladarba ser jgħin biex jiġu evitati talbiet supplimentari għall-informazzjoni lill-Istat Membru matul il-proċeduri ta' l-għajnuna mill-Istat.

340. Formola ta' notifika obbligatorja ġdida ttejjeb l-effiċjenza tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-miżuri ppjanati ta' l-għajnuna mill-Istat. Il-formola fiha sett ta' mistoqsijiet abbozzati skond l-oqfsa u l-linji ta' gwida eżistenti ta' l-għajnuna mill-Istat.

341. Dawn il-formoli ta' notifika l-ġodda jinsabu fl-Annessi I u II tar-Regolament li Jimplimenta u jikkonsistu minn:

- parti ta' informazzjoni ġenerali li għandha timtela għal kull każ;
- formola ta' notifika ssemplifikata għan-notifika tal-bidliet fil-miżuri eżistenti ta' l-għajnuna mill-Istat imsemmija f-Artikolu 4(2) tar-Regolament li Jimplimenta[212]. L-informazzjoni provduta f'din il-formola tippermetti lill-Kummissjoni timmonitorja l-għajnuna mill-Istat eżistenti skond l-Artikolu 88(1) KE. Il-bidliet ta' natura purament formali jew amministrattiva u ż-żjidiet fil-baġit oriġinali ta' skema awtorizzata ta' għajnuna li huma inqas minn 20% ma jitqisux bħala bidliet fl-għajnuna eżistenti u għalhekk ma jeħtiġux notifika.
- folji ta' informazzjoni sommarja biex l-Istati Membri jingħataw indikazzjonijiet preċiżi dwar l-informazzjoni meħtieġa meta jinnotifikaw miżuri ppjanati ta' għajnuna li jistgħu jkunu koperti minn oqfsa jew linji ta' gwida. Il-folji ta' informazzjoni sommarja ma jibdulx l-oqfsa jew il-linji ta' gwida bl-ebda mod, iżda jittraduċuhom biss f'mistoqsijiet speċifiċi biex ikun iffaċilitat l-immaniġġjar tan-notifika.

342. L-Artikolu 3 tar-Regolament li Jimplimenta jispeċifika r-rotta tal-posta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u viċeversa. Is-Segretarjat Ġenerali jservi bħala punt tad-dħul uniku għall-kuntatti inizjali sakemm il-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat huwa responsabbiltà konġunta ta' diversi Direttorati Ġeneral tal-Kummissjoni (DĠ inkarigati mill-kompetizzjoni, mit-trasport, mill-agrikoltura u mill-industriji tas-sajd) u jiżgura l-attribuzzjoni tan-notifiki lid-DĠ kompetenti. Ladarba tkun saret din l-attribuzzjoni, kull korrispondenza addizzjonali tiġi skambjata bejn l-Istat Membru li jinnotifika u d-Direttur Ġenerali tad-DĠ kompetenti.

343. L-Artikolu 3 jintroduċi wkoll ir-regoli għat-trasmissjoni tan-notifiki biex jiġu rimedjati xi nuqqasijiet ta' l-imgħoddi. It-trasmissjoni elettronika obbligatorja tan-notifiki hija prevista sa mill-1 ta' Jannar 2006. Din id-data relativament 'il bogħod kienet iffissata sabiex kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni jkunu jistgħu

---

212 Il-bidliet iddefiniti fl-Artikolu 4(2) huma a) żjiediet fil-baġit ta' skema awtorizzata ta' għajnuna li huma aktar minn 20% u b) titwil ta' skema awtorizzata ta' għajnuna sa sitt snin, iżda wkoll l-issikkar tal-kriterji għall-applikazzjoni ta' l-iskema, tnaqqis ta' l-intensità ta' l-għajnuna jew tnaqqis ta' l-ispejjeż eliġibbli li jibbenefikaw minn formola tan-notifika ssemplifikata. L-issikkar tal-kriterji jeħtieġ li tiġi nnotifikata (minkejja li għandha tendenza li ttejjeb l-għan ta' tnaqqis ta' l-għajnuna mill-Istat ripetut minn diversi Kunsilli Ewropej), minħabba li, anki jekk tista' twassal għal tnaqqis ġenerali fl-għajnuna mill-Istat, f'każijiet individwali tista' tbiddel il-karattru tal-miżura ta' l-għajnuna konċernata u tnaqqas il-karattru ta' l-inċentiv għall-għajnuna.

joħolqu kondizzjonijiet tekniċi fiż-żgur għal trasmissjoni[213] bħal din. Għat-trażmissjonijiet sa dik id-data, l-Artikolu 3(5) jispeċifika li l-*faxes* għandhom jintbagħtu lin-numru indikat mill-parti li se tirċivihom u li d-data tal-*fax* titqies bħala d-data tan-notifika biss jekk id-dokument tal-karta oriġinali jasal fi żmien għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tal-*fax*.

344. L-Artikolu 5 jipprovdi kif ir-rapporti annwali dwar l-iskemi ta' għajnuna eżistenti għandhom ikunu strutturati. Ir-Regolament li Jimplimenta fih annessi speċifiċi għar-rapporti annwali fl-oqsma ta' l-agrikoltura u ta' l-industriji tas-sajd. Id-data għat-trażmissjoni tar-rapporti annwali mill-Istati Membri tmexxiet 'il quddiem (sa mhux aktar mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena) biex ikunu jistgħu jsiru l-Iscoreboard ta' l-għajnuna mill-Istat (ara aktar 'l isfel, taħt "Transparenza") u analiżi sinifikanti tas-sitwazzjoni biex tkun lesta għall-Kunsilli Ewropej konċernati. F'uħud mill-oqsma, bħall-għajnuna fiskali, id-disponibilità tal-figuri eżatti tiddependi mid-dikjarazzjoni tat-taxxa tal-benefiċjarju. Għalhekk, l-istimi huma aċċettati f'każijiet iġġustifikati kemm-il darba l-figuri eżatti jkunu kkomunikati mhux aktar tard mill-eżerċizzju tar-rapportar li jmiss.

345. L-Artikolu 8 jiċċara r-regoli għall-kalkolazzjoni tal-limiti taż-żmien[214]. It-talbiet għall-estensjoni tal-limiti taż-żmien għandhom ikunu ssostanzjati b'mod xieraq u bil-miktub u għandhom isiru għall-inqas jumejn qabel ma jiskadi l-perjodu oriġinali. Għandhom jintbagħtu fl-indirizz indikat mill-parti li qed tiffissa l-limitu taż-żmien.

346. Il-Kapitolu V tar-Regolament li Jimplimenta jipprovdi l-metodu biex tiġi ffissata r-rata ta' l-imgħax u biex jiġi applikat l-imgħax fil-każijiet ta' ġbir lura. Fir-rigward tal-ġbir lura ta' għajnuna illegali, l-Artikolu 11 jipprovdi li għandu jkun applikat imgħax kompost sabiex tiġi żgurata n-newtralizzazzjoni sħiħa[215] tal-vantaġġi finanzjarji li jirriżultaw mill-għajnuna mħallsa b'mod illegali. Il-metodu li ntgħażel huwa skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni[216] reċenti dwar is-suġġett. Ir-rata ta' l-imgħax għandha tiġi kkalkulata fuq bażi ta' rata ta' skambju interbankarja u fejn fi Stat Membru ma teżisti l-ebda rata ta' din ix-xorta jew strument ta' riferenza simili, il-Kummissjoni għandha tiffissa r-rata applikabbli b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membru konċernat. Din il-possibbiltà ser tkun rilevanti l-aktar għall-Istati Membri l-ġodda.

347. Filwaqt li r-Regolament li Jimplimenta nnifsu għandu jiġi eżaminat fi żmien erba' snin, l-annessi tiegħu ser ikunu soġġetti għal modifiki kostanti skond il-proċess leġiżlattiv parallel ta' l-eżami tal-linji ta' gwida u ta' l-oqfsa jew ta' l-adozzjoni tar-regolamenti l-ġodda li huma applikabbli għall-miżuri ta' l-għajnuna mill-Istati f'setturi partikolari.

---

213 Il-kondizzjonijiet għal trasmissjonijiet żguri u korretti bħala tali, iżda wkoll għal trattament konfidenzjali ta' l-informazzjoni trasmessa. Fl-aħħar tas-sena, kienet għaddejja l-elaborazzjoni tal-formoli elettroniċi b'fażi sperimentali ppjanata għal nofs l-2005.

214 Ir-regoli jżidu kjarifiki għas-settur ta' l-għajnuna mill-Istat – irreferi għar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru1182/71 tat-3.6.1971.

215 Il-ġbir lura għandu jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni mingħajr l-għajnuna illegali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8.5.2003 tagħmilha ċara li l-effett ta' għajnuna illegali huwa li l-benefiċjarju jkun provdut bil-fondi f'kondizzjonijiet simili bħal self għal perjodu ta' żmien medju mingħajr imgħax.

216 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' l-imgħax li għandhom jiġu applikati meta l-għajnuna mogħtija b'mod illegali qiegħda tinġabar lura, ĠU C 110 tat-8.5.2003.

348. Ta' min jinnota li dan ir-Regolament japplika wkoll għas-settur agrikolu. Bl-iskop li jkun iffaċilitat l-użu min-naħa ta' l-Istati Membri tal-formoli ta' notifika u t-trażmissjoni tagħhom lill-Kummissjoni, il-formoli ta' notifika li għandhom x'jaqsmu mas-settur agrikolu huma ppubblikati f'dan l-indirizz li ġej: http://europa.eu.int/comm/agriculture/stateaid/forms/index_fr.htm. Ir-Regolament jintroduċi wkoll format ġdid issemplifikat għar-rapporti annwali ta' l-għajnuna mill-Istat li għandhom jitressqu fil-qasam ta' l-agrikoltura. Il-format huwa disponibbli wkoll fl-indirizz imsemmi aktar 'il fuq.

### 1.2. Ir-Riċerka u l-Iżvilupp

349. Fil-25 ta' Frar, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament 364/2004 li jemenda r-Regolament 70/2001 sabiex ikun estiż l-ambitu ta' l-eżenzjoni ta' kategorija għall-SMEs biex tkun inkluża l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp[217].

350. L-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp tista' tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, għat-tisħiħ tal-kompetittività u għal spinta fil-qasam ta' l-impjiegi. Għajnuna għall-SMEs bħal din hija ta' l-akbar importanza, għaliex wieħed mill-iżvantaġġi strutturali ta' l-SMEs qiegħed fid-diffikultà biex jiksbu aċċess għall-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda u għat-trasferiment tat-teknoloġija.

351. Fil-qafas Komunitarju fir-rigward ta' l-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp[218], il-Kummissjoni assumiet li l-qafas ser jipprovdi lill-SMEs b'inċentiv sabiex jinvolvu rwieħhom f'aktar riċerka u żvilupp minħabba li l-SMEs, b'mod ġenerali, jonfqu perċentwal baxx biss tad-dħul tagħhom f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Fuq il-bażi ta' l-esperjenza bl-applikazzjoni ta' dan il-qafas, il-Kummissjoni ddeċidiet li teżenta l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp għall-SMEs min-notifika minn qabel.

352. Din it-tip ta' għajnuna mill-Istat tibqa' mmexxija mill-qafas kemm fejn għandha x'taqsam il-kwistjoni jekk ċerti miżuri jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87 (1) KE kif ukoll fejn għandu x'jaqsam il-limitu li taħtu l-għajnuna tiġi eżentata.

353. Biex ikun imħeġġeġ it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka, l-SMEs jistgħu jirċievu għajnuna mill-Istat għall-ispejjeż biex jiksbu u jsaħħu brevetti u drittijiet oħrajn tal-proprjetà industrijali li jirriżultaw mill-attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp. Biex għajnuna bħal din tkun eżentata mhuwiex meħtieġ illi r-riċerka li wasslet għad-drittijiet tabilħaqq kienet appoġġjata mill-għajnuna mill-Istat, iżda huwa bżżejjed li l-attività setgħet ikkwalifikat għall-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp. L-għajnuna għall-istudji tal-probabbiltà teknika li huma ta' tħejjija għall-istadji tar-riċerka industrijali u ta' l-iżvilupp ta' qabel il-kompetizzjoni hija wkoll eżentata taħt ċerti kondizzjonijiet.

---

217 ĠU L 63 tat-28.2.2004, p. 22.

218 ĠU C 45 tas-17.2.1996.

354. Barra minn hekk, ir-Regolament 364/2004 jintroduċi fir-regolazzjoni ta' l-eżenzjoni ta' kategorija ta' l-SMEs l-istess definizzjonijiet ta' riċerka "fundamentali", "riċerka industrijali" u "żvilupp qabel il-kompetizzjoni" bħal fil-qafas Komunitarju korrispondenti u jallinja d-definizzjoni ta' SME mar-Rakkomandazzjoni dwar l-SMEs[219]. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-intensità ta' l-għajnuna skond jekk ir-reġjun fejn hija stabbilita SME jew is-settur fejn hija attiva l-SME jikkwalifikax għall-għajnuna reġjonali.

355. L-għajnuna li ma tikkonformax mal-kondizzjonijiet tar-regolazzjoni ta' l-eżenzjoni ta' kategorija – inklużi l-limiti adattati għall-għotjiet ta' għajnuna individwali kbar – trid tiġi notifikata u se tkun ivvalutata skond il-qafas Komunitarju dwar l-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp.

## 1.3. L-għajnuna għat-taħriġ

356. Bl-istess mod fil-25 ta' Frar, il-Kummissjoni adottat modifika[220] għar-Regolament Nru. 68/2001[221] li tintroduċi d-definizzjoni l-ġdida ta' l-SMEs li tinsab fir-Rakkomandazzjoni 2003/361 tas-6 ta' Mejju 2003[222] li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar ħafna, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Din id-definizzjoni l-ġdida tapplika mill-1 ta' Jannar 2005.

## 1.4. Is-Salvataġġ u r-Ristrutturar

357. Wara eżami dettaljat tal-Linji ta' Gwida ta' l-1999 għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar[223], fis-7 ta' Lulju l-Kummissjoni adottat Linji ta' Gwida ġodda dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u għar-Ristrutturar ta' Ditti li jinsabu f'diffikultà[224] li jimmiraw lejn skrutinju eqreb ta' l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar kif imħeġġa mill-konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropej ta' Stokkolma fl-2001 u ta' Barċellona fl-2002 li talbu tnaqqis fl-ammont totali ta' l-għajnuna mill-Istat kif ukoll li tingħata direzzjoni ġdida lejn għanijiet orizzontali.

358. Il-ħruġ tad-ditti ineffiċjenti hija parti normali mill-ħidma tas-suq. M'għandhiex tkun in-norma li kumpanija li ssib ruħha f'diffikultà tkun salvata mill-Istat. Għajnuna ta' din ix-xorta hija fost l-aktar forom mgħawġa ta' għajnuna mill-Istat u wasslet għall-każijiet ta' għajnuna mill-Istat ferm kontroversjali fl-imgħoddi. Għalhekk il-prinċipju ġenerali tal-projbizzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat kif stabbilit fit-Trattat għandu jibqa' r-regola u deroga mir-regola għandha tkun limitata.

359. Għalhekk il-Linji ta' Gwida l-ġodda jintroduċu regoli pjuttost aktar stretti fir-rigward ta' l-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar, ladarba din il-kategorija ta' għajnuna titqies bħala l-aktar waħda kritika, minkejja li l-Kummissjoni hija ferm konxja mill-implikazzjonijiet soċjali ta' sitwazzjonijiet fejn il-kumpaniji, kemm meta

---

219 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6.5.2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar ħafna, żgħar u ta' daqs medji, ĠU L 124 ta' l-20.5.2003.

220 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 363/2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 68/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna għat-taħriġ, ĠU L 63 tat-28.2.2004.

221 ĠU L 63 tat-28.2.2004, p. 20.

222 ĠU L 124 ta' l-20.5.2003.

223 ĠU C 288 tad-9.10.1999.

224 Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Il-Linji ta' Gwida Komunitarji dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ u għar-Ristrutturar tad-Ditti li jinsabu f'diffikultà, ĠU C 244 ta' l-1.10.2004.

jkollhom tort u kemm meta ma jkollhomx, qed isibu rwieħhom f'diffikultajiet li jistgħu jirriżultaw f'dak it-tip ta' għajnuna.[225]

360. Il-"prinċipju ta' darba, għall-aħħar darba" ġie msaħħaħ u ġiet indirizzata l-kwistjoni ta' f'liema ċirkustanzi għandha titqies l-għajnuna mogħtija lil ditta li qiegħda f'diffikultajiet, meta l-istess kumpanija tfalli u tispiċċa kkontrollata minn kumpanija oħra.

361. Kumpanija li tkun għadha kemm inħolqot mhijiex eliġibbli għall-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar u titqies bħala tali għal tliet snin wara l-bidu ta' l-operazzjonijiet fil-qasam rilevanti ta' l-attività.

362. Bil-kontra tal-linji ta' gwida ta' qabel li għamlu distinzjoni stretta u problematika[226] bejn l-għajnuna għas-salvataġġ u dik għar-ristrutturar il-Linji ta' Gwida l-ġodda jippermettu li tiġi inkluża għajnuna għal miżuri strutturali urġenti fl-ammont biex id-ditta tibqa' attiva matul il-perjodu li għalih tingħata l-għajnuna. L-Istati Membri jingħataw l-opportunità jagħżlu proċedura ssemplifikata għall-approvazzjoni ta' l-għajnuna għas-salvataġġ. Il-mogħdija minn għajnuna għas-salvataġġ għal għajnuna għar-ristrutturar għalhekk hija aktar faċli biex tiġi ddeterminata: ladarba jkun stabbilit pjan ta' ristrutturar u jkun qiegħed jiġi implimentat, kull għajnuna addizzjonali titqies bħala għajnuna għar-ristrutturar.

363. Il-kondizzjoni meħtieġa ta' kontribuzzjoni sostanzjali għall-proċess tar-ristrutturar mill-benefiċjarju ġiet imsaħħa u ċċarata. Il-fini doppju ta' din il-kontribuzzjoni proprja hija li turi li s-swieq jemmnu fil-probabbiltà ta' ritorn għall-vijabilità tal-kumpanija li qed tirristruttura, fi żmien raġonevoli, u biex tiggarantixxi li l-għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ biex tinkiseb lura l-vijabilità, filwaqt li jiġi limitat it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni. Għal dan l-għan il-Kummissjoni ser titlob ukoll miżuri ta' kumpens sabiex jiġu minimizzati l-effetti fuq il-kompetituri.

364. Il-Linji ta' Gwida l-ġodda tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' ditti li jinsabu f'diffikultà huma applikabbli mill-10 ta' Ottubru 2004 sad-9 ta' Ottubru 2009.

365. Il-Linji ta' Gwida l-ġodda jimplikaw semplifikazzjonijiet sinifikanti fejn għandhom x'jaqsmu r-regoli applikabbli għall-agrikoltura:

- Fil-ġejjieni, ir-regoli għall-għajnuna għar-ristrutturar għall-kumpaniji li jipproċessaw u li jbiegħu fis-suq il-prodotti agrikoli ser ikunu eżattament l-istess bħalma huma għal setturi oħrajn. Prinċipalment, dan ser jagħti l-opportunità lill-Istati Membri biex ikollhom reġimi ta' ristrutturar għall-SMEs konsistenti li

---

[225] Il-proviżjon ta' għajnuna għas-salvataġġ jew għar-Ristrutturar lid-ditti li jinsabu f'diffikultà tista', per eżempju, tkun iġġustifikata b'konsiderazzjonijiet ta' politika soċjali jew reġjonali, mill-ħtieġa li jitqies ir-rwol ta' ġid li għandhom l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-ekonomija jew, b'mod eċċezzjonali, mix-xewqa li tinżamm struttura kompetittiva tas-suq fejn l-għeluq tad-ditti jista' jwassal għal monopolju jew għal sitwazzjoni ologopolistika iebsa. Min-naħa l-oħra, m'għandux ikun iġġustifikat li ditta tinżamm attiva b'mod artifiċjali f'settur b'kapaċità żejda strutturali għal żmien twil jew meta tista' biss tibqa' attiva minħabba interventi ripetuti min-naħa ta' l-Istat.

[226] Skond il-Linji ta' Gwida ta' l-1999 l-għotjiet fl-istess ħin ta' l-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar kienu impossibbli, minkejja li possibbiltà bħal din hija mixtieq f'uħud mill-każijiet sabiex jiġu introdotti fil-proċess ċerti miżuri ta' ristrutturar minn kmieni.

joperaw fis-setturi kollha. Il-prinċipju ta' qabel li saħansitra l-intrapriżi ż-żgħar għandhom joffru kontroparti biex jirċievu l-għajnuna għar-ristrutturar tneħħa. Il-"prinċipju ta' darba, għall-aħħar darba" ser japplika għal għaxar snin minflok għal ħamsa.

- Inżammew xi regoli speċjali għall-bdiewa biss. L-ewwelnett dawn huma ssemplifikati billi jippermettu lill-Istati Membri, fil-każijiet kollha (u mhux biss jekk ir-ristrutturar huwa limitat għal intrapriżi agrikoli żgħar), jimplimentaw tnaqqis fil-kapaċità fuq livell settorjali minflok fuq il-livell tar-razzett li qed jirċievi l-għajnuna għar-ristrutturar.

- Huwa ċċarat li l-għeluq tal-kapaċità għandu jkun permanenti (u mhux biss għal ħames snin). Art tar-raba' miftuħa tista' tinġieb lura għall-produzzjoni wara 15-il sena.

- Il-kondizzjonijiet meħtieġa minimi għall-għeluq tal-kapaċità ġew issemplifikati.

- Fejn l-għeluq tal-kapaċità jsir fuq livell settorjali, dan irid jinkiseb fi żmien sena mill-għotja ta' l-għajnuna. Biex jiġi żgurat li l-għeluq ma jiġix evitat, l-Istat Membru irid jimpenja ruħu li ma jagħtix għajnuna għall-investiment għal kapaċitajiet li jiżdiedu għal ħames snin.

- Il-limitu "*de minimis*" li taħtu l-ebda għeluq tal-kapaċità mhu meħtieġ huwa ssemplifikat u mfassal mill-ġdid. Sakemm l-għajnuna għar-ristrutturar ma tingħatax għal aktar minn 1% tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' settur partikolari matul kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' 12-il xahar, l-ebda għeluq tal-kapaċità mhu se jkun meħtieġ.

366. In-notifiki ta' l-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar irreġistrati qabel l-10 ta' Ottubru 2004 ser ikunu eżaminati fid-dawl tal-kriterji fis-seħħ fi żmien in-notifika. Madankollu, il-kompatibilità ta' l-għajnuna mogħtija mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni ser tiġi eżaminata fuq il-bażi tal-linji ta' gwida l-ġodda jekk ftit mill-għajnuna jew l-għajnuna kollha tingħata wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-ĠU, jiġifieri fl-1 ta' Ottubru 2004.

## 2. Il-Bini tal-Bastimenti

367. Wara t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq dinji, il-Kummissjoni u l-Gvern Korean kienu ffirmaw ftehim fit-22 ta' Ġunju 2000 bl-għan li jerġa' jkun hemm kondizzjonijiet kompetittivi ġusti u trasparenti fis-suq dinji. Il-Gvern Korean ma implimentax sew dan il-ftehim. Fl-2002, il-Kunsill adotta bħala miżura eċċezzjonali u temporanja Mekkaniżmu ta' Difiża Temporanja (TDM - *Temporary Defense Mechanism*)[227] u l-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ proċeduri biex tkun solvuta kwistjoni[228] fejn talbet konsultazzjonijiet skond ir-regoli tad-WTO. Dawn il-konsultazzjonijiet ma wasslu għall-ebda soluzzjoni sodisfaċenti. Għalhekk il-

[227] Ir-Regolament tal-Kunsill 1177/2002, ĠU L 172 tat-2.7. 2002, p.1.

[228] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/818/KE tat-8.10.2002 skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 386/94 dwar il-prattika kummerċjali li żammet il-Korea li taffettwa l-kummerċ fil-bastimenti kummerċjali, ĠU L 281 tad-19.10.2002, p. 15.

Komunità talbet lill-korp tad-WTO li jsolvi l-kwistjoni sabiex iwaqqaf panel dwar il-prattika inġusta fil-bini tal-bastimenti tal-Korea. Sadanittant, ladarba t-TDM kienet sa tiskadi fil-31 ta' Marzu 2004, il-Kunsill tawwal il-mekkaniżmu sal-31 ta' Marzu 2005.[229]

*L-iskemi tat-TDM*

368. Fl-2003, ħames Stati Membri (il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Olanda, Franza u Spanja) kienu adottaw skemi ta' għajnuna nazzjonali, ibbażati fuq ir-Regolament tat-TDM ta' l-2002, li kienu soġġetti għal approvazzjoni tal-Kummissjoni. Dawn l-iskemi skadew fil-31 ta' Marzu. Fl-2004, il-Kummissjoni, skond it-TDM emendat, approvat it-titwil ta' l-iskemi ta' l-Olanda[230], ta' Franza[231] u ta' Spanja[232] sal-31 ta' Marzu 2005, kif ukoll skema ġdida mfassla mill-Italja[233].

369. Dawn l-iskemi jipprovdu għal għajnuna operattiva diretta għat-tarznari sa 6% tal-valur tal-kuntratt qabel l-għajnuna għall-produzzjoni tal-kontejners, tat-tankers tal-prodotti, tat-tankers kimiċi u tat-trasportaturi tal-gass naturali likwifikat. Sabiex jibbenefikaw minn dan l-appoġġ limitat, il-kuntratti finali tal-bini tal-bastimenti għandhom ikunu konklużi sal-31 ta' Marzu 2005.

## 3. L-AGRIKOLTURA: L-IZVILUPPI TAL-POLITIKA U L-INIZJATTIVI LEGIZLATTIVI FL-2004

*Ir-Regolament De Minimis*

370. Fis-6 ta' Ottubru, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 KE għal għajnuna « *de minimis* » fis-setturi ta' l-agrikoltura u ta' l-industriji tas-sajd[234]. Ir-Regolament jeżenta l-għajnuna nazzjonali li sa € 3,000 għal kull bidwi u għal kull sajjied tul tliet snin mill-kondizzjoni meħtieġa ta' notifika minn qabel. Din l-inizjattiva ser tkun għodda utli biex tingħata għajnuna lill-bdiewa f'sitwazzjoni ta' kriżi. Biex jiġi evitat it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni, l-Istati Membri li jagħtu din l-għajnuna ser ikollhom jirrispettaw l-ogħla limitu ġenerali tul tliet snin li huwa bejn wieħed u ieħor daqs 0.3% tal-produzzjoni ta' l-agrikoltura jew ta' l-industriji tas-sajd. L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha tar-regolament mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Iżda jkollhom iżommu reġistri biex juru li ż-żewġ limiti ġew irrispettati.

371. Jekk l-Istati Membri kollha jużaw din il-possibbiltà b'mod sħiħ, dan għandu jlaħħaq għal ammont medju ta' għajnuna "*de minimis*" ta' madwar € 317 miljun fis-sena

---

229 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 502/2004 tal-11.3.2004, ĠU L 81 tad-19.3.2004, p. 6.

230 L-Għajnuna mill-Istat N 242/2004, id-deċiżjoni ta' l-14.7.2004, Nru C(2004) 2832, għadhom mhumiex ippubblikati fil-ĠU.

231 L-Għajnuna mill-Istat N 138/2004, id-deċiżjoni tad-19.5.20004, Nru C(2004) 1808, għadhom mhumiex ippubblikati fil-ĠU.

232 L-Għajnuna mill-Istat N 333/2004, id-deċiżjoni ta' l-21.1.2004, Nru C(2004) 4207, għadhom mhumiex ippubblikati fil-ĠU.

233 L-Għajnuna mill-Istat N 59/2004, id-deċiżjoni tad-19.5.2004, Nru C(2004) 1807, għadhom mhumiex ippubblikati fil-ĠU.

234 ĠU L 352 tat-28.10.2004, p. 4

għall-agrikoltura u ta' madwar € 27 miljun fis-sena għall-industriji tas-sajd, għall-UE kollha. Sabiex l-Istati Membri jiġu offruti aktar flessibilità, ir-Regolament jistabbilixxi l-ammonti li jridu jiġu rispettati tul perjodu ta' tliet snin (u mhux għal kull sena). L-ammonti li kull Stat Membru jista' jagħti għal kull perjodu ta' tliet snin gew ikkalkulati mill-Kummissjoni u huma deskritti f'Anness. Il-perjodi ta' tliet snin huma flessibbli, sabiex għal kull għotja ta' għajnuna "*de minimis*" ġdida, l-ammont totali ta' din l-għajnuna mogħtija matul it-tliet snin ta' qabel jeħtieġ li tiġi ddeterminata.

372. L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna "*de minimis*" bi kwalunkwe mod li jixtiequ. Mandakollu, ir-Regolament jiddikjara ftit limitazzjonijiet sabiex jevita t-tagħwiġ: jiġifieri ma tista' tingħata l-ebda għajnuna għall-esportazzjoni; l-għajnuna ma tistax tkun marbuta ma' prezz jew kwantità ta' prodotti mqiegħda fis-suq, u lanqas ma tista' tiddependi mill-użu tal-prodotti domestiċi.

373. Dan ir-Regolament il-ġdid ser japplika mill-1 ta' Jannar 2005 sa l-aħħar ta' l-2008.

374. Madankollu, qabel l-adozzjoni tar-Regolament – u minħabba l-ammont ta' għajnuna mnaqqas għal kull benefiċjarju, il-metodu ta' l-għotja u l-livell totali ta' l-għajnuna mogħtija - il-Kummissjoni diġà applikat ir-raġunament tal-metodu "*de minimis*" għall-agrikoltura fil-każijiet li ġejjin:

- "Għajnuna għall-produtturi tal-ħalib (Parmalat)"- Franza[235]. Fl-14 ta' Lulju, il-Kummissjoni ddeċidiet li għajnuna ta' madwar € 200.000 għal madwar 120 produttur tal-ħalib li ma tħallsux għall-konsenji tagħhom lill-Parmalat kienet *de minimis* u għalhekk mhux koperta mill-Artikolu 87 (1) KE. L-intensità ta' l-għajnuna fl-ebda każ ma kienet ta' aktar minn € 2.000 għal kull produttur. L-għajnuna ngħatat billi parzjament ittieħed il-kontroll fuq il-pagamenti ta' l-imgħax u l-kapital għas-self pendenti, sa 10% ta' l-annwalità u qatt iktar minn € 2.000 għal kull benefiċjarju.

- "Dispożizzjonijiet urġenti għall-agrikoltura (Parmalat)" – l-Italja[236]. Fl-14 ta' Lulju, il-Kummissjoni ddeċidiet li għajnuna ta' madwar € 995 għal kull benefiċjarju (ammont totali ta' € 1,327 miljun fis-sena u total ta' € 3,98 miljun) hija '*de minimis*' u għalhekk mhux koperta mill-Artikolu 87 (1) KE. L-għajnuna ngħatat permezz ta' sospensjoni ta' 12-il xahar tal-pagamenti tas-sigurtà soċjali għall-bdiewa li kienu qed jipprovdu lill-Parmalat mingħajr ma tħallsu għall-ħalib ikkonsenjat. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li garanzija sussidjarja għall-krediti offruti lil dawn il-bdiewa permezz ta' fond bankarju ta' garanzija speċjali ma kienx fih għajnuna mill-Istat minħabba li l-garanzija kienet offruta skond il-prinċipji tas-suq.

- "L-għajnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi" – Spanja[237]. Fis-7 ta' Mejju l-Kummissjoni adottat deċiżjoni finali fejn qieset li l-għajnuna mill-Istat li Spanja kienet biħsiebha tagħti lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa fl-Extremadura ma kinitx għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) KE. L-

[235] Il-Każ N145/2004
[236] Il-Każ N 33/A/2004
[237] Il-Każ C 50/02 (ex N 371/2001)

għajnuna tingħata biex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż ta' l-applikazzjoni għall-appoġġ Komunitarju għall-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa u tlaħħaq għal madwar € 12 għal kull applikazzjoni. Id-deċiżjoni qieset li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, li huma l-benefiċjarji ta' l-għajnuna, iwettqu l-attività tagħhom għall-benefiċċju tal-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa. Għalhekk l-għajnuna tippermetti li l-kontribuzzjonijiet tal-membri lill-organizzazzjoni li tirċievi l-għajnuna jitnaqqsu jew saħansitra jiġu eliminati. Għal din ir-raġuni, il-benefiċjarji reali ta' l-għajnuna huma l-produtturi li jibbenefikaw minn kontribuzzjonijiet annwali aktar baxxi. Minħabba li l-baġit totali għall-għajnuna ta' l-iskema huwa ta' € 120 200 fis-sena u n-numru tal-produtturi li jibbenefikaw mill-iskema jingħad li huwa ta' 11 500, l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju u għal kull sena huwa ta' € 10.4.

- "Il-kumpens għan-nuqqas ta' xita ta' l-2003" – Franza[238]. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat favur bdiewa milquta min-nuqqas ta' xita fl-2003. L-element tas-sussidju li kien jinsab fit-teħid tal-kontroll ta' l-imgħax fuq self pendenti (€ 20 miljun) ġie meqjus bħala *de minimis*.[239]

- "Għajnuniet għall-kriżi tal-BSE"- l-Italja[240]. Fl-1 ta' Diċembru, il-Kummissjoni awtorizzat retroattivament lill-Italja li tagħti għajnuna mill-Istat għall-ispejjeż tal-qerda obbligatorja ta' materjali ta' riskju speċifiku u l-ħażna ta' materjali ta' ftit riskju, kif ukoll għajnuna tad-dħul għas-settur tal-produtturi taċ-ċanga biex jingħelbu l-effetti tal-kriżi tal-BSE ta' l-2001. L-għajnuna tad-dħul lis-settur li jinsab eqreb lejn il-punt tal-bejgħ milli lejn il-punt tal-produzzjoni (*downstream*) kopert mid-deċiżjoni tlaħħaq għal madwar 103,25 €/għal kull intrapriża u tqieset bħala *de minimis*.[241]

*Ir-Regolament ta' l-Eżenzjoni ta' Kategorija*

375. Ir-Regolament il-ġdid tal-Kummissjoni Nru 1/2004 li jagħti eżenzjoni għal ċerti tipi ta' għajnuna mill-Istat li ngħataw lil intrapriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju[242] daħal fis-seħħ fl-24 ta' Jannar 2004. L-Istati Membri m'għadhomx meħtieġa jinnotifikaw minn qabel dawn l-għajnuniet lill-Kummissjoni biex jiksbu approvazzjoni.

376. Skond l-Artikoli 3 u 19 tar-Regolament, biex għajnuna individwali jew skema ta' għajnuna tkun eżentata, l-Istat Membri jridu, *'Mhux aktar minn 10 jiem ta' xogħol qabel id-dħul fis-seħħ ta' skema ta' l-għajnuna, jew ta' l-għotja ta' għajnuna individwali barra minn kwalunkwe skema, eżentata minn dan ir-Regolament, [……], jibagħtu lill-Kummissjoni, biex ikun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, sommarju ta' l-informazzjoni dwar skema ta' għajnuna jew għajnuna individwali bħal din fil-forma stabbilita fl-Anness I.'*

---

238 Il-Każ NN 154/2003

239 Għad-dettalji ara aktar 'l isfel, fejn hemm "Il-Każijiet".

240 Il-Każ NN 151/2002 (ex N 113/B/2001)

241 Għad-dettalji ara aktar 'l isfel fejn hemm "Il-Każijiet".

242 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1/2004 tat-23.12.2003 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li huma attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-bejgħ fis-suq tal-prodotti agrikoli. ĠU L 1, 3.01.2004.

377. Skond din il-proċedura, l-Istati Membri diġà kkomunikaw lis-servizzi tal-Kummissjoni s-sommarji ta' madwar 70 miżura differenti li l-Kummissjoni ppubblikat fuq l-Internet[243].

*L-applikazzjoni tal-Linji ta' Gwida eżistenti: Il-promozzjoni u r-reklamar tal-prodotti ta' kwalità*

378. Fl-2004, il-Kummissjoni ddeċidiet diversi każijiet ta' għajnuna mill-Istat li għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni u r-reklamar ta' prodotti agrikoli. Dawn il-każijiet taw lill-Kummissjoni l-opportunità biex

– tiċċara u tiżviluppa l-applikazzjoni tal-Linji ta' Gwida dwar ir-reklamar ta' prodotti agrikoli għal tikketti ta' kwalità u t-twaqqif tal-kriterji għall-kwalifika ta' x'jista' jitqies bħala "prodott ta' kwalità" b'referenza għall-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 24b(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1783/2003[244];

– tiffissa l-limiti għall-għotja ta' l-għajnuna mill-Istat għal dawk li jissejħu "promozzjonijiet konġunti", eż. il-limiti għal rabta diretta bejn organizzazzjoni tal-bejgħ fis-suq u kumpaniji individwali (fit-tifsira tal-punt 29 tal-linji ta' gwida għar-reklamar, l-attivitajiet tar-reklamar li huma finanzjati b'mod konġunt permezz ta' fondi pubbliċi u ditta partikolari jew aktar minn ditta waħda jridu jitqiesu inkompatibbli mar-regoli minħabba li l-grupp ikkonċernat – eż. il-konsumatur – possibbilment ma jistax jiddistingwi jekk miżura tar-reklamar għal ditta partikolari jew għal aktar minn ditta waħda hijiex parti minn kampanja appoġġjata pubblikament jew le)[245];

– tikkonferma l-pożizzjoni tagħha dwar l-għajnuna għat-tikketti li jirreferu għall-oriġini tal-prodotti[246] u dwar ċerti kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa tal-linji ta' gwida[247].

## 4. L-INDUSTRIJI TAS-SAJD

379. Fl-1 ta' Novembru 2004 daħal fis-seħħ sett ġdid ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-settur ta' l-industriji tas-sajd. Dawn ir-regoli jġibu l-politika dwar l-għajnuna mill-Istat skond il-Politika Komuni ta' l-Industriji tas-Sajd irriformata, li kienet adottata f'Diċembru 2002. Ir-regoli l-ġodda jipprovdu għal 'eżenzjoni ta' kategorija' għal ċerti tipi ta' għajnuna li mhux ser jibqgħu jridu jiġu notifikati lil, u approvati mill-Kummissjoni qabel ma l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentawhom. L-għajnuna mill-Istat fis-settur ta' l-industriji tas-sajd li ma taqax taħt ir-Regolament ta'

---

243 Ara: http://europa.eu.int/comm/agriculture/stateaid/exemption/index_en.htm.

244 NN 34/A/2000 "Il-programmi ta' kwalità u t-tikketti ta' kwalità AMA Biosiegel u AMA Gütesiegel"- l-Awstrija u l-Każ N 195/2003 "Ir-reklamar tal-MLC għal ċanga u laħam tan-ngħaġ ta' kwalità" u n N 196/2003 "Ir-reklamar tal-MLC għal majjal ta' kwalità"- Ir-Renju Unit

245 N 571/02 "Il-liġi tal-fond tal-promozzjoni tas-CMA" Il-Ġermanja

246 Il-Każ dwar l-għajnuna N 195/2003 "Ir-reklamar tal-MLC għal ċanga u laħam tan-ngħaġ ta' kwalità" u l-Każ N 196/2003 "Ir-reklamar tal-MLC għal majjal ta' kwalità"- Ir-Renju Unit.

247 N 175/03 "L-iskema ġenerika tar-reklamar tal-laħam tal-Kummissjoni għal-laħam u għall-annimali ħajjin"- Ir-Renju Unit u l-Każ n C 78/2003 (ex NN 36/98, ex N 610/97) "Ir-Reklamar tal-Prodotti Sqallin (Art 4 Liġi Reġjonali 27/1997)- l-Italja (Sqallija)

l-eżenzjoni ta' kategorija[248] xorta trid tiġi notifikata lill-Kummissjoni. Għajnuna mill-Istat bħal din ser tkun soġġetta għal Linji ta' Gwida ġodda għall-eżami ta' l-għajnuna mill-Istat għall-industriji tas-sajd u għall-akwakultura[249], li wkoll daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2004.

380. Il-miżuri koperti mill-eżenzjoni ta' kategorija għandhom x'jaqsmu ma' għajnuna li ma tantx huwa probabbli li se thedded il-ħarsien jew li se tgħawweġ il-kompetizzjoni b'mod li mhuwiex skond l-interess komuni u li għalhekk qatt ma tat lok għal proċeduri ta' investigazzjoni mill-Kummissjoni. L-għajnuna konċernata trid tikkonforma strettament mal-kriterji ddikjarati fir-Regolament ta' l-eżenzjoni ta' kategorija, li huma identiċi għal dawk li jirregolaw l-allokazzjoni tal-fondi ta' l-UE skond l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida ta' l-Industriji tas-Sajd (FIFG - *Financial Instrument for Fisheries Guidance*).

381. L-eżenzjoni ta' kategorija ser tapplika għall-għajnuna mogħtija lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għal ammonti inqas minn € 1 miljun jew għal għajnuna maħsuba biex tiffinanzja miżuri b'ammont massimu eliġibbli ta' € 2 miljuni.

382. Sabiex tiġi żgurata l-allokazzjoni xierqa ta' din l-għajnuna, se jkun monitoraġġ permezz ta' informazzjoni *ex-ante* ssemplifikata lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna li ser tingħata, ippubblikata fuq l-Internet u fil-Ġurnal Uffiċjali, u obbligazzjonijiet *ex post* ta' rapportar.

## 5. IL-FAHAM U T-TRASPORT

*Is-settur tal-Faħam*

383. It-tkabbir ta' l-Unjoni żied in-numru ta' pajjiżi li jipproduċu l-faħam minn tlieta (il-Ġermanja, il-Gran Brittanja u Spanja) għal sebgħa (fejn żdiedu l-Polonja, ir-Repubblika Ċeka l-Islovakkja u l-Ungerija). Minkejja ż-żjieda impressjonanti ta' dan l-aħħar fil-prezz tas-suq korrenti għall-faħam, partijiet kbar ta' l-industrija Ewropea tal-faħam jibqgħu mhux kompetittivi mingħajr sussidji statali importanti. Fl-2004, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Ungerija nnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea l-pjanijiet għar-ristrutturazzjoni tagħhom għas-snin li ġejjin. Il-Kummissjoni Ewropea fetħet il-proċedura formali fir-rigward tal-pjan tar-ristrutturar għall-industrija Spanjola tal-faħam.

*Is-settur tat-trasport*

384. Il-Kummissjoni żammet metodu favorevoli lejn l-għoti ta' fondi pubbliċi li jagħti spinta 'l quddiem lill-mezzi tat-trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent sabiex jinkiseb tnaqqis fit-trasport bit-toroq. Is-***settur tal-ferroviji*** għalhekk jitqies bħala element ewlieni fil-politika komuni għat-trasport tal-Komunità, li tfittex li tiżviluppa sistema sostenibbli tat-trasport billi ċċaqlaq il-bilanċ bejn mezzi differenti tat-

---

248 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1595/2004 tat-8.9.2004 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna mill-Istat lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li huma attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-bejgħ fis-suq tal-prodotti ta' l-industriji tas-sajd (ĠU L 291, 14.9.2004, p.3)

249 ĠU C 229 ta' l-14.9.2004, p. 5

trasport. L-għotja tal-ħajja mill-ġdid lill-ferroviji hija waħda mill-għanijiet ewlenin. It-trasport bil-ferroviji għandu jsir, għal darb'oħra, kompetittiv biżżejjed biex jibqa' wieħed mill-parteċipanti ewlenin fis-sistema tat-trasport f'Ewropa mkabbra. Il-ftuħ tas-suq tal-ferroviji huwa prerekwiżit ċentrali biex il-ferroviji jingħataw ħajja mill-ġdid. Sa l-2008, in-netwerk kollu Ewropew tal-ġarr tal-merkanzija, kemm internazzjonali kif ukoll nazzjonali, ser ikun infetaħ għal kollox. Il-wasla ta' kumpaniji ġodda tal-ferroviji trid tagħmel lis-settur aktar kompetittiv u tħeġġeġ lill-kumpaniji nazzjonali biex jirristrutturaw.

385. Il-prattika stabbilita kienet applikat fis-***settur tat-trasport kombinat***. B'mod partikolari, il-Kummissjoni awtorizzat skemi differenti ta' għajnuna li għandhom l-għan li jikkumpensaw l-ispejjeż addizzjonali ta' trasport kombinat.

386. Fir-rigward tas-settur tat-toroq, l-2004 kienet ikkaratterizzata mill-eżami tal-pjanijiet tar-ristrutturar ta' kumpaniji importanti

387. Fir-rigward tas-settur marittimu, il-linji ta' gwida Komunitarji l-ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu ġew applikati għall-ewwel darba fl-2004[250]. Il-Kummissjoni żgurat b'mod partikolari li l-Istati Membri jaċċettaw il-miżuri xierqa proposti f'dawn il-linji ta' gwida.

388. Fis-***settur ta' l-ajru*** matul is-sena kien hemm deċiżjoni importanti tal-Kummissjoni fil-każ *Ryanair-Charleroi*. B'din id-deċiżjoni l-Kummissjoni rrikonoxxiet li ammonti limitati ta' għajnuna mill-Istat jistgħu jkunu ġustifikati biex jiġi żgurat użu aħjar ta' l-ajruporti sekondarji sabiex jinħolqu kollegamenti ġodda tat-trasport li jipprovdu benefiċċji għar-reġjun u titnaqqas il-konġestjoni ta' l-ajru. Ser tkun segwita minn linji ta' gwida dwar il-finanzjament ta' l-ajruporti u l-ftuħ ta' rotot ġodda li għandhom jiċċaraw il-possibbiltajiet ta' l-ajruporti regjonali li jiżviluppaw fis-suq filwaqt li jirrispettaw ir-regoli Komunitarji.

## 6. Is-Servizzi Pubbliċi / Is-Servizzi ta' interess (ekonomiku) Ġenerali

389. L-importanza tas-servizzi pubbliċi għall-Istati Membri hija enfasizzata mid-diskussjoni pubblika wiesa' ta' dan l-aħħar dwar l-aspetti kollha ta' servizzi bħal dawn, inkluż il-mod li bih għandhom jiġu provduti, kif ukoll mill-fatt li l-abbozz tal-kostituzzjoni ta' l-UE jsemmihom b'mod espliċitu.

390. Fir-rigward tal-politika tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ħadet ħsieb il-mistoqsija dwar sa fejn il-kumpens għal Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI - *Services of General Economic Interest*) jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni minn perspettiva ta' għajnuna mill-Istat. Wara s-sentenza ta' *Altmark*[251] dwar il-kwalifika ta' kumpens bħala għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni elaborat sett ta' tliet proposti bl-għan li tqiegħed fil-prattika l-kriterji stabbiliti mill-Qorti:

---

250 ĠU C 13 tas-17.1.2004, p. 3.

251 Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-24.7.2003 fil-Każ C-280/00. Ara l-punti 621ss tar-Rapport Annwali tal-Kompetizzjoni ta' l-2003.

*Qafas Komunitarju għal kumpens għal servizz pubbliku*

391. "Qafas Komunitarju għall-Għajnuna mill-Istat fil-Forma ta' Kumpens għal Servizz Pubbliku" jiċċara l-kriterji skond liema l-Kummissjoni biħsiebha tivvaluta kumpens għal servizz pubbliku mill-Istati Membri skond ir-regoli għall-għajnuna mill-Istat.

392. Il-Qorti indikat li kumpens bħal dan ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jekk, fost kondizzjonijiet oħrajn, l-ammont kien iffissat skond proċedura kompetittiva ġenwina u effettiva ta' sejħa għall-offerti jew fuq il-bażi ta' l-ispejjeż li intrapriżi ta' daqs medju, immexxija tajjeb għandhom jiffaċċjaw meta jagħtu servizzi bħal dawn. B'dan il-mod, l-effikaċja li jkunu provduti SGEI għandha tiżdied mingħajr ma titqiegħed fil-periklu l-operazzjoni tagħhom. Inkella, il-kumpens jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u jeħtieg li jiġi notifikat. Għajnuna nnotifikata bħal din tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mat-Trattat skond l-Artikolu 86 (2) KE kemm-il darba hija meħtieġa għall-operazzjoni ta' l-SGEI u ma taffetwax l-iżvilupp tal-kummerċ sa punt li huwa kuntrarju għall-interessi tal-Komunità.

393. Mill-Artikolu 86 KE u mill-ġurisprudenza korrispondenti jirriżulta li l-Istati Membri għandhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni biex ikunu ddefiniti l-SGEI. Fil-kuntest tal-valutazzjoni skond ir-regoli għall-għajnuna mill-Istat, madankollu, huwa meħtieġ li l-intrapriżi li jipprovdu SGEI ġew speċifikatament fdati b'dan il-kompitu mill-Istat Membru konċernat. Għalhekk, huwa meħtieġ inkarigu tas-servizz pubbliku biex jiġu definiti l-obbligi rispettivi ta' l-intrapriża u ta' l-Istat (l-awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali konċernata). Dan l-inkarigu jrid jispeċifika:

- in-natura preċiża ta' l-obbligu tas-servizz pubbliku;
- l-intrapriża(i) u t-territorju konċernat;
- kwalunkwe dritt esklużiv mogħti lill-intrapriżi;
- il-kalkolu u r-reviżjoni tal-kumpens, inkluż profitt raġonevoli;
- l-arranġamenti biex jerġa' jitħallas il-kumpens żejjed u għal kwalunkwe intervent mill-Istat fil-każ ta' kumpens nieqes.

394. L-abbozz tal-Qafas jagħti regoli dettaljati tal-komponenti li jistgħu jkunu inklużi fil-kalkolu tal-kumpens u jagħmilha ċara li kwalunkwe kumpens mogħti lil intrapriża biex ikunu provduti servizzi pubbliċi għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni qabel ma jinħareġ.

*Deċiżjoni ta' Eżenzjoni*

395. Deċiżjoni proposta skond l-Artikolu 86 KE għandha teżenta ċerti miżuri ta' kumpens mill-kondizzjoni meħtieġa ta' notifika minn qabel. Dan għandu jkun il-każ għal kumpens taħt ċerti limiti definiti, kif ukoll għal kumpens mogħti għal servizzi pubbliċi speċifiċi, b'mod partikolari l-isptarijiet u d-djar soċjali iżda wkoll għal kollegamenti marittimi ma' gżejjer mogħtija skond ir-regoli settorjali u fejn it-traffiku annwali ma jeċċedix il-100.000 passiġġier.

396. Din l-eżenzjoni maħsuba hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li r-riskju gżat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni permezz ta' kumpens mogħti lil servizzi bħal dawn huwa negliġibbli jew ma jeżistix.

397. Skond din il-proposta, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati – bħal ma jiġri normalment skond regolamenti ta' eżenzjoni– li jipprovdu lill-Kummissjoni b'salvagwardja dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi vvalutata l-kompatibilità tal-kumpens mar-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat. Iżda, informazzjoni bħal din għandha tiġi provduta biss fuq talba bil-miktub mill-Kummissjoni.

*Emenda tad-Direttiva dwar it-Trasparenza*

398. It-tielet element għandu x'jaqsam ma' modifika tad-*Direttiva dwar it-Trasparenza*[252]. Din il-modifika għandha tikkjarifika li anki fejn kumpens għall-proviżjon tas-servizzi pubbliċi ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, l-intrapriżi konċernati jridu jżommu kontijiet separati, meta jwettqu attivitajiet barra mill-ambitu ta' l-SGEI. Kontijiet separati bħal dawn huma meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-ammonti imputabbli għall-SGEI u biex jiġi kkalkulat l-ammont korrett tal-kumpens.

399. Dawn it-tliet abbozzi ta' dokumenti ġew ippubblikati għall-konsultazzjoni pubblika u ġew diskussi ma' l-istituzzjonijiet l-oħrajn bl-għan li jiġu adottati fil-futur qrib.[253] Ser iħallu lill-Kummissjoni twettaq il-kompitu tagħha li tiżgura li l-SGEI jistgħu jaħdmu sew fi ħdan l-UE u jirċievu l-kumpens statali biss sa fejn huwa meħtieġ biex jiġu provduti. Min-naħa l-oħra, il-piż amministrattiv tal-verifika li l-kumpens żejjed ma jgħawwiġx il-kompetizzjoni fis-swieq jinżamm l-inqas possibbli.

## 7. IT-TRASPARENZA

400. L-informazzjoni dwar il-miżuri kollha eżistenti ta' għajnuna mill-Istat miġbura kull sena mill-Istati Membri flimkien ma' indikaturi ekonomiċi xierqa li jiddiskrivu s-sitwazzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat fl-UE jifformaw il-bażi għall-iScoreboard ta' l-għajnuna mill-Istat li mniedi f'Lulju 2001[254]. Kull sena jiġu prodotti żewġ edizzjonijiet ta' l-iScoreboard.

401. S'issa, l-aġġornament tar-Rebbiegħa ta' l-iScoreboard kopra d-data għall-perjodu t-2, jiġifieri d-data ta' l-2002 fl-2004 . Bħala parti mill-arranġamenti l-ġodda għa-rapportar annwali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri taw kelmithom li ser inaqqsu dan l-intervall ta' żmien bir-riżultat li d-data ta' l-2004 għandha tiġi ppubblikata fl-aġġornament ta' l-iScoreboard tal-Ħarifa ta' l-2005. B'dan il-mod, kull sena l-iScoreboard tal-Ħarifa ser jinkludi d-data aħħarija u l-iScoreboard tar-Rebbiegħa ser jipprovdi rapport aktar analitiku ta' suġġett magħżul. L-iScoreboards ta' qabel inkludew kapitoli ta' artikli speċjali dwar għajnuna lil reġjuni assistiti, għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar, għajnuna għall-R&D u għajnuna għall-SMEs.

---

252 Id-Direttiva 80/723/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/52/KE (ĠU L 193 tad-29.7.2000).

253 Ara http://europa.eu.int/comm/competition/state_aid/others/.

254 L-iScoreboard jissostitwixxi is-"Servejs ta' l-għajnuna mill-Istat" li ma tkomplewx wara d-Disa' Servej fl-2001. L-iScoreboard onlajn, li huwa disponibbli minn fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kompetizzjoni jinkludi serje ta' indikaturi ewlenin u tabelli statistiċi flimkien ma' l-informazzjoni provduta fil-verżjoni stampata.

402. L-aġġornament tal-Ħarifa ta' l-2004 ta' l-iScoreboard kien adottat fis-16 ta' Novembru[255]. L-enfasi ewlenija ta' dan l-aġġornament hija s-sitwazzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat fl-għaxar Stati Membri l-ġodda fl-erba' snin wara l-adeżjoni (2000-2003). It-Tieni Parti ta' din l-edizzjoni tal-Ħarifa tinkludi eżami tal-passi li ħadu l-Istati Membri biex jimplimentaw l-aġenda ta' Liżbona u jsegwu l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill dwar l-għajnuna mill-Istat. B'mod aktar speċifiku, dan jinkludi tnaqqis ta' għajnuna, indirizz mill-ġdid ta' l-għajnuna lejn għanijiet orizzontali u valutazzjoni ta' l-effikaċja ta' l-għajnuna. Il-parti finali, bħal fl-aġġornament kollha ta' l-iScoreboard, tinkludi sommarju ta' l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tissemplifika u timmodernizza l-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat.

[255] http://europa.eu.int/comm/competition/state_aid/scoreboard/analytical_section.html. Huma disponibbli l-verżjonijiet bil-Franċiż u bil-Ġermaniż tas-sommarju eżekuttiv. Ara wkoll l-istqarrija lill-istampa IP/04/1356.

# B – KAZIJIET

## 1. IS-SWIEQ LIBERALIZZATI

*Il-Belġju "It-trasferiment ta' l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni ta' l-ewwel pilastru mill-Belgacom lill-Istat Belġjan*[256]

403. F'Ottubru 2003, l-awtoritajiet Belġjani għarrfu lill-Kummissjoni bi ftehim bejn il-Belgacom, l-Istat Belġjan u l-azzjonisti privati biex jittrasferixxu dawk li jissejħu obbligazzjonijiet tal-pensjoni ta' "l-ewwel pilastru" lejn l-impjegati mal-gvern tal-kumpanija mill-Belgacom lill-Istat Belġjan (il-pensjonijiet ta' "l-ewwel pilastru" huma dawk li normalment hemm proviżjon għalihom taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali ġenerali ta' kull Stat.)

404. Fil-kuntest tat-twaqqif tal-Belgacom bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata fl-1992, il-Belgacom kienet obbligata li tamministra u tiffinanzja d-drittijiet għall-pensjoni ta' "l-ewwel pilastru" ta' dawk li kienu impjegati mal-gvern (jiġifieri li l-pensjonijiet tabilħaqq tħallsu mill-kumpanija lil dawk li kienu l-impjegati mal-gvern u li l-kumpanija kellha tiżgura l-finanzjament sħiħ tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba u futuri). Il-ftehim notifikat implika li, sa mill-1 ta' Jannar 2004, il-Belgacom ħelset mill-piż li jirriżulta mir-reġim speċjali għall-pensjonijiet li japplikaw għall-impjegati mal-gvern. Bħala rikumpens, l-Istat Belġjan irċieva pagament ta' darba mingħand il-Belgacom li laħħaq għal 5 biljun EUR kif ukoll kontribuzzjonijiet kontinwi annwali li jiggarantixxu l-finanzjament ta' obbligazzjonijiet tal-pensjoni tal-futur.

405. Fid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Jannar, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-trasferiment kien finanzjarjament newtrali għaliex il-Belgacom, talli ttrasferiet l-obbligazzjonijiet tagħha għall-pensjonijiet lill-Istat Belġjan, tħallas lil dan ta' l-aħħar ammont li jikkorrispondi għall-valur nett preżenti ta' l-obbligazzjonijiet li ħa l-kontroll tagħhom l-Istat Belġjan. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li din it-tranżazzjoni ma tatx vantaġġ lill-Belgacom li jmur lil hinn minn dak li seta' jkun disponibbli f'kondizzjonijiet normali tas-suq u għalhekk ma kienet involuta l-ebda għajnuna mill-Istat.

*L-għajnuna mogħtija minn Franza lill-Coopérative d'exportation du livre français (Celf)*[257]

406. Fl-20 ta' April, il-Kummissjoni approvat l-għajnuna li Franza tat bejn l-1980 u l-2001 lill-Coopérative d'exportation du livre français (CELF). Il-Kummissjoni qieset li l-għajnuna lis-CELF talli tipproċessa ordnijiet żgħar għall-kotba bil-lingwa Franċiża, minkejja li ngħatat b'mod illegali, madankollu kienet kompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat, għaliex hija proporzjonata ma' l-għan kulturali segwit. Il-Kummissjoni sabet li l-għajnuna ma affettwatx il-kummerċ u l-

---

256 N 567/2003

257 C 39/1996 (ex NN 127/92), id-Deċiżjoni pożittiva ta' l-20.4.2004.

kompetizzjoni fil-Komunità sa punt li huwa kuntrarju għall-interess komuni. L-għan ta' l-għajnuna kien li tinżamm l-attività mhux bi qligħ tas-CELF. Is-CELF kellha taċċetta kwalunkwe tip ta' ordni mill-bejjiegħa tal-kotba (mhux il-konsumaturi finali) stabbiliti barra minn Franza, f'pajjiżi li ma jitkellmux bil-Franċiż, irrispettivament mill-ammont ta' l-ordni, il-profitt u d-destinazzjoni. Bħala parti mill-għajnuna, is-CELF irċeviet għotja għall-ħidma maħsuba biex tibbilanċja l-ispiża żejda talli timmaniġġja ordnijiet ta' inqas minn 500 FRF (jiġifieri madwar EUR 76). Din id-Deċiżjoni qieset b'mod xieraq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim Istanza tat-28 ta' Frar 2002 li parzjalment annullat Deċiżjoni aktar antika tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Ġunju 1998, minħabba li l-Kummissjoni missha għamlet distinzjoni bejn is-suq ta' l-aġenziji ta' l-esportazzjoni u s-suq ta' l-esportazzjoni tal-kotba bil-lingwa Franċiża b'mod ġenerali.

*Modifika fil-ħlas tal-liċenzja ta' l-UMTS, Franza*[258]

407. F'Ottubru 2002, il-Kummissjoni rċeviet ilment kontra d-deċiżjoni tal-gvern Franċiż li jnaqqas il-ħlasijiet tal-liċenzji ta' l-UMTS innizjalment dovuta minn Orange u SFR.

408. Il-Kummissjoni qieset li fl-istat korrenti tal-liġi Komunitarja, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet biex jingħataw il-liċenzji ta' l-UMTS, kemm-il darba jilħqu l-kondizzjonijiet iddefiniti fid-Direttiva 97/13/KE, jiġifieri li l-proċeduri u l-kriterji użati jkunu oġġettivi, trasparenti u ma jagħmlux diskriminazzjoni.

409. Fil-każ ikkonċernat, il-Kummissjoni nnotat li l-gvern Franċiż applika l-istess kondizzjonijiet għall-għotja tal-liċenzji ta' l-UMTS (dewma, ħlas, kondizzjonijiet tekniċi) għall-operaturi Franċiżi kollha u li dawn il-kondizzjonijiet kienu oġġettivi u ma kinux jagħmlu diskriminazzjoni. Ladarba l-Istat ma ddiskriminax bejn l-operaturi, Orange u SFR ma ngħataw l-ebda benefiċċju. Għalhekk, fl-20 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienet involuta l-ebda għajnuna mill-Istat u ċaħdet l-ilment.

*Spejjeż mitlufa*

410. Fi ħdan il-qafas tat-tlestija progressiva tas-suq intern ta' l-elettriku, din is-sena l-Kummissjoni approvat żewġ każijiet ġodda ta' għajnuna mill-Istat għall-kumpens ta' spejjeż mitlufa, fl-Italja[259]u fil-Portugall[260]. L-ispejjeż mitlufa huma spejjeż li weħlu dawk responsabbli għas-suq ta' l-elettriku fiż-żmien meta s-settur ma kienx liberalizzat u li l-liberalizzazzjoni jagħmilha diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jitħallsu lura.

411. Il-Kummissjoni issa għandha prattika stabbilita tajjeb fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat għall-kumpens ta' l-ispejjeż mitlufa. F'Lulju 2001, adottat Komunikazzjoni li spjegat fid-dettall il-metodoloġija li għandha tuża biex tivvaluta għajnuna bħal din[261].

---

258 NN 42/2004, id-Deċiżjoni pożittiva ta' l-20.7.2004.

259 N 490/2000

260 N 161/04

261 SG(2001) D/290869 tas-6.8.2001

Applikat din il-metodoloġija għall-għajnuna mill-Istat għall-kumpens ta' l-ispejjeż mitlufa fl-Awstrija, fil-Belġju, fil-Greċja, fl-Olanda u fi Spanja.

412. Fl-Italja, id-deċiżjoni tkopri b'mod partikolari żewġ aspetti: l-ispejjeż għall-impjanti tal-ġenerazzjoni ta' l-enerġija mibnija qabel l-1997; u l-ispejjeż marbuta ma' kuntratt "tieħu-jew-tħallas" għall-gass Niġerjan, li ffirmat l-ENEL fl-1992, għall-parti użata fil-produzzjoni ta' l-elettriku. Il-parti li għandha x'taqsam ma' l-impjanti tal-ġenerazzjoni ta' l-enerġija ser tkopri biss il-perjodu mill-2000 sa l-2003, fejn wara dan il-perjodu l-ġeneraturi mhux ser jibqa' jkollhom id-dritt li jirċievu kumpensi għall-ispejjeż mitlufa tagħhom. Il-kumpensi totali li jingħataw mhux ser ikunu t'aktar minn 850 M€. Ser jingħataw lill-ENEL u lill-kumpaniji li wirtu l-assi mitlufa ta' l-ENEL.

413. Il-parti li għandha x'taqsam ma' l-ispejjeż marbuta ma' kuntratt "tieħu-jew-tħallas" għandha l-għan li tikkumpensa għall-ispejjeż li weħlet l-ENEL għall-fatt li l-kumpanija ma setgħetx timmaniġġja dan il-gass fl-Italja kif kien previst oriġinarjament. Ser tkopri l-ispejjeż marbuta mad-delokalizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-gass barra mill-Italja sa l-2009. Il-kumpensi mhux ser ikunu aktar minn 1 465 M€. Madankollu, il-kumpensi ser jingħataw biss għall-gass li ser jintuża biex ikun iġġenerat l-elettriku.

414. Il-każ Portugiż kien ħarira differenti kemm mill-każ Taljan kif ukoll mill-każijiet l-oħrajn ta' qabel. Tabilħaqq, is-suq miżmum *(captive market)* Portugiż kien oriġinarjament strutturat madwar serje ta' kuntratti għal perjodu twil ta' żmien bejn l-operatur tan-netwerk li huwa proprjetà ta' l-Istat u tliet gruppi li jiġġeneraw l-elettriku, minflok liġi ġenerali li tistabbilixxi r-regoli tal-prezzijiet għas-settur ta' l-elettriku kif kien il-każ fl-Istati Membri li l-każi tagħhom kienu analizzati qabel mill-Kummissjoni. Il-Portugall abolixxa dawn il-kuntratti għal perjodu twil ta' żmien u ssostitwiethom b'kumpensi mill-Istat.

415. Ladarba l-metodoloġija tal-Kummissjoni tiġbor b'mod partikolari il-prinċipju tal-"minimu neċessarju" fil-qasam tal-kumpensi għall-ispejjeż mitlufa, il-Kummissjoni kellha tivverifika jekk, anki f'din is-sitwazzjoni partikolari, il-kumpensi m'għandhomx iwasslu għal aktar minn rimborż ta' l-investimenti inizjali, inkluż, fejn meħtieġ, marġni raġonevoli ta' profitt. Tqieset ukoll l-abilità tal-gruppi li jtaffu t-telf ta' ċerti impjanti permezz ta' profitti minn impjanti oħrajn. Il-Kummissjoni żgurat ruħha wkoll li kien hemm mekkamiżmu ta' adattament xieraq għal kumpensi perjodiċi sabiex jiġi żgurat li ma jista' jkun hemm l-ebda kumpens żejjed anki fil-każ fejn il-kompetizzjoni m'għandiex tevolvi kif mistenni.

## 2. L-GĦAJNUNA GĦAS-SALVATAĠĠ U R-RISTRUTTURAR

*Alstom*[262]

416. Fis-7 ta' Lulju, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni kondizzjonali li awtorizzat pakkett ta' għajnuna għar-ristrutturar ta' EUR 3 biljuni lill-Alstom, fil-forma ta' garanziji, investiment f'żjidiet fil-kapital, u għal parti iżgħar, self. Il-kondizzjonijiet stabbiliti

[262] C 58/2003. Id-Deċiżjoni tas-7.7.2004, C(2004)2352

mid-deċiżjoni huma bbażati fuq il-linji ta' gwida għas-salvataġġ u għar-ristrutturar għad-ditti li jinsabu f'diffikultà. Dawn il-linji ta' gwida jistabbilixxu tliet kondizzjonijiet ewlenin biex tkun awtorizzata l-għajnuna għar-ristrutturar.

417. L-ewwelnett, l-għajnuna u l-pjan għar-ristrutturar konġunt għandhom iwasslu biex jerġa' jkun hemm vijabilità tul perjodu twil ta' żmien, mingħajr intervent addizzjonali min-naħa ta' l-Istat. Il-Kummissjoni sabet li l-verżjoni aħħarija tal-pjanijiet għar-ristrutturar finanzjarju u operattiv imressqa minn Franza għandhom jippermettu lill-kumpanija tibqa' attiva u terġa' ssir kompetittiva. Id-deċiżjoni titlob li jkun hemm konformità sħiħa mal-pjan operattiv, li jinkludi l-għeluq ta' impjanti, sensji, u organizzazzjoni mill-ġdid. Barra minn hekk, intalbu sforzi supplimentari fis-settur marittimu u t-tmiem ta' sħubijiet industrijali li jkopru parti sinifikanti ta' l-attivitajiet tal-kumpanija, sabiex jissaħħu l-vijabilità għal perjodu twil ta' żmien u l-prospetti tal-kumpanija.

418. It-tieni, l-għajnuna mill-Istat għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju. Il-Kummissjoni sabet li din il-kondizzjoni ntlaħqet ladarba l-pjan għar-ristrutturar awtorizzat permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq kontribuzzjoni finanzjarja tabilħaqq sostanzjali mingħand istituzzjonijiet finanzjarji, investituri privati u l-kumpanija nnifisha. Barra minn hekk, l-għajnuna hija limitata fiż-żmien għaliex, min-naħa waħda, il-garanziji statali l-ġodda jistgħu jinħarġu biss tul perjodu ta' sentejn wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni; min-naħa l-oħra, l-Istat huwa meħtieġ li jbiegħ, fi żmien erba' snin, l-ishma kollha tiegħu fl-Alstom li jirriżultaw miż-żjiediet fil-kapital imsemmi aktar 'il fuq.

419. It-tielet, it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni għandu jkun limitat għall-minimu meħtieġ. Sabiex jiġi sodisfatt dan il-kriterju, id-deċiżjoni teħtieġ dawn il-miżuri li ġejjin biex jerġa' jkun hemm sitwazzjoni kompetittiva u l-kompetitturi jiġu kkumpensati: (i) il-bejgħ ta' wħud mill-assi flimkien ma' dawk sostanzjali li l-Alstom diġa' wettqet fl-2003, (ii) it-twaqqif ta' intrapriża konġunta u sħubijiet industrijali li jkopru ċerti attivitajiet eżistenti, (iii) il-kontroll fuq il-politika ta' l-ipprezzar u ta' l-akkwisti tal-kumpaniji matul erba' snin, (iv) il-bejgħ ta' l-ishma tal-kumpanija li għandu l-Istat, u (v) l-adozzjoni ta' miżuri biex jitrawwem il-ftuħ tas-suq Franċiż għat-tagħmir disponibbli biex jintuża bħala trasport, bħall-vetturi awtomotivi jew il-vaguni tal-ferroviji.

420. Fl-erba' snin li ġejjin, il-Kummissjoni ser timmonitorja l-konformità ma' din id-deċiżjoni.

*MobilCom*[263]

421. Fl-14 ta' Lulju, il-Kummissjoni approvat għajnuna għar-ristrutturar mogħtija lill-MobilCom. L-approvazzjoni ta' l-għajnuna kienet marbuta mal-kondizzjoni li l-MobilCom u l-affiljati tagħha jridu jwaqqfu l-bejgħ dirett onlajn tagħhom tal-kuntratti tat-telefonija ċellulari tal-MobilCom għal seba' xhur sabiex ikun hemm kumpens għat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni ikkawżat mill-għajnuna.

[263] C 5/2003

422. Il-MobilCom hija kumpanija Ġermaniża li tipprovdi servizzi tat-telefonija ċellulari. Il-MobilCom sabet ruħha f'diffikultajiet fl-2002. Il-Ġermanja tat l-ewwel garanzija ta' żbilanċ *(deficiency guarantee)* għal self ta' EUR 50 miljun f'Settembru 2002 biex tipprovdi likwidità immedjata lill-kumpanija. L-għajnuna kienet approvata bħala għajnuna għas-salvataġġ f'Jannar 2003[264] u ma kinitx parti mid-deċiżjoni kondizzjonali finali adottata f'Lulju 2004[265].

423. Sabiex jiġu żgurati fondi addizzjonali, li kienu meħtieġa għall-finanzjament tal-miżuri rekwiżiti għall-organizzazzjoni mill-ġdid f'din is-sezzjoni, il-Ġermanja u l-Land ta' Schleswig-Holstein taw garanzija ta' żbilanċ oħra ta' 80% għal self li jlaħħaq għal EUR 112 miljun f'Novembru 2002. Il-Kummissjoni qieset li din il-miżura kkostitwiet għajnuna għar-ristrutturar.

424. Il-problema għall-kompetizzjoni ewlenija li osservat il-Kummissjoni kienet li minħabba l-garanzija, il-MobilCom setgħet tirristruttura l-attivitajiet tagħha b'mod mgħaġġel. F'dan il-kuntest, l-għajnuna ma ntużatx biss biex il-kumpanija tkun ristruttrata fiżikament, iżda wkoll biex terġa tiġi orjentata l-istrateġija tal-bejgħ fis-suq tagħha u biex tiffoka fuq sezzjonijiet ta' klijenti li jġibu aktar profitt fil-kummerċ ċentrali tagħha. Għalhekk l-għajnuna kellha effett partikolarment dannuż fuq il-kompetituri għaliex huma wkoll iridu jimmiraw l-istrateġiji kummerċjali tagħhom lejn gruppi ta' klijenti li jġibu aktar profitt.

425. Is-soluzzjoni adottata fl-aħħar kienet li l-għajnuna tkun approvata iżda tkun soġġetta għal xi kondizzjonijiet. F'dan il-każ partikolari, il-Kummissjoni qieset li l-miżura ta' kumpens li timmira lejn kumpens fil-qasam fejn l-għajnuna pproduċiet l-effetti mhux adattati tagħha, jiġifieri fil-qasam tal-potenzjal tal-bejgħ fis-suq tas-servizzi, bħala l-aktar miżura xierqa biex tikkontrobilanċja t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni. Għalhekk il-MobilCom kienet obbligata tissospendi l-offerta ta' uħud mis-servizzi minn fuq l-Internet matul perjodu ta' żmien definit.

*Bankgesellschaft Berlin AG*

426. Fit-18 ta' Frar[266], il-Kummissjoni approvat l-għajnuna għar-ristrutturar għall-grupp Bankgesellschaft Berlin AG ("BGB") li tiswa kważi € 10 biljun[267]. Dan il-pakkett ta' għajnuna seta' jiġi awtorizzat biss bi skambju ma' tnaqqis sinifikanti tal-preżenza fis-suq tal-bank sabiex jittaffa l-effett ta' tagħwiġ fuq il-kompetizzjoni ta' dan il-volum kbir ta' għajnuna. Wara negozjati twal u estensivi, l-awtoritajiet Ġermaniżi fl-aħħar offrew firxa ta' impenji għall-bejgħ ta' l-assi li mmodifikaw b'mod sinifikanti l-pjan

---

264 ĠU C 80 tat-3.4.2003, p. 5; ara wkoll id-deċiżjoni ĠU C 210 tal-5.9.2003, p. 4.

265 Għadha mhix ippubblikata.

266 C 28/2002, il-ftuħ tal-proċedura ĠU C 141 ta' l-14.6.2002, p.2

267 Dan jinkludi, l-ewwelnett, € 1.8 biljun ta' kapital injettat mil-Land Berlin fl-2001, it-tieni, il-proviżjon tal-garanziji biex jiġu koperti r-riskji tal-BGB min-negozji l-antiki tas-servizzi tal-proprjetà tal-beni immobbli b'valur ekonomiku ta' €6.1 biljun (il-massimu teoretiku ta' nominalment €21.6 biljun huwa bbażat fuq dispożizzjonijiet legali u regoli ta' superviżjoni iżda mhuwiex realistiku skond suppożizzjonijiet pessimistiċi) u t-tielet, ftehim tal-ħlas bejn il-Land Berlin u l-BGB fir-rigward ta' ordni potenzjali ta' ġbir lura sa € 1.8 biljun wara deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri li dak iż-żmien kienu għadhom miftuħin dwar trasferiment tal-kapital lil-Landesbank Berlin, parti mill-grupp BGB mill-1994, li jifformaw parti mill-grupp C48/2002 (fl-20 ta' Ottobru 2004, il-Kummissjoni ddeċidiet li għajnuna li tlaħħaq € 810 miljun kellha tinġabar mill-Ġermanja, ara l-paġna … ta' dan ir-rapport).

tar-ristrutturar imressaq oriġinarjament. Dawn l-impenji inkludew il-garanziji li jinbiegħ il-Berliner Bank, wieħed miż-żewġ marki tal-fabbrika għall-bejgħ bl-imnut tal-BGB, sabiex jinqatgħu mill-grupp is-sussidjarji tas-servizzi tal-proprjetà ta' beni immobbli li kienu l-kawża ewlenija tal-kriżi u, fl-aħħarnett, li tjnbiegħ il-BGB sa l-aħħar ta' l-2007. Il-pjan għar-ristrutturar jipprovdi wkoll għal serje ta' miżuri oħrajn bħall-bejgħ ta l-assi tal-Weberbank, li huwa bbażat f'Berlin, u l-bejgħ jew l-għeluq ta' fergħat u sussidjarji nazzjonali u barranin. Barra minn hekk, huwa maħsub biex tinbiegħ is-sussidjarja tal-finanzjament tal-proprjetà ta' beni immobbli BerlinHyp fil-kuntest tal-bejgħ ta' l-assi ġenerali għall-BGB, separatament jew flimkien mal-bqija tal-BGB.

427. B'kollox, il-bejgħ ta' l-assi, l-għeluq u l-miżuri l-oħrajn deskritti aktar 'il fuq, ser inaqqsu t-total tal-karta tal-bilanċ tal-BGB minn madwar € 189 biljun fl-2001 għal madwar € 124 biljun fl-2006/2007 meta jintemmu l-perjodu tar-ristrutturar u l-miżuri tal-bejgħ ta' l-assi. Dan it-tnaqqis mhuwix biss xieraq minħabba l-ammont kbir sew ta' l-għajnuna iżda wkoll skond il-prattika tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-għajnuna għar-ristrutturar għall-banek.[268] Madankollu, il-bejgħ ta' l-assi tal-Berliner Bank, baqgħet kwistjoni kkontestata bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ġermaniża sa l-aħħar stadju ta' l-investigazzjoni. Minħabba l-pożizzjoni ta' tmexxija tal-BGB f'Berlin, il-Kummissjoni kellha tinsisti fuq din il-miżura sabiex ittaffi b'mod effikaċji għall-effett ta' tagħwiġ ta' l-ammont kbir ħafna ta' għajnuna fuq il-kompetizzjoni fil-qasam tas-servizzi bankarji bl-imnut f'Berlin. Barra minn hekk, il-ftehim dwar ir-rimborż li jappoġġja lill-BGB f'każ ta' ordni ta' ġbir lura, li dak iż-żmien kienet għadha mhux deċiża iżda li tista' tkun possibbli fil-proċedura ta' Landesbank Berlin, kienet miżura addizzjonali ta' għajnuna li kellha titqies għall-miżuri ta' kumpens. Il-bejgħ ta' l-assi tal-Berliner Bank ser inaqqas is-sehem tas-suq tal-BGB fis-sezzjonijiet individwali tal-kummerċ tal-bejgħ bl-imnut ta' Berlin b'madwar terz għal wieħed minn kull sitta bħala riżultat tal-bejgħ.

428. Il-Kummissjoni kellha wkoll tanalizza l-kwistjoni tal-vijabilità tal-BGB għal perjodu ta' żmien twil flimkien ma' l-abolizzjoni li dalwaqt issir tal-garanziji statali eżistenti (Anstaltslast & Gewährträgerhaftung). Din il-kwistjoni kellha terġa' tiddaħħal bl-għajnuna ta' konsulenti esterni meta l-ewwel proċedura biex jinbiegħu l-ishma li kellha l-Land fil-BGB falliet f'Marzu 2003. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri għar-ristrutturar li diġà twettqu u dawk ippjanati għall-futur huma raġonevoli, loġiċi u fundamentalment xierqa sabiex il-BGB tkun tista' terġa' tikseb il-vijabilità tagħha.

*France Telecom*

429. F'Diċembru 2002, l-Awtoritajiet Franċiżi nnotifikaw lill-Kummissjoni l-miżuri ppjanati biex France Télécom (FT) tinħareġ mill-kriżi finanzjarja tagħha. Dawn il-miżuri kienu jinkludu, b'mod partikolari, it-twaqqif min-naħa ta' l-ERAP (korp pubbliku) ta' avvanz mill-azzjonisti ta' EUR 9 biljun fil-forma ta' faċilità ta' kreditu. Dan l-avvanz kien parti mill-pjan għar-ristrutturar imsejjaħ "*Ambition 2005*", li kien ippreżentat mill-amministrazzjoni l-ġdida ta' l-intrapriża fl-4 ta' Diċembru 2002. Minħabba d-dubji dwar il-kompatibilità tal-miżuri notifikati mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, f'Jannar 2003, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni formali

[268] Crédit Lyonnais, ĠU L 221 tat-8.8.1998, p.72.

dwar il-proġett tas-self mill-azzjonisti[269]. L-investigazzjoni formali kopriet ukoll skema ta' taxxa għall-kummerċ (*taxe professionnelle*) applikabbli għall-FT. Fit-2 ta' Awissu 2004, il-Kummissjoni għalqet l-investigazzjoni tagħha fiż-żewġ aspetti.

*L-iskema tat-taxxa tal-kummerċ ("taxe professionnelle")*[270]

430. L-iskema tat-taxxa konċernata tinvolvi għajnuna mill-Istat, li hija inkompatibbli mat-Trattat KE u trid tinġabar lura.

431. Bejn l-1994 u l-2002, il-FT gawdiet minn kondizzjonijiet speċjali fejn għandhom x'jaqsmu t-taxxi lokali. Il-Kummissjoni qieset li, billi ma ġabarx l-ammont sħiħ tat-taxxa professjonali matul dan il-perjodu, l-Istat ta vantaġġ lill-FT li jlaħħaq għal miżura ta' għajnuna mill-Istat. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti[271], il-Kummissjoni ma laqgħetx l-argument li qajmu l-awtoritajiet Franċiżi li għajnuna bħal din tista' titqies bħala "kkumpensata" minn ħlasijiet oħrajn li kienet soġġetta għalihom l-FT f'aspetti oħrajn. Skond tagħrif mogħti mill-awtoritajiet Franċiżi, l-istima ta' l-iffrankar li għamlet l-FT marbut ma' din l-iskema speċifika tat-taxxa tal-kummerċ hija ta' bejn it-800 miljun EUR u 1.1 biljun EUR . L-ammont eżatt ta' għajnuna se jkun determinat mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet Franċiżi, waqt il-proċedura tal-ġbir lura.

*Is-self antiċipat ta' l-azzjonisti*[272]

432. Il-kuntest fattwali huwa element ewlieni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni: Fis-snin ta' qabel, l-FT kienet akkumulat dejn kbir (63 biljun EUR fl-aħħar ta' l-2001) u fl-2002, is-suq kien antiċipa li kien se jkun diffiċli għall-FT biex terġa' tiffinanzja dan id-dejn. F'Lulju ta' l-2002, meta l-istatus ta' l-FT kien għoddu wasal biex jitbaxxa għall-grad ta' investiment riskjuż ħafna, il-gvern iddikjara pubblikament l-intenzjoni tiegħu li jappoġġja l-kumpanija. Kull ċaqliq 'l isfel fl-istatus ta' l-FT għall-grad ta' investiment riskjuż ħafna kien ser ikollu konsegwenzi serji għall-kumpanija. L-Istat ikkonferma pubblikament l-appoġġ tiegħu għall-intrapriża f'Settembru, f'Ottubru u f'Diċembru 2002 u l-istatus qatt ma niżel għall-grad ta' investiment riskjuż ħafna. F'din l-okkażjoni ta' l-aħħar, stqarrija għall-istampa tal-Ministeru għall-Ekonomija ħabbret li l-FT kienet ser toħroġ ishma ġodda u kien antiċipat li l-Istat kien se jipparteċipa fil-ħruġ ta' l-ishma billi joffri l-avvanz imsemmi ta' l-azzjonisti.

433. L-avvanz ta' l-azzjonisti offrut lill-FT f'Diċembru 2002 fih komponenti ta' għajnuna. L-offerta ta' l-avvanz ta' l-azzjonisti tejbet b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-operatur. Dan il-benefiċċju kien provdut billi ntużaw ir-riżorsi ta' l-istat għaliex inħolqot responsabbiltà supplimentari potenzjali għar-riżorsi ta' l-Istat. L-Istat għamel offerta definita u sempliċement billi ffirma l-kuntratt tas-self ta' l-azzjonisti l-FT setgħet tiżgura d-dritt tal-ħlas tad- 9 biljun EUR.

434. L-offerta ta' l-avvanz ta' l-azzjonisti ma tistax titqies waħidha iżda fl-isfond tad-dikjarazzjonijiet tal-gvern minn Lulju sa Diċembru 2002. Id-dikjarazzjonijiet ħolqu tamiet u kunfidenza fis-swieq finanzjarji u għenu biex jinżamm l-istatus ta' l-

269 Ara l-punti 526 ss tar-Rapport Annwali tal-Kompetizzjoni ta' l-2003,.
270 Id-Deċiżjoni tat-2.8.2004, C/13/B/2004.
271 Il-Qorti tal-Ġustizza, 2.7.1974, Il-Każ 173/73, l-Italja/Il-Kummissjoni, ECR. 709.
272 Id-Deċiżjoni tat-2.8.2004, C/13/A/2004

investiment ta' l-FT. Kieku ma sarux id-dikjarazzjonijiet, l-ebda investitur sensibbli ma kien ser joffri avvanz ta' azzjonista f'dawn iċ-ċirkustanzi u jassumi waħdu riskju finanzjarju kbir ħafna.

435. Madankollu l-Kummissjoni rrikonoxxiet li ma setgħetx tegħleb id-diffikultajiet biex tidentifika b'mod preċiż l-effetti ekonomiċi ta' l-għajnuna konċernata u b'hekk tikkwantifika l-ammont li għandu jinġabar lura. L-ordni tal-ġbir lura f'sitwazzjoni bħal din tista' tikkostitwixxi ksur tad-dritt għal difiża ta' l-Istati Membri. Barra minn hekk il-Kummissjoni nnotat li din kienet l-ewwel darba li għajnuna rriżultat minn avvenimenti li seħħew qabel in-notifika u qabel l-għajnuna nfisha. Ladarba Franza nnotifikat din il-miżura, operatur ekonomiku seta' jistenna leġittimament li l-Istat josserva l-obbligi tiegħu skond it-Trattat. Għalhekk, l-ordni tal-ġbir lura f'sitwazzjoni bħal din tista' tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' tama leġittima. Wara li qieset dan kollu, il-Kummissjoni ma ordnatx li l-għajnuna tinġabar lura.

*Bull*[273]

436. Fis-16 ta' Marzu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura ta' l-Artikolu 88(2) fir-rigward ta' l-għajnuna ġdida għar-ristrutturar favur Bull. Bull tipproduċi *servers* tal-kompjuter u hija attiva fis-swieq tas-servizzi relatati. L-għajnuna notifikata tlaħħaq għal 517 miljun EUR u hija daqs l-għajnuna għas-salvataġġ mogħtija fl-2002 bl-imgħax akkumulat. Jiddependi skond il-profitti reali, madwar 50 sa 60 miljun EUR għandhom imorru lura għand l-awtoritajiet Franċiżi fuq il-bażi ta' klawsola fil-kuntratt ta' l-għajnuna. Fid-deċiżjoni tagħha ta' l-1 ta' Diċembru, il-Kummissjoni qieset li, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, l-għajnuna ma kisritx il-"prinċipju ta' "darba biss-qatt aktar" u nnotat li għandha titħallas biss wara r-rimborż ta' l-għajnuna għas-salvataġġ li ngħatat qabel.

*Lloyd Werft Bremerhaven GmbH*[274]

437. Fit-8 ta' Settembru, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra għajnuna għas-salvataġġ mill-Ġermanja lit-tarzna Ġermaniża Lloyd Werft Bremerhaven GmbH.

438. Il-kumpanija kienet applikat għall-insolvenza wara li klijent irrifjuta li jħallas l-aħħar rata għax-xogħlijiet ta' konverżjoni ta' vapur tal-krużis. Il-vapur kien għereq fl-14 ta' Jannar 2004 fit-tarzna tal-kumpanija wara maltemp qawwi. Sabiex tkompli taħdem, il-kumpanija ħtieġet finanzjament intermedju ta' 10 miljun EUR. Is-self ingħata f'April 2004 f'partijiet indaqs minn istituzzjoni finanzjarja pubblika u minn żewġ istituzzjonijiet privati, filwaqt li s-self privat kien appoġġjat parzjalment minn garanzija pubblika.

439. Il-Kummissjoni aċċettat, skond il-punt 23 tal-Linji ta' Gwida għas-Salvataġġ u għar-Ristrutturar ta' l-1999, li s-self jingħata għal perjodu ta' 6 xhur u kellu jiġi rrimborżat tul perjodu addizzjonali ta' mhux aktar minn 12-il xahar wara l-ħlas ta' l-aħħar pagament lill-kumpanija. Il-Kummissjoni qablet ma' dan il-perjodu minħabba li s-self kien maħsub biss biex jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi ta' ġrajja

273 C10/04 (ex N94/04).
274 NN 37/04 (ex N 106/04), Id-Deċiżjoni tat-8.9.2004.

esterna u ma deherx li huwa injezzjoni ta' likwidità f'kumpanija li kienet tkun f'diffikultà kieku ma kienx hemm maltemp. B'mod partikolari, il-Kummissjoni qieset impenn min-naħa tal-gvern Ġermaniż li jirrapporta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija. L-għajnuna tħallset lura fi żmien 6 xhur.

*It-tarznari pubbliċi Spanjoli*[275]

440. Fit-12 ta' Mejju, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-għajnuna mogħtija lit-tarznari pubbliċi Spanjoli ma kinitx skond ir-regoli tal-KE dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni stabbiliet li, fl-1999 u fl-2000, il-kumpanija *holding* ta' l-Istat, *Sociedad Estatal de Participaciones Industriales* (SEPI) tat għajnuna li kienet tiswa 500 miljun EUR lit-tarznari pubbliċi ċivili li llum huma kollha l-proprjetà ta' l-IZAR. L-għajnuna kienet fil-forma ta' injezzjoni ta' kapital ta' 252.4 miljun EUR fis-sena 2000, self li jlaħħaq għal 192.1 miljun EUR u prezz tax-xiri ta' 55.9 miljun EUR aktar mill-valur fis-suq meta s-SEPI xtrat tliet tarznari fl-1999. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri t'hawn fuq ikkostitwew għajnuna addizzjonali mill-Istat li, wara l-approvazzjoni ta' pakkett finali għar-ristrutturar fl-1997, ma setgħux jibqgħu jiġu approvati skond ir-regoli ta' l-UE ta' l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti. Minħabba li l-IZAR diġà kienet ħallset lura s-self ta' 192.1 miljun EUR, l-ammont li kellu jinġabar lura mingħand l-IZAR kien ilaħħaq għal 308.3 miljun EUR, flimkien ma' l-imgħax.

441. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni oħra, li stabbiliet li fl-2000 is-SEPI kienet tat 556 miljun EUR oħra lit-tarznari pubbliċi ċivili.

442. L-għajnuna kienet fil-forma ta' injezzjoni ta' kapital ta' 1477 miljun EUR lill-IZAR fl-2000. Il-parti ta' l-injezzjoni ta' kapital li ma titqiesx bħala għajnuna mill-Istat (921 miljun EUR) intużat biex ikunu koperti l-ispejjeż soċjali u spejjeż oħrajn marbutin ma' l-attivitajiet militari fl-imgħoddi u ta' dan l-aħħar ta' l-IZAR u tal-predeċessur tagħha, Bazán. Il-fondi għall-attivitajiet militari fil-prinċipju mhumiex koperti mir-regoli tal-KE għall-għajnuna mill-Istat. L-għajnuna ta' 556 miljun EUR pprovduta għall-attivitajiet ċivili ta' l-IZAR ma kinitx skond ir-regoli tal-KE għall-għajnuna mill-Istat u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li dan l-ammont ukoll kellu jinġabar lura mingħand l-IZAR.

*Għajnuna Olandiża mqabbla*[276]

443. Fl-2003, l-Olanda nnotifikat pjani biex tagħti għajnuna b'appoġġ għal sitt kuntratti ta' bini tal-bastimenti lil erba' tarznari Olandiżi. L-għan ta' l-għajnuna kien biex din tkun ugwali ma' l-għajnuna illegali u inkompatibbli li allegatament kienet offruta minn Stat Membru ieħor lil tarznari f'dak il-pajjiż li kkompetew għall-kuntratti tal-bini tal-bastimenti.

444. Il-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju ddeċidiet li l-Olanda ma setgħetx tagħti din l-għajnuna. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-Qorti kienet diġa stabbiliet il-prinċipju li Stat Membru m'għandux jaġixxi waħdu biex jopponi l-effetti ta' għajnuna illegali minn Stat Membru ieħor. B'mod speċifiku, il-Qorti ddeċidiet li mhuwiex possibbli li għajnuna tkun iġġustifikata minħabba li Stati Membri oħrajn jagħtu għajnuna illegali.

---

[275] C 40/00.

[276] C 66/03

445. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-għotja ta' l-istess ammont ta' għajnuna daqs l-għajnuna li hija allegatament illegali mogħtija minn Stat Membru ieħor tal-KE kienet kontra l-prinċipji ġenerali tat-Trattat KE. Il-Kummissjoni kellha wkoll dubji dwar l-allegati provi dwar jekk l-għajnuna fl-Istat Membru l-ieħor kinitx disponibbli .

*Huta Częstochowa SA*[277]

446. Fid-19 ta' Mejju, il-Kummissjoni ħadet l-ewwel deċiżjoni tagħha barra l-proċedura tranżitorja biex tniedi investigazzjoni dettaljata dwar l-għajnuna li possibbilment kienet ingħatat lil kumpanija fi Stat Membru ġdid. Il-kumpanija konċernata hija l-produttriċi Pollakka ta' l-azzar Huta Częstochowa S.A. L-Istat Pollakk qiegħed jaħseb biex jieħu miżuri finanzjarji bil-għan li jirristruttura l-kumpanija. Il-Kummissjoni issa qiegħda tfittex kjarifika dwar jekk u liema tip ta' għajnuna għar-ristrutturar ingħatat u/jew ser tingħata lill-kumpanija.

**KAXXA 8: L-għajnuna għar-ristrutturar u l-kunċett ta' "kumpanija ġdida"**

F'żewġ deċiżjonijiet negattivi ta' l-20 ta' April u tat-22 ta' Settembru[278] li jikkonċernaw kumpaniji Franċiżi tat-tiswija tal-bastimenti, il-Kummissjoni applikat il-premessa 7 tal-Linji ta' Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tad-ditti li jkunu f'diffikultà[279], li teskludi lill-kumpaniji li għadhom kemm ġew stabbiliti milli jkunu eliġibbli għall-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar.

Ir-raġuni fundamentali ta' din id-dispożizzjoni hija biex teskludi kumpaniji li, minkejja li jistgħu jiltaqgħu ma' problemi tal-bidu, mhumiex ditti f'diffikultà kif deskritt mil-Linji ta' Gwida. Id-deċiżjonijiet jikkjarifikaw li s-sejba li l-kumpaniji għadhom kemm ġew stabbiliti għandha tkun ikkaratterizzata fundata fuq bażi kemm legali kif ukoll ekonomika.

Fil-każijiet ikkonċernata, iż-żewġ kumpaniji kienu entitajiet legali ġodda, kienu ħadu l-kontroll ta' l-assi u l-impjegati tas-sewweja tal-bastimenti ta' qabel, u kienu bdew l-attività tagħhom mingħajr dejn u obbligi relatati ma' l-attivitajiet tagħhom ta' qabel. Għalhekk, kellhom jitqiesu bħala entitajiet ekonomiċi ġodda, li misshom inħalqu biss jekk kienu vijabbli fil-kondizzjonijiet eżistenti tas-suq. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna għar-ristrutturar għaż-żewġ kumpaniji kienet inkompatibbli mas-suq komuni.

Madankollu, il-Kummissjoni approvat parti mill-għajnuna bħala għajnuna għall-investiment reġjonali u bħala għajnuna għat-taħriġ. Fejn għandha x'taqsam il-bqija ta' l-għajnuna, il-Kummissjoni ordnat li tinġabar lura.

*Skemi ta' Spanja u tal-Ġermanja għall-finanzjament tal-bastimenti*

447. F'Marzu u f'Lulju rispettivament, il-Kummissjoni approvat l-iskemi ta' Spanja u tal-Ġermanja għall-finanzjament tal-bastimenti[280]. Dawn l-iskemi tqiesu li huma konformi ma' l-Arranġament ta' l-OECD dwar krediti għall-esportazzjoni li jibbenefikaw minn għajuna pubblika. Skond dan l-Arranġament, il-ħlas ta' l-imgħax

277 C 20/2004 (ex NN 25/2004), id-Deċiżjoni tat-12.8.2004.

278 C 55/2002 (ex NN 53/2002), Għajnuna għat-tiswija tal-bastimenti SORENI, Le Havre, id-Deċiżjoni ta' l-20.4.2004; C 34/2003 (ex N 728/2002), Għajnuna għat-tiswija tal-bastimenti CMR, Marseille, id-Deċiżjoni tat-22.9.2004.

279 ĠU C 288 tad-9.10.1999, p.2.

280 N 811/a/2002 u N20/2004.

dovut mill-proprjetarji tal-bastimenti huwa bbażat fuq ir-Rata ta' Referenza ta' l-Imgħax Kummerċjali rilevanti. Is-sistemi ma jkoprux ir-riskju tal-kreditu tax-xerrej.

*Emendi għall-pjan ta' investiment ta' Hellenic Shipyards*

448. Fit-23 ta' April, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedura formali ta' investigazzjoni skond l-Artikolu 88(2) KE[281] fir-rigward ta' numru ta' emendi għall-pjan għar-ristrutturar ta' *Hellenic Shipyards*. Fl-1997, wara l-approvazzjoni tal-maħfra tad-djun ta' *Hellenic Shipyards* skond ir-Regolament tal-Kunsill 1013/97, li pprovda għal għajnuna għal ċerti tarznari li qed jiġu ristrutturati[282], il-Kummissjoni kienet approvat l-għajnuna għall-investiment immirata lejn ir-ristrutturar tat-tarzna fuq il-bażi ta' pjan ta' investiment imressaq quddiem il-Kummissjoni skond is-Seba' Direttiva għall-Bini tal-Bastimenti[283]. L-emendi sussegwenti għal dan il-pjan ta' investiment ma ġewx innotifikati lill-Kummissjoni. Għalhekk, l-awtoritajiet Griegi naqsu li jirrispettaw it-termini tas-Seba' Direttiva għall-Bini tal-Bastimenti, skond liema l-Kummissjoni awtorizzat il-pjan ta' investiment fl-1997, li tipprovdi li l-Kummissjoni trid tkun innotifikata b'kull emenda għall-għajnuna eżistenti li hija koperta mid-Direttiva[284]. Naqsu wkoll milli jħarsu l-kondizzjonijiet tal-Linji ta' Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tad-ditti li jinsabu f'diffikultà li jippermettu l-emenda għal pjan għar-ristrutturar meta ssir in-notifika u bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet.

449. Meta fetħet il-proċedura formali ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni esprimiet ukoll dubji serji dwar jekk kinux intlaħqu l-kondizzjonijiet li taħthom kienet approvata l-għajnuna fid-deċiżjoni tagħha ta' l-1997 u jekk ingħatatx għajnuna ġdida għall-pjan ta' investiment. Għajnuna bħal din ma kinitx tkun kompatibbli mas-suq komuni minħabba l-prinċipju ta' "darba biss – qatt aktar" u l-ħtieġa espliċita tar-Regolament tal-Kunsill 1013/97 li jipprojbixxi għajnuna għat-tarznari kollha li bbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tiegħu.

*Għajnuna lil Hellenic Shipyards*[285]

450. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni negattiva li għalqet il-proċedura formali ta' investigazzjoni ta' l-Artikolu 88(2) li nfetħet fl-2002[286] fir-rigward ta' żewġ miżuri għall-għajnuna lil *Hellenic Shipyards*.

451. Id-deċiżjoni tordna lill-awtoritajiet Griegi biex jirrevokaw id-dispożizzjonijiet 5(20) u 6(4) tal-Liġi 2941/2001, li jipprovdu rispettivament li l-Istat għandu ikopri l-ispejjeż tal-futur għall-irtirar ta' l-impjegati ta' *Hellenic Shipyards* u li *Hellenic Shipyards* kienu meħlusa minn kull taxxa jew obbligu oħra ta' dazju fejn għandhom x'jaqsmu r-riservi li huma ħielsa mit-taxxa skond il-liġi, ir-riservi u l-ammonti speċjali għaż-żjieda tal-kapital ta' l-ishma, sakemm dawn jintużaw biex jibbilanċjaw

281 C 16/04 L-emendi għall-pjan ta' investiment tat-tarznari Griegi, ĠU C 202 ta' l-10.8.2004, p.3.

282 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1013/97 tat-2 ta' Ġunju 1997 dwar l-għajnuna għal ċerti tarznari li qed jiġu ristrutturati, 1997 ĠU L 148 tas-6.6.1997, p. 1.

283 L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/684 tal-21.12.1990 dwar l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti, 1990 ĠU L 380, p.27.

284 L-Artikolu 11(1).

285 C 40/02.

286 C 40/02 (ex N 513/01) Għajnuna lil *Hellenic Shipyards*, ĠU C 186 tas-6.8.2002, p. 8.

it-telf tas-snin ta' qabel. Il-Kummissjoni sabet li dawn il-miżuri huma inkompatibbli mat-Trattat, għaliex jikkostitwixxu għajnuna għall-ħidma li mhix provduta mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1540/98 tad-29 ta' Ġunju 1998 li jistabbilixxi regoli ġodda dwar l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti[287], li kien fis-seħħ fiż-żmien meta kienu adottati l-miżuri. L-awtoritajiet Griegi kienu wkoll ordnati jiġbru lura kull għajnuna li setgħet diġà ngħatat skond dawn id-dispożizzjonijiet.

*Postabank/Erste Bank Hungary Rt.,*

452. Fl-2003 u fl-2004, ir-Repubblika ta' l-Ungerija nnotifikat lill-Kummissjoni serje ta' miżuri favur *Postabank és Takarékpénztár (Postabank)* skond dik li tissejjaħ proċedura ta' mekkaniżmu tranżitorja provduta fl-Anness IV.3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni. L-awtoritajiet Ungeriżi adottaw il-miżuri nnotifikati matul il-perjodu mill-1995 sa l-2003 biex jgħinu r-ristrutturar tal-*Postabank* u jiffaċilitaw il-privatizzazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni fetħet l-investigazzjoni formali fl-20 ta' Ottubru 2004[288]. Il-*Postabank* kienet eventwalment ipprivatizzata f'Ottubru 2003 meta l-gvern biegħ l-interess tiegħu ta' 99.9% lill-*Erste Bank* ta' l-Awstrija. Fl-1 ta' Settembru 2004 il-*Postabank* amalgamat mas-sussidjarja Ungeriża ta' l-*Erste Bank*.

453. Il-Kummissjoni awtorizzat serje ta' miżuri għar-ristrutturar mogħtija fl-imgħoddi mill-awtoritajiet Ungeriżi favur il-*Postabank*, iżda fetħet proċeduri investigattivi formali dwar dawk li jissejħu "L-indennizz għal talbiet mhux magħrufa" li l-bank, li nbiegħ lill-*Erste Bank* fl-2003, jista' jkollu jiffaċċja minn Mejju, meta l-Ungerija saret membru ta' l-Unjoni Ewropea. "L-indennizz għal talbiet mhux magħrufa" jista' jwassal għal talbiet addizzjonali lil hinn minn dak li kien definit b'mod ċar sad-data ta' l-adeżjoni. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni temmen li l-ambitu u l-ammont ta' appoġġ finanzjarju provdut lill-*Postabank* fil-futur ma jistax jiġi determinat. Il-Kummissjoni qiegħda tivvaluta "l-Indennizz għal talbiet mhux magħrufa" skond il-linji ta' gwida ta' l-UE għall-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar[289].

*Landesbanken Ġermaniżi*

454. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni temmet l-investigazzjonijiet tagħha li kienu ilhom għaddejjin dwar it-trasferiment ta' assi pubbliċi fl-ewwel snin tad-disingħijiet lil seba' Landesbanken Ġermaniżi billi ordnat lill-Ġermanja tiġbor lura madwar € 3 biljun flimkien ma' l-imgħax.

455. Fil-bidu tas-snin 90, il-gvernijiet ta' l-istat Ġermaniż (Länder), li huma proprjetarji tal-banek b'mod parzjali jew sħiħ, ittrasferew id-djar pubbliċi u assi oħrajn biex iżidu l-bażi kapitali tal-banek. Ir-raġuni ewlenija għal dawn it-trasferimenti kienet l-introduzzjoni tad-Direttivi dwar il-Fondi Proprji u s-Solvibilità li ħtieġu li l-banek pubbliċi Ġermaniżi jieħdu ammonti kbar ta' kapital sabiex iżommu l-livell tagħhom ta' l-attivitajiet.

456. It-trasferimenti finanzjarji kkawżaw ilment mill-Assoċjazzjoni tal-Banek Privati Ġermaniżi (BdB) fir-rigward ta' seba' banek[290]: *Westdeutsche Landesbank*

---

287 ĠU L 202 tat-18.7.1998, p.1.
288 C(2004)3932, nru korrenti. C 35-2004
289 http://europa.eu.int/comm/competition/state_aid/legislation/aid3.html#DIII. Il-ftuħ tal-proċeduri formali ma jippreġudikax ir-riżultat finali ta' investigazzjoni.

*Girozentrale (WestLB)* (1991), dak iż-żmien l-akbar fost il-banek pubbliċi Ġermaniżi, iżda wkoll *Landesbank Berlin* (1993), *Norddeutsche Landesbank* (1991), *Bayerische Landesbank* (1994 u 1995), *Hamburgische Landesbank* (1993), *Landesbank Schleswig-Holstein* (1991) u *Landesbank Hessen-Thüringen* (1998).

457. Fl-1999, il-Kummissjoni adottat l-ewwel deċiżjoni negattiva li kienet tikkonċerna t-trasferiment *lil WestLB*. Fl-2003, il-Qorti tal-Prim Istanza annullat id-deċiżjoni billi kienet tal-fehma li l-Kummissjoni ma kinitx spjegat biżżejjed il-kalkoli tagħha iżda kkonfermat is-sustanza tad-deċiżjoni.

458. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni wriet li r-remunerazzjoni miftiehma mil-*Länder* għat-trasferiment ta' l-assi kienet baxxa ħafna (medja ta' inqas minn 1%) u ma kkorrispondietx għall-profitt normali li investitur privat għandu jistenna minn investiment komparabbli mhux bi flus kontanti (li kien ivvalutat għal madwar 6-7% wara t-taxxa, ħlief għal-*Landesbank Hessen-Thüringen* fejn ir-rata ta' l-imgħax għal strument differenti – il-parteċipazzjoni siekta – hija sostanzjalment aktar baxxa).

459. Il-Kummissjoni għalhekk stabbiliet li r-remunerazzjoni mnaqqsa tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tal-KE u ordnat lill-Ġermanja tieħu miżuri ħalli tiġbor lura d-differenza mil-*Landesbanken* (*WestLB*: €979 miljun, *Landesbank Berlin*: €810 miljun, *Norddeutsche Landesbank*: €472 miljun, *Landesbank Schleswig-Holstein:* €432 miljun, *Hamburgische Landesbank:* €91 miljun, *Bayerische Landesbank:* €260 miljun, *Landesbank Hessen-Thüringen*: €6 miljun, fil-każijiet kollha flimkien ma' l-imgħax).

## 3. GĦAJUNUNA REĠJONALI

*Għajnuna lill-produttur Spanjoa ta' l-azzar, is-Siderúrgica Añón SA*[291]

460. Fl-14 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ħarġet deċiżjoni finali negattiva kontra diversi miżuri finanzjarji favur il-produttur Spanjol ta' l-azzar, is-*Siderúrgica Añón SA*. Il-miżuri kienu jikkonċernaw sussidju li jlaħħaq għal madwar 2 miljun EUR, self mingħajr imgħax li jlaħħaq għal madwar 2 miljun EUR, sussidju ta' 25 punt bażi tar-rata ta' l-imgħax kif ukoll il-ħlas tal-formalizzazzjoni ta' self ta' 10 miljun EUR, garanzija fuq 30% ta' l-istess self għal primjum lilhinn mill-kondizzjonijiet tas-suq, u injezzjoni ta' kapital li jlaħħaq għal xi 2 miljun EUR .

461. Il-Kummissjoni qieset li l-injezzjoni ta' dan il-kapital, minn perspettiva ekonomika, trid tkun assimilata ma' self ta' parteċipazzjoni subordinat u li profitt partikolari fuq l-investiment ma kienx jikkorrispondi mar-rati normali ta' l-imgħax imħallsa għal self bħal dan. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri kollha jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Minkejja li l-kumpanija titqies bħala intrapriża ta' daqs medju u l-għajnuna għall-investiment għall-intrapriżi ta' daqs medju, anki fis-settur ta' l-azzar, tista' tkun eżentata, dan ma japplikax għal għotjiet kbar ta' għajnuna individwali, bħall-għajnuna preżenti.

---

290 [Fil-parenteżi d-dati tat-trasferiment tal-kapital]

291 C 95/2001 (ex CP 38/2001 – ex NN 71/2001), Id-Deċiżjoni ta' l-14.7.2004.

*Għajnuna għat-trasport lill-industrija tal-vetturi bil-mutur f'reġjuni l-aktar 'il barra u li ma tantx huma ppopolati*[292]

462. Fit-8 ta' Settembru, il-Kummissjoni ħarġet deċiżjoni ta' nuqqas ta' oġġezzjoni fejn ippermettiet l-għotja ta' għajnuna lill-Volvo b'rabta mat-trasport ta' kabini tat-trakkijiet prodotti fl-impjant tal-Volvo f'Umeå, reġjun li jikkwalifika bħala żona li ma tantx hija ppopolata fit-Tramuntana ta' l-Isvezja.

463. Sal-31 ta' Diċembru 2002, il-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat lill-Industrija tal-Vetturi bil-Mutur[293] ipprojbixxa espressament l-għotja ta' għajnuna għat-trasport lil din l-industrija li tikkwalifika bħala settur sensittiv. Minn meta skada l-Qafas fl-1 ta' Jannar 2003, il-każ tal-Volvo kien l-ewwel notifika li tikkonċerna l-għajnuna għat-trasport lil manifattur tal-vetturi bil-mutur. L-għajnuna kienet permessa minħabba li m'għad fadal l-ebda regola speċifika għall-industrija fis-seħħ li tista' tipprojbixxi jew b'mod ieħor tillimita l-għotja ta' l-għajnuna għat-trasport fir-reġjuni li jikkwalifikaw bħala reġjuni l-aktar 'il barra jew bħala reġjuni li ma tantx huma ppopolati fis-sens tal-Linji ta' Gwida dwar l-Għajnuna Nazzjonali Reġjonali[294].

*Qafas Multisettorjali, it-titwil tal-mapep eżistenti ta' l-għajnuna reġjonali*

464. Fl-2004, l-Istati kollha Aderenti ressqu, skond il-proċedura tranżitorja għall-għajnuna eżistenti msemmija fis-subparagrafu 1(c) tal-paragrafu 3 ta' l-Anness IV tat-Trattat dwar l-Adeżjoni, it-titwil tal-mapep eżistenti ta' l-għajnuna reġjonali tagħhom għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Diċembru 2006. Fost affarijiet oħrajn, l-Istati Membri l-ġodda ntalbu jiżguraw ir-rispett lejn l-ogħla limitu ta' l-għajnuna reġjonali li tnaqqas għall-għajnuna tal-proġetti l-kbar ta' investiment kif previst mill-Qafas Multisettorjali ta' l-2002[295]. Il-Kummissjoni eżaminat dawn il-miżuri u ħarġet deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-Istati Membri l-ġodda kollha. Tabilħaqq, kważi t-territorju kollu ta' kull Stat Membru ġdid huwa eliġibbli għall-istatus ta' l-Artikolu 87(3)(a), bl-uniċi eċċezzjonijiet ikunu t-territorju ta' Ċipru u l-ibliet kapitali ta' Praga u Bratislava.

465. F'Ġunju 2004, l-awtoritajiet Franċiżi nnotifikaw, skond il-kondizzjoni meħtieġa ta' notifika individwali prevista mill-Qafas Multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ta' l-2002, għajnuna ta' 48 miljun EUR favur proġett ta' investment mill-kumpanija *Total France*[296]. Dan il-proġett jimmira lejn il-bidla fundamentali tal-proċess ta' produzzjoni tar-raffinerija li tinsab f'Gonfreville l'Orcher u jirrappreżenta investiment totali ta' 547 miljun EUR. Ser jiżgura l-vijabilità tul perjodu twil ta' żmien ta' l-impjant li jimpjega 1000 ħaddiem u ser joħloq 60 impjieg ġdid.

---

292 N 203/2004 Volvo Lastvagnar AB, Id-Deċiżjoni tat-8.9.2004.

293 ĠU C 279 tal-15.9.1997, p.1.

294 ĠU C 258 tad-9.9.2000, p.5.

295 ĠU C70 tad-19.3.2002, kif emendat mill-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-modifika tal-Qafas Multisettorjali dwar l-għajnuna reġjonali għall-proġetti kbar ta' l-investiment (2002) fir-rigward tat-twaqqif ta' lista ta' setturi li jiffaċċjaw problemi strutturali u dwar proposta ta' miżuri xierqa skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 88 tat-Trattat KE, dwar is-settur tal-vetturi bil-mutur u s-settur tal-fibri sintetiċi", ĠU C 263 ta' l-1.11.2003, pp. 3-4.

296 N 283/2004.

466. Gonfreville l'Orcher jinsab f'reġjun Franċiż li huwa eliġibbli għal għajnuna reġjonali, u l-għajnuna notifikata tingħata mill-awtoritajiet lokali skond skema ta' għajnuna awtorizzata mill-Kummissjoni. Fir-reġjuni li huma eliġibbli għall-għajnuna reġjonali, il-Kummissjoni tqis bħala kompatibbli mas-suq komuni miżuri ta' għajnuna li jappoġġjaw investimenti li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, l-estensjoni ta' stabbiliment eżistenti, jew il-ftuħ ta' attività li tinvolvi bidla fundamentali fil-prodott jew fil-proċess tal-produzzjoni.

467. Skond il-Qafas Multisettorjali ta' l-2002, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-għajnuna individwali li teċċedi ċertu limitu definit li jiddependi fuq l-ogħla limitu standard ta' l-għajnuna reġjonali applikabbli fir-reġjun konċernat. Sabiex tkun ivvalutata l-kompatibilità tal-miżura ta' għajnuna mas-suq komuni, il-Kummissjoni kellha teżamina jekk l-effetti tat-tagħwiġ ta' l-għajnuna fuq il-kompetizzjoni humiex akbar mill-effetti pożittivi tagħha fuq l-iżvilupp reġjonali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni nnotat li l-intensità ta' l-għajnuna proposta ta' 4.9% hija aktar baxxa mill-intensità massima ta' l-għajnuna ta' 8.4% li tista' tiġi approvata skond ir-regoli tal-Qafas Multisettorjali għall-proġetti kbar ta' l-investiment ta' dan id-daqs, li s-sehem tas-suq taż-ŻEE tal-benefiċjarju għall-prodotti konċernati ma jeċċedix il-25%, u li l-investiment mhux ser iżid il-kapaċità tal-produzzjoni madwar iż-ŻEE b'aktar minn 5%. Għalhekk il-Kummissjoni sabet l-għajnuna kompatibbli mas-suq komuni. Dan il-każ kien l-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni skond il-Qafas Multisettorjali ta' l-2002.

*West Cambria, ir-Renju Unit*

468. Fl-4 ta' Awissu, il-Kummissjoni approvat żjieda fl-ogħla limitu ta' l-intensità ta' l-għajnuna minn 10% NGE għal 20% NGE fil-mappa ta' l-għajnuna reġjonali tar-Renju Unit għal żewġ żoni ta' opportunità għall-impjiegi, iż-żoni 22 u 23, li jikkostitwixxu l-West Cumbria, bħala kompatibbli mat-Trattat KE[297]. L-aġġustament isir effettiv minn meta tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u huwa validu sal-31 ta' Diċembru 2006.

469. Fil-mappa inizjali ta' l-għajnuna reġjonali, iż-żoni 22 u 23 huma dawk li jissejħu żoni ta' l-10% skond il-punt 4.8 tal-Linji ta' Gwida għall-għajnuna reġjonali[298]. Il-paragrafu 5.6. tal-Linji ta' Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali jippermetti lill-Kummissjoni tapprova l-aġġustamenti għall-mapep eżistenti ta' l-għajnuna reġjonali matul il-perjodu tal-validità tagħhom jekk jista' jintwera li l-kondizzjonijiet soċjo-ekonomiċi nbidlu b'mod sinifikanti. Jekk jiġi mfittex aġġustament bħal dan f'relazzjoni ma' l-intensitajiet ta' l-għajnuna għal dawk li jissejħu r-reġjuni ċ, l-Istat Membru jrid juri li l-indikaturi soċjo-ekonomiċi li identifika l-Istat Membru biex jagħżel ir-reġjuni ċ marru għall-agħar fuq bażi nazzjonali.

470. It-tagħrif dwar il-GDP u l-qgħad li kien disponibbli kkonferma deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika taż-żewġ żoni ta' opportunità għall-impjiegi konċernati.

---

297 N 177/2004.

298 ĠU C 74 ta' l-10.3.1998, pp.9-31.

*Ir-reġjun tal-Molise*

471. Fit-8 ta' Settembru, il-Kummissjoni approvat l-emendi li pproponew l-awtoritajiet Taljani għall-mappa ta' l-għajnuna reġjonali fir-rigward tar-reġjun tal-Molise[299]. Skond id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-2000 dwar il-mappa Taljana ta' l-għajnuna reġjonali għall-2000-2006, ċerti żoni tar-reġjun tal-Molise huma eliġibbli għall-istatus ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE b'intensità ta' għajnuna ta' 20% NGE, flimkien ma' 10 punti perċentwali totali għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). L-emendi għandhom x'jaqsmu ma' l-inklużjoni ta' ċerti żoni tar-reġjun tal-Molise, fil-mappa Taljana ta' l-għajnuna reġjonali, li qabel ma kinux jingħataw assistenza. Din l-inklużjoni hija bbilanċjata bl-esklużjoni ta' żoni oħrajn tar-reġjun tal-Molise li bħalissa huma eliġibbli u li għandhom l-istess popolazzjoni. It-tieni emenda għandha x'taqsam maż-żjieda ta' l-intensità ta' l-għajnuna fejn għandhom x'jaqsmu l-SMEs biss fiż-żoni-ċ eliġibbli tar-reġjun tal-Molise. Din iż-żjieda tirrispetta l-ogħla limitu ta' l-intensità ta' l-għajnuna provdut fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 70/2001 dwar l-għajnuna mill-Istat lill-SMEs[300], jiġifieri 30% netti fil-każ tar-reġjuni ta' l-Artikolu 87(3)(a). Dawn l-emendi nstabu li huma ġġustifikati minħabba d-deterjorament sinifikanti tal-kondizzjonijiet soċjo-ekonomiċi (żjieda fir-rata tal-qgħad, tnaqqis ġenerali fl-attività ekonomika, tnaqqis ta' GDP/PPS per capita) fiż-żoni rispettivi tar-reġjun tal-Molise, li kienu wkoll affettwati minn żewġ diżastri naturali suċċessivi fi żmien qasir (terremot f'Ottubru 2002 u għargħar f'Jannar 2003). Għalhekk il-Kummissjoni aċċettat li l-emendi kienu skond il-Linji ta' Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali u għalhekk huma kompatibbli mat-Trattat KE. L-aġġustament ikun effettiv meta tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u huwa validu sal-31 ta' Diċembru 2006

*Northern Ireland Venture Scheme*

472. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali li kienet fetħet f'Novembru 2003 u approvat l-iskema "*Invest Northern Ireland Venture 2003"*[301]. L-iskema biħsiebha tinkoraġġixxi l-finanzjament bil-kapital ta' riskju għall-SMEs fl-Irlanda ta' Fuq. Din l-iskema tibni fuq skema umbrella għall-finanzjament bil-kapital ta' riskju lill-SMEs fir-Renju Unit, il-"Kapital għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju u l-Fond tas-Self" (*"Small and Medium Enterprises Venture Capital and Loan Fund,* SMEVCLF)", miżura li kienet approvat il-Kummissjoni fl-2003. Madankollu, hija titbiegħed minn din ta' l-aħħar f'punt wieħed importanti, billi toffri l-possibbiltà li l-SMEs jirċievu ammonti ta' kapital ta' riskju sa £1.5 miljun (2.2 miljun EUR). Dan l-element il-ġdid – għaliex l-iskema SMEVCLF li kienet approvata fil-bidu tipprevedi ammonti massimi ta' 750,000 EUR għal żoni ta' l-Artikolu 87(3)(c) bħall-Irlanda ta' fuq – kien iġġustifikat mir-Renju Unit permezz ta' studju tas-suq. Dan l-istudju juri li hemm differenza fl-injezzjoni ta' kapital ta' riskju li jvarja minn £250,000 sa £1.5 miljun. F'Novembru 2003 il-Kummissjoni kienet fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jikkummentaw dwar il-proposta tar-Renju Unit. Il-kummenti kollha kienu pożittivi u affermaw mill-ġdid il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżura. Minħabba l-elementi pożittivi ta' l-iskema, il-Kummissjoni kkonkludiet li

---

299 N 147/2004.
300 Ir-Regolament (KE) Nru 70/2001, ĠU L 10 tat-13.1.2001.
301 C 72/2003 (ex-N 134/2003).

l-iskema "*Invest Northern Ireland 2003*" tilħaq il-kondizzjonijiet kif stabbiliti fil-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat u l-Kapital ta' Riskju"[302]. Għalhekk sabet li l-miżura hija kompatibbli mas-suq komuni.

*Tremonti bis*

473. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ddeċidiet li skema ta' għajnuna li rriżultat mill-estensjoni tal-perjodu ta' validità sa l-2002 ta' liġi Taljana ta' l-2001 (il-liġi Nru 383/2001 « Tremonti-bis ») li minnha jibbenefikaw ditti li jinvestu fil-muniċipalitajiet affettwati mid-diżastri naturali fl-2002 mhijiex kompatibbli mar-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat tat-Trattat KE[303].

474. L-għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat kkawżati mid-diżastri naturali jew minn avvenimenti eċċezzjonali hija kompatibbli mas-suq komuni (l-Artikolu 87(2)(b) tal-KE). Ladarba l-Kummissjoni kellha d-dubji dwar il-garanziji li kellhom l-għan li jiżguraw li l-vittmi tad-diżastri biss għandhom ikunu kkumpensati u li l-ammont ta' l-għajnuna ma jeċċedix kemm jiswew il-ħsarat, nediet proċedura ta' investigazzjoni formali fis-17 ta' Settembru 2003. Madankollu, l-investigazzjoni dettaljata ma neħħietx dawn id-dubji. Ma kien hemm ebda rabta bejn il-mekkaniżmi ta' l-għajnuna stabbiliti mill-iskema u l-ħsarat li tabilħaqq iġġarrbu. L-ammont ta' l-għajnuna ddependa mill-volum ta' l-investiment magħmul matul ċertu perjodu, l-għadd ta' investimenti li saru fis-snin ta' qabel u l-eżistenza ta' dħul taxxabbli. Minkejja dan, anki f'każijiet fejn min jirċievi tabilħaqq kien sofra minn xi ħsara b'riżultat ta' dawn id-diżastri naturali, l-ammont ta' l-għajnuna seta' jeċċedi kemm tiswa l-ħsara.

475. Madankollu, il-Kummissjoni għarfet li xi pagamenti **individwali** ta' l-għajnuna mogħtija fuq il-bażi ta' l-iskema setgħu jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-kompatibilità anki jekk l-**iskema** hija ddikjarata illegali.

476. Ladarba l-estenzjoni tal-liġi nru 383/2001 ma kinitx innotifikata qabel ma ngħatat l-għajnuna u minħabba li l-Kummissjoni ddikjarat li l-iskema ta' l-għajnuna, bħala tali, hija inkompatibbli mas-Suq Intern, l-Italja ser ikollha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġbor lura l-għajnuna mingħand il-benefiċjarji, ħlief dawk iċ-ċerti pagamenti individwali ta' għajnuna li ngħataw fuq il-bażi ta' l-iskema li tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-kompatibilità skond l-Artikolu 87(2)(b) KE.

## 4. ID-DECIZJONI LI MA TINGHATAX GHAJNUNA

*Il-fondi settorjali Belġjani*

477. Fil-Belġju, f'bosta fergħat ta' attività, is-sħab soċjali, fuq il-bażi ta' deċiżjoni volontarja, jipprovdu għal kontribuzzjoni minn dawk li jħaddmu tas-settur għall-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet soċjali skond il-ħtiġiet tas-settur (l-aktar għat-taħriġ tal-ħaddiema tas-settur), u jinkludu r-rata tal-kontribuzzjoni fil-ftehim kollettiv settorjali tagħhom. Il-ftehimiet kollettivi konklużi fuq il-livell tal-fergħat ta' l-attività (u, konsegwentament, il-kontribuzzjonijiet li huma ppjanati) jsiru obbligatorji bis-saħħa ta' Digriet Irjali għall-kumpaniji kollha li huma parti mis-settur. Il-fondi

302 ĠU C 235 tal-21.8.2001.
303 C 57/2003 (ex-NN 58/2003).

settorjali soċjali li nħolqu b'hekk huma ffinanzjati għalkollox mill-kontribuzzjonijiet tal-kumpaniji tal-fergħat ta' attività konċernati u jamministraw huma stess il-flus miġbura. Il-kumpaniji kollha li jikkontribwixxu għal fond jistgħu jibbenefikaw mill-programmi li huma parzjalment iffinanzjati minn dan il-fond.

478. Il-Kummissjoni kkonċentrat fuq il-mistoqsija jekk din is-sistema inkludietx elementi ta' għajnuna mill-Istat[304]. Biex tiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, ibbażat il-valutazzjoni tagħha fuq l-erba' kriterji kumulattivi li l-Qorti tal-Ġustizzja użat fis-sentenza tagħha ta' *Pearle*[305], fejn kien innotat in-nuqqas ta' riżorsi ta' l-Istat u l-imputabbilità ta' l-Istat. Kif applikati fil-każ ikkonċernat, dawn l-erba' kriterji huma kif ġej:

(1) l-azzjonijiet iffinanzjati mill-fondi settorjali huma għalkollox deċiżi mis-sħab soċjali tas-settur u mhux mill-Istat;

(2) il-finanzjament jiġi 100% mill-kontribuzzjonijiet tal-kumpaniji tas-settur: l-Istat ma jipprovdix parti mill-finanzjament tal-fondi. (Jekk l-Istat jiffinanzja parzjalment ċerti azzjonijiet tal-fondi, dan il-finanzjament konġunt min-naħa ta' l-Istat – u huwa biss – għandu jikkwalifika bħala riżors ta' l-Istat.);

(3) il-metodi u r-rati tal-finanzjament huma wkoll iddeterminati mis-sħab soċjali tas-settur;

(4) m'hemm l-ebda intervent mill-Istat fl-użu tar-riżorsi miġbura.

(5) Ladarba dawn l-erba' kondizzjonijiet ġew issodisfatti fil-każ tal-fondi settorjali Belġjani, il-Kummissjoni nnotat – b'analoġija mal-waqfa ta' Pearle – in-nuqqas ta' riżorsi ta' l-Istat u l-imputabbilità ta' l-Istat u, għalhekk, in-nuqqas ta' għajnuna mill-Istat. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, ibbażata fuq il-ġurisprudenza ta' Pearle, hija importanti biex jiġu nnotati ċerti limiti tal-kunċetti tar-riżorsi ta' l-Istat u ta' l-imputabbilità ta' l-Istat.

## 5. GĦAJNUNA FISKALI

*L-iskema ta' l-għajnuna fiskali għas-settur tar-restoranti*

479. Fl-1 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għal skema li tinvolvi għajnuna għall-impjiegi għas-settur hekk imsejjaħ HCR (*hotels, cafes and restaurants* – lukandi, kafejiet u restoranti) ġewwa Franza.[306]

480. Sabiex jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u tar-remunerazzjoni fis-settur, l-awtoritajiet Franċiżi nnegozjaw ftehim ma' l-organizzazzjonijiet rilevanti ta' l-impjegati u ta' dawk li jħaddmu li prinċipalment jipprevedi żjidiet fis-salarji u vaganzi addizzjonali mħallsa. Karatteristika partikolari tas-settur ta' l-HCR hija li l-paga minima rispettiva hija inqas mill-paga minima legali għas-setturi ekonomiċi ta' attività oħrajn.

[304] NN 136/03
[305] C-345/02 tal-15.7.2004
[306] N 330/2004

481. Bħala kumpens għall-ispejjeż addizzjonali li jridu jġorru dawk li jimpjegaw, l-awtoritajiet Franċiżi ddeċidew li jagħtu għotjiet kull xahar lill-kumpaniji li l-impjegati tagħhom jaqilgħu salarji ta' l-inqas daqs il-paga minima legali applikabbli f'setturi ta' attività oħrajn. Il-miżura qiegħda għal perjodu ta' 18-il xahar bejn l-1 ta' Lulju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2005.

482. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe bażi legali Komunitarja li fiha dispożizzjonijiet espliċiti biex jiġu eżentati każijiet bħal dawn, kienet meħtieġa valutazzjoni direttament fuq il-bażi ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat. B'hekk, il-Kummissjoni kellha tiżen il-kontribuzzjoni ta' l-għajnuna fl-interess komuni ta' l-UE kontra l-impatt tagħha fuq il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u fuq il-kompetizzjoni fis-suq komuni.

483. L-inkoraġġiment ta' l-impjiegi u t-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol jikkostitwixxu b'mod ċar għanijiet prijoritarji ta' interess komuni għall-UE li huma integrati fit-Trattat u fl-istrateġija Ewropea għall-impjiegi b'mod sod. Fir-rigward ta' l-impatt ta' l-iskema fuq il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u fuq il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni sabet li dan għandu jkun pjuttost limitat għal għadd ta' raġunijiet, l-aktar għaliex is-servizzi tar-restoranti huma essenzjalment attività lokali u mhux negozjabbli u għaliex l-ispejjeż li jħallsu dawk li jħaddmu huma aktar mill-ammont ta' l-appoġġ mill-Istat u, differenti mill-għajnuna, huma ta' natura perenni. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-miżura kienet kompatibbli mas-suq komuni.

484. Din id-deċiżjoni hija konformi mal-politika ġenerali tal-Kummissjoni għall-għajnuna mill-Istat u, b'mod partikolari, ma' l-għan li l-għajnuna terġa' tiġi diretta lejn għanijiet orizzontali ta' interess komuni li ġie rrikonoxxut minn Kunsilli Ewropej suċċessivi.

*GIE Fiscaux*

485. Fl-14 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali biex tivverifika l-kompatibilità mar-regoli Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat ta' l-istrument fiskali Franċiż imsejjaħ «GIE fiscaux».

486. L-Artikolu 39 C tal-Kodiċi Ġenerali Franċiż tat-Taxxa (CGI) jistipula li d-deprezzament li jista' jitnaqqas b'mod fiskali ta' proprjetà mikrija minn intrapriża ekonomika konġunta (EIG) ma jistax ikun aktar mill-ammont ta' kera mħallsa. Madanakollu, l-Artikolu 39 CA tas-CGI[307] jipprovdi għal eżenzjoni minn dan il-prinċipju. Skond dan l-Artikolu, l-operazzjonijiet tal-finanzjament li jippreżentaw interess sinifikanti ekonomiku u soċjali mhumiex soġġetti għal-limitazzjoni ta' deprezzament li jista' jitnaqqas. Il-preżenza ta' karattru sinifikanti ekonomiku u soċjali hija apprezzata mill-Ministeru għall-baġit li mbagħad jagħti approvazzjoni lill-kumpanija li qed tagħmel l-investiment.

487. Iridu jiġu mħarsa diversi kondizzjonijiet oħra biex wieħed jibbenefika mit-tneħħija tal-limitu massimu tad-deprezzament. Il-proprjetà mikrija għandha tkun deprezzabbli għall-inqas tul tmien snin. Il-prezz tal-akkwist għandu jikkorrispondi għall-prezz fis-suq. L-utent aħħari jrid ikun kumpanija li tutilizza l-proprjetà fl-ambitu tal-qafas ta'

307 L-eżenzjoni ta' l-Artikolu 39 CA tas-CGI kienet introdotta bl-Artikolu 77 tal-liġi nru 98-546 tat-2 ta' Lulju 1998 li jistabbilixxi sistema ta' deprezzament favorevoli għall-profitt ta' ċerti kumpaniji approvati mill-Ministeru għall-baġit.

l-attività normali tagħha u għandha tkun tista' takkwista l-proprjetà fuq bażi permanenti fl-aħħar tal-kuntratt tal-kera/tax-xiri. L-assi eliġibbli, ħlief għall-bastimenti, għandhom jiġu akkwistati bħala prodotti ġodda:

– Minħabba li l-*GIE Fiscaux* huma strumenti trasparenti b'mod fiskali, huma l-membri li jikkostitwixxu l-GIE li jibbenefikaw direttament mit-tneħħija tal-limitu massimu tad-deprezzament. Madanakollu, l-arranġament jistipula espressament li żewġ terzi tal-vantaġġ li jinkiseb b'dan il-mod għandu jiġi trasferit lill-utent aħħari fil-forma ta' tnaqqis fil-kera jew tnaqqis fil-prezz għall-għażla tax-xiri. Aktar minn hekk, il-bejgħ mill-ġdid tal-proprjetà lill-utent aħħari huwa s-suġġett ta' eżenzjoni mill-apprezzament tat-trasferiment.

– Il-GIE, li ġeneralment huma magħmula minn istituzzjonijiet finanzjarji, jakkwistaw il-proprjetà li għandha tkun iffinanzjata u jikruha lill-utent aħħari. Ladarba d-deprezzament li jkun qed jonqos u l-ispejjeż tal-bank li jinġarru mill-EIG huma kkonċentrati fl-ewwel snin tat-tħaddim tal-kera, ir-riżultati ta' l-EIG juru defiċit notevoli matul dan il-perjodu. Ir-riżultati tagħhom isiru pożittivi biss aktar tard meta l-ammont tal-krejja mħallsa jeċċedi t-total tat-taxxi. Minħabba li huma soġġetti għas-sistemi tat-taxxa tas-sħubijiet, l-EIG jistgħu jattribwixxu d-defiċits innotati b'dan il-mod matul l-ewwel snin tal-ħidma għall-profitti taxxabbli mwettqa mill-membri tagħhom b'rata ta' l-attivitajiet korrenti tagħhom. Għaldaqstant, dan jagħti l-opportunità lill-membri ta' EIG jnaqqsu l-ammont tad-dħul taxxabbli tagħhom.

488. Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni qieset li l-arranġament kien jikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli. Il-Kummissjoni qieset li kemm il-membri ta' l-GIE fiskali kif ukoll l-utenti ta' l-assi mikrija lilhom mill-EIG ibbenefikaw minn vantaġġi selettivi fi ħdan il-qafas ta' dan l-arranġament. Il-Kummissjoni, b'mod partikolari, enfasizzat li l-arranġament applika l-aktar għas-settur tat-trasport marittimu. Il-partijiet terzi interessati u b'mod partikolari dawk li jirċievu l-arranġament u l-persuni li setgħu jirċievu approvazzjoni fi ħdan il-qafas ta' l-arranġament kienu mistiedna jagħmlu l-kummenti tagħhom.

*L-inċentivi fiskali għall-parteċipazzjoni fil-fieri*

489. Fit-22 ta' Settembru, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-inċentivi speċjali tat-taxxi għall-kumpaniji li jieħdu sehem fil-fieri kummerċjali ta' barra mill-pajjiż (disponibbli skond l-Artikolu 1(1)(b) tal-liġi Taljana tal-baġit ta' l-2004) huma inkompatibbli mas-suq komuni[308]. L-Artikolu 1(1)(b) jipprovdi għal esklużjoni doppja ta' l-infiq li l-intrapriżi weħlu direttament fl-2004 fejn għandha x'taqsam il-parteċipazzjoni tagħhom fil-fieri kummerċjali ta' barra l-pajjiż mid-dħul taxxabbli għat-taxxa tal-korporazzjonijiet fl-Italja. Din l-esklużjoni tad-dħul tidderoga mir-regoli normali minħabba li tikkostitwixxi tnaqqis addizzjonali fejn għandu x'jaqsam it-tnaqqis ordinarju ta' l-infiq tan-negozju permess mill-kodiċi tat-taxxa Taljan. Id-deċiżjoni saret wara investigazzjoni dettaljata li nfetħet f'Marzu ta' l-2004.

490. Il-Kummissjoni qieset li l-iskema tgħawweġ il-kompetizzjoni għaliex tipprovdi vantaġġ ta' taxxa li jimmira biex itejjeb il-kondizzjonijiet tal-kummerċ tal-kumpaniji

[308] C12/2004.

Taljani li jaħdmu barra mill-pajjiż. Għalhekk, deher li grupp limitat ta' benefiċjarji li jwettqu attivitajiet relatati ma' l-esportazzjoni biss jistgħu jibbenefikaw minnha, u għalhekk ikkostitwiet għajnuna li taffettwa b'mod dirett il-kompetizzjoni u l-kummerċ min-naħa għall-oħra tal-fruntiera, inkluż il-kummerċ ma' Stati Membri oħrajn. L-Italja hija mitluba tiġbor lura l-għajnuna mħallsa b'mod illegali lill-benefiċjarji, ħlief għall-parti ta' l-għajnuna li għandha x'taqsam mal-50% ta' l-ispejjeż li rriżultaw mill-ewwel parteċipazzjoni ta' l-SMEs f'wirja ta' fiera fejn għandu x'jaqsam suq ġdid.

*L-eżenzjoni mit-Taxxa fuq il-Beni Immobbli*

491. Fl-1 ta' Diċembru, il-Kummissjoni parzjalment approvat skema li teżenta temporanjament lill-kumpaniji tad-djar mit-taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà ta' beni immobbli f'każ ta' amalgamazzjonijiet li jinvolvu l-proprjetà fin-Neue Länder[309]. Skond il-mappa korrenti ta' l-għajnuna reġjonali (2000-2006) għall-Ġermanja, il-partijiet ewlenin ta' Brandenburg, Mecklenburg-Vorpommern, Sachsen, Sachsen-Anhalt u Thüringen huma żoni assistiti skond l-Artikolu 87(3)(a), filwaqt li r-reġjun tas-suq tax-xogħol ta' Berlin (li jinkludi lil Berlin u ż-żoni ta' madwar Brandenburg) jikkwalifika għal għajnuna skond l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE. Tnaqqis konsiderevoli fil-popolazzjoni minħabba rati baxxi ta' twelid u emigrazzjoni massiva, rata għolja ta' postijiet tax-xogħol battala flimkien ma' telf sinifikanti minħabba krejja li ma tħallsux u inċertezza minħabba azzjonijiet pendenti għar-radd jikkaratterizzaw is-suq tal-proprjetà ta' beni immobbli fin-Neue Länder. L-eżenzjoni mit-taxxa fuq it-trasferiment tal-proprjetà ta' beni immobbli ser tagħti l-opportunità lill-kumpaniji tad-djar biex jingħaqdu ħalli jegħlbu dawn l-isfidi multipli.

492. Għal dawk il-partijiet tal-miżura li huma limitati għal żoni skond is- 87(3)(a), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura tista' tkun approvata minħabba l-iżvantaġġi partikolari, il-livell limitat ta' tagħwiġ tal-kompetizzjoni, il-perjodu ta' żmien limitat, u l-effetti pożittivi mistennija tal-miżura dwar is-suq tad-djar u l-iżvilupp soċjo-ekonomiku. Għar-reġjun tas-suq tax-xogħol ta' Berlin, fejn ir-rati ta' postijiet tax-xogħol battala u t-tnaqqis fil-popolazzjoni jagħtu inqas fl-għajn u l-ammonti tipiċi ta' l-għajnuna huma ogħla, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali sabiex tiġbor informazzjoni mingħand partijiet oħrajn interessati[310].

## 6. GHAJNUNA GHALL-IZVILUPP U R-RICERKA

*Il-Programm tar-Riċerka dwar l-Idroġenu: il-proġetti Micro CHP u CELCO*

493. Fit-30 ta' Novembru, il-Kummissjoni approvat, taħt il-linji ta' gwida għall-R&D[311], żewġ proġetti ta' għajnuna "ad hoc"[312], maħsuba biex jappoġġjaw daqstant proġetti ta' riċerka, imsemmija "l-iżvilupp tal-mikro-unità CHP taċ-ċelluli tal-fjuwil" u l-

---

309 N 42/2004.

310 C 40/2004.

311 Il-qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej C45 tas-17.2.1996, p.5 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ukoll "il-qafas"), imsaħħaħ u estiż l-aħħar permezz tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2002/C111/03 (ĠU C 111 tat-8.5.2002)

312 Innotifikati f'April 2004, bħala N184a-184b/2004

"iżvilupp ta' unità ta' enerġija awżiljarja (APU - *auxiliary power unit*) ta' abbord ibbażat fuq iċ-ċelluli tal-fjuwil u sistema ta' propulsjoni għad-dgħajjes tad-divertiment".

494. It-tnejn seħħew fil-qafas tas-"Sistema ta' Idroġenu ta' Piemonte (SPH2)", programm ta' riċerka reġjonali li nbeda u twettaq mir-reġjun tal-Piemonte (fl-Italja), li kien ispirat mix-xogħol tal-grupp ta' livell għoli – fuq livell komunitarju – dwar "l-enerġija mill-Idroġenu u ċ-ċelluli tal-fjuwil" [313].

495. Huma jimmiraw biex jiżviluppaw is-sejbiet tar-riċerka fundamentali dwar it-trasportatur ta' l-idroġenu u huma artikolati l-aktar fil-punti li ġejjin: l-iżvilupp taċ-ċelluli tal-fjuwil għal applikazzjoni kemm stazzjonarja kif ukoll tat-trasport, l-iżvilupp fil-produzzjoni ta' l-idroġenu minn għejun kemm li jistgħu jiġġeddu kif ukoll minn dawk griżi – jiġifieri fejn għandha x'taqsam il-kwistjoni ta' l-inibizzjoni jew il-prevenzjoni ta' l-imġiba normali tal-jone permezz ta' taħlit ma' materjali miżjuda, speċjalment il-prevenzjoni tal-preċipitazzjoni tal-jone ta' metall minn soluzzjoni permezz tal-formazzjoni ta' sustanza ta' koordinazzjoni ma' fosfat (*sequestration*) tas-CO2 -, il-ħażna u d-distribuzzjoni ta' l-idroġenu. Skond l-Italja, kienet involuta biss il-fażi industrijali tar-riċerka, li għalhekk wasslet biex tkun permessa intensità ta' għajnuna ta' 50%.

496. L-idroġenu u ċ-ċelluli tal-fjuwil huma stabbiliti sew bħala teknoloġiji strateġiċi biex jissodisfaw it-talbiet konfliġġenti għal provvista akbar ta' enerġija u għal aktar sigurtà, filwaqt li tinżamm il-kompetittività meta jitqiesu l-flus li jintefqu, titnaqqas il-bidla fil-klima, u titijieb il-kwalità ta' l-arja. Sfortunatament il-benefiċji li jirriżultaw ser jibdew jinħassu biss wara li jkunu applikati l-inċentivi pubbliċi u l-isforz privati biex is-swieq ewlenin jingħataw stimolu u jiġu żviluppati, għaliex ir-*roadmap* Ewropea għall-idroġenu u għaċ-ċelluli tal-fjuwil għadha tabilħaqq 'il bogħod mis-suq.

497. Għalhekk il-Kummissjoni qieset li l-proġetti nnotifikati, fejn it-tnejn jinvolvu kemm riċerka li tvarja bejn perjodu ta' żmien kemmxejn twil għal wieħed twil kif ukoll żvilupp teknoloġiku, kienu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' riċerka industrijali u awtorizzathom skond il-punt 5.3 tal-qafas.

*L-għajnuna għall-R&D lil-Laboratorji Bell f'Dublin,*

498. Il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, fl-1 ta' Ottubru 2004, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għall-għajnuna li taw l-awtoritajiet Irlandiżi lil-Laboratorji Bell minħabba li din l-għajnuna hija kompatibbli mat-Trattat KE.[314] L-għajnuna individwali tingħata b'applikazzjoni ta' l-Iskema ta' l-Għotja għall-Kapaċità fl-R&D

---

313 Il-«Grupp ta' Livell Għoli għall-Idroġenu u għat-Teknoloġiji taċ-Ċelluli tal-Fjuwil" inbeda f'Ottubru 2002 mill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Loyola de Palacio, il-Kummissarju għall-Enerġija u t-Trasport, u mis-Sur Philippe Busquin, il-Kummissarju għar-Riċerka. Il-Grupp kien mistieden ifassal viżjoni kollettiva dwar il-kontribuzzjoni li jistgħu jagħtu l-idroġenu u ċ-ċelluli tal-fjuwil għar-realizzazzjoni ta' sistemi sostenibbli ta' l-enerġija fil-futur. Huwa magħmul minn 19-il persuna li għandhom interess jirrappreżentaw il-komunità tar-riċerka, l-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi u l-utenti aħħarin.

314 N 214/2004

li l-Kummissjoni rrikonoxxiet bħala skema ta' għajnuna eżistenti u kienet approvata għall-użu skond il-Programm Operattiv korrenti għal Settur Produttiv 2000-2006.

499. Il-benefiċjarji, il-Laboratorji Bell (BLRI), huma parti minn *Lucent Technologies* – mexxejja globali fis-settur tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni. L-għan ta' l-għajnuna hija li f'Dublin jitwaqqaf ċentru ta' riċerka ta' klassi dinjija fil-qasam tar-riċerka msejsa fuq il-katina tal-valur iddedikat għas-sistemi tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss. Dan iċ-ċentru ser jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kapaċità tar-riċerka tal-Komunità Ewropea kollha fil-qasam tal-kompjuters u l-mezzi tat-telekomunikazzjoni, f'konformità ma' l-għan ta' Liżbona li l-Ewropa ssir l-aħjar ekonomija bbażata fuq l-għarfien fid-dinja. Il-proġett ser ikun żviluppat tul ħames snin u ser jirċievi, permezz ta' għotja li ma titħallasx lura, ammont totali ta' għajnuna ta' 21.66 Mi€ fuq nefqa totali eliġibbli ta' 43.32 Mi€. Ser jinvolvi wkoll kooperazzjoni importanti ma' l-universitajiet, permezz ta' konsorzju ta' riċerkaturi universitarji mmexxija mill-Kulleġġ tat-Trinità ta' Dublin.

500. Il-Kummissjoni qieset li dawn il-miżuri jaqgħu fl-ambitu ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE; madankollu, il-konklużjoni tal-valutazzjoni tal-kompatibilità kienet favorevoli fuq il-bażi tal-fatti li ġejjin:

(e) il-proġetti huma limitati għar-riċerka industrijali u għall-attivitajiet ta' l-iżvilupp ta' qabel il-kompetizzjoni, definiti skond l-Anness I tal-Qafas ta' l-R&D;

(f) l-ispejjeż eliġibbli huma skond l-Anness II tal-Qafas ta' l-R&D;

(g) l-intensità ta' l-għajnuna, limitata għal 50%, hija skond il-punti 5.3, 5.5, 5.10.2 u 5.10.3 tal-Qafas ta' l-R&D;

(h) hemm effett ċar ta' inċentiv fil-proġett propost, kif meħtieġ mill-punt 6.2 tal-Qafas ta' l-R&D.

501. Konsegwentamment, il-Kummissjoni ddeċidiet li tqis l-għajnuna mogħtija bħala kompatibbli mat-Trattat KE skond l-Artikolu 87.3 (c) tiegħu.

*Il-parteċipazzjoni fiż-żjieda tal-kapital ta' l-OCAS*

502. Fl-20 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni awtorizzat lir-reġjun Fjaming biex jipparteċipa fiż-żjieda tal-kapital ta' l-OCAS, unità ta' l-R&D ta' Arcelor li qiegħda tippjana li tittrasforma ruħha f'kumpanija aktar awtonoma u li tagħmel profitt fis-suq għas-servizzi ta' l-R&D[315]. Il-Belġju kien innotifika dan il-proġett minħabba sigurtà legali. Tabilħaqq, qies li dan il-proġett deher li jagħmel biżżejjed profitti biex iħajjar l-investiment tal-kumpaniji privati. F'dan ir-rigward, innota li l-Arcelor, l-azzjonista korrenti ta' l-OCAS, kienet ukoll qed tipparteċipa fiż-żjieda tal-kapital għall-istess ammont. Wara analiżi dettaljata tal-każ, id-DĠ COMP ikkonkluda li l-istampa ġenerali tal-profitti ma kinitx preċiża u għolja biżżejjed biex tqis il-profitt mistenni bħala suffiċjenti biex jikkumpensa għar-riskju għoli tal-proġett. Huwa nnota li ċerti dispożizzjonijiet tan-negozju dehru wisq favorevoli għall-Arcelor. Wara li kkonkluda li kien hemm għajnuna potenzjali favur l-Arcelor, id-DĠ COMP wasal għall-

[315] N 315/2004

konklużjoni li setgħet tkun awtorizzata fuq il-bażi tal-Linji ta' Gwida għall-R&D. Tabilħaqq, l-appoġġ pubbliku b'mod ċar iħeġġeġ lill-Arcelor biex twettaq riċerka addizzjonali meta mqabbla mar-riċerka li ssir normalment, u l-intensità ta' l-għajnuna ser tibqa' taħt il-livell awtorizzat għar-riċerka industrijali.

*Schiefergruben Magog*

503. Fis-6 ta' Ottubru, il-Kummissjoni nediet proċedura ta' investigazzjoni formali li tikkonċerna għajnuna mill-Istat lil *Schiefergruben Magog*, produttriċi Ġermaniża tal-lavanja[316]. Il-każ oriġina minn ilment li rċeviet il-Kummissjoni minn kompetitur Ġermaniż tax-*Schiefergruben Magog*.

504. Fl-2002 u fl-2003 *Schiefergruben Magog* kienet irċeviet għotja mill-awtoritajiet reġjonali li tlaħħaq għal madwar 0.7 miljun EUR biex tappoġġja l-iżvilupp ta' teknoloġija ġdida għat-tqattigħ tal-lavanja għas-soqfa. Il-Ġermanja targumenta li din l-għotja ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat għaliex ma tatx vantaġġ lill-kumpanija: l-għan tal-proġett kien l-iżvilupp ta' teknoloġija innovattiva għat-trattament tal-lavanja tas-soqfa sabiex jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa għall-impjegati u l-investiment ma kienx jagħmel profitti għall-kumpanija. Il-Ġermanja targumenta wkoll li l-kummerċ bejn l-Istati Membri mhuwiex affettwat għaliex *Schiefergruben Magog* tipproduċi lavanja tas-soqfa speċjali u ta' kwalità għolja li hija prodotta biss fil-Ġermanja għal raġunijiet storiċi.

505. Meta fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni qieset li s-sussidju ta vantaġġ lil *Schiefergruben Magog*. Skond il-websajt tal-kumpanija stess, il-proġett twettaq biex il-proċess tat-tqattigħ isir awtomatiku, li għandu jagħti lill-kumpanija l-opportunità li tipproduċi lavanja ta' kwalità għolja b'inqas spejjeż u b'hekk għandha żżid il-kompetittività tal-kumpanija. Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma li l-kummerċ bejn l-Istati Membri huwa affettwat u li allura l-għotja kienet għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni tiddubita li l-għajnuna tista' tinstab kompatibbli fuq il-bażi tar-regolazzjoni ta' l-eżenzjoni ta' kategorija għall-SMEs jew il-qafas Komunitarju dwar ir-riċerka u l-iżvilupp jew kull eżenzjoni oħra prevista mill-Artikolu 87(2) u 87(3) tat-Trattat[317].

## 7. GHAJNUNA AMBJENTALI

*L-Għajnuna favur l-Akzo Nobel biex tnaqqas kemm tista' t-trasport tal-kloru*[318]

506. Fis-16 ta' Ġunju, il-Kummissjoni approvat fuq il-bażi ta' l-Artikolu 87(3)(c) KE, sussidju ta' 'freelance@onvol.net'32.5 miljun EUR favur l-*Akzo Nobel* li għandu x'jaqsam mar-rilokazzjoni ta' żewġ impjanti li jipproduċu l-kloru u aċidu aċetiku mono-kloru *(mono-chlorine acetic acid)*. Ir-rilokazzjoni ser tnaqqas b'mod sinifikanti l-ħtieġa għat-trasport tal-kloru.

---

316 C 31/2004 (ex NN 53/2004)

317 Din l-intensità ta' l-għajnuna hija skond il-linji ta' gwida dwar l-għajnuna għall-ħarsien ta' l-ambjent (ĠU C 37 of 3.2.2001) li madankollu ma jkoprux l-għajnuna biex tiżdied is-sigurtà taċ-ċittadini

318 N 304/03.

*Għajnuna għas-sensiela ta' katusi taħt l-art li jġorru l-etilene bejn Stade u Teutschental*[319] *u għas-sensiela ta' katusi taħt l-art li jġorru l-propilin minn Rotterdam vija Antwerp għaż-żona ta' Ruhr*[320]

507. Skond il-linji ta' gwida għall-għajnuna reġjonali nazzjonali, in-nefqa ta' l-investiment ta' dawk il-partijiet tas-sensiela ta' katusi ta' taħt l-art li jinsabu f'żoni assistiti tista' tkun eliġibbli għall-għajnuna. Dan kien il-każ tas-sensiela ta' katusi ta' taħt l-art li jġorru l-etilene li kienu l-proprjetà ta' *DOW Olefinverbund GmbH* li għalihom il-Kummissjoni, fit-8.9.2004, approvat għajnuna ta' 13.6 miljun EUR .

508. Dan ma kienx hekk fil-każ tal-katusi ta' taħt l-art tal-propilin minn Rotterdam, vija Antwerp għal Cologne u ż-Żona Ġermaniża ta' Ruhr għaliex fil-parti l-kbira dawn jinsabu 'l barra miż-żoni assistiti. Madankollu, fis-16 ta' Ġunju, il-Kummissjoni approvat sussidji ta' 27 miljun EUR biex jingħataw mill-awtoritajiet Ġermaniżi, Olandiżi u Belġjani b'appoġġ għal din is-sensiela ta' katusi ta' taħt l-art. Il-benefiċjarja hija l-*European Pipeline Company,* li jieħdu sehem fiha l-produtturi ewlenin tal-propilin. Bil-kontra tas-sensiela ta' katusi ta' taħt l-art ta' l-etilene msemmija aktar 'il fuq, din is-sensiela ta' katusi taħt l-art ser titħaddem skond il-prinċipji ta' "aċċess miftuħ/trasportatur komuni" u "profitt baxx".

509. L-appoġġ għal din is-sensiela ta' katusi ta' taħt l-art tal-propilin jaqa' fi ħdan id-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat u m'għandux jitqies bħala appoġġ għal infrastruttura ġenerali. Il-Kummissjoni madankollu għarfet il-vantaġġi ambjentali, tas-sigurtà u dawk industrijali tal-proġett. Wara li vverifikat jekk l-għajnuna hijiex proporzjonata u limitata għall-minimu neċessarju, u jekk kienx evitat it-tagħwiġ żejjed tal-kompetizzjoni, qieset li l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq komuni. Ladarba la l-linji ta' gwida dwar l-għajnuna għall-ħarsien ta' l-ambjent u lanqas il-linji ta' gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali ma kienu applikabbli, il-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni tagħha direttament fuq l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat.

*L-għajnuna għall-investiment fl-ambjent favur Stora Enso Langerbrugge*[321]

510. Fit-8 ta' Settembru, il-Kummissjoni approvat għajnuna ambjentali ta' 23.5 EUR miljun favur il-fabbriki tal-karti ta' *Stora Enso f'Langerbrugge*, il-Belġju, L-investimenti mgħejjuna jfittxu li jnaqqsu l-konsum ta' l-enerġija fil-produzzjoni tal-karti tal-gazzetti, jipproduċu l-enerġija billi titqabbad taħlita ta' karti mingħajr inka f'installazzjoni li tgħaqqad kemm is-sħana kif ukoll l-enerġija, u li jittrasportaw il-karta mormija u l-prodott lest bil-ferroviji minflok bit-trakkijiet.

511. L-għajnuna addizzjonali biex jiżdied l-użu tal-fibri riċiklati fil-produzzjoni tal-karti, ta' 11.5 miljun EUR oħra, ma kinitx approvata. Il-Kummissjoni sabet li din kienet 'il barra mill-ambitu tal-punt 29 tal-linji ta' gwida dwar l-għajnuna għall-ħarsien ta' l-ambjent[322], ladarba l-investimenti ma jnaqqsux l-iskart iġġenerat mill-produzzjoni u mill-bejgħ ta' l-i*Stora Enso* stess iżda pjuttost il-karti mibjugħa minn kull produttur ieħor tal-karti. Il-Kummissjoni tqis li, b'analoġija għall-punt 29 tal-linji ta' gwida,

319 N 598/03.
320 C 67/03, C 68/03 u C 69/03.
321 C 73/03.
322 ĠU C 37 tat-3.2.2001, p.3

għajnuna għall-investiment għar-riċiklaġġ bħal din tista' tkun appoġġjata sa 30% ta' l-ispiża eliġibbli biss jekk tikkonforma ma' dawn il-kriterji addizzjonali li ġejjin: (i) il-proġetti ta' l-investimenti għandhom ikunu innovattivi u jmorru lilhinn "mill-aktar modern", (ii) l-għajnuna m'għandhiex, b'mod indirett, teħles lill-kumpaniji li pproduċew l-iskart minn piż li għandu jiġi inkluż fil-baġit tagħhom skond il-liġi Komunitarja, u (iii) għandhom jiġu imposti kondizzjonijiet biex jiġi żgurat li jiġu riċiklati materjali li inkella jispiċċaw jintużaw bħala skart, meta jitqies li l-għajnuna għall-investimenti li sempliċement iżidu l-kompetizzjoni għall-materjali li ser jiġu riċiklati ma tistax tkun awtorizzata.

*Aspetti ta' l-għajnuna mill-Istat fl-implimentazzjoni ta' l-Iskema tal-Kummerċ ta' l-Emissjonijiet*

512. L-Iskema tal-Kummerċ ta' l-Emissjonijiet (ETS – *Emissions Trading Scheme*), introdotta mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003[323], għandha rwol ewlieni fil-Politika tal-Kummissjoni għall-Bidla fil-Klima. Għandha l-għan li tgħin lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex jiksbu konformità ma' l-impenji tagħhom skond il-Protokoll ta' Kyoto billi jużaw strument ibbażat fis-suq li jippermetti li jinkiseb tnaqqis ta' l-emissjonijiet bl-inqas spejjeż.

513. L-ETS hija l-ewwel sistema tal-kummerċ internazzjonali għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ fid-dinja. Se tkopri total ta' aktar minn 12000 installazzjoni fil-25 ta' l-UE (impjanti tal-kombustjoni, raffineriji taż-żejt, fran tal-kokk, impjanti tal-ħadid u ta' l-azzar u fabbriki li jagħmlu s-siment, il-ħġieġ, il-ġir, il-briks, iċ-ċeramika, il-polpa tal-karti u l-karti) li jirrappreżentaw kważi nofs l-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' l-Ewropa.

514. Pedament ta' l-implimentazzjoni ta' l-ETS huwa dak li jissejjaħ Pjani Nazzjonali ta' l-Allokazzjoni (NAPs - *National Allocation Plans*). Dawn il-pjani jistabbilixxu n-numru totali ta' konċessjonijiet għall-emissjoni li l-Istati Membri biħsiebhom jallokaw għall-perjodu tal-kummerċ 2005-2007 u l-metodi biex jallokawhom lis-setturi differenti [rispettivament għall-installazzjonijiet involuti].

515. Id-Direttiva tal-Kummerċ ta' l-Emissjonijiet teħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-konformità ta' dawn il-pjani ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva ta' l-ETS u mal-ħdax-il kriterju stabbiliti fl-Anness III ta' magħha. Il-Kummissjoni tista' tirrifjuta pjan għalkollox jew parzjalment fi żmien tliet xhur min-notifika tiegħu jekk il-pjan jinstab li mhux konformi. Sa l-aħħar ta' l-2004, il-Kummissjoni kienet ħadet deċiżjonijiet dwar 21 NAP[324].

*Il-valutazzjoni tan-NAPs*

[323] ĠU L 275 tal-25.10.2003, p.32.

[324] Fis-7 ta' Lulju, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar in-NAPs tad-Danimarka, ta' l-Irlanda, ta' l-Olanda, tas-Slovenija u ta' l-Isvezja; fl-20 ta' Ottubru ttieħdu deċiżjonijiet dwar in-NAPs tal-Belġju, tal-Finlandja, ta' l-Estonja, tal-Latvja, tal-Lussemburgu, tar-Repubblika Slovakka u tal-Portugall; lejn l-aħħar ta' Diċembru ttieħdu deċiżjonijiet dwar in-NAPs ta' Ċipru, ta' l-Ungerija, tal-Litwanja, ta' Malta u ta' Spanja. Il-Komunikazzjonijiet dwar dawn id-deċiżjonijiet huma aċċessibbli minn http://europa.eu.int/scadplus/leg/en/lvb/l28012.htm. Id-deċiżjonijiet huma aċċessibbli minn http://www.europa.eu.int/comm/environment/climat/emission_plans.htm

516. Il-Kriterju 5 ta' l-Anness III tad-Direttiva ta' l-ETS jeħtieġ li Pjan Nazzjonali ta' l-Allokazzjoni "m'għandux jiddiskrimina bejn il-kumpaniji jew is-setturi b'tali mod li jiffavorixxi żżejjed lil ċerti intrapriżi jew attivitajiet skond il-kondizzjonijiet meħtieġa tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 87 u 88 tiegħu".

517. Fid-dokument ta' gwida tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li "ser japplikaw ir-regoli normali ta' l-għajnuna mill-Istat."

518. L-Artikolu 10 tad-Direttiva jobbliga lill-Istati Membri biex għall-ewwel perjodu tal-kummerċ, mill-2005 sal-2007, jallokaw għall-inqas 95% tal-konċessjonijiet mingħajr ħlas. Dan jippermetti lill-Istati Membri jbiegħu sa massimu ta' 5% tal-konċessjonijiet. S'issa, l-Istati Membri għamlu ftit użu minn din il-possibbiltà. Id-Danimarka biss iddeċidiet li tbiegħ b'irkant 5% tal-konċessjonijiet. Uħud mill-Istati Membri l-oħrajn qegħdin jikkunsidraw li jbiegħu b'irkant il-konċessjonijiet li mhumiex użati mir-riserva tal-parteċipanti l-ġodda fl-aħħar tal-perjodu tal-kummerċ jew li jbiegħu b'irkant għadd limitat ħafna tal-konċessjonijiet biex ikopru l-ispejjeż amministrattivi ta' l-implimentazzoni ta' l-iskema. Sakemm Stat Membru ma jużax il-possibbiltà tiegħu li jbiegħ il-konċessjonijiet bi prezz tas-suq, il-miżura tidher li hija imputabbli għall-Istati Membri u timplika l-użu tar-riżorsi ta' l-Istat.

519. Il-miżura jista' jkun fiha wkoll riżorsi ta' l-Istat u tkun imputabbli għall-Istat Membru fejn Stat Membru jippermetti li l-konċessjonijiet jiġu ddepożitati f'bank mill-ewwel għat-tieni perjodu tal-kummerċ. S'issa, l-Istati Membri kollha ħlief Franza eskludew id-depożitu fil-banek.

520. Għalhekk, ħlief għad-Danimarka, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li n-NAPs ingħataw l-għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 87(1) tat-Trattat. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll jekk kwalunkwe għajnuna potenzjali kinitx konsistenti ma' l-għan ġenerali tad-Direttiva ta' l-ETS u dehritx neċessarja sabiex jinkiseb dan il-għan.

521. Il-Kummissjoni fittxet kuntatti ma' l-Istati Membri b'mod partikolari fejn in-NAP deher li fih waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

522. Fejn Stat Membru jalloka numru totali ta' konċessjonijiet li mhuwiex konsistenti ma' l-emissjonijiet ipproġettati jew fejn mhux konsistenti mat-triq tiegħu lejn Kyoto – il-Kriterji 1 u 2 ta' l-Anness tad-Direttiva – jew fejn il-benefiċjarji ma jagħtux kontroparti ambjentali suffiċjenti, allokazzjoni żejda bħal din tista' tinvolvi għajnuna addizzjonali (fejn il-benefiċjarji jirċievu aktar minn emissjonijiet li huma pproġettati b'mod realistiku, għaliex l-għajnuna mbagħad ma jkollhiex effett ta' inċentiv biex tinbidel l-imġiba) fejn pjan iwassal għal diskriminazzjoni bejn is-setturi tal-kummerċ jew l-installazzjonijiet, per eżempju. billi jintużaw metodi differenti ta' allokazzjoni li mhumiex iġġustifikati għal setturi differenti jew billi japplikaw metodu ta' allokazzjoni b'mod differenti għal ċerta intrapriża; ukoll fir-rigward ta' trattament differenti li mhux iġġustifikat ta' parteċipanti ġodda *vis-à-vis* is-sokkombenti.

523. Meta vvalutat in-NAPs, il-Kummissjoni ltaqgħet ma' numru limitat ta' sitwazzonijiet bħal dawn. S'issa, il-parti l-kbira tat-theddid potenzjali għal kompetizzjoni mhux mgħawġa seta' jkun solvut waqt diskussjoni ma' l-Istat Membru konċernat. F'diversi każijiet, l-Istati Membri naqqsu n-numru totali ta' konċessjonijiet sabiex jikkonformaw mal-Kriterji 1, 2 u 5 tad-Direttiva ta' l-ETS. F'uħud mill-każijiet, l-Istati Membri abbandunaw riservi stabbiliti għal setturi speċifiċi. L-użu ta' metodi

differenti ta' allokazzjoni għal setturi speċifiċi deher li huwa ġġustifikat f'ħafna każijiet. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet għall-parti l-kbira tan-NAPs li bbażata fuq l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri, hija qieset li kull għajnuna potenzjali probabbilment kienet ser tkun kompatibbli mas-suq komuni li kieku kellha tkun stmata skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

524. Ta' min jinnota li l-Kummissjoni s'issa eżaminat bir-reqqa n-NAPs kollha fil-kuntest tad-Direttiva ta' l-ETS sabiex tidentifika l-problemi ovvji ta' għajnuna mill-Istat li probabbilment hija inkompatibbli. S'issa, il-Kummissjoni ma ħadet l-ebda deċiżjoni formali dwar l-għajnuna mill-Istat fuq Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni.

## 8. IT-TKABBIR

*L-għajnuna eżistenti fl-Istati Membri l-ġodda,*

525. It-Trattat ta' l-Adeżjoni jipprovdi li l-miżuri ta' għajnuna li ġejjin għandhom jitqiesu bħala għajnuna eżistenti fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 88(1) tat-Trattat tal-KE mid-data ta' l-adeżjoni:

- Il-miżuri ta' għajnuna li saru effettivi qabel l-10 ta' Diċembru 1994;
- Il-miżuri ta' għajnuna elenkati f'appendiċi għat-Trattat ta' l-Adeżjoni (il-lista tat-'Trattat');
- Il-miżuri ta' għajnuna li, qabel id-data ta' l-adeżjoni, kienu vvalutati minn awtorità ta' l-għajnuna mill-Istat ta' l-Istat Membru l-ġdid u nstabu li huma kompatibbli ma' l-*acquis*, u li għalihom il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni minħabba dubji serji dwar il-kompatibilità tal-miżura mas-suq komuni (il-proċedura tranżitorja').

526. Il-miżuri kollha li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti aktar 'il fuq jitqiesu bħala għajnuna ġdida mas-seħħ ta' l-adeżjoni għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE.

527. Skond il-proċedura tranżitorja, l-Istati Membri l-ġodda kellhom il-possibbiltà li jressqu l-miżuri bejn il-bidu ta' l-2003 u d-data ta' l-adeżjoni. B'kollox, tressqu 559 miżura, li 201 minnhom tressqu fl-2003 u 358 fl-2004. Sa l-aħħar ta' l-2004, 323 miżura (58% tat-total) kienu proposti bħala għajnuna eżistenti, li 76 minnhom kienu proposti fl-2003 u 247 fl-2004. Matul l-2004, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' 3 miżuri. B'kollox, 207 miżura (37% tat-total) jew ġew irtirati mill-Istati Membri l-ġodda jew il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni li tirtirahom, wara li qieset li ma kinux applikabbli wara l-adeżjoni Sa l-aħħar ta' l-2004, is-26 miżura li fadal kienu għadhom qed jiġu vvalutati.

*L-għajnuna għas-settur tal-banek fl-Istati Membri l-ġodda*

528. Fis-snin 90, l-ekonomiji ta' wħud mill-Istati Membri ġodda għaddew minn bidla strutturali. L-awtoritajiet pubbliċi intervjenew f'bosta każijiet. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-interventi kienu ivvalutati, it-Trattati ta' l-Adeżjoni taw lill-Kummissjoni setgħat biex tivvaluta l-kompatibilità tal-miżuri li jikkostitwixxu l-għajnuna li,

għalkemm mogħtija fl-imgħoddi, estendew lilhinn mill-mument ta' l-adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi.

529. Wara n-notifika, il-Kummissjoni eżaminat l-għajnuna mogħtija għar-ristrutturar tas-sistema tal-banek f'diversi Stati Membri ġodda (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Repubblika Slovakka). Fl-2004, il-Kummissjoni adottat sittax-il deċiżjoni fejn iddikjarat li l-miżuri "ma kinux applikabbli wara l-adeżjoni". Dak ifisser li dawk il-miżuri ngħataw għalkollox qabel id-data ta' l-adeżjoni mingħajr il-potenzjal li tingħata għajnuna addizzjonali wara l-adeżjoni, u għalhekk il-Kummissjoni la kien mistenni minnha u lanqas ma kellha s-setgħa li tivvaluta miżuri bħal dawn. Madanakollu, f'żewġ każijiet, f'dak ta' l-*Agrobanka Praha* Ċek[325] u l-*Postabank* Ungeriż[326], il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ proċeduri għaliex sabet li ftit mill-miżuri li kienu "applikabbli wara l-adeżjoni" kienu għajnuna mill-Istat u li dwarhom il-Kummissjoni kellha dubji serji jekk kinux kompatibbli mas-suq komuni.

*It-tnaqqis ta' konċessjoni tat-taxxa li l-Islovakkja tat lill-US Steel Kosice –*

530. Fin-negozjati ta' l-adeżjoni, l-Islovakkja ngħatat eżenzjoni tranżitorja mir-regoli għall-għajnuna mill-Istat ta' l-UE, li biha l-Islovakkja setgħet tkompli tagħti għajnuna fiskali lill-*US Steel Kosice* wara l-adeżjoni sa l-aħħar tas-sena fiskali 2009.

531. Sabiex ikun hemm kumpens għall-vantaġġ kompetittiv tal-kumpanija li jirriżulta mill-eżenzjoni mit-taxxa, sa mill-2002 kienu stabbiliti limiti għall-produzzjoni u, mid-data ta' l-adeżjoni, limiti wkoll għall-bejgħ. Fuq l-Islovakkja, ġie impost ukoll obbligu għal rapportar ta' kull sitt xhur skond l-Anness XIV ta' l-Att ta' l-Adeżjoni. L-ewwel rapport imressaq mis-Slovakkja wera li l-limiti tal-produzzjoni ma ġewx irrispettati fl-2002 u fl-2003. Sabiex jiġi kkontrobilanċjat l-effett tal-produzzjoni żejda il-gvern Slovakk ippropona tnaqqis sinifikanti fl-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-*US Steel* u talab lill-Kummissjoni għal reviżjoni tal-kondizzjonijiet biex jingħata perjodu tranżitorju.

532. Fit-22 ta' Settembru[327], il-Kummissjoni ddeċidiet dwar miżuri xierqa biex jinstab rimedju għas-sitwazzjoni. Skond din id-deċiżjoni, l-ammont totali ta' l-għajnuna li jista' jingħata lill-*US Steel Kosice* sa l-2009, fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq dħul tal-korporazzjoni, jitnaqqas minn 500 miljun USD għal 430 miljun USD. Barra minn hekk, il-benefiċjarja hija meħtieġa li tħallas 32 miljun USD taxxa lill-gvern Slovakk, imħallsa f'żewġ pagamenti ndaqs matul l-2004 u l-2005. Il-*US Steel Kosice* għandha tirrispetta l-limiti tal-produzzjoni mill-1 ta' Jannar 2004 u l-limiti tal-bejgħ mill-1 ta' Mejju 2004. Il-*US Steel Kosice* għandha tirrispetta wkoll il-kondizzjoni li ma tistax tkabbar il-gamma tagħha ta' gruppi ta' prodotti lesti eżistenti fit-13 ta' Diċembru 2002 u trid tkompli tilħaq it-termini tal-kuntratt tal-privatizzazzjoni.

533. Fil-25 ta' Ottubru, il-gvern Slovakk aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni għal miżuri xierqa u kkonferma li l-*US Steel Kosice* ħallset l-ewwel pagament tat-taxxa li kien ilaħħaq 525.488.000 SKK (16-il miljun USD).

*L-għajnuna għar-ristrutturar lill-kumpanija li tipproduċi l-azzar fir-Repubblika Ċeka*

---

[325] CZ 49/2003; C-27/2004, Id-Deċiżjoni ta' l-14.7.2004.

[326] HU 11/2003, C-35/2004, Id-Deċiżjoni ta' l-20.10.2004.

[327] SK 5/04.

534. Fl-14 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ddeċidiet li tniedi investigazzjoni dettaljata dwar għajnuna mill-Istat possibbli favur *Třinecké železárny a.s. (TZ)* produttriċi ta' l-azzar fir-Repubblika Ċeka.[328] Il-Kummissjoni ser tinvestiga jekk ċerti miżuri statali jistgħux jikkostitwixxu għajnuna għar-ristrutturar moħbija. L-għajnuna mill-Istat għar-ristrutturar tista' tingħata lill-industrija Ċeka ta' l-azzar biss skond il-Programm Nazzjonali tar-Ristrutturar, li kien aċċettat mill-UE fil-Protokoll Nru 2 għall-Att ta' l-Adeżjoni u biss lill-kumpaniji inklużi fih. It-*TZ* mhijiex waħda minn dawn il-kumpaniji u għalhekk mhix eliġibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mogħtija għall-proġetti ambjentali u ta' l-*R&D* hija kompatibbli mar-regoli rilevanti tal-KE għall-għajnuna mill-Istat. Madanakollu, għandha d-dubji tagħha dwar il-kompatibilità ta' l-għajnuna mogħtija għall-għeluq u għall-proġetti tat-taħriġ. Il-Kummissjoni se tinvestiga wkoll jekk il-prezz imħallas mill-gvern Ċek għall-ishma li akkwista mingħand it-*TZ* kienx il-prezz tas-suq.

## 9. BINI TAL-BASTIMENTI

*Fincantieri*

535. Skond ir-Regolament tal-Bini tal-Bastimenti ta' l-1998[329], l-aħħar data tal-konsenja biex vapur jikkwalifika għal għajnuna għall-ħidma relatata ma' kuntratt kienet il-31 ta' Diċembru 2003. Il-bastimenti kkonsenjati aktar tard, fil-prinċipju, m'għandhomx ikunu eliġibbli għal għajnuna ta' din ix-xorta. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tagħti estensjoni ta' dan il-limitu meta jkun hemm ġustifikazzjoni minħabba dewmien li jirriżulta minn ċirkustanzi mhux mistennija jew eċċezzjonali, li huma barranija għall-kumpanija li tibni l-bastimenti.

536. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni Ewropea ħadet deċiżjoni, wara notifika mill-Italja, dwar il-limitu tal-konsenja għal ħames bastimenti tal-krużis prodotti mill-*Fincantieri*, grupp Taljan li jibni l-bastimenti. L-Italja argumentat li r-raġuni għad-dewmien kien li l-proprjetarju tal-bastimenti talab li l-konsenji jkunu posposti minħabba l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001[330].

537. Fid-deċiżjoni tagħha l-Kummissjoni, min-naħa waħda, approvat l-estensjoni tal-perjodu tal-konsenja ta' erba' mill-bastimenti, minħabba li l-argument li ressqet l-Italja tqies li kien kopert mill-eċċezzjonijiet previsti fir-Regolament tal-Bini tal-Bastimenti, u ladarba l-*Fincantieri* kellha l-kapaċità teknika biex tikkonsenja l-bastimenti sa l-aħħar ta' l-2003. Madanakollu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda investigazzjoni formali dwar wieħed mill-bastimenti, għaliex kellha d-dubji jekk *Fincantieri* qattx kellha l-kapaċità teknika li tikkonsenja dak il-vapur sal-31 ta' Diċembru 2003.

*Kvaerner Warnow Werft*[331]

538. Wara r-riunifikazzjoni tal-Ġermanja, it-tarznari tal-Ġermanja tal-Lvant kienu rċevew ammonti tabilħaqq kbar ta' għajnuna mill-Istat għar-ristrutturar. Bejn l-1993 u l-

328 NN 62/2004.
329 Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1540/98, ĠU L 202 tat-18.7.1998, p.1
330 N 347/03
331 C6/2000 tal-25.10.2004, C(2004)3910/2

1995, fil-kuntest tal-privatizzazzjoni u tar-ristrutturar tat-tarzna tal-Ġermanja tal-Lvant *Warnow Werft* (issa *Kvaerner Warnow Werft, KWW*), il-Kummissjoni approvat b'kollox għajnuna ta' 639.4 m EUR. Kien miftiehem li dan l-ammont għandu jinkludi l-għajnuna għall-ħidma ta' 382.1m EUR, li minn dak l-ammont 230.8m EUR għandhom ikopru t-telf li jirriżulta minn kuntratti speċifiċi tal-bini ta' bastimenti.

539. Wara r-rapporti fuq self ta' 200m EUR tal-*Kvaerner Warnow Werft (KWW)* lill-kumpanija matriċi tagħha, il-Kummissjoni ssuspettat li t-tarzna kienet irċeviet aktar għajnuna milli kien meħtieġ biex tikkumpensa t-telf minn ċerti kuntratti ta' bini ta' bastimenti. Hija fetħet investigazzjoni u eżaminat jekk għandux jinġabar lura mingħand il-benefiċjarju ammont ta' 60.9m EUR.

540. Fid-deċiżjoni finali tagħha il-Kummissjoni tikkonkludi li l-*Kvaerner Warnow Werft* tabilħaqq irċeviet ammont akbar ta' għajnuna milli kien meħtieġ biex tikkumpensa għat-telf minn ċerti kuntratti tal-bini ta' bastimenti. Madanakollu, matul l-investigazzjoni il-*Kvaerner Warnow Werft* setgħet tipprova spejjeż addizzjonali, li setgħu jiġu attribwiti għall-kuntratti tal-bini ta' bastimenti u li rriżultaw f'ammont ikbar ta' telf. Filwaqt li qieset il-kummenti u l-kjarifiki addizzjonali tal-gvern Ġermaniż u tal-kumpanija li l-*Kvaerner* ma rċevietx l-għanjuna għall-ħidma kollha li ma kinitx f'kontanti, il-Kummissjoni ordnat il-ġbir lura ta' 13 m EUR, li tqiesu bħala l-għajnuna żejda li rriżultat.

*Il-limitazzjonijiet tal-kapaċità għal ċerti tarznari fil-Ġermanja tal-Lvant, fi Spanja u fil-Greċja*

541. Matul l-1992 u l-1997, twettaq ristrutturar kbir fil-ħames tarznari tal-Ġermanja tal-Lvant. Biex tikkumpensa għall-effetti ta' tagħwiġ tal-kompetizzjoni li kellha l-għajnuna għar-ristrutturar, il-Ġermanja kienet obbligata tnaqqas il-kapaċità totali tal-bini tal-bastimenti fil-Ġermanja tal-Lvant b'40%. Mill-1995 il-Kummissjoni ssorveljat il-konformità tat-tarznari mal-limitazzjoni tal-kapaċità bħala limitazzjoni tal-produzzjoni, fis-sens li tiġi limitata l-produzzjoni.

542. Iżda, fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April dwar il-*Kvaerner Warnow Werft*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta interpretat il-limitazzjoni tal-kapaċità bħala limitazzjoni tal-produzzjoni reali. Il-limitazzjoni tal-kapaċità, fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jawtorizzaw l-għajnuna, li kienu adottati bejn l-1993 u l-1995, kellhom jinftiehmu bħala limitazzjoni teknika tal-faċilitajiet tal-produzzjoni. Sakemm il-faċilitajiet tal-produzzjoni tat-tarzna, kif deskritt fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jawtorizzaw l-għajnuna, ma nbidlux, *Kvaerner Warnow Werft* setgħet tipproduċi aktar mill-kapaċità teknika tagħha.

543. Filwaqt li qieset ir-raġunament tal-Qorti u bħala kwistjoni ta' koerenza u trattament indaqs, il-Kummissjoni iddeċidiet li tqis il-limitazzjonijiet tal-kapaċità ta' ċerti tarznari Ġermaniżi, Spanjoli u Griegi bħala sempliċement limitazzjonijiet tekniċi safejn id-deċiżjonijiet kienu bbażati fuq id-Direttiva tal-Kunsill 90/684 kif emendata. Madankollu, is-sorveljanza tal-limitazzjonijiet tal-kapaċità *teknika* għandha tkompli

fis-sens tad-dispożizzjonijiet individwali għat-tarznari konċernati sad-data prevista f'kull deċiżjoni dwar l-għajnuna għar-ristrutturar.[332]

## 10. AGRIKOLTURA

544. Il-Kummissjoni rċeviet 252 notifika ta' abbozzi ta' miżuri ta' l-għajnuna mill-Istat li għandhom jingħataw fis-settur agrikolu u agro-industrijali. Il-Kummissjoni bdiet ukoll l-eżami ta' 13-il- miżura ta' għajnuna, li ma kinux innotifikati qabel skond l-Artikolu 88(3) KE. Ma nbeda, jew ġie konkluż, l-ebda eżami ta' miżuri ta' għajnuna eżistenti skond l-Artikolu 88(1) KE. B'kollox, il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni għal 212 miżura. Bosta minn dawn il-miżuri kienu approvati wara li l-Istati Membri konċernati jew emendawhom jew impenjaw irwieħhom li jemendawhom sabiex iġibuhom skond ir-regoli Komunitarji għall-għajnuniet mill-Istat. Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura prevista mill-Artikolu 88(2) KE fi 8 każijiet, fejn il-miżuri konċernati qajmu dubji serji dwar l-inkompatibilità mas-suq komuni. Il-Kummissjoni għalqet il-proċedura prevista bl-Artikolu 88(2) KE għal 14-il każ. F'10 minn dawn il-każijiet ittieħdet deċiżjoni finali negattiva, u ftit minn dawn ordnaw il-ġbir lura. L-istampa ġenerali li ġejja hija għażla ta' każijiet li qajmu l-kwistjonijiet l-aktar interessanti tal-politika ta' l-għajnuna mill-Istat u fis-settur agrikolu u agro-industrijali fl-2004.

IL-FINLANDJA

*L-Artikolu 141 tat-Trattat ta' l-Adeżjoni*

545. Fis-16 ta' Marzu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tawtorizza l-pakkett speċjali ta' appoġġ innotifikat mill-Finlandja skond l-Artikolu 141 tat-Trattat ta' l-Adeżjoni. Id-deċiżjoni hija r-riżultat formali ta' diskussjonijiet u negozjati twal fuq l-ogħla livell, matul is-sena 2003. Id-deċiżjoni tawtorizza lill-Finlandja biex, bejn l-2004 u l-2007, tagħti appoġġ speċjali għad-dħul lill-bdiewa fin-Nofsinhar tal-Finlandja, li jlaħħaq madwar € 420 miljun, flimkien ma' għajnuna addizzjonali għad-dħul fil-forma ta' żjidiet ta' l-inċentivi għall-programmi agro-ambjentali eżistenti fin-Nofsinhar tal-Finlandja li tlaħħaq mal- € 225 miljun għall-istess perjodu. Il-kondizzjoni biex tingħata l-għajnuna għad-dħul hija l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna biex ikunu inkoraġġiti l-investimenti, jiġu stabbiliti l-bdiewa żgħażagħ u jingħataw pariri kummerċjali lill-bdiewa.

FRANZA

*PMPOA ("Exécution du Programme de maîtrise des pollutions d'origine agricole »)*

546. Fid-19 ta' Frar, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni finali pożittiva[333] fejn iddikjarat kompatibbli mat-Trattat għajnuna għall-investimenti għall-ħarsien ta' l-ambjent mogħtija fi Franza qabel l-2000. Kienet infetħet proċedura għaliex Franza kienet tat sa 60% ta' għajnuna għall-investiment fi żmien meta kien possibbli li jingħata biss 35%. Ir-rata ta' 35% kienet ġiet awtorizzata wkoll f'deċiżjoni li Franza ma kinitx irrispettat billi tat aktar għajnuna. Madanakollu, mis-sena-2000 il-Kummissjoni

332 NN 56/2003
333 C 27/2001 (ex NN 2/2001)

żiedet ir-rata massima ta' għajnuna permessa. Din ir-rata ogħla ta' għajnuna kienet ikkonfermata fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta' l-eżenzjoni 1/2004. Dan ir-Regolament japplika retroattivament għal għajnuna mogħtija qabel ma daħal fis-seħħ. Fuq din il-bażi legali, l-għajnuna kienet iddikjarata kompatibbli.

*It-taxxa fuq it-tbiċċir ("taxe d'abattage")*

547. Fit-30 ta' Marzu, il-Kummissjoni ddeċidiet[334] li ma tqajjimx oġġezzjonijiet dwar għajnuna mill-Istat ta' madwar € 156 miljun għas-sena 2004 (u ammonti simili għaż-żmien ta' wara) għar-rimi u għall-qerda ta' annimali mejta fuq livell ta' razzett. L-intensità ta' l-għajnuna hija sa 100%. L-għajnuna hija skond il-linji ta' gwida għat-*TSE* u d-durata tar-reġim mhuwiex limitat. Sa fejn huwa konċernat il-finanzjament tar-rimi ta' l-iskart tal-biċċeriji, id-deċiżjoni ssib li ammont ta' madwar € 91 miljun mhuwiex għajnuna, għaliex il-biċċeriji jħallsu aktar permezz tat-taxxa l-ġdida fuq it-tbiċċir imposta għal kull tunnellata ta' *skart* milli jieħdu lura bħala benefiċji permezz tal-ġbir ta' l-iskart mingħajr ħlas fejn ma jiksbu l-ebda vantaġġ finanzjarju.

*Il-kumpens għan-nuqqas ta' xita fl-2003*

548. Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat ta' madwar € 664 miljun favur bdiewa li ntlaqtu min-nuqqas ta' xita fl-2003[335]. Il-kumpens tħallas permezz ta' taħlita ta' għotjiet ta' flus kontanti (€ 339 miljun), self sussidjat għall-"katastrofi (€ 20 miljun)", it-teħid ta' l-imgħax fuq self pendenti (€ 20 miljun), self ta' konsolidament (€ 20 miljun biex ikun appoġġjat self ta' € 225 miljun), posponiment tal-pagamenti dovuti ta' taxxi diretti u VAT (mingħajr ma jiġi impost imgħax addizzjonali minħabba d-dewmien), il-tħassir ta' dawn it-taxxi, in-nuqqas ta' pagament tat-taxxa fuq l-art, u l-posponiment tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. L-element ta' sussidju fit-teħid ta' l-imgħax fuq is-self pendenti tqies bħala *de minimis*. L-intensità ta' l-għajnuna kienet sa 100% tad-danni u d-durata varjat skond it-tip ta' għajnuna.

*Taxe d'équarrissage*

549. Fl-14 ta' Diċembru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni finali mħallta bil-pożittiv u bin-negattiv dwar il-ġbir lura ta' dik li tissejjaħ "taxe d'équarrissage" Franċiża[336]. Mill-1997 sa l-2003, Franza imponiet taxxa tal-bejgħ kemm fuq il-laħam Franċiż kif ukoll fuq il-laħam minn Stati Membri oħrajn ("taxe d'équarrissage"). It-taxxa ffinanzjat it-tneħħija mingħajr ħlas ta' l-iskart tal-biċċeriji u ta' l-annimali mejtin. It-taxxa l-ewwel marret f'fond speċjali rriservat għall-finanzjament ta' din l-għajnuna. Wara proċedura tal-Kummissjoni għall-ksur li qieset it-taxxa fuq il-laħam minn Stati Membri oħrajn bħala diskriminatorja, Franza ċaqalqet id-dħul mit-taxxa fil-baġit ġenerali, u ffinanzjat l-għajnuna mill-baġit ġenerali għas-snin 2001 u 2002.

550. Il-miżuri ta' l-għajnuna ffinanzjati bejn l-1997 u l-2002 u li laħqu għal total ta' € 829 miljun, fil-prinċipju huma kompatibbli mar-regoli għall-għajnuna mill-Istat. Madanakollu, minħabba l-finanzjament diskriminatorju mill-1997 sa l-2000, l-għajnuna ta' madwar € 400 miljun kien ikollha titqies bħala inkompatibbli mal-liġi

334 N 515/2003

335 NN 154/2003

336 C-49/2002 (ex NN 49/2002)

Komunitarja. Madankollu, ir-rimborż ta' l-għajnuna mill-bdiewa m'għadux neċessarjament isewwi d-diskriminazzjoni kontra l-laħam mill-Istati Membri l-oħrajn ikkawżat mit-taxxa imposta fuq il-livell tas-supermarkit. Għalhekk, bil-kondizzjoni li Franza tirrimborża t-taxxa imposta fuq il-laħam minn Stati Membri oħrajn, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli. Franza daħlet għal impen f'dan ir-rigward.

551. Fejn għandhom x'jaqsmu s-snin 2001 u 2002, għall-għajnuna li tlaħħaq għal € 400 miljun oħra, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rabta bejn it-taxxa u l-għajnuna nkisret minħabba li t-taxxa kienet ġiet attribwita għall-baġit ġenerali[337] u d-dħul mit-taxxa ma kkorrispondiex għall-ispiża tas-servizz pubbliku tar-rendiment. Għalhekk id-deċiżjoni b'kollox tkopri s-snin mill-1997 sa l-2002. Għas-sena 2003, għad trid tittieħed deċiżjoni. Barra minn hekk, l-għajnuna mogħtija lill-bejjiegħa ż-żgħar tal-laħam permezz ta' *eżenzjoni* mit-taxxa konċernata instab li mhix kompatibbli u ser ikollha tinġabar lura.

IL-ĠERMANJA

*L-għajnuna għall-gajjijiet tal-makkinarju*

552. Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet finali li ttieħdu fid-19 ta' Mejju u fl-14 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonkludi l-investigazzjoni formali dwar l-appoġġ mogħti għall-gajjijiet tal-makkinarju fil-Bavarja: deċiżjoni kondizzjonali[338] u deċiżjoni parzjalment negattiva bi ġbir lura[339].

553. Iż-żewġ deċiżjonijiet jiċċaraw il-politika tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat mogħija b'rabta mal-gajjijiet tal-makkinarju, li huma organizzazzjoni ta' għajnuna proprja ta' bdiewa li "l-attivitajiet ċentrali" tagħhom jinkludu l-amministrazzjoni ta' riliv għall-irziezet u t-tqassim tal-makkinarju bejn il-bdiewa. L-ilmenti li rċeviet il-Kummissjoni indikaw il-possibbiltà ta' sussidju minn attivitajiet oħrajn kummerċjali ("mhux ċentrali") tal-gajjijiet. Fil-prinċipju, il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol pożittiv li għandhom il-gajjijiet tal-makkinarju fis-settur agrikolu, għaliex dawn jagħtu opportunità lill-bdiewa biex itejbu l-effiċjenza tagħhom billi jaqsmu bejniethom makkinarju li jqum ħafna flus.

554. Fid-deċiżjoni tagħha C9/A/2004, il-Kummissjoni għalhekk awtorizzat l-għajnuna (li tiswa €19.6 miljun tul 6 snin) li bbenefikat lill-bdiewa fil-forma ta' servizzi ssussidjati fuq il-bażi tal-punt 14 tal-Linji ta' Gwida Agrikoli. Għajnuna bħal din hija digressiva u ma teċċedix il-50% ta' l-ispejjeż rilevanti. Madanakollu, il-Kummissjoni tinnota li appoġġ pubbliku permanenti ta' 100% ta' spejjeż bħal dawn, li għandhom it-tendenza jkunu rikorrenti għall-bdiewa, jista' jikkostitwixxi għajnuna għall-ħidma li mhix kompatibbli. Il-Kummissjoni teħtieġ li l-Ġermanja tintroduċi fl-iskema tagħha l-obbligu biex il-gajjijiet tal-makkinarju jgħaddu l-ammont sħiħ ta' l-għajnuna lill-bdiewa; u jew jipprojbixxu "l-attivitajiet li mhumiex ċentrali" tal-gajjijiet tal-makkinarju, jew jillimtaw l-eżerċizzju ta' "l-attivitajiet li mhumiex ċentrali" għal

337 Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li billi attribwiet id-dħul mit-taxxa għall-baġit ġenerali, Franza temmet it-tassazzjoni diskriminatorja u għalqet il-proċeduri tal-ksur.
338 C 9/A/2003 Il-Ġermanja (Bavarja)
339 C 9/B/2003- Il-Ġermanja (Bavarja)

sussidjarji legalment indipendenti tal-gajjijiet tal-makkinarju u b'hekk ma jħallux sussidji minn attivitajiet oħra.

555. Fid-deċiżjoni tagħha dwar għajnuna (illegali) li ngħatat fl-imgħoddi (C9/B/2003), il-Kummissjoni sabet li l-ammonti ta' l-għajnuna li rċevew il-benefiċjarji individwali (madwar € 50 għal kull bidwi) kienu żgħar wisq biex jgħawġu l-kompetizzjoni. Madanakollu, il-Kummissjoni waslet ukoll għall-konklużjoni li s-sistema tal-Bavarja għall-għotja ta' għajnuna bħal din ma pprekludietx b'mod effettiv l-għotja ta' għajnuna purament għall-ħidma lill-gajjijiet tal-makkinarju nfushom, jew is-sussidju minn attivitajiet oħrajn kummerċjali mwettqa minn gajjijiet tal-makkinarju oħrajn. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kull għajnuna li għaliha ma tista' tinġieb l-ebda xiehda li bbenefikat biss lill-bdiewa hija inkompatibbli u għandha tinġabar lura.

IL-GREĊJA

*Il-programm ta' kumpens għat-temp ikrah -RAGBY*

556. Fl-20 ta' April, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni[340] biex ma tqajjimx oġġezzjonijiet għal għajnuna mill-Istat ta' madwar € 60 miljun biex ikunu kkumpensati l-bdiewa u s-sajjieda għal telf ikkawżat minn katastrofi (uqigħ ta' massa ta' materjal imżerżaq għal isfel minn ġenb muntanja, għargħar), temp ikrah (silġ, xita, maltemp, nixfa) u mard bejn Marzu 2002 u Marzu 2003. L-intensità ta' l-għajnuna: 50-80% tat-telf, jew pagamenti ta' darba għal kull 1.000m² għal ċerti koltivazzjonijiet. Il-miżura ddum għal 5 snin (l-għajnuna ser titħallas f'diversi fażijiet).

L-ITALJA

*Il-kapital ta' riskju għall-SMEs agrikoli*

557. Fit-3 ta' Frar, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għall-għotja ta' kapital ta' riskju minn fondi pubbliċi ta' madwar € 5 miljun fis-sena sa l-2005[341]. L-għan huwa li jitwaqqaf fond biex ikun inkoraġġit l-aċċess ta' l-SMEs agrikoli għall-kapital ta' riskju fil-forma ta' l-akkwist tal-pussess minuri ta' ishma, self ta' parteċipazzjoni u l-parteċipazzjoni f'fondi oħrajn ta' kapital ta' riskju. Il-miżura fiha diversi elementi ta' għajnuna mill-Istat li nstab li huma kompatibbli mar-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat. Bħala eżempju, il-fond pubbliku jirrinunzja għall-profitti 'l fuq minn ċertu marġni ta' profitt, favur l-investituri privati. Din hija waħda mill-miżuri biex jiġu attirati l-investituri privati. Il-miżura mistennija ddum għal 10 snin.

*Il-kumpens għall-ilsien blù*

558. Fis-16 ta' Marzu, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni finali negattiva dwar għajnuna mill-Istat ta' madwar € 2,6 miljun biex tikkumpensa lill-kumpaniji li jipproċessaw fir-reġjun ta' Sardenja għall-allegat telf minħabba l-marda ta' l-ilsien blù[342]. L-għajnuna biex il-bdiewa jkunu kkumpensati għat-telf tagħhom kienet awtorizzata b'mod parallel mad-deċiżjoni biex tinfetaħ il-proċedura għas-settur ta' l-ipproċessar.

---

340 N 249/2003

341 N 384/2003- ĠU C 56, 4.3.2004, p.4

342 C 5/2001 (ex N 775/2000) Italja (Sardenja)

Ladarba l-għajnuna ma tħallsitx, ma kienet meħtieġa l-ebda ordni għall-ġbir lura. L-għajnuna nstab li kienet inkompatibbli għaliex:

- ir-regoli għall-għajnuna mill-Istat jipprevedu biss il-possibbiltà li jiġu kkumpensati l-produtturi primarji; it-telf mid-dħul huwa parti mir-riskju normali tal-kummerċ, u jista' jkun ikkawżat minn diversi fatturi;
- ir-rabta bejn it-telf u l-ilsien blù ma ntwerietx; fl-istess żmien f'Sardenja kien hemm nixfa, li setgħet ukoll wasslet għal tnaqqis fid-dħul; ċerti kooperattivi setgħu kellhom inqas konsenji ta' materjal mhux ipproċessat (u għalhekk sofrew it-telf) għal raġunijiet oħrajn minbarra l-ilsien blù.

*Is-settur tat-tajr AIMA*

559. Fid-19 ta' Mejju, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni finali negattiva biex tiddikjara għajnuna mill-Istat ta' madwar € 10,3 miljun bħala inkompatibbli mat-Trattat[343]. Ladarba l-għajnuna ma kinitx tħallset, ma kienet meħtieġa l-ebda ordni għall-ġbir lura. L-għajnuna kellha tikkumpensa l-produtturi tat-tjur fl-Italja għall-allegat telf minħabba l-biża' mid-diossina fl-1999 fil-Belġju.

560. L-Italja kienet iddikjarat li l-biża' mid-diossina fil-Belġju kienet ikkawżat biża' fil-mezzi tax-xandir fl-Italja, bi tnaqqis konsegwenti fil-konsum tal-laħam tat-tjur fl-Italja. Għaldaqstant, l-Italja kienet ipproponiet li tikkumpensa lill-produtturi tat-tjur tagħha u argumentat li l-iskandlu tad-diossina kellu jitqies mhux biss bħala "ġrajja straordinarja" fil-Belġju iżda fl-Italja wkoll. Skond ir-regoli għall-għajnuna mill-Istat, l-uniku mod biex tiġi awtorizzata għajnuna bħal din għandu jkun billi l-effetti tad-diossina jitqiesu bħala "ġrajja straordinarja". Madanakollu, il-Kummissjoni kienet esprimiet dubji serji dwar dan il-metodu għas-suq Taljan. L-informazzjoni li rċeviet wara l-ftuħ ma neħħietx dawn id-dubji.

*L-għajnuna għas-salvataġġ favur il-fornituri tal-Parmalat*

561. Fl-14 ta' Lulju, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni[344] li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għall-għajnuna ta' darba ta' madwar € 1 miljun għall-produtturi tal-ħalib fil-Lombardija li qegħdin f'diffikultajiet finanzjarji minħabba li ma tħallsux għall-ħalib ikkonsenjat lill-grupp *Parmalat*. L-għajnuna għas-salvataġġ tikkonsisti f'garanzija, skond il-kondizzjonijiet tal-linji ta' gwida għall-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar (*R&R*). L-Italja kienet ipproponiet metodi medji ta' kalkolu sabiex jiġi stabbilit meta bidwi tipiku li jrabbi l-bhejjem għall-ħalib jista' jitqies f'diffikultà u għalhekk jikkwalifika għall-għajnuna. Ċerti bdiewa ser ikunu esklużi għaliex jitqiesu biżżejjed sinjuri sabiex ma jkunux f'diffikultajiet. L-intensità ta' l-għajnuna: il-valur massimu tal-garanzija eliġibbli skond l-iskema preżenti huwa ta' € 500.000 għall-kumpaniji individwali u € 5 miljuni għall-kooperattivi.

---

343 C 59/2001 (ex N 797/1999)

344 N 75/2004 – L-Italja (il-Lombardija)

*L-intervent reġjonali għall-iżvilupp tal-Confidi fis-settur agrikolu*

562. Fl-10 ta' Mejju, il-Kummissjoni approvat għajnuna[345] ta' € 1 032 913,80 għall-garanziji u € 516 456,90 għall-assistenza teknika favur il-*Confidi*, li huma kooperattivi magħmula minn intrapriżi fis-settur agrikolu u ta' assoċjazzjonijiet tagħhom, li jamministraw il-fondi tal-garanziji. Tingħata l-għajnuna, għal perjodu ta' ħames snin, sabiex:

- ikunu provduti garanziji sussidjarji lill-bdiewa jew lill-kooperattivi, kemm-il darba l-garanziji huma marbuta ma' operazzjonijiet iffinanzjati minn skema ta' għajnuna reġjonali/nazzjonali approvata mill-Kummissjoni u li l-kumulazzjoni ta' l-għajnuna ma teċċedix il-limiti ffissati fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw l-għajnuna;
- ikunu provduti servizzi ta' konsulenza lill-bdiewa kollha li jaħdmu fir-Reġjun.

563. L-ekwivalenti f'għotja ta' flus kontanti ta' l-għajnuna għall-garanziji sussidjarji tiġi kkalkulata eżatt bħalma jsir għas-self sussidjat, jiġifieri bħala d-differenza bejn ir-rati tas-self fis-suq u s-self reali stipulat mal-bank, wara l-eżistenza tal-garanzija, mingħajr l-ammont li ħallas il-benefiċjarju.

*L-għajnuna għall-kriżi tal-BSE: il-Liġi 49/2001 - L-Artikoli minbarra l-Artikolu 7-bis*

564. Fl-1 ta'Diċembru, il-Kummissjoni awtorizzat retroattivament[346] lill-Italja biex tagħti għajnuna mill-Istat ta' madwar € 169 miljun għall-ispejjeż tal-qerda obbligatorja ta' materjali ta' riskju speċifiku u tal-ħażna ta' materjali ta' riskju baxx kif ukoll għajnuna għad-dħul lis-settur tal-produtturi taċ-ċanga biex ikunu miġġielda l-effetti tal-kriżi tal-BSE fl-2001. Il-miżuri approvati huma parti mil-liġi Taljana 49/2001, parzjalment approvati mill-Kummissjoni fiż-żmien meta faqqgżet il-kriżi tal-BSE.

565. L-għajnuna għad-dħul favur il-produtturi taċ-ċanga, mogħtija permezz ta' sospensjoni u titwil tal-perjodi li fihom iridu jitħallasu t-taxxa u l-obbligazzjonijiet tas-sigurtà soċjali, hija awtorizzata skond l-Artikolu 87(2) b) KE. L-għajnuna għad-dħul lis-settur f'punt eqreb lejn il-punt tal-bejgħ milli lejn il-punt tal-produzzjoni (*downstream*) (intrapriżi tat-tbiċċir, il-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut tal-laħam) koperta mid-deċiżjoni tlaħħaq għal madwar € 103,25 għal kull intrapriża u hija meqjusa bħala għajnuna *de minimis* u għalhekk ma taqax taħt il-projbizzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat.

L-OLANDA

*Il-miżuri għall-influwenza ta' l-għasafar*

566. Fit-8 ta'Settembru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għal għajnuna mill-Istat ta' madwar € 11, 3 miljun għall-ispiża biex tkun miġġielda l-influwenza ta' l-għasafar[347]. Il-miżura hija modifikazzjoni tal-miżura approvata bħala

345 N 536/2003 Italja (il-Kampanja)
346 NN 151/2002 (ex N 113/B/2001)
347 N 429/2003

N 700/2000. L-intensità mħabbra ta' l-għajnuna hija sa 100% u l-miżuri mistennija jdumu sa l-1 ta' Jannar 2010.

*Il-miżuri għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer*

567. Fit-8 ta'Settembru, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għal għajnuna mill-Istat ta' madwar € 2,7 miljun għall-ispiża biex tkun miġġielda l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer[348]. Il-miżura hija modifikazzjoni tal-miżura approvata bħala N 700/2000. L-intensità ta' l-għajnuna hija sa 100% u l-miżura mistennija ddum sa l-1 ta' Jannar 2010.

## 11. L-INDUSTRIJI TAS-SAJD

568. Fl-2004, il-Kummissjoni Ewropea awtorizzat ċerti għajnuniet li Franza tat (fil-forma ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u taxxi oħrajn) wara t-tniġġis miż-żejt ikkawżat min-nawfraġju ta' l-Erika f'Diċembru 1999 u minn maltemp qawwi eżatt wara. Qieset li l-għajnuniet huma ġġustifikati safejn huma konċernati dawk li jrabbu l-ħut biex jittiekel, fuq il-kosta ta' l-Atlantiku li ġew affettwati b'mod partikolari mill-ġrajjiet, iżda fil-każ tal-persuni l-oħra li jrabbu l-ħut biex jittiekel u tas-sajjieda wkoll, sabithom inkompatibbli mas-suq komuni u l-għajnuna se jkollha tinġabar lura.

569. Il-Kummissjoni awtorizzat ukoll ċerti għajnuniet għall-industrija tas-sajd mogħtija fil-Korsika bejn l-1986 u l-1999, iżda dawk għall-bini tal-bastimenti u għall-modernizazzjoni tal-bastimenti b'żjieda fis-saħħa mogħtija fl-1 ta' Jannar 1997 u t-28 ta' Ottubru 1998 instab li ma kinux kompatibbli mas-suq komuni u jridu jinġabru lura wkoll. Madanakollu, l-għajnuniet il-ġodda biex jinxtraw bastimenti wżati kienet awtorizzata.

## 12. FAHAM U TRASPORT

*Il-Faħam*

570. Is-sena 2004 kienet immarkata bit-tmiem tal-produzzjoni tal-faħam fi *Franza,* u bit-tkabbir ta' l-Unjoni, li żied in-numru ta' pajjiżi li jipproduċu l-faħam minn tlieta (*il-Ġermanja, il-Gran Brittanja, Spanja)* għal sebgħa, meta żdiedu *l-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, l-Islovakkja u l-Ungerija.* Minħabba kondizzjonijiet ġeoloġiċi li mhumiex favorevoli, ħafna mini ta' l-UE mhumiex kompetittivi kontra l-faħam importat.

571. Ta' min jiftakar li mill-24 ta' Lulju 2002 kien beda japplika qafas ġdid għall-għajnuna mill-Istat mogħtija lis-settur tal-faħam[349] wara li skada t-Trattat ta' l-ECSC fit-23 ta' Lulju 2002. Dan ir-reġim huwa bbażat fuq il-produzzjoni minima tal-faħam sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija fl-UE. L-għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-faħam ser tappoġġja wkoll ir-ristrutturar ta' dan is-settur, filwaqt li jitqiesu r-riperkussjonijiet soċjali u reġjonali minħabba t-tnaqqis fl-attività.

---

[348] N 431/2003

[349] ĠU L 205 tat-2.8.2002, p. 1

572. Fir-rigward ta' *Spanja*, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni dettaljata fejn għandu x'jaqsam il-pjan tar-ristrutturar u l-għajnuna lill-industrija tal-faħam għas-sena 2003[350]. Fid-19 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni awtorizzat l-għajnuna lill-industrija tal-faħam *Ġermaniża* għas-sena 2004[351].

*It-Trasport*

It-trasport bil-ferroviji

573. Fis-6 ta' Ottubru, il-Kummissjoni awtorizzat lill-*Ġermanja* biex tappoġġja l-infrastruttura tal-ferroviji tagħha [352]. L-iskema ta' l-għajnuna approvata għandha x'taqsam mal-linji ta' gwida dwar l-għotja tal-fondi għall-bini, għall-estensjoni u għall-attivazzjoni mill-ġdid ta' binarji żgħar (ma' ġenb il-binarju prinċipali) tal-ferroviji privati. Binarju żgħir privat huwa linja ferrovjarja li huwa l-proprjetà ta' intrapriża kummerċjali u jintuża biex tintbagħat u/jew tkun irċevuta l-merkanzija bħala parti mill-attivitajiet kummerċjali tagħha. Din il-linja ferrovjarja trid tkun marbuta direttament jew indirettament max-xibka ta' infrastruttura pubblika tal-ferroviji. L-iskema ta' l-għajnuna għandha tikkontribwixxi biex ikun żgurat it-tkabbir f'dan is-settur u jiġi appoġġjat iċ-ċaqliq tal-bilanċ mit-trasport bit-toroq għal dak fuq il-linji ferrovjarji.

It-trasport kombinat

574. Intuża metodu favorevoli fir-rigward skema *Taljana*[353] għar-Reġjun tal-Friulia-Venezia Giulia li mistenni jagħti sussidji lil ditti li joffru s-servizzi ta' trasport kombinat bil-ferroviji lejn jew mir-Reġjun. Dawn is-sussidji ser ikunu limitati biex jiġu bbilanċjati d-differenzi bejn l-ispejjeż esterni tat-trasport bit-triq u dak imħallat. L-iskema ser tagħmilha possibbli li jitnaqqas il-prezz tas-servizzi tat-trasport kombinat sabiex jikkompeti mat-trasport bit-toroq f'kondizzjonijiet tas-suq simili.

575. Il-Kummissjoni approvat skema oħra reġonali *Taljana* [354] (Sqallija) maħsuba li għal tliet snin tinkoraġġixxi s-servizzi tat-trasport kombinat bit-toroq-u-l-baħar bejn portijiet Sqallin u Taljani u tal-Komunità. L-iskema ser tagħti 'bonus ambjentali' lill-kumpaniji SMEs tat-trasport bit-toroq meta jibagħtu bil-baħar vetturi individwali tal-merkanzija tqila *(individual heavy goods vehicles)* ta' aktar minn 12-il tunnellata metrika jew is-semi-trejlers. Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika ġeografika u ekonomika ta' Sqallija, id-diffikultajiet biex jiġi organizzat is-suq tat-trasport intermodali u l-karattru sperimentali tal-miżura, il-Kummissjoni qisitha bħala kompatibbli mat-Trattat.

---

350 ĠU C 182 tal- 15.7.2004, p. 3

351 N 493/2003- Il-Ġermanja – L-Għajnuna mill-Istat għall-industrija tal-faħam għall-2004. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19.5.2003

352 N 170/2004 – Il-Ġermanja – Il-Linji ta' Gwida dwar l-għoti ta' fondi għall-kostruzzjoni, għall-estensjoni u għat-tħaddim mill-ġdid tal-binarji żgħar privati (ma' ġenb il-binarju ewlieni). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6.10.2004

353 N 335/03 L-Italja – L-Għajnuna għat-twaqqif ta' servizzi tal-vetturi li jivvjaġġaw fuq l-awtostradi *(rolling-motorways services)*. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3.3.2004

354 N 551/2003- L-Italja – L-Għajnuna biex jitħeġġeġ it-trasport tal-merkanzija permezz tat-trasport kombinat (toroq – vjaġġi qosra bil-baħar). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6.10.2004

576. F'April, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għal skema ta' l-għajnuna[355] maħsuba biex tħeġġeġ il-moviment modali tal-merkanzija mit-triq għall-ilma, billi tingħata għajnuna għas-servizzi ġodda/eżistenti tal-kosta, tal-vjaġġi qosra bil-baħar jew tal-passaġġi ta' l-ilma interni sakemm jevitaw il-vjaġġi bit-trakkijiet u li jiġġeneraw il-benefiċċji ambjentali fir-*Renju Unit.* Din l-iskema l-ġdida hija komplementari għall-iskema eżistenti ta' l-Għotja għall-Faċilitajiet tal-Merkanzija (FFG - *Freight Facilities Grant*)[356]. Is-sussidju ser ikun limitat għal 30% ta' l-ispiża operattiva totali għal mhux aktar minn 3 snin, fejn wara dan il-perjodu il-proġett irid ikun vijabbli.

577. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni awtorizzat għajnuna *Belġjana*[357] li hi maħsuba biex tiggarantixxi l-aċċess għall-Port ta' Antwerp minn passaġġ ta' ilma intern matul ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fuq iċ-Ċirku ta' Antwerp[358]. L-iskema ser terfa' l-piż ta' l-ispejjeż addizzjonali għat-tagħbija u għall-ħatt tal-kontejners fuq il-bastimenti li jivvjaġġaw fl-intern tal-pajjiż sabiex it-traffiku tal-passaġġi interni ta' l-ilma ma jiġix skoraġġit minn u lejn il-Port ta' Antwerp waqt ix-xogħlijiet.

It-trasport bit-toroq

578. F'Lulju, il-Kummissjoni approvat għajnuna għall-investiment għall-modifikazzjoni ta' filtri tal-partikuli fuq trakkijiet irreġistrati fid-*Danimarka* wara li bdew jaħdmu[359].

579. Barra minn hekk, fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali[360] dwar l-allegata applikazzjoni ħażina ta' deċiżjoni pożittiva li l-Kummissjoni kienet tat qabel dwar ir-ristrutturar tal-kumpanija "*Sernam*", sussidjarja tal-kumpanija *Franċiża* tal-ferroviji *SNCF* li twettaq trasport bit-toroq u bil-ferroviji kif ukoll tikkonsenja l-merkanzija, billi adattat deċiżjoni kondizzjonali, parzjalment pożittiva u parzjalment negattiva b'ordni ta' ġbir lura.

580. Il-Kummissjoni kompliet bl-investigazzjoni tal-pjan għar-ristrutturar tal-kumpanija Belġjana, *ABX Logisitics*, involuta fil-konsenja tal-merkanzija l-aktar fit-trasport bit-toroq iżda wkoll fis-setturi tat-trasport marittimu u bl-ajru.

581. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda teżamina l-effetti possibbli ta' l-għajnuna mill-Istat ta' skema ta' rimborż li hija marbuta ma' l-introduzzjoni ta' noll fuq il-vetturi tal-merkanzija tqila fl-awtostradi Ġermaniżi[361].

---

[355] N 206/2003- Ir-Renju Unit – L-Għotja għall-Merkanzija li Tinġarr fuq l-Ilma, Id-Deċiżjoni ta' l-20.4.2004

[356] N 649/2001- Ir-Renju Unit – L-Għotja tal-Faċilitajiet tat-Trasport tal-Merkanzija; Id-Deċiżjoni ta' l-20.12.2001

[357] N 88/04- Il-Belġju – Aide au secteur de la navigation intérieure pour la manutention de conteneurs dans le port d'Anvers. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14.7.2004

[358] L-awtostrada madwar Antwerp tikkonsisti f'erba' lejns f'kull direzzjoni. Waqt ix-xogħlijiet, in-numru tal-lejns ser jitnaqqas għal tnejn f'kull direzzjoni.

[359] N 90/2004- Id-Danimarka – Filtres à particules pour camions. Id-Deċiżjoni ta' l-20.7.2004

[360] C 32/2003- Franza- SERNAM 2- Révision des aides à la restructuration. Id-Deċiżjoni ta' l-20.10.2004

[361] C 54/2003- Il-Ġermanja

*Il-passaġġi ta' l-ilma*

Il-passaġġi tax-xmajjar

582. Il-Kummissjoni awtorizzat żewġ skemi ta' għajnuna biex tħajjar l-iżvilupp ta' trasport permezz ta' passaġġ tax-xmajjar fi Franza u l-Belġju (Il-Wallonja) [362] permezz ta' modernizzazzjoni tal-flotta u l-promozzjoni u t-tiġdid tal-professjoni tat-trasport permezz tal-passaġġi tax-xmajjar.

583. L-iskema ta' għajnuna tal-Wallonja taħseb ukoll biex tingħata għajnuna lil operaturi ta' servizzi ta' trasport skedati għal containers li jużaw ix-xmajjar u li joperaw minn terminal li huwa magħqud ma' passaġġ li insab fil-Wallonja. L-għotja hija ikkalkulata fuq il-bażi ta' numru ta' containers li jgħaddu mill-passaġġ. L-għajnuna hija maħsuba biex tħajjar l-iżvilupp ta' servizzi ta' trasport kombinati fuq ix-xmajjar, lejn u mill-Wallonja, vis-à-vis t-trasport fuq it-toroq, li jifforma kważi t-trasport kollu tal-containers fir-reġjun.

It-trasport marittimu

584. Il-Kummissjoni approvat ukoll għadd ta' estensjonijiet jew emendi għal skemi eżistenti fl-Italja[363], il-Ġermanja,[364] id-Danimarka,[365] u l-Finlandja[366]. Hija approvat ukoll skema ta' rata ta' taxxa b'rata fissa ibbażata fuq it-tunellaġġ[367], fejn l-Italja saret il-ħdax-il Stat Membru li daħħlet skema bħal din, magħrufa wkoll bħala t-taxxa tat-Tunellaġġ.

585. Il-Kummissjoni tat l-approvazzjoni għall-iskema ta' għajnuna adottata mill-Italja għal kumpaniji tal-grupp Tirrenia[368], li se tibqa' fis-seħħ sa l-2008 fuq il-bażi ta' ftehimiet dwar is-servizz pubbliku. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-għotjiet li ngħataw lill-kumpaniji tal-grupp Tirrenia biex dawn joperaw żgur is-servizzi bejn il-peniżola Taljana u l-gżejjer tagħha huma kumpens għall-impożizzjoni ta' obbligi dwar is-servizz pubbliku. Mill-banda l-oħra, il-Kummissjoni ddikjarat li l-kumpens li ngħata fuq ċerti rotot marittimi internazzjonali huma inkumpatibbli mal-liġi tal-Komunità, fuq il-bażi li ma hemmx ħtieġa reali għal servizz pubbliku, u talbet li l-għotja titħallas lura minn min irċeviha.

---

362 N 38/2004 - France- Aide aux transporteurs de marchandises par voie navigable établies en France. Commission décision of 8.9.2004; N 4/2004 – Belgium- Plan wallon d'aides au transport par voies navigables 2004-2007. Commission décision of 16.6.2004

363 N 599/2003, adoption le 3.2.2004 par la Commission de la prolongation en 2004 et 2005 d'un régime d'allègement des charges sociales patronales dans le secteur du cabotage maritime; Cas N 45/2004, adoption le 14.7.2004 par la Commission de l'extension du registre maritime international à certaines activités de cabotage, et partant l'extension des régimes afférents audit registre

364 NN 19/2004, décision de la Commission du 22.9.2004, régime réduisant de manière forfaitaire les charges salariales des marins; Cas N 376/2004, décision de la Commission du 16.11.2004.

365 N 171/2004, décision de la Commission du 1.12.2004, une adaptation technique apportée au régime d'imposition forfaitaire sur la base du tonnage, approuvé en 2002.

366 N 70/04, décision de la Commission du 1.12.2004, prolonger le régime existant en faveur du registre maritime international et de l'étendre au navires de passagers effectuant des liaisons maritimes entre la Finlande et d'autres États membre.

367 N 114/2004.

368 C 64/1999- Italie- Groupe TIRRENIA. Commission décision of 16.3.2004

586. Fit-30 ta' Ġunju,[369] il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali li kienet bdiet fit-30 ta' Marzu 2003[370] dwar pakkett ta' miżuri fiskali Belġjani biex jaġevolaw lill-flotta markantili, u ċaħdet xi wħud mill-miżuri li eżaminat, jiġifieri t-tnaqqis ta' taxxa għal bastimenti l-aktar reċenti, it-trasferiment ta' krediti tat-taxxa biex jiġu fi ħdan il-parti tal-kumpanija li hija soġġetta għal tassazzjoni b'rata fissa, u l-eliġibbiltà ta' attivitajiet li ma humiex intrinsikament relatati mat-trasport marittimu, bħal ma huma l-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi li ma humiex maħsuba għall-konsum fuq il-bastiment u l-bejgħ ta' prodotti ta' lussu jew dawriet bil-passiġġieri, u l-imħatri u l-casinos. Il-miżuri l-oħra li ġew eżaminati ġew aċċettati.

587. Fl-aħħarnett, f'dak li għandu x'jaqsam ma' Franza, il-Kummissjoni fl-14 ta' Diċembru emendat id-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Jannar 2002[371] biex tawtorizza skema ta' għajnuna biex jitwaqqfu servizzi żgħar ġodda marittimi, biex jittieħed kont sħiħ tar-regoli ġodda tal-Komunità f'dan is-settur.

It-trasport bl-ajru

588. Fit-12 ta' Frar, il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni dwar il-vantaġġi mogħtija mir-Reġjun ta' Walloon[372] u l-Ajruport ta' Brussell fin-Nofsinhar ta' Charleroi (BSCA-*Brussels South Charleroi Airport*) li huwa proprjetà pubblika lil-linja ta' l-ajru Ryanair b'rabta mat-twaqqif tagħha f'Charleroi. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ebda operatur privat fl-istess ċirkustanzi bħall-BSCA ma kien ser jagħti l-istess vantaġġi. Ladarba l-prinċipju ta' l-investitur fis-suq privat ma kienx ġie rrispettat f'dan il-każ, il-vantaġġi mogħtija lir-Ryanair jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li setgħet tgħawweġ il-kompetizzjoni

589. Il-Kummissjoni, madankollu, kienet tal-fehma li l-għajnuna mogħtija lir-Ryanair f'Charleroi setgħet tkun kompatibbli mas-suq komuni fil-kuntest tal-politika tat-trasport, safejn jippermettu l-iżvilupp u l-użu mtejjeb ta' l-infrastruttura sekondarja ta' l-ajruport li bħalissa ma tintużax biżżejjed u tirrappreżenta spiża għall-komunità sħiħa. Ċerti tipi ta' għajnuna kienu awtorizzati mill-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni, b'mod partikolari l-għajnuna li tippermetti l-iżvilupp ġenwin ta' rotot ġodda f'kondizzjonijiet li kienu definiti b'mod ċar. Id-deċiżjoni indikat ukoll li ċerti forom ta' għajnuna ma jistgħux ikunu awtorizzati. Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda timmira li tiggarantixxi li l-vantaġġi mogħtija f'ajruport partikolari ma jkunux diskriminatorji u jibbenefikaw minn trasparenza akbar.

590. Din id-deċiżjoni hija sinifikanti għall-ġejjieni tat-trasport bl-ajru speċjalment għax għandha x'taqsam ma' l-użu ta' ajruporti reġjonali jew sekondarji. Fi żmien id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ħabbret ukoll li ser tfassal linji ta' gwida li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet ta' l-għajnuna mill-Istat lil-linji ta' l-ajru bi spiża baxxa, l-għajnuna għall-ftuħ ta' rotot ġodda u l-finanzjament pubbliku ta' l-ajruporti: "il-linji ta' gwida Komunitarji dwar il-finanzjament ta' l-ajruporti u l-għajnuna tal-bidu għal-linji ta' l-ajru li jitilqu mill-ajruporti reġjonali".

---

[369] Id-deċiżjoni finali għad ma ġietx ippubblikata.

[370] C 20/2003, ĠU C 145 tal-21.6.2003, p. 4.

[371] C 65/200, ĠU L 196/31 tal-25.7.2002.

[372] C 76/2002- Il-Belġju – L-Ajruport ta' Charleroi – Compagnie aérienne RYANAIR. Id-Deċiżjoni tat-12.2.2004

591. Fis-16 ta' Marzu, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni biex tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni dwar għajnuna mill-Istat fil-*Greċja*[373], fejn esprimiet dubji dwar it-twaqqif u l-privatizzazzjoni ta' kumpanija msejħa *Olympic Airlines (NOA)* – li ħadet il-kontroll ta' l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni ta' l-Olympic Airways – kif ukoll għadd ta' miżuri oħrajn. Il-Kummissjoni wkoll qajmet dubji dwar in-nuqqas min-naħa ta' l-Istat Grieg li jiġbor lura l-għajnuna illegali u inkompatibbli wara d-deċiżjoni ta' Diċembru ta' l-2002, in-nuqqas ta' pagament mill-kumpanija tad-dejn tat-taxxa fl-2003, il-proviżjon ta' self antiċipat ta' (aktar minn €130 miljun) mill-Istat Grieg biex jipprovdi fondi għar-ristrutturar u għall-privatizzazzjoni tal-kumpanija, in-nuqqas ta' pagament mill-kumpanija tat-taxxa fuq il-modernizzazzjoni ta' l-ajruport (Spatosimo) mitluba lill-passiġġieri.

592. Id-deċiżjoni ta' l-20 ta' Lulju 2004, li permezz tagħha l-Kummissjoni awtorizzat għajnuna għas-salvataġġ għal-linja ta' l-ajru Taljana Alitalia[374] kienet waħda sinifikanti fost id-deċiżjonijiet l-oħrajn li ttieħdu matul l-2004 fil-qasam tat-trasport bl-ajru. L-għajnuna tikkonsisti f'self ta' bejn żewġ tranżazzjonijiet ta' €400 miljun b'rati tas-suq għal perjodu qasir ta' żmien li jrd jitħallas malli jiskadi sabiex ikunu jistgħu jsiru arranġamenti għar-ristrutturar possibbli tal-kumpanija mingħajr għajnuna mill-Istat addizzjonali.

593. Fl-aħħarnett, fl-14.12.2004 il-Kummissjoni awtorizzat l-ewwel fażi tal-privatizzazzjoni mill-ġdid tad-diviżjoni tal-*ground-handling* ta' *TAP*[375]. Portugalia – linja ta' l-ajru privata Portugiża kellha tamalgama n-negozju tagħha tal-*ground-handling* ma' dak tat-TAP u għal dan kienet ser takkwista 6% mill-pussess ta' l-ishma tal-kumpanija l-ġdida tal-ground-handling. Il-Kummissjoni ddeċidet li din is-serje ta' tranżazzjonijiet ma kkostitwietx għajnuna mill-Istat għaliex l-ebda riżorsa ta' l-Istat ma kienet se tkun disponibbli għat-TAP u minħabba li x-xerrej tal-Portugalia ħallas prezz tas-suq għall-ishma involuti.

## 13. IX-XANDIR PUBBLIKU

*Skemi ta' ħlas tal-liċenzji*

594. Ir-RAI huwa x-xandar pubbliku Taljan u huwa inkarigat b'servizz pubbliku jiġifieri x-xandir tas-servizz pubbliku. Titħallas liċenzja biex dan is-servizz pubbliku jkun jista' jingħata. Din il-liċenzja tikkostitwixxi għajnuna eżistenti peress li kienet teżisti qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Ruma u l-elementi essenzjali tagħha baqgħu mingħajr ma nbidlu minn dak iż-żmien.

595. Matul proċedura dwar għajnuna li teżisti bħalissa li kienet qed issir biex tiġi żgurata l-kumpatibbilità tas-sistema ta' iffinanzjar tar-RAI[376] bil-ħlas tal-liċenzja, id-dipartimenti tal-Kumissjoni ipproponew titjib lill-awtoritajiet Taljani. Dawn il-proposti għandhom jiżguraw li l-iskema ta' ħlas ta' liċenzja tkun trasparenti u jkun

373 ĠU C 192/2 of 28.7.2004

374 N 297/2004- l-Italja – Mesures urgentes en faveur de la restructuration et relance d'ALITALIA. Id-Deċiżjoni ta' l-20.7.2004

375 NN 63/2004- il-Portugall- Reprivatisation de SPDH (TAP)

376 Ara sezzjoni 4.5 tar-Rapport dwar il-Kompetizzjoni 2003 ta' SPDH (TAP)

fiha salvagwardji kontra kumpens eżaġerat. Fit-23 ta' Ġunju, l-awtoritajiet Taljani aċċettaw it-tijib kollu indikat mid-dipartimenti tal-Kummissjoni.

596. Bdew ukoll proċeduri simili dwar xandara Portugiżi[377] u Franċiżi[378] u għadhom għaddejjin negozjati dwar miżuri xierqa.

*Il-finanzjament mill-Istat tat-TV2 Denmark*[379] *u l-finanzjament mill-Istat* ad-hoc *ta' organizzazzjonijiet tax-xandir pubbliku fl-Olanda*[380]

597. Skond il-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli għall-għajnuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliku[381] u d-deċiżjonijiet tagħha f'dan is-settur fl-2003[382], fl-2004 il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjonijiet tagħha ta' l-għajnuna mill-Istat fil-finanzjament mill-Istat ta' organizzazzjonijiet tax-xandir tas-servizz pubbliku. Fl-ewwel disa' xhur ta' l-2004, il-Kummissjoni bdiet investigazzjonijiet fil-finanzjament tas-sistema Olandiża tax-xandir pubbliku u adottat deċiżjoni finali dwar il-finanzjament tax-xandar Daniż tas-servizz pubbliku it-TV2/DANMARK (TV2).

598. Fit-3 ta' Frar, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni dettaljata fil-finanzjament *ad hoc* tax-xandara Olandiżi tas-servizz pubbliku. Il-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni huma li l-miżuri *ad hoc* mogħtija lix-xandara Olandiżi tas-servizz pubbliku jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 87(1) KE u li tiddubita jekk il-miżuri humiex kompatibbli skond l-Artikolu 86(2) KE. Il-Kummissjoni stmat li, mill-1992 'il quddiem, l-Istat Olandiż pprovda lix-xandara tas-servizz pubbliku b'aktar fondi (EUR 110 miljun) milli huwa meħtieġ biex jiffinanzja s-servizz pubbliku.

599. Fid-19 ta' Mejju, il-Kummissjoni għalqet l-investigazzjoni dettaljata tagħha fil-finanzjament mill-Istat tax-xandara Daniżi tas-servizz pubbliku TV2, fejn ordnat lit-TV2 tirrimborża madwar EUR 84.4 miljun bl-imgħax ta' għajnuna mill-Istat inkompatibbli. L-investigazzjoni formali kopriet il-perjodu 1995-2002. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni qieset jekk il-finanzjament ta' l-għajnuna mill-Istat li rċieva t-TV2 talli jaqdi l-kompitu tiegħu ta' servizz pubbliku kienx kompatibbli skond l-Artikolu 86(2) KE. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kkalkulat l-ewwel jekk il-kumpens mill-Istat kienx proporzjonat għall-ispiża netta li jġorr it-TV2 biex jaqdi l-obbligu tiegħu ta' servizz pubbliku. Il-Kummissjoni sabet li TV2 kien ikkumpensat iżżejjed b'DKK 628.2 (EUR 84.4) miljun. Bħala t-tieni pass, il-Kummissjoni analizzat l-imġiba tat-TV2 fis-suq tar-riklami tat-televixin. Skond il-Komunikazzjoni dwar ix-Xandir, fejn xandar tas-servizz pubbliku ma mmirax li jkabbar kemm jista' jkun id-dħul iġġenerat mill-attività tas-servizz pubbliku, il-ħtieġa għall-fondi pubbliċi ser tiżdied iżżejjed. Dan għandu jgħawweġ il-kompetizzjoni aktar milli huwa meħtieġ biex jitwettaq il-kompitu ta' servizz pubbliku. Minkejja li l-prezzijiet għar-reklamar tat-televixin fid-Danimarka huma pjuttost baxxi, l-investigazzjoni tal-Kummissjoni ma pproduċietx evidenza li t-TV2

377 CP 114/04 RTP

378 E 10/2005 (ex CP 660/1999)

379 C 2/2003.

380 C 2/2004.

381 ĠU C 320 tal-15.11.2001, p. 5-11.

382 Ara l-kapitolu 4.5 tar-Rapport Annwali tal-Kompetizzjoni ta' l-2003.

kien għażel li ma jkabbar kemm jista' d-dħul tiegħu mir-reklami. Barra minn hekk, l-investigazzjoni tal-Kummissjoni żvelat li l-Istat Daniż, bħala l-proprjetarju tat-TV2, ma ġabx ruħu bħal investitur fis-suq fil-perjodu 1995-2002 meta ddeċieda li jħalli l-ammonti annwali ta' kumpens eċċessiv għand it-TV2. Minkejja li l-Istat Daniż wara ddikkjara li ż-żejjed kien meħtieġ biex jinbena l-valur ta' l-ishma, ma mexiex fuq strateġija ta' investitur privat għaliex l-Istat Daniż, qabel ma reġa' investa l-kumpens eċċessiv fit-TV2, ma ddeterminax liema għandu jkun il-livell xieraq ta' kapital għall-valur ta' l-ishma li għal xandar tat-TV bħal dan u x'turija finanzjarja huwa mistenni li jikseb bil-valur ta' l-ishma tiegħu. Anzi, l-Istat Daniż illimita ruħu li jħalli li l-kumpens żejjed jakkumula fil-kumpanija. Għalhekk il-Kummissjoni sabet li l-ammont ta' EUR 84.4 miljun kien inkompatibbli mat-Trattat KE.

*DVB-T Germany*[383]

600. Sabiex tagħti spinta lill-proġett tax-Xandir terrestri tal-Vidjo Diġitali, l-awtorità tal-Medja f'Berlin-Brandenburg ikkumpensat lix-xandara privati għal dawk li jissejħu "spejjeż tal-bidla" (*"switchover costs"*). Ix-xandara privati ngħataw sussidju sabiex jaqilbu minn televixin terrestri analogu għal terrestri diġitali. In-netwerk il-ġdida tat-televixin terrestri diġitali titħaddem mit-T-Systems, sussidjarja ta' Deutsche Telekom AG (DTAG). Imġiegħla minn ilment, il-Kummissjoni eżaminat dan il-kumpens. Il-Kummissjoni tħoss li l-pagamenti tal-kumpens jistgħu jammontaw għal għajnuna mill-Istat, kemm lix-xandara privati kif ukoll lit-T-Systems, l-operatur tan-netwerk tad-DVB-T. Fl-14 ta' Lulju 2004 il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali.

601. Fl-istess data u ibbażat fuq diversi lmenti, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-iffinanzjar tat-televiżjoni diġitali terrestri (DVB-T) fl-Iżvezja[384], peress li ma jistax jiġi eskluż li l-iffinanzjar tan-netwerk tat-telviżjoni diġitali terrestri jinvolvi għajnuna statali.

*Broadband*

602. Il-Kummissjoni approvat serje ta' proġetti li jinvolvu appoġġ pubbliku għall-bini ta' *broadband*.[385] L-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni hija aspett kruċjali ta' l-aġenda ta' Liżbona u l-Kummissjoni aċċettat li l-użu tal-*broadband* jeħtieġ li jiġi mħeġġeġ, speċjalment f'żoni inqas iffavoriti.[386] Is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw f'liema kondizzjonijiet proġetti bħal dawn għandhom ikunu kompatibbli mar-regoli ta' l-UE għall-għajnuna mill-Istat. Id-deċiżjonijiet jipprovdu gwida dwar kif għandu jitfassal appoġġ pubbliku li huwa kompatibbli mar-regoli tal-kompetizzjoni.

---

383 NN 36/04.

384 OJ C 238, 25.9.2004

385 Id-Deċiżjonijiet N213/2003, "Proġett ATLAS – Skema ta' l-Infrastruttura tal-*broadband* għall-parks tal-kummerċ", 9.9.2004; N307/2004 "Il-*Broadband* fl-Iskozja – żoni mbiegħda u rurali"; N199/2004 "Il-Fond tal-Kummerċ tal-*Broadband*"; N381/04, "Projet de réseau haut debit des Pyrenées-Atlantiques", 16/11/2004; Broadband għall-SMEs f'Lincolnshire - "Rabtiet bejn in-Negozji Rurali"; 15.12.2004

386 Id-dokument tal-ħidma ta' l-impjegati tal-Kummissjoni, "Il-Linji ta' Gwida dwar il-kriterji u l-modalitajiet ta' l-implimentazzjoni tal-fondi strutturali b'appoġġ għall-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika, 28.7.2003, SEC(2003) 895.

603. Fil-proġett Pyrenées-Atlantiques, l-Istat Franċiż ippjana li jappoġġa t-twaqqif ta' infrastruttura miftuħa biex iservi lill-pubbliku ġenerali f'żona ġeografika fejn ma kien hemm jew l-ebda *broadband* jew fejn is-servizz tqies li ma kienx sodisfaċenti b'fornitur uniku li jipprovdu s-servizz. Il-Kummissjoni nnotat li l-proġett ser ikun limitat għall-proviżjon ta' infrastruttura u "aċċess" għall-operaturi iżda mhux ser joffri servizzi b'mod dirett lill-utenti aħħarija. Il-Kummissjoni aċċettat li proġett bħal dan jista' jilħaq id-definizzjoni ta' Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali fil-qasam tal-*broadband*. Barra minn hekk, ladarba l-proġett laħaq il-kriterji li stabbiliet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-*Sentenza ta' Altmark*[387] tagħha, il-miżura ma kkostitwietx għajnuna.

604. Il-proġetti fl-Iskozja, fil-Lvant tal-Midlands u f'Lincolnshire fir-Renju Unit jinvolvu l-proviżjon ta' servizzi minn punt għall-ieħor (*end-to-end*) lil hinn mis-sempliċi proviżjon ta' aċċess permess mill-infrastruttura. Il-Kummissjoni qieset li filwaqt li l-għajnuna hija preżenti, ma għawġitx il-kompetizzjoni sal-punt li jkun kontra s-suq komuni minħabba għadd kbir ta' salvagwardji li jiżguraw li jingħata biss il-minimu ta' l-għajnuna meħtieġa. F'dawk il-każijiet l-għajnuna tqieset bħala kompatibbli skond l-Artikolu 87(3)(c) KE.

*Is-settur ċinematografiku u awdjoviżiv*

605. Fuq il-bażi ta' l-Artikolu 87(3)(d) KE u l-hekk imsejjaħ "Kommunikazzjoni taċ-Ċinema[388], il-Kummissjoni approvat għadd ta' miżuri ta' għajnuna b'appoġġ għall-produzzjoni tal-films fl-Istati Membri, *inter* alia l-appoġġ għal produzzjoni ta' films u tat-TV fil-*Lander* tal-Ġermanja[389] u l-kenn mit-taxxi tal-Belġju[390]u. Fil-qafas ta' dawn id-deċiżjonijiet il-Kummissjoni wriet l-impenn tagħha li tieħu kont ta' aspetti kulurali u li tirrispetta u tippromwovi d-diversità kulturali.

---

387 Is-sentenza ta' l-24.7. 2003, Il-Każ C-280/00, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, Rec. 2003, p. I-7747.

388 Communication from the Commission to the Council, the European Parliament, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on certain legal aspects relating to cinematographic and other audiovisual works (COM(2001)534 final, 26.9.2001 (OJ C 43, 16.2.2002)). Communication from the Commission to the Council, the European Parliament, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on certain legal aspects relating to cinematographic and other audiovisual works of 26.9.2001 (COM(2004)171 final, 16.3.2004 (OJ C 123, 30.4.2004)).

389 N 41/04.

390 N 224/04, http:/europa.eu.int/comm./secretariat_general/sgb/state_aids/comp-2004/n224-04-fr.pdf

## C – L-INFURZAR TAD-DEĊIŻJONIJIET DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT

### 1. DAĦLA

606. Fl-2004, il-Kummissjoni żiedet l-isforzi tagħha biex timmonitorja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat. Għal dan l-iskop, id-DĠ għall-Kompetizzjoni, fit-tieni nofs ta' l-2003, kien ħoloq Unità ġdida li ngħatat il-mandat "biex tiżviluppa metodu koerenti u sistematiku għall-monitoraġġ u għall-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat li jaqgħu fl-isfera ta' l-awtorità tad-DĠ għall-Kompetizzjoni". Matul l-ewwel sena sħiħa ta' l-eżistenza tagħha, l-Unità ta' l-Infurzar ikkonċentrat ir-riżorsi tagħha fuq l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet tal-ġbir lura, għaliex dan huwa essenzjali għall-kredibilità ta' l-attività ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat min-naħa tal-Kummissjoni .

607. Fil-21 ta' April 2004 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 794/2004[391] li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999.[392] Fil-kapitolu V tiegħu, jiċċara r-regoli dwar ir-rata ta' l-imgħax li tapplika għall-ġbir lura ta' l-għajnuna illegali, u aktar fid-dettall, il-metodu biex jiġu ddeterminati r-rati ta' l-imgħax fuq il--ġbir lura u l-mod kif għandu jiġi kkalkulat l-imgħax fuq il-ġbir lura.

608. Fl-2004, il-Kummissjoni adottat 22 deċiżjoni ġdida dwar l-għajnuna mill-Istat. Ingħalqu 19-il każ ta' ġbir lura. Għaldaqstant, l-ammont ta' deċiżjonijiet pendenti dwar il-ġbir lura li jaqgħu fl-isfera ta' l-awtorità tad-DĠ għall-Kompetizzjoni żdied għal 93 fl-aħħar ta' l-2004 (minn 90 fl-aħħar ta' l-2003).

609. Aktar minn żewġ terzi tal-każijiet pendenti kollha ta' ġbir lura għandhom x'jaqsmu ma' miżuri ta' għajnuna mogħtija minn żewġ Stati Membri biss (44 każ fir-rigward tal-Ġermanja[393] u 20 każ fir-rigward ta' Spanja). Fuq it-tarf l-ieħor ta' l-ispettru, hemm sittax-il Stat Membru li bħalissa m'għandhomx każ wieħed pendenti ta' ġbir lura. Kważi żewġ terzi tal-każijiet pendenti ta' ġbir lura għandhom x'jaqsmu ma' miżuri ta' għajnuna individwali, il-bqija għandhom x'jaqsmu ma' skemi ta' l-għajnuna. Fi kważi nofs il-każijiet pendenti ta' ġbir lura li jikkonċernaw għajnuna individwali, il-benefiċjarju konċernat huwa fallut. Iżda dan mhux bilfors jimplika li l-għajnuna, f'dawn il-każijiet, m'għadx għandha effett ta' tagħwiġ. Fil-fatt, fi kważi żewġ terzi ta' dawn il-każijiet, l-intrapriża konċernata għadha qed tkompli bl-attività ekonomika tagħha, spiss taħt is-superviżjoni ta' amministratur ta' l-insolvenza mqabbad mill-Qorti.

610. L-informazzjoni disponibbli fil-31 ta' Diċembru 2004 tindika li l-ammont kollu ta' għajnuna li jrid jingħabar lura mill-inqas huwa daqs EUR 9.7 biljun. Dan huwa sinifikanti għax jirrappreżenta madwar 35% ta' l-ammont totali ta' għajnuna mill-Istat

391 ĠU L 140 of 30.4.2004, p. 1.

392 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 of 22.3.1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

393 L-ammont relativament għoli ta' każijiet Ġermaniżi ta' ġbir lura jista' jiġi attribwit sa ċertu punt għall-problemi tranżitorji ta' wara l-unifikazzjoni Ġermaniża. Dwar il-każijiet Spanjoli ta' ġbir lura, aktar minn nofs ta' dawn il-każijiet għandhom x'jaqsmu mal-miżuri ta' l-għajnuna fiskali tal-pajjiż Bask.

mogħtija fil-Komunità fl-2002[394]. Sehem kbir ta' din l-għajnuna huwa minħabba numru limitat ta' deċiżjonijiet ta' ġbir lura li ġew adottati dan l-aħħar, dwar il-Landesbanken Ġermaniżi[395], il-France Telecom[396] u l-EDF[397]. Għal aktar minn 24 każ pendenti ta' ġbir lura, madankollu, l-Istat Membru konċernat għadu ma setax iressaq informazzjoni ta' min joqgħod fuqha dwar l-ammont ta' għajnuna involuta. Id-disponibilità ta' l-informazzjoni dwar l-ammonti li għandhom jinġabru lura huwa limitat b'mod partikolari fil-każijiet ta' skemi ta' għajnuna, speċjalment miżuri ta' għajnuna fiskali jew para-fiskali, u miżuri ta' għajnuna li jinvolvu garanziji.

611. Matul l-2004, il-Kummissjoni żgurat segwitu amministrattiv mill-qrib u konsistenti tad-deċiżjonijiet kollha pendenti ta' ġbir lura biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Fejn il-Kummissjoni qieset li Stat Membru partikolari ma ħax il-miżuri kollha meħtieġa li huma disponibbli fis-sistema legali rispettiva tiegħu biex jimplimenta d-deċiżjoni, bdiet azzjoni legali skond l-Artikolu 88(2) jew l-Artikolu 228(2) tat-Trattat fil-każijiet ta' Crédit Mutuel[398], Kimberley Clark[399] u tat-tarznari li huma proprjetà pubblika[400].

612. L-Istati Membri għandhom rwol importanti fl-infurzar tar-regoli ta' l-UE għall-għajnuna mill-Istat, għaliex huma obbligati jimplimentaw id-deċiżjonijiet ta' ġbir lura u jippermettu l-azzjonijiet fil-qorti mill-kompetituri skond il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni għalhekk nediet studju dwar l-infurzar tal-politika ta' l-UE għall-għajnuna mill-Istat fuq livell nazzjonali. L-iskop ta' l-istudju huwa li jiġu identifikati l-punti ta' saħħa u dawk dgħajfa fil-proċeduri nazzjonali ta' ġbir lura u li jiġi żviluppat fehim dettaljat tal-possibbiltajiet għal azzjonijiet min-naħa tal-kompetituri fil-qrati nazzjonali. Ir-riżultati ta' l-istudju għandhom ikunu disponibbli sa l-aħħar ta' l-2005.

## 2. KAZIJIET INDIVIDWALI

*Scott Kimberly Clark*

613. F'Ottubru 2004, il-Kummissjoni sabet li Franza ma kkonformatx mad-deċiżjoni ta' ġbir lura tat-12 ta' Lulju 2000 dwar l-għajnuna mogħtija lil Scott Paper[401] u għalhekk iddeċidiet li tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej direttament skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat.[402] Id-deċiżjoni ta' ġbir lura tat-12 ta' Lulju 2000 bħalissa qiegħda tiġi sfidata mill-benefiċjarju u mill-awtoritajiet lokali

394 EUR 28 biljun għall-ħmistax-il Stat Membru antik u dan jeskludi l-għajnuna fis-setturi ta' l-agrikultura ta' l-industriji tas-sajd, tat-trasport u tat-tħaffir għall-faħam.

395 Il-Każijiet C64/1997 (Westdeutsche Landesbank), C48/2002 (Landesbank Berlin), C69/2002 (Norddeutsche Landesbank), C70/2002 (Bayerische Landesbank), C71/2002 (Hamburgische Landesbank), C72/2002 (Landesbank Schleswig-Holstein), C73/2002 (Landesbank Hessen-Thüringen), id-Deċiżjonijiet ta' l-20.10.2004.

396 C13B/2003, Id-Deċiżjoni tat-2.8.2004.

397 C68/2002, Id-Deċiżjoni tas-16.12.2003.

398 C88/1997, ECJ Il-Każ C-337/04.

399 C38/1998, Id-Deċiżjoni tas-6.10.2004.

400 C03/1999, Id-Deċiżjoni tat-13.10.2004.

401 C38/1998, ĠU L 12 tal-15.1.2002, pp. 1-32.

402 Id-Deċiżjoni tas-6.10.2004, għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

Franċiżi quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunità Ewropea.[403] Fl-istess ħin, il-benefiċjarju sfida l-ordnijiet nazzjonali ta' ġbir lura fil-qrati nazzjonali.

614. Il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li tirreferi l-każ quddiem il-Qorti għal numru ta' raġunijiet. Ir-raġuni ewlenija hija li l-awtoritajiet nazzjonali u l-imħallef nazzjonali qablu li jissospendu l-proċeduri fil-qorti nazzjonali sakemm il-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunità Ewropea tagħti s-sentenza tagħha dwar il-każ. Dan huwa kuntrarju għall-Artikolu 242 tat-Trattat, li jipprovdi li appell quddiem il-Qorti Ewropea m'għandu l-ebda effett ta' sospensjoni. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda miżura provviżorja disponibbli skond il-liġi Franċiża biex jiġi żgurat li l-għajnuna tiġi rtirata mingħand Scott waqt il-proċeduri quddiem il-qrati nazzjonali. Fl-aħħarnett il-Kummissjoni qieset li Franza ma ġabitx ruħha skond l-obbligu tagħha li tikkoopera mal-Kummissjoni, għaliex ma pprovdiet l-eda informazzjoni ġdida dwar il-ġbir lura minn Lulju 2003.

*It-Tarznari Spanjoli*

615. Fis-26 ta' Ġunju 2003, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea kkundannat lil Spanja talli naqset milli timplimenta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' ġbir lura tas-26 ta' Ottubru 1999[404] fir-rigward ta' l-għajnuna mogħtija lit-Tarznari li huma proprjetà pubblika[405]. F'Ottubru 2004 il-Kummissjoni nnotat li Spanja kienet għadha ma kkonformatx mad-deċiżjoni ta' ġbir lura tas-26 ta' Ottubru 1999, u l-għajnuna fil-fatt ma kinitx irrimborżata. Għalhekk il-Kummissjoni qieset li Spanja ma kkonformatx mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 2003 u ddeċidiet li se ssegwi l-kwistjoni skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat. B'dan il-għan, fit-13 ta' Ottubru 2004 il-Kummissjoni ddeċidet li tibgħat Ittra ta' Avviż Formali lil Spanja fejn spjegat il-fatti u l-valutazzjoni tagħha tal-każ u fejn talbet lill-Istat Membru biex iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-kwistjoni. L-ittra ntbagħtet fit-18 ta' Ottubru 2004. L-awtoritajiet Spanjoli ressqu l-osservazzjonijiet tagħhom fil-21 ta' Diċembru 2004.

[403] CFI Il-Każijiet T-366/00 u T-369/00.
[404] Il-Każ C03/1999, ĠU L 37 tat-12.2.2000, pp. 22-30.
[405] Il-Każ C-404/00 ta' l-ECJ, ECR 2003, I-6695.

## D – KAZIJIET MAGHZULA TAL-QORTI

*Każijiet konġunti*[406]

616. Il-Qorti tal-Ġustizzja (ECJ) kellha tiddeċiedi dwar appell minn Sentenza tal-Prim Istanza (CFI) mir-reġjun Spanjol Territorio Histórico de Álava u mill-kumpanija Cápsulas SA., li t-tnejn li huma kienu ressqu lment quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li kkwalifikat ċertu trattament preferenzjali ta' taxxa bħala għajnuna mill-Istat, li, barra minn hekk, kien ukoll inkompatibbli mas-Suq Intern, ladarba l-vantaġġ tat-taxxa li ngħata kien imur lil hinn mill-ogħla limitu ta' 25 % għall-għajnuna reġjonali f'dik iż-żona ġeografika.

617. Il-Kummissjoni għalhekk kienet ordnat ir-rimborż ta' dawn l-ammonti ta' għajnuna, deċiżjoni li dawk li għamlu l-ilment attakkaw fis-CFI għal raġunijiet ta' użu ħażin tas-setgħa mill-Kummissjoni.

618. L-appellant argumenta li l-Kummissjoni kienet użat ħażin is-setgħat esklużivi tagħha biex tikkontrolla l-għajnuna mill-Istat minħabba l-armonizzazzjoni tat-taxxa li inkella kienet tkun diffiċli biex tinkiseb mill-Istati Membri. L-ECJ ċaħdet dan l-argument għaliex ma kinitix ipprovduta evidenza li l-għan tal-Kummissjoni, meta kkwalifika l-miżura bħala għajnuna mill-Istat, kien li tintlaħaq l-armonizzazzjoni tat-taxxa.

619. Il-Qorti ċaħdet ukoll it-talba ta' l-appellanti li l-miżuri tat-taxxa kienu esklużi mill-ambitu tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, għaliex kienu introdotti qabel il-laqgħa tal-Kunsill ta' l-ECOFIN fl-1 ta' Diċembru 1997 u l-avviż tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Diċembru 1998 dwar l-applikazzjoni tar-regoli għall-għajnuna mill-Istat għal miżuri li għandhom x'jaqsmu direttament mat-taxxa diretta fuq in-negozji. Ladarba din it-talba ma tressqitx quddiem is-CFI, u kienet biss introdotta fil-proċedura ta' l-appell, il-Qorti ċaħditha bħala inammissibbli.

*Il-Greċja /il-Kummissjoni "Il-Kooperattivi Griegi"*

620. Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April[407], l-ECJ ikkonfermat għal kollox deċiżjoni finali negattiva tal-Kummissjoni dwar il-ġbir lura ta' għajnuna mill-Istat ta' madwar € 763 miljun (ammont ikkalkulat mill-Greċja fl-2000) li ngħata lil diversi kooperattivi li kienu qed jagħmlu telf, inkluż il-maħleb AGNO. F'dan il-każ ta' pagament ta' għajnuna mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni, il-Qorti qieset li l-ġbir lura (inkluż l-imgħax) li sar 7 snin wara l-pagament huwa legali u ma jmurx kontra tamiet leġittimi. Il-Qorti kkonfermat ukoll li anke fejn l-għajnuna kienet innotifikata u l-Kummissjoni ma tatx reazzjoni fi żmien xahrejn, l-għotja mill-Istat Membru ta' l-għajnuna mingħajr ma jinforma lill-Kummissjoni dwar il-pagament (dik li tissejjaż informazzjoni "Lorenz") iwassal biex dik l-għajnuna tiġi kklassifikata kif suppost bħala li ma kinitx innotifikata.

---

406 C-186/02 P u C-188/02 P Ramodín SA, Ramodín Cápsulas SA (C 186/02 P) Territorio Histórico de Álava- Diputación Foral de Álava-(C 188/02 P) v Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

407 C-278/00.

*L-Olanda / Il-Kummissjoni "MINAS"*

621. Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April[408], l-ECJ ikkonfermat għalkollox deċiżjoni negattiva finali tal-Kummissjoni dwar għajnuna mogħtija lil serer tal-fjuri u ċerti produtturi oħrajn ta' l-ortikultura permezz ta' eżenzjoni mit-"taxxa fuq in-nitrati" (MINAS). Prinċipalment, il-Qorti ddeċidiet li:

- Huwa l-Istat Membru li jrid juri li d-divrenzjar tat-taxxa għal ċerti kumpaniji huwa ġġustifikat min-natura u mill-iskema ġenerali tas-sistema.
- l-argument li s-sistema MINAS mhix maħsuba biex tiġġenera dħul ta' taxxa mhuwiex biżżejjed biex jeskludi l-eżenzjoni kkonċernata għalkollox mill-klassifikazzjoni bħala għajnuna. Ma kienx ikkontestat illi l-eżenzjoni twassal għal telf ta' riżorsi li għandhom jitħallsu fil-baġit ta' l-istat.

*Il-Kummissjoni / Il-Kunsill*

622. F'deċiżjoni tad-29 ta' Ġunju[409], l-ECJ iċċarat u saħħet is-setgħat tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat. Fil-25 ta' Novembru 1999 u fl-4 ta' Ottubru 2000, il-Kummissjoni kienet ħadet żewġ deċiżjonijiet negattivi finali fejn għandha x'taqsam l-għajnuna mill-Istat li l-Portugall kien ta b'mod illegali lil dawk li jrabbu l-majjali biex jikkumpensahom għall-prezzijiet baxxi. Dawn id-deċiżjonijiet obbligaw lill-Portugall jiġbor lura l-għajnuna mingħand il-bdiewa. Il-Portugall ma attakkax id-deċiżjonijiet quddiem l-ECJ. Minflok, ħafna aktar tard, talab lill-Kunsill biex jawtorizza għajnuna mill-Istat ġdida li tikkorrispondi għall-ammont ta' għajnuna li kellha tinġabar skond id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni – sabiex il-bdiewa ma jkollhomx bżonn iħallsu. Fil-21 ta' Jannar 2002, il-Kunsill uża s-setgħat speċjali tiegħu skond l- Artikolu 88 (2) KE biex jawtorizza b'mod unanimu għajnuna mill-Istat f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Il-Kummissjoni attakkat id-deċiżjoni tal-Kunsill għaliex qieset li kkostitwiet tidwir bil-kliem tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, abbuż tas-setgħat mill-Kunsill u li għandha toħloq inċertezza legali jekk il-Kunsill, fi kwalunkwe żmien, jista' jirrevoka deċiżjoni tal-Kummissjoni li daħlet fis-seħħ.

623. Bid-deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Ġunju, l-ECJ ikkonfermat għalkollox il-pożizzjoni tal-Kummissjoni u annullat id-deċiżjoni tal-Kunsill. L-ECJ iddeċidiet li ladarba l-Kummissjoni *ħadet* deċiżjoni negattiva finali dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istat Membru m'għadx għandu d-dritt iressaq il-kwistjoni quddiem il-Kunsill; u lanqas il-Kunsill ma jibqgħalu s-setgħa japprova din l-għajnuna. Iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali ma jistgħux jiġu invokati f'dan l-istadju.

624. Fejn il-Kummissjoni tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, Stat Membru jrid jinvolvi lill-Kunsill qabel ma l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni finali tagħha. F'dak il-każ, il-proċedura tal-Kummissjoni tiġi sospiża għal tliet xhur. Jekk il-Kunsill b'mod unanimu jiddeċiedi f'dawn it-tliet xhur, il-Kummissjoni ma tistax tkompli. Jekk il-Kunsill ma jiħux deċiżjoni fi tliet xhur, il-Kummissjoni tkompli bl-eżami tagħha. (F'dan il-każ, il-Kunsill kien ħa d-deċiżjoni tiegħu ħafna żmien wara li l-Kummissjoni kienet ħadet deċiżjoni finali.)

---

408 C-159/01.

409 C-110/02.

625. L-ECJ ikkonfermat ukoll li l-Kunsill ma jistax jadotta deċiżjoni biex jawtorizza għajnuna mill-Istat ġdida li "tikkumpensa" lill-kumpaniji għall-ġbir lura ta' għajnuna li l-Kummissjoni ddikjarat bħala inkompatibbli f'deċiżjoni finali. Il-Kunsill ma jistax jimblokka jew jannulla l-effett sħiħ ta' deċiżjoni finali negattiva tal-Kummissjoni li tordna l-ġbir lura (Bil-kontra ta' dak li għamel il-Kunsill f'dan il-każ).

626. Biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, huwa essenzjali li d-deċiżjonijiet kontradittorji tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar l-istess għajnuna jkunu evitati.

*Pearle BV*

627. Fid-deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Lulju[410], l-ECJ iddeċidiet li l-liġijiet lokali adottati minn assoċjazzjoni tal-kummerċ irregolata mil-liġi pubblika għall-fini tal-finanzjament ta' kampanja tar-reklami organizzata għall-benefiċċju tal-membri tagħha u deċiża minnhom, permezz ta' riżorsi miġbura minn dawk il-membri u assenjati bilfors għall-finanzjament ta' dik il-kampanja, ma jikkostitwux parti integrali ta' għajnuna li taqa' taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat ta' l-Artikolu 87 (1) KE. Dak il-finanzjament twettaq permezz ta' riżorsi li dik assoċjazzjoni tal-kummerċ, irregolata mil-liġi pubblika, qatt ma kellha s-setgħa li tiddisponi minnhom kif trid.

410 C-345/02.

**Figura 6**
Xejra fl-għadd ta' każijiet ta' għajnuna li ġew reġistrati (barra milli fl-agrikoltura, is-sajd, it-trasport u l-faħam) bejn l-1999 u l-2004



**Figura 7**

Xejra għan-numru ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni (barra milli fl-agrikoltura, is-sajd, it-trasport u l-fħam) bejn l-1999 u l-2004




MT MT

**Figura 8**
Numru ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri fl-2004 (barra milli fl-agrikoltura, is-sajd, it-trasport u l-faħam)



# V –L-ATTIVITAJIET INTERNAZZJONALI

## A – It-Tkabbir u l- Balkani tal-Punent

628. L-1 ta' Mejju, 2004 ċċelebra t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea b'għaxar Stati Membri ġodda. It-transizzjoni mingħajr problemi tirrifletti, fost affarijiet oħrajn, l-aġġustament li rnexxa tar-reġimi tal-kompetizzjoni f'dawn il-pajjiżi tul diversi snin sabiex ikunu konformi mar-reġim tal-kompetizzjoni ta' l-UE. Dan inkluda t-twaqqif ta' qafas leġiżlattiv għall-*antitrust*/amalgamazzjoni u l-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat, it-twaqqif ta' awtoritajiet tal-kompetizzjoni u ta' l-għajnuna mill-Istat b'kapaċità amministrattiva suffiċjenti, u li jiġi żgurat l-infurzar effettiv ta' dawn ir-regoli.

629. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda ġew integrati għalkollox fi ħdan in-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni, fejn ħadu sehem bħala osservaturi qabel l-adeżjoni tagħhom. Fil-preparazzjoni għall-adeżjoni, il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri ta' l-għajnuna mill-Istat li dawn il-pajjiżi komplew iressqu skond il-mekkaniżmu eżistenti għall-għajnuna fit-Trattat ta' l-Adeżjoni. Kwalunkwe miżura ta' għajnuna applikabbli wara l-adeżjoni li titqies bħala għajnuna mill-Istat u li mhix inkluża fil-lista eżistenti ta' l-għajnuna titqies bħala li tikkostitwixxi għajnuna ġdida. Il-Kummissjoni kompliet tistħarreġ dwar xi oqsma li jistgħu jqajmu l-problemi identifikati fir-Rapport Komprensiv tal-Monitoraġġ tagħha.

630. Il-Kummissjoni segwiet ukoll, b'mod attiv ħafna, in-negozjati tal-kapitoli tal-kompetizzjoni mal-Bulgarija u mar-Rumanija, li ġew konklużi f'Diċembru 2004 u li se jkunu segwiti b'eżerċizzju intensiv ta' valutazzjoni u ta' appoġġ qabel l-adeżjoni għall-UE ta' dawn iż-żewġ pajjiżi fl-2007.

631. F'Ottubru 2004, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport u r-rakkomandazzjoni tagħha dwar il-progress tat-Turkija lejn l-adeżjoni sabiex ikun hemm deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2004 dwar il-ftuħ tan-negozjati għall-adeżjoni mat-Turkija. Bħala parti minn dan il-proċess, il-Kummissjoni ser ikollha tipprovdi valutazzjoni addizzjonali tar-reġim tal-kompetizzjoni u ta' l-għajnuna mill-Istat ladarba tiddaħħal fit-Turkija.

632. Fil-każ tal-Kroazja, il-Kummissjoni vvalutat il-politika tal-kompetizzjoni tal-Kroazja bħala parti mill-opinjoni li adottat f'Marzu 2004 dwar l-applikazzjoni tal-Kroazja għal sħubija u saħħet il-kooperazzjoni tagħha ma' l-Aġenzija Kroata tal-Kompetizzjoni.

633. Il-Kummissjoni ħadmet b'mod attiv biex tassisti l-iżvilupp ta' reġimi ta' kompetizzjoni b'saħħithom fil-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent. Dan, b'mod partikolari, inkluda l-għajnuna fl-abbozzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni u ta' l-għajnuna mill-Istat, pariri fit-twaqqif ta' l-istituzzjonijiet meħtieġa għall-infurzar ta' dawn ir-regoli, u l-inkoraġġiment tad-dixxiplina fil-kompetizzjoni. Flimkien ma' l-Uffiċċju tat-TAIEX tad-DĠ

għat-Tkabbir, id-DĠ għall-Kompetizzjoni organizza wkoll żewġ seminars ta' jumejn għall-uffiċjali mill-Balkani tal-Punent, wieħed dwar l-għajnuna mill-Istat f'Ottubru ta' l-2004, u l-ieħor dwar l-*antitrust* f'Novembru ta' l-2004.

# B – Il-Politika tal-Viċinat

634. Fil-kuntest ta' l-inizjattiva tal-Politika tal-Viċinat ta' l-UE, ġew innegozjati pjanijiet ta' azzjoni fl-2004 ma' l-Iżrael, mal-Ġordan, mal-Moldova, mal-Marokk, ma' l-Awtorità Palestinjana, mat-Tuneżija u ma' l-Ukraina. Il-pjanijiet ta' azzjoni kollha ħlief dak ma' l-Awtorità Palestinjana jinkludu taqsima dwar il-politika tal-kompetizzjoni.

635. Il-punti ta' l-azzjoni għall-kompetizzjoni għandhom x'jaqsmu ma' l-*antitrust* u ma' l-għajnuna mill-Istat (ħlief għall-Iżrael, fejn m'hemm l-ebda punti ta' azzjoni għall-*antitrust*, minħabba l-livell avvanzat ta' l-infurzar ta' l-*antitrust* fil-pajjiż). Għall-*antitrust*, l-iskop tal-punti ta' azzjoni huwa li jissaħħaħ l-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni, u l-kapaċità u l-indipendenza ta' l-awtorità tal-kompetizzjoni; għall-għajnuna mill-Istat, l-għan huwa li jsiru l-passi lejn l-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet użati fl-UE u fil-pajjiżi sħab, u biex titjieb it-trasparenza reċiproka li tikkonċerna l-għajnuna mill-Istat.

# C – Il-Kooperazzjoni Bilaterali

## 1. DAĦLA

636. Il-Kummissjoni tikkoopera ma' bosta awtoritajiet tal-kompetizzjoni fuq bażi bilaterali u b'mod partikolari ma' l-awtoritajiet ta' l-akbar sħab fil-kummerċ tal-Komunità. L-Unjoni Ewropea għandha patti ta' kooperazzjoni apposta fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni ma' l-Istati Uniti, mal-Kanada u mal-Ġappun.

637. L-elementi ewlenin ta' dawn il-patti apposta huma l-informazzjoni reċiproka dwar u l-koordinament ta' l-attivitajiet ta' l-infurzar, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni li mhix konfidenzjali. Il-patti fihom dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà biex parti waħda titlob lill-oħra ħalli tieħu azzjoni ta' infurzar (l-għaqda pożittiva għal ġid reċiproku), u biex parti waħda tqis l-interessi importanti tal-parti l-oħra fl-attivitajiet tagħha ta' linfurzar (l-għaqda tradizzjonali għal ġid reċiproku).

638. L-Unjoni Ewropea kkonkludiet ukoll diversi Patti ta' Kummerċ Ħieles bħall-Patti EwroMed u l-patti ma' ċerti Pajjiżi ta' l-Amerika Latina. Dawn normalment fihom dispożizzjonijiet bażiċi li jikkonċernaw il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-kompetizzjoni. Il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-istati membri l-oħra ta' l-OECD titwettaq fuq bażi ta' Rakkmandazzjoni li adottat l-OECD fl-1995.

## 2. IL-PATTI MA' L-ISTATI UNITI, MAL-KANADA U MAL-ĠAPPUN

### *L-Istati Uniti*

639. Il-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Uniti hija bbażata fuq patti ta' kooperazzjoni għall-kompetizzjoni apposta.[411]

640. Matul l-2004, il-Kummissjoni kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib tagħha mad-Diviżjoni ta' l-*Antitrust* tad-Dipartiment tal-Ġustizzja (DoJ - *Department of Justice* ) u mal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ (FTC - *Federal Trade Commission*) ta' l-Istati Uniti. Il-kuntatt bejn l-uffiċjali tal-Kummissjoni u l-kontroparti tagħhom fiż-żewġ aġenziji ta' l-Istati Uniti kienu ta' spiss u intensivi. Dawn il-kuntatti jvarjaw minn kooperazzjoni

[411] Il-ftehim bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tagħhom kien konkluż fit-23.9.1991. Permezz ta' deċiżjoni konġunta tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea fl-10.4.1995 il-Ftehim kien approvat u ddikjarat applikabbli mid-data ta' meta kien iffirmat mill-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 95, 27.4.1995, pp.47 u 50). Fl-4.6.1998 il-ftehim dwar l-għaqda pożittiva għal ġid reċiproku, li jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet ta' l-għaqda pożittiva għal ġid reċiproku tal-Ftehim ta' l-1999, daħal fis-seħħ (il-Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' l-għaqda pożittiva għal ġid reċiproku fl-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tagħhom, ĠU L 173, 18.6.1998, pp. 26–31.).

f'każijiet individwali għal kwistjonijiet aktar ġenerali ta' kompetizzjoni relatati mal-politika tal-kompetizzjoni. Il-kuntatti relatati mal-każijiet normalment jieħdu l-forma ta' telefonati, e-mails, skambji ta' dokumenti u kuntatti oħrajn regolari bejn it-timijiet tal-każ. Il-kooperazzjoni tkompli tkun ta' benefiċċju reċiproku konsiderevoli għaż-żewġ partijiet, f'termini ta' titjib ta' l-attività rispettiva ta' infurzar, ikunu evitati l-kunflitti li mhumiex meħtieġa jew in-nuqqasijiet fil-konsistenza bejn dawk l-attivitajiet ta' infurzar, u f'termini ta' fehim aħjar tar-reġimi tal-kompetizzjoni ta' xulxin.

641. Il-kooperazzjoni fil-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet ma' l-aġenziji ta' l-Istati Uniti ta' l-*anti-trust*, kompliet fuq livell għoli ta' intensità matul l-2004. L-aħjar prattika għall-2002 ta' l-UE-ta' l-Istati Uniti dwar il-kooperazzjoni fl-eżami ta' l-amalgamazzjonijiet tipprovdi qafas utli għall-kooperazzjoni, b'mod partikolari billi tindika punti kritiċi fil-proċedura fejn il-kooperazzjoni tista' tkun partikolarment utli. Fil-prattika, il-kooperazzjoni dwar il-każijiet isseħħ b'mod prammatiku u flessibbli ħafna, adattat għall-każ u l-kwistjonijiet involuti.

642. Fl-2004, kien hemm bosta każijiet ta' amalgamazzjonijiet b'impatt fuq iż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku fejn kien hemm grad konsiderevoli ta' kooperazzjoni prattika u skambji ta' fehmiet bejn it-timijiet tal-każijiet rispettivament ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti. Matul is-sena, il-każijiet li involvew kooperazzjoni sostanzjali inkludew: *Oracle/Peoplesoft*, *Sony/BMG*, *Air France/KLM*, *Sanofi/Aventis*, *Sygenta/Advanta*, *Air Liquide/Messer*, *Agfa/Lastra*, *Magna/NVC* u *Microsoft/Time Warner/Contentguard*.

643. Bħas-snin ta' qabel l-esperjenza tal-Kummissjoni turi li l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni dwar l-amalgamazzjonijiet hija l-aktar utli dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tfassil, man-negozjati u ma' l-implimentazzjoni tar-rimedji għal kwalunkwe problema ta' kompetizzjoni identifikata mill-aġenziji. Metodu miftiehem jgħin biex jitnaqqsu n-nuqqas fil-konsistenza tal-metodu potenzjali, għall-benefiċċju reċiproku tal-partijiet li qed jamalgamaw u ta' l-aġenziji nfushom.

644. F'dawn l-aħħar snin, il-kooperazzjoni dwar il-politika tal-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet b'mod aktar ġenerali ġiet stabbilita fil-kuntest ta' dak li jissejjaħ bħala l-Grupp ta' Ħidma ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti dwar l-Amalgamazzjonijiet, li huwa forum permanenti għad-diskussjoni tal-politika bejn l-aġenziji. L-għan tal-Grupp ta' Ħidma hija li jkun hemm ftehim aħjar tal-politika u tal-prattika ta' xulxin, u tittejjeb il-konsistenza tal-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet fuq iż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku.

645. Minbarra l-kooperazzjoni relata mal-każijiet dwar l-amalgamazzjonijiet, kien hemm kuntatti informali regolari bejn l-aġenziji fejn għandhom x'jaqsmu kwistjonijiet ta' politika ta' kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet, inklużi skambji ta' fehmiet produttivi dwar għadd ta' suġġetti. Matul l-2004, dawn il-kuntatti kellhom x'jaqsmu, fost affarijiet oħra, mal-pakket tar-riformi tal-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet tal-Kummissjoni, ma' l-istudju tal-Kummissjoni dwar l-effikaċja tal-politika għar-rimedji tagħha, u mar-riflessjonijiet interni

kontinwi dwar il-metodu biex jiġu vvalutati l-amalgamazzjonijiet li mhumiex orizzontali, li dwarhom il-Kummissjoni biħsiebha tiċċirkola linji ta' gwida.

646. Matul is-sena, kien hemm ukoll kuntatti ta' spiss f'għadd ta' każijiet li ma kinux jikkonċernaw amalgamazzjoni. Il-kooperazzjoni bilaterali bejn il-Kummissjoni u d-DoJ ta' l-Istati Uniti kienet partikolarment intensa fil-każijiet ta' *cartel*: saru bosta kuntatti bejn l-uffiċjali ta' l-unitajiet tal-*cartel* tal-Kummissjoni u l-kontropartijiet tagħhom fid-DoJ. L-iskambji ta' informazzjoni dwar każijiet partikolari kienu l-aktar frekwenti, iżda d-diskussjonijiet kienu wkoll dwar kwistjonijiet ta' politika. Ħafna mill-kuntatti relatati ma' każijiet saru minħabba applikazzjonijiet fl-istess ħin għall-immunità fl-Istati Uniti u fil-KE. Barra minn hekk, f'għadd ta' każijiet, l-azzjonijiet koordinati ta' infurzar seħħew fl-Istati Uniti u fl-UE, fejn l-aġenziji pprovaw jiżguraw li l-perjodu bejn il-bidu ta' l-azzjonijiet rispettivi kien kemm jista' jkun qasir. Il-grupp ta' ħidma dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ltaqa' permezz ta' konferenza vidjo fil-bidu ta' l-2004.

647. Fit-28 ta' Settembru, il-Kummissarju Mario Monti ltaqa' mal-kapijiet ta' l-aġenziji ta' l-Istati Uniti u ta' l-*antitrust*, il-President Deborah Majoras tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ Federali, u l-Assistant Avukat Ġenerali Hew Pate, għal-laqgħa bilaterali annwali bejn l-UE u l-Istati Uniti fi Brussell.

648. Il-Kummissjoni għamlet 54 notifika formali matul is-sena. Il-Kummissjoni rċeviet 28 notifika formali mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti matul l-istess perjodu.

***Il-Kanada***

649. Il-kooperazzjoni ma' l-Aġenzija Kanadiża tal-Kompetizzjoni hija bbażata fuq il-Ftehim tal-Kooperazzjoni għall-Kompetizzjoni bejn l-UE u l-Kanada li kien iffirmat fl-1999[412]. Il-kuntatti bejn il-Kummissjoni u l-Kontroparti Kanadiża tagħha, l-Aġenzija Kanadiża tal-Kompetizzjoni, kienu frekwenti u taw il-frott. Id-diskussjonijiet kienu dwar kwisjonijiet relatati mal-każijiet u dwar kwistjonijiet ta' politika aktar ġenerali. Il-kuntatti relatati mal-każijiet kellhom x'jaqsmu ma' l-oqsma kollha ta' l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni, għalkemm l-aktar kuntatti spissi kienu jikkonċernaw investigazzjonijiet ta' amalgamazzjonijiet u kartelli.

650. Il-kuntatti bejn l-aġenziji normalment jieħdu l-forma ta' telefonati, e-mails, skambji ta' dokumenti u telefonati f'konferenza *(conference calls)* bejn it-timijiet tal-każ. Għall-każijiet ta' *cartel*, dan jinkludi wkoll il-koordinazzjoni ta' l-investigazzjonijiet.

651. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Kanadiża tal-Kompetizzjoni komplew ukoll id-djalogu tagħhom dwar kwistjonijiet ġenerali ta' kompetizzjoni ta' interess komuni. F'dan ir-rigward, saru żewġ laqgħat fi Brussell, waħda fid-9 ta' Frar

---

412 Il-Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Gvern tal-Kanada dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni ĠU L 175 ta' l-10.7.1999, p. 50. Il-Ftehim kien iffirmat fil-Laqgħa Għolja bejn l-UE u l-Kanada f'Bonn fis-17.6.1999 u daħal fis-seħħ meta ġie ffirmat.

2004 li ffokat fuq il-politika ta' l-amalgamazzjonijiet, u l-oħra fis-16 ta' Frar 2004 li ffokat fuq il-kooperazzjoni fl-investigazzjonijiet tal-*cartels*. Saret laqgħa oħra fil-11 ta' Ottubru 2004 f'Pariġi dwar il-valutazzjoni ta' l-effiċjenzi fil-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet.

652. Il-Kummissjoni għamlet 2 notifiki formali matul is-sena. Il-Kummissjoni rċeviet 7 notifiki formali mill-awtoritajiet Kanadiżi matul l-istess perjodu.

***Il-Ġappun***

653. Il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tal-Ġappun hija bbażata fuq il-Ftehim ta' kooperazzjoni ta' l-2003[413]. Il-kuntatti mal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tal-Ġappun żdiedu b'mod konsiderevoli matul l-2004. Il-kuntatti kienu jikkonċernaw kemm kwistjonijiet relatati ma' każ kif ukoll kwistjonijiet ta' politika aktar ġenerali.

654. Barra l-għadd kbir ta' kuntatti dwar każijiet individwali, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tal-Ġappun komplew id-djalogu kontinwu tagħhom dwar kwistjonijiet ġenerali ta' kompetizzjoni ta' interess komuni. F'dan ir-rigward, fl-2004 saru żewġ laqgħat fi Brussell, waħda fil-25 ta' Frar li ffokat fuq il-politika ta' l-amalgamazzjonijiet, u l-oħra fid-9 ta' Marzu, li ffokat fuq il-kooperazzjoni fl-investigazzjonijiet tal-tal-*cartel*.

655. Il-laqgħa annwali bilaterali bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tal-Ġappun saret fis-16 ta' Settembru 2004 fi Brussell. Iż-żewġ partijiet iddiskutew l-iżviluppi reċenti fil-politika u l-prospetti addizzjonali tal-kooperazzjoni bilaterali. Il-Kummissjoni Ewropea ukoll segwiet mill-qrib ir-riforma li għaddejja tal-liġi tal-kompetizzjoni Ġappuniża.

656. Il-Kummissjoni Ewropea għamlet 4 notifiki formali matul is-sena. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda notifika formali mill-awtoritajiet Ġappuniżi matul l-istess perjodu.

## 3. IL-KOOPERAZZJONI MA' PAJJIZI U REGJUNI OHRAJN

***L-Awstralja***

657. Matul l-2004, il-Kummissjoni kienet involuta f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' numru ta' pajjiżi oħrajn ta' l-OECD, b'mod partikolari l-Awstralja. Dawn il-kuntatti kienu jikkonċernaw kemm kwistjonijiet relatati mal-każijiet kif ukoll kwistjonijiet li jirrelataw aktar mal-politika tal-kompetizzjoni.

[413] Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun li jikkonċerna l-kooperazzjoni dwar attivitajiet antikompetittivi ĠU L 183 tat-22.7.2003, p.12. Il-Ftehim tal-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun ġie ffirmat fi Brussell fl-10.7.2003 u daħal fis-seħħ fid-9.8.2003.

*Iċ-Ċina*

658. Fis-6 ta' Mejju 2004, il-Kummissarju Mario Monti u s-Sur Bo Xilai, il-Ministru tal-Kummerċ tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, iffirmaw Termini ta' Referenza ta' djalogu strutturat dwar il-politika tal-kompetizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina. Dan huwa l-ewwel djalogu ta' din ix-xorta li ċ-Ċina bdiet ma' pajjiż terz. L-għan primarju tad-djalogu huwa li jitwaqqaf forum ta' konsultazzjoni u trasparenza bejn iċ-Ċina u l-UE f'dan il-qasam, u li tittejjeb l-assistenza teknika u tal-bini tal-kapaċitajiet min-naħa ta' l-UE liċ-Ċina fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni. Il-bidu ta' dan id-djalogu huwa tabilħaqq f'waqtu għaliex iċ-Ċina bħalissa qed tabbozza liġi tal-kompetizzjoni żviluppata.

659. Wara t-Termini ta' Referenza, id-djalogu b'mod partikolari ser jittratta: (i) l-iskambju tal-fehmiet dwar sitwazzjonijiet korrenti, l-esperjenza u l-iżviluppi l-ġodda fil-leġiżlazzjoni u fl-infurzar tal-politika ta' l-*anti-trust*; (ii) l-iskambju tal-fehmiet dwar il-leġiżlazzjoni u l-infurzar ta' l-amalgamazzjonijiet; (iii) l-iskambju ta' l-esperjenzi dwar it-twaqqif ta' awtoritajiet tal-kompetizzjoni, kif ukoll dwar ir-rwol tagħhom fl-affermazzjoni tal-kompetizzjoni; (iv) l-iskambju tal-fehmiet dwar inizjattivi multilaterali ta' kompetizzjoni, b'enfasi partikolari fuq il-ġlieda kontra l-*cartels* li huma assolutament projbiti; (v) l-iskambju tal-fehmiet dwar il-liberalizzazzjoni tas-setturi ta' utilità pubblika u l-interventi ta' l-Istat fil-proċess tas-suq; (vi) l-iskambju ta' l-esperjenzi dwar iż-żieda ta' l-għarfien tal-kumpaniji u tal-pubbliku dwar il-liġijiet tal-kompetizzjoni u ta' kontra l-monopolji; (vii) il-kooperazzjoni biex titjieb l-assistenza teknika u tal-bini tal-kapaċitajiet min-naħa ta' l-UE liċ-Ċina.

660. Minn meta ġew iffirmati t-Termini ta' Referenza, il-Kummissjoni għamlet serje ta' laqgħat ma' l-uffiċjali Ċiniżi involuti fl-abbozzar tal-liġi l-ġdida tal-kompetizzjoni. Organizzat ukoll taħdidiet mad-delegazzjonijiet minn Beijing u ressqet abbozzi ta' osservazzjonijiet dwar il-liġi tal-kompetizzjoni Ċiniża tal-futur qrib.

*Iż-Żona Ewropea tal-Kummerċ Ħieles*

661. Matul is-sena, il-Kummissjoni kompliet ukoll il-kooperazzjoni mill-qrib tagħha ma' l-ESA (*EFTA Surveillance Authority* – l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA) fl-infurzar tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

*Il-Korea*

662. Fit-28 ta' Ottubru 2004, il-Kummissarju Mario Monti u s-Sur Chul-Kyu Kang, il-President tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tar-Repubblika tal-Korea, iffirmaw Memorandum ta' Fehim fejn iffissaw it-termini ta' referenza għal djalogu bilaterali bejn l-UE u l-Korea dwar il-kompetizzjoni. L-għan ewlieni ta' dan id-djalogu huwa li jkunu stabbiliti forum ta' konsultazzjoni permanenti, trasparenza u skambju ta' esperjenzi u fehmiet bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tar-Repubblika tal-Korea. Il-kollaborazzjoni bejn dawn l-awtoritajiet tal-

kompetizzjoni hija eċċellenti, u ta' spiss jaqsmu fehmiet komuni f'fora multilaterali tal-kompetizzjoni bħan-Netwerk Internazzjonali tal-Kompetizzjoni (ICN - *International Competition Netwerk*) u l-OECD. Il-Korea hija waħda mill-parteċipanti l-aktar attivi f'dawn il-fora u f'April 2004 ospitat il-Konferenza Annwali ta' l-ICN f'Seoul. F'dawn il-kuntesti multilaterali, iż-żewġ awtoritajiet kellhom kuntatti regolari biex jiskambjaw il-fehmiet dwar kwistjonijiet ta' kompetizzjoni ta' interess komuni. Il-Memorandum ta' Ftehim jistabbilixxi bażi formali għal dan id-djalogu.

663. Fi ftit kliem, il-Memorandum tal-Ftehim jipprovdi għal: (i) laqgħat annwali ta' konsultazzjoni; (ii) l-iskambju ta' informazzjoni dwar tħassib ewlieni ta' bejn l-aġenziji; (iii) l-iskambju ta' studji ta' esperti; (iv) in-notifika ta' attivitajiet ta' infurzar li jistgħu jaffettwaw l-interessi importanti ta' l-aġenzija l-oħra; (v) l-iskambju ta' materjali dwar sitwazzjonijiet korrenti, esperjenzi u żviluppi ġodda dwar il-leġiżlazzjoni u l-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni; (vi) l-iskambju tal-fehmiet fejn għandhom x'jaqsmu inizjattivi multilaterali ta' kompetizzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-ġlieda kontra l-kartelli internazzjonali li huma assolutament projbiti. Il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji hija suġġetta għal-liġijiet rispettivi ta' kull parti, b'mod partikolari dawk li jħarsu l-informazzjoni konfidenzjali.

***L-Amerika Latina***

664. Fl-2004 kien hemm żieda fil-kuntatti ma' awtoritajiet tal-kompetizzjoni fil-Brazil u fil-Messiku. Dawn inkludew telefonati f'konferenza bejn it-timijiet tal-każijiet li qed jaħdmu fuq l-istess amalgamazzjonijiet globali biex iqabblu u jiddiskutu l-metodi użati għall-valutazzjoni ta' l-amalgamazzjonijiet u t-tipi ta' rimedji li qed jitqiesu.

665. Fir-reġjun Andin, il-Kummissjoni kompliet il-proġett tagħha ta' tliet snin biex ittejjeb u tarmonizza l-leġiżlazzjoni Bolivjana. Ekwadorjana, Peruvjana u Venezweljana dwar il-kompetizzjoni u tappoġġa l-istituzzjonijiet responsabbli għall-kontroll u l-applikazzjoni tagħha.

# D –IL-KOOPERAZZJONI MULTILATERALI

## 1. IN-NETWERK INTERNAZZJONALI TAL-KOMPETIZZJONI

666. In-Netwerk Internazzjonali tal-Kompetizzjoni (ICN), li l-Kummissjoni hija membru fundatriċi tiegħu, kompla jagħmel progress mgħaġġel. Issa huwa magħruf sew bħala forum ewlieni multilaterali għad-diskussjoni tal-politika internazzjonali tal-kompetizzjoni[414]. L-ICN qed tipprova tiffaċilita l-kompetizzjoni internazzjonali u tfassal proposti għal konverġenza proċedurali u sostantiva. Sa l-aħħar ta' l-2004, l-isħubija f'dan il-forum informali kienet kibret sa 86 aġenzija tal-kompetizzjoni minn 77 ġurisdizzjoni. Għalhekk tinkludi l-parti l-kbira ta' l-awtoritajiet eżistenti tad-dinja kemm minn ekonomiji żviluppati kif ukoll minn ekonomiji li qed jiżviluppaw. L-ICN tistieden ukoll lill-konsulenti mid-dinja akkademika, mill-komunità tal-kummerċ, mill-gruppi tal-konsumaturi u mill-professjoni legali biex jagħtu kontribut għall-proġetti tax-xogħol tagħha. Minn Settembru 2004, il-Kap ta' l-awtorità Ġermaniża tal-kompetizzjoni, Dr. Ulf Böge, huwa l-president tal-korp li jirregola l-ICN, il-Grupp tat-Tmexxija.

667. F'April 2004, l-ICN organizzat it-tielet konferenza annwali f'Seoul fuq stedina tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tar-Repubblika tal-Korea. F'Seoul, l-aġenziji membri ta' l-ICN iddeċidew li jistabbilixxu Grupp ġdid ta' Ħidma għall-Kartelli, u talbu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippresjedi dan il-proġett flimkien ma' l-awtorità tal-kompetizzjoni Ungeriża.

668. Il-konferenza ta' l-ICN f'Seoul iddiskutiet ukoll rapport ippreparat mill-Grupp ta' Ħidma ta' l-ICN dwar l-Infurzar ta' l-*Anti-trust* fis-Setturi Regolati[415]. Dan ir-rapport eżamina l-limiti li tipikament jiffaċċjaw l-aġenziji tal-kompetizzjoni meta jintervjenu f'setturi regolati. Ir-rapport enfasizza b'mod speċjali l-arranġamenti tax-xogħol bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-awtoritajiet regolatorji.

*Il-Grupp ta' Ħidma għall-*Cartels *ta' l-ICN*

669. Il-Grupp ta' Ħidma għall-*Cartels* ta' l-ICN jindirizza l-isfidi ta' l-infurzar ta' kontra l-*cartels* fuq livell nazzjonali u internazzjonali. Għal dan il-għan, jeżamina l-ħtieġa u l-benefiċji tal-ġlieda kontra l-*cartels*, sabiex jitlaħaq kunsens internazzjonali dwar il-ġustifikazzjoni għal intervent f'każijiet bħal dawn. Barra minn hekk, jiddiskuti l-aktar għodod effettivi għall-infurzar.

670. Bħala forum għal dawn id-diskussjonijiet, kienu organizzati żewġ konferenzi mill-Grupp ta' Ħidma għall-*Cartels* ta' l-ICN f'Sydney f'Novembru 2004: l-ewwelnett, ibbażat fuq l-esperjenzi tal-Grupp ta' Diskussjoni Internazzjonali dwar il-*Cartels* ta' qabel, dawk li jinfurzaw setgħu jaqsmu l-għarfien u

---

[414] Aktar informazzjoni dwar l-ICN hija disponibbli fuq il-websajt tagħha: http://www.internationalcompetitionnetwork.org.

[415] Ara http://www.internationalcompetitionnetwork.org/annualconference2003.html

jiżviluppaw il-ħiliet investigattivi tagħhom fl-iskoperta ta' kartelli fl-ewwel Grupp ta' Diskussjoni dwar il-*Cartels* ta' l-ICN. It-tieni, fi Grupp ta' Diskusjoni Speċjali dwar il-Klemenza, rappreżentati minn aktar minn 30 awtorità tal-kompetizzjoni ddiskutew numru ta' kwistjonijiet legali u prattiċi li nqalgħu minn applikazzjonijiet paralleli għall-immunità minn multi f'diversi ġurisdizzjonijiet. Il-materjali minn dawn l-avvenimenti ser jinħarġu fil-beraħ fuq il-websajt ta' l-ICN.

*Il-Grupp ta' Diskussjoni ta' l-ICN dwar it-Teknika Investigattiva għall-Amalgamazzjonijiet*

671. Is-sotto-grupp tat-Teknika Investigattiva għall-Amalgamazzjonijiet organizza t-tieni edizzjoni tal-grupp ta' diskussjoni ta' l-ICN dwar it-Teknika Investigattivia għall-Amalgamazzjonijiet fl-20 u fil-21 ta' Ottubru ta' din is-sena. Il-grupp ta' diskussjoni kien milqugħ mill-Kummissjoni Ewropea u ta l-opportunità lil 130 impjegati avukati u ekonomisti minn 49 ġurisdizzjoni ta' l-*anti-trust* sabiex jiltaqgħu flimkien fi Brussell biex jaħdmu fuq każ ipotetiku ta' amalgamazzjoni fis-settur tal-ħalib magħmul mis-sojja. Is-settur privat kien irrappreżentat minn 16-il konsulent mhux governamentali (NGAs - *non-governmental advisors*) minn ditti internazzjonali ta' avukati b'esperjenza wiesgħa fil-proċeduri tal-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet min-naħa għall-oħra tal-fruntiera.

672. Wieħed mill-għanijiet tal-grupp ta' diskussjoni kien li jkun hemm forum biex l-uffiċjali ta' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jiskambjaw l-esperjenza tagħhom dwar l-għodod u t-teknika rilevanti għall-investigazzjonijiet tal-kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet. Għan ieħor kien li jinstemgħu l-opinjonijiet tas-settur privat dwar il-proċess u li jinħoloq djalogu li jagħti l-frott bejn l-uffiċjali ta' l-aġenzija u s-settur privat.

673. Il-parteċipanti ħadmu fuq bażi ta' fajl ta' każ ipotetiku li jikkonċerna l-amalgamazzjoni bejn l-aktar żewġ produtturi tal-ħalib tas-sojja li għandhom suċċes fil-pajjiż.

674. L-avveniment irriproduċa, sa fejn kien possibbli, il-passi ewlenin ta' investigazzjoni vera fil-kontroll ta' amalgamazzjoni. Ir-rwol tal-konsulenti tas-settur privat kien li jaġixxu bħala rappreżentanti tal-partijiet li qed jamalgamaw u li jippreżentaw it-tranżazzjonijiet tal-klijenti tagħhom bħala "każ ċar mingħajr problemi sabiex iqajmu x-xettiċiżmu meħtieġ fost il-parteċipanti biex titnieda l-investigazzjoni tagħhom. Fil-gruppi ż-żgħar, il-parteċipanti żviluppaw pjan ta' investigazzjoni, iddiskutew talbiet għal dokumenti min-naħa tal-partijiet li qed jamalgamaw, analizzaw tipi differenti ta' evidenza ekonomika u ekonometrika, u fl-aħħarnett ħadmu fuq talbiet għal informazzjoni indirizzati lil partijiet terzi u dwar il-kwistjoni tal-preġudizzju ta' min iwieġeb.

*Il-Grupp ta' Ħidma ta' l-ICN għall-Amalgamazzjonijiet - is-Sotto-grupp għan-Notifiki u għall-Proċeduri*

675. Il-Kummissjoni kienet involuta b'mod attiv fix-xogħol ta' dan is-sotto-grupp matul l-2004. Fl-ewwel parti tas-sena, is-sotto-grupp ipprepara erba' prattiki rakkomandati fid-dettall li jkopru l-oqsma li ġejjin: (1) is-segretezza; (2) il-ġustizzja proċedurali; (3) kif jitmexxew l-investigazzjonijiet ta' amalgamazzjoni; (4) il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji. Dawn kienu approvati permezz tas-sħubija fl-ICN f'sessjoni plenarja fl-okkażjoni tal-Konferenza Annwali ta' l-ICN f'Seoul f'April 2004, wara taħdita interattiva dwar il-kontenut tagħhom u diskussjoni dettaljata fis-sessjonijiet fi gruppi żgħar. L-erba' testi l-ġodda jtellgħu għal ħdax in-numru ta' prattiċi rakkomandati li adottat l-ICN, fuq il-bażi ta' l-abbozzi li pproduċa dan is-sotto-grupp. Is-sebgħa l-oħra jikkonċernaw: (1) rabta suffiċjenti bejn l-effetti tat-tranżazzjoni u l-ġurisdizzjoni li qed twettaq l-eżami; (2) limiti ċari u oġġettivi għan-notifikazzjoni; (3) flessibilità f'meta ssir in-notifikazzjoni ta' amalgamazzjoni; (4) il-perjodi ta' l-eżami ta' l-amalgamazzjoni (5) il-kondizzjonijiet meħtieġa għan-notifika inizjali; (6) il-mod kif jitmexxew l-investigazzjonijiet ta' l-amalgamazzjonijiet; u (7) it-trasparenza.

676. Sa minn Seoul, is-sotto-grupp ħadem fuq żewġ prattiċi ġodda rakkomandati dwar: (1) ir-rimedji ta' l-amalgamazzjonijiet ; u (2) is-setgħat ta' l-infurzar, ir-riżorsi u l-indipendenza ta' l-aġenziji. Dawn ser ikunu ppreżentati fil-konferenza annwali li jmiss, li għandha tittella' f'Bonn f'Ġunju 2005. Barra minn hekk, is-sotto-grupp qed jaħdem fuq diversi proġetti ġodda: l-iżvilupp ta' formola jew formoli mudell biex jintużaw mill-partijiet li qed jamalgamaw u mill-aġenziji tal-kompetizzjoni li jirregolaw ir-rinunzji tal-ħarsien tas-segretezza għal materjali mressqa b'rabta ma' l-eżami ta' l-amalgamazzjoni; il-ġbir ta' data dwar mezzi li jfixklu l-abilità tal-ġurisdizzjonijiet biex jimplimentaw il-prattika rakkomandata l-ġdida u l-preparazzjoni ta' rapport li jidentifika l-isfidi li jiffaċċjaw l-aġenziji meta jadottaw prattika u teknika biex jgħinu ħalli jingħelbu l-impedimenti; il-preparazzjoni ta' studju dwar il-ħlasijiet ta' l-applikazzjoni fil-kontroll ta' l-amalgamazzjoni; u l-promulgazzjoni possibbli ta' prattika rakkomandata għall-partijiet li qed jamalgamaw, ibbażata fuq ix-xogħol ta' esplorazzjoni ta' tliet membri (il-Kummissjoni ta' l-UE, l-Afrika t'Isfel, il-Kanada). Is-sotto-grupp ikompli jimmonitorja l-isforzi għal riforma u jipprovdi appoġġ għall-membri ta' l-ICN li qed jikkunsidraw bidliet fil-leġiżlazzjoni, fir-regolamenti u fil-prattika ta' l-aġenzija, kif ukoll li jaħdmu ma' dawk li mhumiex membri li qed jiżviluppaw leġiżlazzjoni ġdida għall-eżami ta' l-amalgamazzjonijiet.

*Il-Grupp ta' Ħidma ta' l-ICN għall-Amalgamazzjonijiet– Is-Sotto-grupp tal-Qafas Analitiku*

677. Fil-Konferenza Annwali ta' Seoul, il-president tas-sotto-grupp (l-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust tar-Renju Unit) ippreżenta studju finalizzat dwar linji ta' gwida għall-amalgamazzjonijiet fi tnax-il ġurisdizzjoni (inkluża l-UE) ippreparat minn konsorzju ta' ditti ta' l-avukati. Sa minn Seoul, l-OFT tar-Renju Unit u l-Awtorità Irlandiża tal-Kompetizzjoni kienu qed imexxu flimkien żewġ proġetti: (1) it-tfassil ta' "lista ta' verifika" ta' mistoqsijiet

ewlenin li jmisshom jindirizzaw il-linji ta' gwida għall-amalgamazzjonijiet; u (2) studju tat-tipi differenti ta' rimedji li huma aċċettati fil-proċeduri ta' l-amalgamazzjonijiet fid-dinja kollha, sabiex tiġi vvalutata l-effikaċja tagħhom meta jiġu trattati interessi differenti dwar il-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni hija involuta f'dawn iż-żewġ proġetti bħala parti mill-grupp konsultattiv.

*Il-Grupp ta' Diskussjoni ta' l-ICN dwar il-Bini tal-Kapaċitajiet*

678. F'isem proġett ieħor ta' l-ICN li huwa primarjament ikkonċernat bl-isfidi li jiffaċċjaw awtoritajiet tal-kompetizzjoni li ġew stabbiliti fi żmien aktar reċenti, fi Frar ta' l-2004 il-Kummissjoni organizzat f'Pariġi Grupp ta' Diskussjoni ta' l-ICN dwar il-Bini tal-Kapaċitajiet.[416] Dan l-avveniment laqqa', għall-ewwl darba, għadd kbir ta' aġenziji tal-kompetizzjoni b'rappreżentanti tal-komunità ta' istituzzjonijiet donaturi li jagħtu fondi għal proġetti ta' assistenza teknika fil-qasam tal-kompetizzjoni.

679. L-għan ta' dan il-Grupp ta' Diskussjoni kien li jtejjeb il-fehim reċiproku u l-arranġamenti tax-xogħol bejn il-korpi li jipprovdu fondi għal proġetti ta' assistenza teknika fil-qasam tal-kompetizzjoni u l-aġenziji li jibbenefikaw minn dan l-appoġġ. Waħda mill-konklużjonijiet ewlenija ta' dan l-avveniment kienet li l-aġenziji li qed ifittxu l-fondi aħjar jekk jindirizzaw irwieħhom lir-rappreżentazzjonijiet tal-korpi donaturi fil-pajjiż tagħhom stess.

## 2. L-OECD

680. Il-Kummissjoni kompliet tieħu sehem b'mod attiv u tagħti kontribut għax-xogħol tal-Kumitat tal-Kompetizzjoni ta' l-OECD. Il-Kummissjoni ħadet sehem fid-diskussjonijiet bejn sħab indaqs *(roundtables)* kollha ta' l-OECD li kellhom x'jaqsmu mal-kompetizzjoni, għamlitha ta' eżaminatriċi tar-Russja fl-eżami tas-sħab tal-politika tal-kompetizzjoni Russa u ħadet sehem b'mod attiv fl-eżamijiet tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Messiku u tal-Ġappun. Attendiet ukoll għal laqgħat oħrajn ta' l-OECD li kellhom x'jaqsmu mal-kompetizzjoni bħall-Forum Globali dwar il-kompetizzjoni, is-sessjonijiet konġunti tal-Kumitat tal-Kompetizzjoni mal-Kumitati dwar il-Politika tal-Konsumatur u l-Kummerċ.

681. Fl-2004, ittellgħu tliet laqgħat tal-kumitat tal-kompetizzjoni: fi Frar, f'Ġunju u f'Ottubru. Fl-ewwel laqgħa, saret diskussjoni bejn sħab indaqs dwar il-kompetizzjoni u r-regolazzjoni tal-provvista ta' l-ilma. Kien hemm kunsens li hemm ambitu għal kompetizzjoni akbar fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa u l-provvista ta' konsumaturi industrijali. Il-Kumitat tal-Kompetizzjoni sema' wkoll il-fehmiet tar-rappreżentanti ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' l-Avukati (*International Bar Association*), l-Assoċjazzjoni Amerikana ta' l-Avukati (*the American Bar Association*), u l-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali (*the International Chamber of Commerce) u l-Kumitat ta'*

[416] Ir-Rapport dwar il-konklużjonijiet ewlenin ta' dawn il-Grupp ta' Diskussjoni huwa disponibbli fuq http://www.internationalcompetitionnetwork.org/capacitybuild_sg2_seoul.pdf.

*Konsulenza*) tal-Kummerċ u ta' l-Industrija lill-OECD (*the Business and Industry Advisory Committee to the OECD*) dwar l-iskambju ta' informazzjoni fost dawk li jinfurzaw il-kompetizzjoni fl-investigazzjonijiet internazzjonali tal-*cartels*. Il-laqgħa ta' Frar qablet ukoll li tniedi l-abbozzar tar-Rakkomandazzjoni l-ġdida ta' l-OECD dwar l-eżami ta' l-amalgamazzjonijiet. L-abbozz għar-Rakkomandazzjoni l-ġdid tlesta u ser jitressaq għall-approvazzjoni finali tal-Kumitat tal-Kompetizzjoni fi Frar ta' l-2005.

682. It-tieni laqgħa tal-Kumitat tal-Kompetizzjoni tellgħet erba' diskussjonijiet bejn sħab indaqs. Fl-ewwel waħda, ġie diskuss il-punt fejn jiltaqgħu l-kompetizzjoni u l-agrikoltura, b'enfasi fuq l-abbużi tas-setgħa tax-xiri u l-bejgħ konġunt fis-setturi ta' l-agrikoltura domestika. L-effetti l-aktar sinifikanti kontra l-kompetizzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-bejgħ konġunt huwa probabbli li jirriżultaw minn sforzi biex titnaqqas il-produzzjoni u jiġu mgħollija l-prezzijiet. Sforzi bħal dawn x'aktarx li jagħmlu ħsara lill-konsumaturi u lill-interess pubbliku usa'. It-tieni diskussjoni bejn sħab indaqs iffokat fuq l-interazzjoni bejn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u r-regoli ta' l-*anti-trust* b'enfasi fuq il-bijoteknoloġija. L-awtoritajiet qed jagħmlu ħilithom biex jaslu għal bilanċ aħjar bejn il-ħarsien ta' l-inċentivi għall-innovazzjoni u l-intervent kontra patti ta' l-għotja ta' liċenzji li jirrestrinġu l-kompetizzjoni. Matul it-tielet diskussjoni bejn sħab indaqs, il-membri ta' l-OECD ddiskutew kif għandhom ikunu żgurati kondizzjonijiet ugwali meta s-settur pubbliku jinvolvi ruħu f'attivitajiet kummerċjali privati. Fis-sistema ta' l-UE l-analiżi hija bbażata fuq il-prinċipju li l-gvernijiet nazzjonali m'għandhom jagħtu lil jew iżommu l-ebda miżura minn intrapriżi pubbliċi li ma taqbilx mar-regoli tal-kompetizzjoni, filwaqt li hija rikonoxxuta l-importanza li jkunu provduti servizzi ta' interess ġenerali. Ir-raba' diskussjoni bejn sħab indaqs iddiskutiet l-evidenza ekonomika li tipikament tintuża fil-każijiet ta' amalgamazzjoni, kif ukoll l-aħjar modi biex tiġi ppreżentata l-evidenza ekonomika għal dawk li mhumiex ekonomisti.

683. It-tielet laqgħa tal-Kumitat tal-Kompetizzjoni tellgħet diskussjonijiet bejn sħab indaqs dwar l-esklużjoni predatorja u l-infurzar privat. Fuq iż-żewġ kwistjonijiet hemm differenzi fil-metodu fost il-pajjiżi membri ta' l-OECD u d-diskussjonijiet għenu biex jiżdied il-ftehim tas-sistemi legali differenti. Fit-tieni diskussjoni bejn sħab indaqs, uħud mill-pajjiżi membri għandhom inizjattivi biex jiffaċilitaw l-infurzar privat u qed joqogħdu attenti għall-ħtieġa li jevitaw tgerrix żejjed, li jista' jiffriża l-innovazzjoni. Il-gruppi ta' ħidma tal-kumitat iddiskutew il-kompetizzjoni fil-professjonijiet fis-settur mediku, is-separazzjoni strutturali u l-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar id-dannu kkawżat mill-kartelli. Id-diskussjoni dwar il-professjonijiet mediċi ffokat fuq dawk il-bidliet fir-regolamentazzjoni professjonali li jistgħu jrawmu l-kompetizzjoni. Tħassib speċifiku li huwa komuni għal ġurisdizzjonijiet differenti kien il-kwistjoni ta' l-aċċess għas-suq, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-para-professjonisti. Fid-diskussjoni dwar il-kartelli l-aġenziji kellhom il-fehma komuni li huwa importanti ħafna li jiżdied l-għarfien tar-regoli tal-kompetizzjoni u tal-kartelli fost l-aġenziji ta' l-akkwist.

684. Matul l-2004, il-Kummissjoni ppreżentat ħdax-il sottomissjoni bil-miktub lill-Kumitat tal-Kompetizzjoni li jkopru dawn is-suġġetti ta' diskussjoni bejn is-sħab indaqs ta' l-OECD:

- il-kompetizzjoni u r-regolametazzjoni fil-provvista ta' l-ilma;
- il-kompetizzjoni u r-regolamentazzjoni fl-agrikoltura;
- ir-regolamentazzjoni ta' l-attivitajiet tas-suq mis-settur pubbliku – in-newtralità kompetittiva;
- il-kompetizzjoni fil-professjonijiet tas-saħħa;
- l-esperjenzi bis-separazzjoni strutturali fis-settur tal-ferroviji;
- l-esperjenzi bis-separazzjoni strutturali fis-servizzi postali;
- iż-zieda ta' l-għarfien dwar id-dannu li jikkawżaw il-kartelli;
- l-identifikazzjoni u t-trattament tas-swieq li ma jiffunzjonawx (mad-DĠ SANCO);
- il-kooperazzjoni fl-infurzar min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (mad-DĠ SANCO);
- l-esklużjoni predatorja; u
- l-infurzar privat ta' l-*antitrust*.

# VI – L-Istampa Ġenerali għall-2005

## 1. L-*ANTI-TRUST*

685. Fejn għandhom x'jaqsmu l-*cartels*, ser jiġi eżaminat il-funzjonament ta' l-Avviż ta' Klemenza, li jinkludi l-proċeduri biex ikunu ġestiti d-dikjarazzjonijiet tal-korporazzjonijiet. L-azzjoni ta' l-infurzar kontra l-*cartels* li huma assolutament ipprojbiti tibqa' prijorità.

686. L-intervent kontra l-abbuż ta' pożizzjonijiet dominanti tibqa' prijorità wkoll. L-azzjoni ta' infurzar fis-settur farmaċewtiku ser tindirizza wkoll prattika oħra restrittiva. L-investigazzjonijiet ta' mġiba anti-kompetittiva ser jinkludu s-servizzi internazzjonali tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni ċellulari, is-swieq tal-mezzi tal-komunikazzjoni u s-settur tal-karozzi, l-aċċess għall-Internet b'veloċità għolja, l-imġiba ta' l-operaturi postali sokkombenti fi swieq li mhumiex riservati, kif ukoll alleanzi fil-qasam ta' l-ivvjaġġar bl-ajru tal-passiġġieri. L-infurzar fis-settur tal-ferroviji b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-NCAs ser tiżdied; is-swieq finanzjarji, bħall-banek u n-negozji tat-titoli, kif ukoll is-settur ta' l-enerġija ser jirċievu attenzjoni akbar.

687. L-istħarriġ settorjali u għodod oħrajn għall-monitoraġġ tas-suq ser jintużaw b'mod aktar proattiv milli sar fl-imgħoddi u ser jiffokaw fuq is-settur farmaċewtiku, is-swieq tal-komunikazzjoni l-ġodda u ta' l-elettriku, kif ukoll fuq servizzi bankarji u ta' l-assigurazzjoni għall-konsumatur.

688. L-attività leġiżlattiva ser tiffoka fuq it-trasport: ser jitressqu għad-diskussjoni proposta tal-Kummissjoni li ser tabolixxi l-eżenzjoni ta' kategorija għas-settur marittimu, eżenzjoni ta' kategorija emendata għall-konsorzji tal-bastimenti tal-linja u regolament emendat dwar patti u prattika miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru. Aktar minn hekk, huma ppjanti regoli proċedurali, bħal Avviż ġdid ta' Aċċess għall-Fajl, u proġetti ta' politika, bħal *green paper* dwar l-infurzar privat. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll bl-eżami tagħha tal-politika relatat ma' l-abbużi tal-pożizzjonijiet dominanti.

## 2. L-AMALGAMAZZJONIJIET

689. Fil-qasam ta' l-amalgamazzjonijiet, l-eżami tal-politika tar-rimedji tal-Kummissjoni ser tkun prijorità. Barra minn hekk, il-linji ta' gwida tekniċi li baqgħu ser ikunu aġġornati.

690. Ix-xogħol ta' l-infurzar huwa mistenni li jibqa' bejn wieħed u ieħor fq l-istess livell bħall-2004.

## 3. L-GHAJNUNA MILL-ISTAT

691. F'termini ta' kapaċità leġiżlattiva, huwa ppjanat dokument ta' konsultazzjoni dwar il-ġejjieni tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat, kif ukoll l-adozzjoni ta' gwida dwar is-

servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u eżenzjoni għal servizzi żgħar ta' interess ġenerali. Hemm il-ħsieb li jiġi żviluppat abbozz ta' regolament uniku kkonsolidat għall-eżenzjoni ta' kategorija ta' l-għajnuna mill-Istat. It-twaqqif tal-kriterji għat-trattament tal-każijiet tal-ġbir lura huwa wkoll fuq l-aġenda.

692. Barra minn hekk, ser jiġu eżaminati l-Linji ta' Gwida għall-Għajnuna Reġjonali, il-Linji ta' Gwida għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Komunikazzjoni dwar il-kapital ta' riskju. Komunikazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u l-Innovazzjoni ser teżamina s-sistema tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat u tidentifika l-ħtieġa għal bidliet sabiex tiffavorixxi aktar l-innovazzjoni. Huwa previst ukoll eżami li jiġbor fil-qosor l-esperjenza fl-għajnuna mill-Istat għall-ambjent

693. Il-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat ser jiffoka fuq il-qafas reċenti għas-salvataġġ u għar-ristrutturar, fuq l-għajnuna nnotifikata skond il-Qafas Multi-Settorjali u fuq investigazzjonijiet ta' għajnuna fiskali *off-shore* u bejn il-gruppi. Il-każijiet li jirrelataw mal-miżuri ta' transizzjoni fis-setturi ta' l-azzar u tal-bini tal-bastimenti fl-Istati Membri l-ġodda u għall-ispiża mitlufa fis-settur ta' l-enerġija fl-2005 għandhom jiġu ffinalizzati. Barra minn hekk, ser tingħata prijorità lil każijiet li għandhom x'jaqsmu mal-finanzjament ta' l-operazzjonijiet tas-servizzi pubbliċi postali, mal-*broadband* u ma' l-għajnuna lill-kumpaniji tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni kif ukoll max-xandir.

## 4. L-Attivitajiet Internazzjonali

694. Ix-xogħol tad-DĠ għall-Kompetizzjoni mal-pajjiżi kandidati kif ukoll mal-pajjiżi Balkani tal-Punent l-oħrajn, ser ikompli fl-2005.

695. In-negozjati dwar il-pjanijiet ta' azzjoni bit-tieni grupp ta' pajjiżi sħab fil-Politika tal-Viċinat (l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġorġja u l-Libanu) ser jibdew fl-2005.

696. Il-Kummissjoni hija ħerqana li żżomm il-Grupp ta' Ħidma ta' UE u ta' l-Istati Uniti dwar l-Amalgamazzjonijiet u huwa maħsub li se jkun forum għad-diskussjoni fl-2005.

697. Il-konferenza annwali tan-Netwerk Internazzjonali tal-Kompetizzjoni ser issir f'Bonn fis-6-8 ta' Ġunju 2005. Ta' importanza partikolari għall-Kummissjoni ser ikunu r-riżultati tal-grupp ta' ħidma dwar il-kartelli, fejn il-Kummissjoni għandha l-presidenza b'mod konġunt.

698. Fl-2005, il-politika tal-kompetizzjoni ta' l-UE ser tkun suġġetta għal eżami sħiħa ta' l-OECD minn sħab indaqs għall-ewwel darba. Dan l-eżami ser jivvaluta l-effikaċja tal-politika tal-kompetizzjoni ta' l-UE u ta' l-implimentazzjoni tagħha.

699. Fil-qafas tad-djalogu formali bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina dwar il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ser tkompli tgħin liċ-Ċina fl-abbozzar tal-liġi tal-kompetizzjoni tagħha.

# L-Anness – Każijiet diskussi fir-Rapport

## 1. L-Artikoli 81, 82 u 86

| Il-każ | Il-Pubblikazzjoni | Il-Punt |
|---|---|---|
| CEWAL | | 26 |
| Clearstream | | 30 |
| Microsoft | | 36/140 |
| Interbrew | | 42 |
| Scandlines v il-Port ta' Helsingborg u Sundbusserne v il-Port ta' Helsingborg | | 45 |
| Ir-Rati tat-Terminazzjoni tal-KPN Mobile | | 47 |
| B2/Telia | | 48 |
| Il-pajpijiet tar-ram tal-plaming | MEMO 01/104 tat-23.3.2001 | 49 |
| Is-*Sodium Gluconate* | | 52 |
| Il-birra Franċiża | | 55 |
| It-tabakk mhux ipproċessat ta' Spanja | IP/04/1256 ta' l-20.10.2004 | 57 |
| Il-labar ibsin tal-ħjata | | 59 |
| Il-Klorur tal-kolin | | 64 |
| Air France / Alitalia | | 70 |
| Topps | | 71 |
| Assoċċjazzjoni tal-Periti Belġjani | | 75 |
| Gaz deFrance | | 81 |
| UFEX | | 102 |
| Adalat | | 127 |
| Il-Kartell tas-Siment | | 128 |
| Is-servizz postali: ASEMPRE | | 129 |
| Il-*cartel* ta' l-elettrodi tal-grafita | | 131 |
| Il-*cartel* tal-kanen ta' l-azzar ta' kwalità solida | | 133 |
| Akz & Acros | | 134 |
| Il-banek Ġermaniżi | | 137 |
| Ir-regoli kontra d-droga | | 138 |
| Il-Eurovision | | 139 |

## 2. Il-Kontroll ta' l-amalgamazzjonijiet

| Il-każ | Il-Pubblikazzjoni | Il-Punt |
|---|---|---|
| Lagardère/Natexis/VUP | | 180 |
| Sony/BMG | ĠU C 13 tas-17.1.2004 | 188 |
| AREVA/urenco/ETC JV | ĠU C 141 tal-25.5.2004 | 194 |
| Sonoco/Ahlstrom/JV | ĠU C 143 tas-27.5.2004 | 198 |
| Continental/Phoenix | ĠU C 140 ta' l-20.5.2004 | 202 |
| ENI/EDP/GDP | ĠU C 185 ta' l-20.7.2004 | 210 |
| Hoechst/Rhône-Poulenc | IP/04/135 tat-30.1.2004 | 228 |
| GE/Amersham | ĠU C 301 tat-12.12.2003 | 230 |

| | | |
|---|---|---|
| Air Liquide/Messer | ĠU C 134 tas-7.2.2004 | 234 |
| Sanofi Synthelabo/Aventis | ĠU C 111 tat-30.4.2004 | 237 |
| Group 4 Falck/Securicor | ĠU C 96 tal-21.4.2004 | 239 |
| Owens-Illinois/BSN Glasspack | ĠU C 111 tat-30.4.2004 | 243 |
| GIMD/Socpress | ĠU C 134 tat-12.5.2004 | 248 |
| Syngenta CP/Advanta u Fox Paine/Advanta | ĠU C 177 tad-9.7.2004 | 253 |
| Cytec/UCB Surface Specialities | ĠU C 274 tad-9.11.2004 | 259 |
| Air france/KLM | ĠU C 317 tat-30.12.2004 | Il-Kaxxa 8 |
| Kabel Deutschland/ish | ĠU C 111 tat-30.4.2004 | 263 |
| Acoor/Barrière/Colony | | 267 |
| INA/AIG/SNFA | IP/04/92 tal-21.1.2004 | 271 |
| RWA/AMI | ĠU C 143 tas- 27.5.2004 | 274 |
| Ir-Repubblika Portugiża v il-Kummissjoni (Cimpor) | | 278 |
| MCI v il-Kummissjoni | | 287 |

**3. L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT**

| **Il-każ** | **Il-Pubblikazzjoni** | **Il-Punt** |
|---|---|---|
| Il-Belġju "It-trasferiment ta' l-obbligi tal-pensjoni ta' l-ewwel pilastru mill-Belgacom lill-Istat Belġjan | IP/04/72,21.1.2004 | 403 |
| L-għajnuna li tat Franza lill-Coopérative d'exportation du livre français (Celf) | ĠU L 85, 2.4.2005 | 406 |
| Il-modifika fil-ħlas tal-liċenzja ta' l-UMTS, Franza | | 407 |
| Alstom | IP/04/859, 7.7.2004 | 416 |
| MobilCom | ĠU L 116, 4.5.2005 | 421 |
| Bankgesellschaft Berlin AG | | 426 |
| France Telecom | | 429 |
| L-iskema tat-taxxa tan-negozju | | 430 |
| Is-self antiċipat ta' l-azzjonista | | 432 |
| Bull | | 436 |
| Lloyd Werft Bremerhaven GmbH | | 437 |
| It-tarznari pubbliċi Spanjoli | | 440 |
| L-għajnuna Olandiża li taqbel | | 443 |
| Huta Częstochowa SA | | 446 |
| L-iskemi ta' Spanja u tal-Ġermanja tal-finanzjament tal-bastimenti | | 447 |
| L-emendi għall-pjan ta' investiment tat-tarznari Griegi | | 448 |
| L-għajnuna lit-tarznari Griegi | | 450 |
| Postabank/Erste Bank Hungary Rt | | 452 |
| German Landesbanken | | 454 |
| L-għajnuna lill-produttriċi Spanjola ta' l-azzar Siderúrgica Añón SA | | 460 |
| L-għajnuna tat-trasport lill-industrija tal-vetturi bil-mutur fir-reġjuni l-aktar | | 462 |

| | | |
|---|---|---|
| ‘il barra u li ma tantx huma ppopolati | | |
| Il-Qafas Multisettorjali, it-titwil tal-mapep eżistenti ta’ l-għajnuna reġjonali maps | | 464 |
| Il-Punent ta’ Cumbria, ir-Renju Unit | | 468 |
| Ir-Reġjun tal-Molise | | 471 |
| L-iskema ta’ l-Intrapriża ta’ l-Irlanda ta’ Fuq | ĠU C 33, 6.2.2004 | 472 |
| Tremonti bis | ĠU C 42, 18.2.2004 | 473 |
| Il-Fondi Settorjali Belġjani | | 477 |
| L-iskema ta’ l-għajnuna fiskali għas-settur tar-restoranti | | 479 |
| GIE Fiscaux | | 485 |
| L-inċentivi fiskali għall-parteċipazzjoni fil-fieri | | 489 |
| L-eżenzjoni mit-Taxxa fuq il-Proprjetà tal-beni immobbli | | 491 |
| Il-Programm tar-Riċerka fl-Idroġenu: il-proġetti Micro CHP u CELCO | | 493 |
| L-għajnuna għall-R&D lil-Laboratorji Bell f’Dublin | | 498 |
| Il-parteċipazzjoni fiż-żjieda fil-kapital ta’ l-OCAS | | 502 |
| Schiefergruben Magog | | 503 |
| L-għajnuna favur Akzo Nobel biex jitnaqqas kemm jista’ t-trasport tal-kloru | | 506 |
| L-għajnuna għas-sensiela ta’ katusi taħt l-art ta’ l-etilene bejn Stade u Teutschentaand u għal sensiela ta’ katusi taħt l-art tal-propilin minn Rotterdam vija Antwerp għaż-żona ta’ Ruhr | ĠU C 315, 24.12.2003 | 507 |
| L-għajnuna għall-investiment ambjentali favur Stora Enso Langerbrugge | ĠU C 15, 21.2.2004 | 510 |
| L-aspetti ta’ l-għajnuna mill-Istat fl-implimentazzjoni ta’ l-Iskema tal-Kummerċ ta’ l-Emissjonijiet | | 512 |
| L-għajnuna eżistenti fl-Istati Membri l-ġodda | | 525 |
| L-għajnuna għas-settur tal-banek fl-Istati Membri l-ġodda | | 528 |
| It-tnaqqis ta’ konċessjoni tat-taxxa mogħtija mis-Slovakkja lill-US Steel Kosice | | 530 |
| L-għajnuna għar-ristrutturar lil produttur ta’ l-azzar fir-Repubblika Ċeka | | 534 |

| | | |
|---|---|---|
| Fincantieri | | 535 |
| Kvaerner Warnow Werft | | 538 |
| Il-limitazzjonijiet tal-kapaċità għal ċerti tarznari fil-Ġermanja tal-Lvant, fi Spanja u fil-Greċja | | 541 |
| Skemi dwar ħlas ta' liċenzji | | 594 |
| Il-finanzjament mill-Istat tat-TV2 Denmark u l-finanzjament *ad hoc* ta' l-Istat ta' organizzazzjonijiet pubbliċi tax-xandir fl-Olanda | ĠU C 262, 23.10.2004 | 597 |
| DVB-T Germany | ĠU C 216, 28.8.2004 | 600 |
| Il-*Broadband* | | 602 |
| Settur ċinematografiku u awdjoviżiv | | 605 |
| Scott Kumberly Clark | | 613 |
| Tarznari Spanjoli | | 615 |